NINVESTU FIL-FUTUR TIEGĦEK

FOND SOĊJALI EWROPEW

MALTA 2007-2013

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

IS-SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-PRESIDENZA TAL-UE 2017 U L-FONDI TAL-UE

# GWIDA GĦALL-EDUKATURI FUQ IL-PEDAGOĠIJA U L-ASSESSJAR

## L-UŻU TAL-APPROACH LI JIFFOKA FUQ IL-KISBIET MIT-TAGĦLIM



# IL-MALTI

LIVELLI 5 6 7 8 9 10

Learning Outcomes Framework

Learning
Outcomes
Framework

Dan id-dokument jagħmel parti mill-Proġett ESF1.228 bl-isem 'it-Tfassil tal-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim, marbut mal-programmi ta' Tagħlim u Assessjar b'rabta mat-Taħriġ' implimentat fil-Programm Operattiv II – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013, parzjalment iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew tal-Unjoni Ewropea bir-rata ta' kofinanzjament: 85% Fondi tal-UE; 15% Fondi Nazzjonali.

© Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni 2015

Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni,
Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol,
Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana VLT 2000
Malta

Pubblikatur: Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni

L-ebda parti minn dan id-dokument ma tista' tiġi kkupjata jew preżentata bħala verżjoni uffiċjali, jew bħala dokument li ġie prodott b'affiljazzjoni jew approvat mid-DQSE.

Disinn Grafiku: Outlook Coop

# Il-Kontenut


## L-Introduzzjoni ..... 5

## 1. Il-Kisbiet mit-Tagħlim tas-Suġġett ..... 9

## 2. Il-Pedagoġija

A. Il-Pedagoġija u l-prattiki għat-tagħlim ..... 45
B. L-infilsar tat-Temi Krosskurrikulari fit-tagħlim ..... 48
Ċ. It-tagħlim ta' studenti differenti f'kull livell ..... 53
D. It-tagħlim ta' livelli differenti fl-istess sena ..... 57
E. It-tagħlim ta' livell wieħed fuq sentejn ..... 58

## 3. L-Assessjar

A. Metodoloġiji li jassiguraw assessjar xieraq ..... 60
B. Metodoloġiji ta' assessjar inklussiv ..... 65
Ċ. Modi ta' assessjar affidabbli u validi ..... 67
D. L-assessjar tat-Temi Krosskurrikulari ..... 69
E. L-irrappurtar tal-progress ..... 70

## Ir-Referenzi ..... 73

## Appendiċi 1: It-Temi Krosskurrikulari ..... 75

## Appendiċi 2: Il-Programm tal-Metalingwa ..... 88

## Appendiċi 3: Il-Programm tal-Letteratura ..... 112



# L-Introduzzjoni

Wara l-approvazzjoni tal-Qafas Nazzjonali tal-Kurrikulu (QNK) fl-2012, ġie varat pjan ambizzjuż bil-għan li jpoġġi t-teorija fil-prattika. Mibni fuq il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali (2000), dan jindirizza dawk in-nuqqasijiet li jeżistu fil-proċess tat-tagħlim f'Malta fejn l-enfasi qed iddur mit-tagħlim tas-suġġett għal fuq it-tagħlim tal-istudenti.

Il-qafas tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali ħadem fuq id-dokumenti marbuta ma' ċerti politiki maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea. Dawn kienu jinkludu l-*Key Competences for Lifelong learning – A European Reference Framework* (inkluż fl-anness tar-Rakkomandazzjonijiet; 2006/962/EC); l-i*Strategic Framework for European Cooperation in Education and Training* (ET 2020; 2009) u l-*Europe 2020 – A Strategy for Smart Sustainable and Inclusive Growth* (COM (2010) 2020) li kien kontinwazzjoni tal-*Lisbon Strategy for Growth and Jobs* (Memo 06/478/12 Dec 2006).

Fl-isfond tal-iżvilupp storiku Malti u fuq il-bażi tal-kurrikulu u d-dokumentazzjoni tal-UE, il-QNK ifittex li jipprovdi direzzjoni strateġika billi jirrazzjonalizza l-bidliet meħtieġa u l-implikazzjonijiet tagħhom fuq il-kontenut tas-settur/suġġett, il-pedagoġiji u l-assessjar. IL-QNK ġie ppreżentat b'perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja filwaqt li jiċċelebra d-diversità billi jaħseb għall-istudenti kollha f'kull stadju tal-edukazzjoni tagħhom. Huwa għandu l-għan li jintroduċi aktar ekwità u diċentralizzazzjoni fis-sistema nazzjonali. IL-QNK ifittex li jippreżenta kurrikulu mingħajr kantunieri li jirrifletti tranżizzjoni mingħajr skossi, filwaqt li jkompli jibni u jestendi fuq il-pedamenti sodi tal-edukazzjoni bikrija. Fuq kollox, il-QNK għandu l-għan li jipprovdi edukazzjoni ta' kwalità għal kull student/a, billi jnaqqas il-persentaġġ ta' persuni li jitilqu kmieni mill-iskola filwaqt li jħeġġiġhom ikomplu l-edukazzjoni ogħla.

Il-QNK ippropona l-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim (QKT) bħala l-bażi għat-tagħlim u l-assessjar matul is-snin tal-edukazzjoni obbligatorja. L-għan tal-QKT huwa li jeħles lill-iskejjel u lill-istudenti minn sillabi li huma imposti ċentralment u li jiffukaw l-aktar fuq il-ksib ta' tagħrif u għalhekk jagħtihom aktar libertà sabiex jiżviluppaw programmi li jissodisfaw il-qafas tal-għarfien, l-attitudnijiet u r-riżultati mibnija fuq il-ħiliet li huma meqjusa bħala l-livelli edukattivi nazzjonali għall-istudenti kollha f'Malta. Għaldaqstant, il-QKT huwa maħsub sabiex eventwalment iwassal għal aktar awtonomija fil-kurrikulu tal-kulleġġi u l-iskejjel bil-għan li jindirizzaw aħjar il-bżonnijiet tat-tagħlim tal-istudenti tagħhom.

Numru ta' dokumenti lokali oħra li ġew ippubblikati f'dawn l-aħħar xhur ukoll kienu ta' kontribut għall-ħtieġa ta' approach li jiffoka fuq ir-riżultati tat-tagħlim fl-istrutturi edukattivi preżenti. B'mod partikolari, il-*Qafas tal-Istrateġija Edukattiva għal Malta 2014 – 2024 (2014), L-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu għal Kulħadd f'Malta u Għawdex 2014 – 2019 (2014), A Strategic Plan for Early School Leaving in Malta 2014 (2014), Education for All: Special Needs and Inclusive Education in Malta (2014), Malta National Lifelong Learning Strategy 2020 (2015)* u *r-Respect for All Framework (2014)* kollha jiffokaw fuq il-ħtieġa li jiġu offruti opportunitajiet indaqs lill-istudenti kollha sabiex jiksbu riżultati edukattivi ma' tmiem l-edukazzjoni tagħhom u li jippermettulhom jieħdu sehem f'tagħlim tul il-ħajja, li jitnaqqas l-għadd ta' studenti li jitilqu kmieni mill-iskola, u li jiġi assigurat li l-istudenti kollha jiksbu l-ħiliet bażiċi fil-litteriżmu, fil-matematika, fix-xjenza u fit-teknoloġija.

Il-Proġett *ESF 1.228 – Design of Learning Outcomes Framework, Associated Learning and Assessment Programmes and Related Training* huwa maħsub li jwassal dan l-approach tal-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim lill-edukaturi u l-partijiet ikkonċernati fl-edukazzjoni obbligatorja. Dan jindirizza l-iżvilupp ħolistiku tal-istudenti kollha u jiddefendi l-edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd bħala parti mill-istrateġija koerenti għat-tagħlim tul il-ħajja li għandha l-għan li tassigura li t-tfal kollha jkollhom l-opportunità li jiksbu l-ħiliet u l-attitudnijiet meħtieġa sabiex ikunu ċittadini attivi tal-futur li jirnexxu

fuq il-post tax-xogħol u fis-soċjetà irrispettivament mill-istat soċjoekonomiku, kulturali, razzjali, etniku, reliġjuż, tal-ġeneru u sesswali.

Il-QKT ser jippermetti flessibbiltà fit-tagħlim u fil-programmi tat-tagħlim sabiex jiġu indirizzati bżonnijiet speċifiċi filwaqt li nibnu fuq il-kwalitajiet fil-kuntest ta' komunitajiet tat-tagħlim f'kulleġġi u skejjel differenti. Dan il-kunċett ta' flessibbiltà qed ikun inkoraġġit matul il-qafas kollu. Filwaqt li wieħed irid jirrikonoxxi l-fatturi li jmorru lil hinn mill-iskola li jaffettwaw ir-riżultati tal-istudenti, bħall-faqar u l-esklużjoni soċjali, il-QKT ifittex li jtejjeb l-esperjenzi tat-tagħlim tal-istudenti billi jinkoraġġixxi l-kreattività, il-litteriżmu kritiku, l-imprenditorija u l-innovazzjoni f'kull livell. Dawn jippermettu li l-istudenti jilħqu l-potenzjal tagħhom billi jżewġu flimkien dak li jkunu tgħallmu mal-kuntesti personali tagħhom. B'riżultat ta' hekk, l-istudenti jitgħallmu jiżviluppaw attitudni pożittiva u apprezzament akbar lejn it-tagħlim.

Il-bidla minn kurrikulu bbażat fuq kontenut preskrittiv għal approach li jiffoka fuq ir-riżultati tat-tagħlim ser tħalli effett fuq il-programmi kollha fl-iskejjel u fuq l-eżamijiet barranin u l-assessjar mat-tmiem tal-edukazzjoni obbligatorja f'Malta.

Il-QKT ġie ddisinjat ukoll sabiex jilħaq l-erba' għanijiet edukattivi msemmija fl-*Education Strategy for Malta 2014 – 2024* (Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2014), fosthom li:

- jitnaqqsu d-differenzi fir-riżultati edukattivi bejn is-subien u l-bniet u bejn studenti li jattendu skejjel differenti; jitnaqqas in-numru ta' studenti li jmorru ħażin; jiżdied il-livell fil-litteriżmu, fil-matematika u fix-xjenza u t-teknoloġija; u jogħla l-livell tal-istudenti.
- jingħata s-sapport għal riżultati aħjar lil tfal f'riskju ta' faqar jew li ġejjin minn familji bi dħul baxx u jitnaqqsu r-rati ta' studenti li jieqfu kmieni mill-iskola.
- tiżdied il-parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja u t-tagħlim għall-adulti.
- tiżdied ir-rata ta' studenti li jkomplu jistudjaw u l-livell tar-riżultati f'edukazzjoni u taħriġ ogħla, vokazzjonali u terzjarju.

Il-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar li ġew żviluppati għal kull suġġett ser jassiguraw li ċ-ċentru jkun l-istudent. Għaldaqstant, l-attivitajiet ta' tagħlim ser ikunu mfassla sabiex jistimolaw il-kreattività u l-immaġinazzjoni, jgħinu lill-istudenti jagħmlu l-ġudizzji tagħhom meta jeditjaw/jikkoreġu x-xogħol tagħhom, jiżviluppaw il-ħiliet investigattivi u kostruttivi tal-istudenti billi tintuża midja differenti, u jiġu inkoraġġiti ħiliet riċettivi (is-smigħ u l-qari) li jwasslu għal ħiliet produttivi (it-taħdit u l-kitba). Il-PTA huma maħsuba wkoll sabiex tinħoloq atmosfera fejn l-istudenti jiżviluppaw il-ħiliet personali tagħhom, isolvu l-problemi, isaħħu l-abbiltà tagħhom ta' ħsieb u raġunar b'mod loġiku, jirriflettu fuq ir-riżultati u l-konsegwenzi filwaqt li jesploraw alternattivi possibbli u japplikaw kuntesti interessanti u realistiċi li jagħmlu sens għalihom.

Bl-użu tal-PTA, l-għalliema ser ikunu mħeġġa joħolqu sitwazzjonijiet u riżorsi li jkunu interessanti b'mod intrinsiku, li jinkludu fihom il-kultura u li joffru sfida konjittiva filwaqt li jippermettu lill-istudenti jsiru ħaġa waħda mal-informazzjoni varja li jkunu kisbu.

# IL-PROGRAMM TA' TAGĦLIM U ASSESSJAR GĦALL-MALTI

Dan id-dokument, li hu maħsub għal min jieħu d-deċiżjonijiet, l-edukaturi u l-għalliema fil-klassi, jippreżenta l-Programm ta' Tagħlim u Assessjar (PTA) għall-Malti.

**Il-PTA jinkludi:**

- **Il-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim** (QKT);
- Il-Programm tat-Tagħlim tal-Metalingwa (PTM);
- Il-Programm tat-Tagħlim tal-Letteratura;
- Noti fuq il-Pedagoġija u l-Assessjar.

Dan id-dokument sar b'kollaborazzjoni bejn Outlook Coop Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim Joint Venture li tinkludi lil Outlook Coop bħala s-sieħeb ewlieni, East Coast Education Ltd u l- University College London Institute of Education flimkien mad-Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni (DKSE). Is-Sur Barry Smith (Direttur Tekniku tal-Joint Venture), is-Sur Godfrey Kenely (id-Direttur tal-Kuntratti tal-Joint Venture), Dr Michelle Attard Tonna (Kap tal-Proġett) u s-Sur Gaetano Bugeja (Project Leader) mexxew lill-esperti tal-proġett.

## Il-Kontributuri

Nixtiequ nirringrazzjaw lill-esperti msemmija hawn taħt li taw il-kontribut tagħhom fl-iżvilupp tal-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim u d-Dokument fuq il-Pedagoġija u l-Assessjar tal-Malti.

### L-Esperti tas-Suġġett:

COLEIRO Doreen
MIFSUD George
MUSCAT David

## TAQSIRIET UŻATI FID-DOKUMENT:

**DKSE** – Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni
**QKN** – Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali
**QKT** – Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim
**PTA** – Programm ta' Tagħlim u Assessjar
**PTM** – Programm tat-Tagħlim tal-Metalingwa
**KTS** – Kisbiet mit-Tagħlim tas-Suġġett
**TKK** – Temi Krosskurrikulari



# Il-kisbiet mit-tagħlim tas-suġġett

## IL-MALTI

LIVELLI 5 6 7 8 9 10

Il-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim tal-Malti jinkludi deskrizzjoni tal-kisbiet kollha mit-tagħlim li jibdew mit-tielet sena, fil-primarja, sal-ħdax-il sena, fis-sekondarja. Dawn il-kisbiet jispjegaw x'għandhom ikunu jafu, jifhmu jew jagħmlu l-istudenti bħala riżultat tal-proċess tat-tagħlim skont il-livell li jkunu fih.

Dan il-qafas huwa bbażat fuq approach integrat fejn minn livell 5 sa 7 l-oqsma kollha tal-lingwa jridu jiġu mgħallma flimkien. Għalkemm nitkellmu fuq il-ħiliet tat-taħdit (kemm fl-aspett ta' interazzjoni kif ukoll f'dak ta' produzzjoni), tas-smigħ, tal-qari u tal-kitba, fihom hemm integrati u inklużi wkoll il-kisbiet li l-istudenti jridu jagħmlu fejn jidħlu l-apprezzament u r-reazzjoni  għal testi letterarji differenti, it-tħaddim f'sens wiesa' tal-metalingwa fl-oqsma kollha tal-ħajja, l-għarfien u l-apprezzament tal-kultura Maltija u l-istorja tal-iżvilupp tal-ilsien nattiv tagħhom. L-oqsma għandhom jintgħallmu flimkien u għandha tissaħħaħ l-idea li l-lingwa hija ħaġa waħda u mhux maqsuma f'partijiet separati li jiġu mgħallma għal rashom bla rabta bejniethom. Dan, madankollu, ma jfissirx li ma jsirux lezzjonijiet speċifiċi ffukati fuq il-ħiliet tal-metalingwa u l-letteratura. Anzi huwa rakkomandat li l-għalliema jżommu bilanċ bejn iż-żewġ approaches fil-mod ta' kif jippjanaw il-kisbiet mit-tagħlim fil-lezzjonijiet tagħhom skont l-abiltajiet tal-istudenti tal-klassi.

Meta l-istudenti jibdew l-iskola sekondarja minn livell 8 'il fuq, il-ħiliet jinfirxu fuq sitt oqsma li huma t-taħdit, is-smigħ, il-qari, il-kitba, il-metalingwa u l-letteratura. Iż-żewġ aspetti l-oħra tal-kultura u l-iżvilupp tal-ilsien jibqgħu jidhru bħala integrati u inklużi f'dawn il-ħiliet. Ir-raġuni hija għaliex f'dawn il-livelli għolja tal-edukazzjoni obbligatorja, jidhrilna li għandu jkun hemm fokus partikulari u speċjali fuq dawn iż-żewġ aspetti importanti tal-Malti għax dawn jitolbu ammont ta' speċjalizzazzjoni meta jitqies li l-Malti huwa l-ilsien nattiv. Fil-qasam tal-metalingwa, imbagħad, tissaħħaħ aktar id-distinzjoni bejn l-erba' partijiet ewlenin tal-lingwa miktuba, jiġifieri l-punteġġjatura, l-ortografija, il-morfoloġija u s-sintassi. Dawn l-oqsma qed jiġu ttrattati ndaqs u qed issir enfasi biex kull wieħed minnhom jingħata l-importanza li jixraqlu fil-klassi mingħajr ma jkun hemm enfasi żejda li tista' xxekkel flok tgħin lill-istudent. Għaldaqstant tħejja programm imtarraġ tal-aspetti tal-metalingwa biex, filwaqt li jservi ta' gwida għall-għalliema fil-klassi, jgħin ukoll biex ma jkunx hemm tfannid żejjed f'ċerti aspetti tal-lingwa. Il-ħtieġa li tingħata importanza partikulari u speċifika lill-aspetti tal-ortografija u l-punteġġjatura tidher kemm minn dak li jemmnu l-għalliema nfushom kif ukoll mir-rapporti tal-eżaminaturi fuq eżamijiet u assessjar fuq skala nazzjonali bħalma huma dawk taċ-Ċertifikat għall-Edukazzjoni Sekondarja tal-Malti (ĊES) kif ukoll tal-Benċmark ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja.[1]

Il-kisbiet huma miktuba b'mod dettaljat u jinkludu eżempji u kjarifika. L-għalliema jistgħu jorbtu kisba ma' oħra u mhumiex marbutin biex jagħmluhom fl-ordni li huma mniżżla fihom. Jistgħu jużaw ukoll l-approach tematiku u jiġbru flimkien għadd ta' kisbiet minn ħiliet differenti. Fil-lezzjoni jistgħu jintużaw aktar minn kisba waħda u huwa rrakkomandat li l-istudenti jkollhom għadd ta' attivitajiet differenti biex jitħarrġu fl-aspetti kollha li kisba waħda jista' jkollha. Dawn l-attivitajiet u ħidmiet iwasslu biex kemm l-għalliema kif ukoll l-istudenti nfushom jiddeċiedu jekk il-kisba ntlaħqitx jew le.

Il-kisbiet mit-tagħlim jistgħu jintużaw f'kuntesti u b'metodi differenti ta' tagħlim. Aktar milli jiddeskrivu l-proċess jew l-attivitajiet tat-tagħlim, il-kisbiet jistabbilixxu l-ħiliet, l-attitudnijiet u l-kompetenzi aħħarija li hu mixtieq li l-istudenti jiksbu sal-aħħar tal-iskola obbligatorja fil-lingwa nattiva tagħhom, il-Malti.

Fi ħdan il-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim (QKT), il-livell 10 huwa meqjus bħala l-livell għall-istudenti 'tajbin ħafna u b'talent'.  Il-kisbiet mit-tagħlim fi ħdan dan il-livell huma l-ogħla tal-ispettru kollu u jwasslu lill-istudenti għal aktar tagħlim. F'dan il-livell, l-istudenti juru fehim aktar profond u applikazzjoni usa' tal-kontenut fil-livell 9 li jimmarka t-tmiem tal-edukazzjoni obbligatorja. Il-kisbiet mit-tagħlim ta' livell 10 jiffukaw fuq tliet fatturi ewlenin:

- żieda fil-livell ta' fehim sofistikat tal-kontenut ta' livell 9;
- aktar awtonomija ta' tagħlim fl-iżvilupp tal-fehim u ħiliet;
- żieda fl-applikazzjoni u s-soluzzjoni ta' problemi.

1 Ara rapport tal-eżaminaturi taċ-ĊES ta' Mejju 2015, paġna 33. Ara wkoll ir-rapport tal-eżaminaturi tal-Benċmark fil-ħolqa http://curriculum.gov.mt/en/Benchmark/reports-presentations/Documents/benchmark_report_2015.pdf

Wieħed ta' min jinnota li kull livell ta' Kisbiet mit-Tagħlim jista' jkompli jiġi estiż u s-suġġerimenti għal dawn ser ikunu inklużi fil-parti tal-Pedagoġija u l-Assessjar f'dan id-dokument.

Il-kisbiet mit-tagħlim tas-suġġett jinstabu wkoll onlajn fuq www.schoolslearningoutcomes.edu.mt/en/dashboard

# LIVELL 5

## L-Aspett tas-Suġġett: It-taħdit fil-ħajja ta' kuljum, it-tħaddim tal-grammatika u l-letteratura

1. Nitkellem li ninstema' u ninftiehem sewwa bi pronunzja u b'intonazzjoni tajba, b'enfasi fejn meħtieġ.
   IS-SMIGĦ U T-TAĦDIT
2. Nagħmel talbiet xierqa biex ninqeda għall-bżonnijiet bażiċi tiegħi ta' kuljum billi nuża l-forom sempliċi tat-taħdit differenti f'sitwazzjonijiet familjari u formali, bħal meta nagħmel talbiet lil tal-familja u lil nies oħrajn.
3. Nitkellem b'mod ġenerali bl-użu ta' firxa xierqa ta' vokabularju fuq ħwejjeġ familjari u ta' interess għalija billi nuża tajjeb u f'lokhom il-pronomi personali u mehmużin, inqabbel il-ġens u l-għadd man-nomi u l-verbi li nuża u nuża l-forma korretta tal-aġġettiv pożittiv.
4. Inwassal messaġġ sempliċi bil-fomm bla ma nħalli xejn essenzjali barra minnu.
5. Nagħmel mistoqsijiet u talbiet bi strutturi grammatikali u sintattiċi korretti, bl-użu ta' pronomi u kliem interrogattiv ieħor, b'mod edukat u pulit, biex nikseb it-tagħrif li nkun neħtieġ mingħand xi ħadd li jien midħla tiegħu bħal meta nitlob xi ħaġa lil xi ħadd waqt attività fil-klassi u lil hinn minnha.
   IS-SMIGĦ U T-TAĦDIT
6. Inwieġeb mistoqsijiet biex nuri li fhimt dak li smajt kemm minn testi fattwalii kif ukoll dawk letterarji u nitkellem dwarhom.
7. Inħaddem lingwaġġ matematiku, xjentifiku u teknoloġiku fit-taħdit tiegħi ta' kuljum bħal meta ngħid in-numri, nitkellem fuq forom sempliċi u kunċetti xjentifiċi elementari, niżen u nkejjel, u ngħid il-ħin.
8. Nuża kliem sempliċi u dirett biex nagħti istruzzjonijiet u direzzjonijiet ħfief u ċari marbutin mal-ħajja u l-esperjenzi tiegħi fl-ambjenti li nkun fihom, fosthom id-dar u l-klassi.
   IT-TAGĦLIM SOĊJALI
9. Nuża espressjonijiet ta' tislim, kemm bil-fomm kif ukoll bil-ġesti, fil-ħajja tiegħi ta' kuljum u fil-waqtiet u l-kuntesti addattati skont l-udjenza li jkolli.
   IT-TAGĦLIM SOĊJALI
10. Nitkellem fuqi nnifsi, fuq il-familja tiegħi u l-ambjent li ngħix fih u fuq kif jitqassam iż-żmien fi snin, staġuni, xhur, jiem u l-ħin tal-ġurnata.
11. Nuża l-imperattiv biex nagħti direzzjonijiet u istruzzjonijiet.
12. Inħaddem tajjeb il-Perfett u l-Imperfett meta ngħid fi kliemi rakkont qasir li nkun smajt jew niddeskrivi l-karattru prinċipali u l-ambjent ta' ġrajja.
13. Wara li nisma' jew naqra testi letterarji u fattwali, naf nerġa' nirrakkontahom / inkantahom /nirreċtahom biex nuri li għoġbuni u li fhimthom.
   IT-TAGĦLIM KONJITTIV
14. Nagħmel żidiet u tibdiliet żgħar skont il-gosti tiegħi f'testi letterarji mismugħa bħal kanzunetti, taqbiliet, stejjer, poeżiji, ħrejjef, u l-bqija.
   PRATTIKA
15. Inbassar tmiem li nħossu xieraq għal stejjer, poeżiji, taqbiliet li nisma' l-bidu u l-iżvilupp tagħhom.
16. Nieħu sehem f'diskussjonijiet fi gruppi żgħar, fejn nesprimi l-fehmiet u l-ħsus tiegħi bi struttura grammatikali u sintattika tajba, skont il-firxa tal-vokabularju tal-età tiegħi u b'intonazzjoni tajba fejn meħtieġ.
   NITGĦALLEM KIF
17. Nieħu sehem f'diskussjoni mingħajr tkarkir u tlaqliq żejjed u nipparteċipa mhux biss bil-kliem imma wkoll b'għadd ta' sinjali, ġesti nonverbali, karatteristiċi paralingwistiċi oħra bħall-enfasi fuq il-kliem ċavetta u l-bdil tar-ritmu skont id-diskors.
18. Nisma' l-fehmiet tal-oħrajn filwaqt li nistenna u meta jmissni nagħti tiegħi.
   NITGĦALLEM KIF
19. Naf li hemm xi kliem li jista' jweġġa' s-sentimenti tal-oħrajn u nevitah waqt diskussjoni biex inkun pożittiv fl-attitudni tiegħi.
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ

20. Nikkontrolla l-volum ta' leħni skont il-kuntest, il-post u s-sitwazzjoni li nkun fihom.
21. Fit-taħdit ma' sħabi, inkun konxju tad-diversità lingwistika, ngħidu aħna, ta' xi kliem li nużaw fil-lingwi ewlenin li nafu (fosthom il-lingwi tal-istudenti barranin) biex infissru l-istess oġġett.
    IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ

## L-Aspett tas-Suġġett: Is-smigħ fil-ħajja ta' kuljum, it-tħaddim tal-grammatika u l-letteratura

1. Nifhem stqarrijiet differenti, kemm fil-pożittiv kif ukoll fin-negattiv, li jkun fihom raġuni jew opinjoni bħal: *Jien immur l-iskola kuljum biex niltaqa' ma' sħabi; Jien ma nħobbx niekol il-ħelu għax mhux tajjeb għas-saħħa*.
2. Naqbad u nifhem xi punti speċifiċi / dettalji meta xi ħadd jitkellem miegħi jew ma' oħrajn fi djalogu jew diskursata qasira.
   IT-TAGĦLIM KONJITTIV
3. Niddistingwi bejn ton u ieħor waqt l-irrakkontar ta' storja.
4. Nifhem meta nisma' ċajta, djalogu, storja, u l-bqija, u nirreaġixxi bil-fomm, bil-kitba jew bil-ġesti għalih/a.
   NITGĦALLEM INKUN JIEN
5. Nifhem istruzzjonijiet sempliċi fl-istruttura u fil-vokabularju li jagħtini xi ħadd fil-ħajja tiegħi ta' kuljum, fosthom bl-Imperattiv fil-pożittiv u n-negattiv bħal: *Kul għal qalbek*, *Taqsamx it-triq*.
6. Nifhem avviż/i sempliċi mogħti/ja bil-fomm u marbut/a mal-ħajja tiegħi u madwari li jinkludi/u d-data, il-ħin u xi dettalji ħfief oħra, bħal: *Nhar it-Tnejn 10 ta' Novembru se mmorru ħarġa ma' tal-iskola. Nitilqu fid-disgħa.*
7. Nifhem direzzjonijiet sempliċi li nisma' fil-ħajja tiegħi u madwari fost l-oħrajn kif tasal minn post għal ieħor fl-istess binja jew xi mkien viċin il-post fejn toqgħod, bħal: *Itla' fuq u dur fuq il-lemin; Itla' fl-ewwel sular u idħol fil-kamra tax-xellug*.
8. Nisma', insegwi u nifhem siltiet qosra fuq suġġetti midħla tagħhom li jkun fihom informazzjoni li nitgħallem minnha bħal silta informattiva li taqra l-għalliema jew sħabi tal-klassi jew li nisma' /nara minn fuq il-mezzi tax-xandir u l-internet.
   IT-TAGĦLIM KONJITTIV
9. Nisma' u nifhem reklam qasir u sempliċi dwar oġġett/post marbut mal-ħajja tiegħi u l-ambjent ta' madwari bħal reklam ta' ġugarell, kompjuter jew post tad-divertiment.
   L-IMMANIĠĠJAR TAL-INFORMAZZJONI
   IT-TAGĦLIM SOĊJALI
10. Nisma' rakkont qasir u nuri x'fhimt bil-fomm, bil-kitba jew bil-ġesti.
    IT-TAGĦLIM KONJITTIV
11. Nisma' u nsegwi kanzunetti / poeżiji / taqbiliet / tidwir l-ilsien u nuri x'fhimt bil-fomm, bil-kitba jew bil-ġesti u nsemmi eżempji fejn ikun hemm rima.
    IT-TAGĦLIM KONJITTIV
12. Nisma' u nsegwi reċta qasira u nuri x'fhimt bil-fomm, bil-kitba jew bil-ġesti.
    IT-TAGĦLIM KONJITTIV
13. Nisma' u nifhem il-lingwaġġ matematiku, xjentifiku u teknoloġiku li nuża fil-ħajja tiegħi ta' kuljum bħan-numri, il-forom sempliċi, il-kejl, l-użin u l-ħin.
14. Nifhem it-tifsira ta' lingwaġġ ħafif li juri sentiment u opinjoni.
    IT-TAGĦLIM SOĊJALI
15. Nifhem mistoqsijiet sempliċi li jsiruli u nweġibhom bil-fomm, bil-kitba u bil-ġesti.
    IT-TAGĦLIM SOĊJALI

## L-Aspett tas-Suġġett: Il-qari fil-ħajja ta' kuljum, it-tħaddim tal-grammatika u l-letteratura

1. Naqra l-kliem li qatt ma nkun iltqajt miegħu qabel billi ngħaqqad ħoss ma' ieħor, ngħaqqad u naqsam f'sillabi jew inxebbah il-forma tiegħu ma' ta' kliem ieħor li jixbhu.
2. Naqra bis-sens u b'kunfidenza f'qalbi, waħdi, fis-skiet, għall-gost u nibda nieħu l-qari bħala drawwa.
   IL-QARI U L -FEHIM
3. Naqra test quddiem ħaddieħor bħal, ngħidu aħna, waqt laqgħa fi gruppi, fil-klassi u f'attività għall-istudenti.
4. Naqra kitbiet ta' ġeneri, suġġetti u reġistri differenti u nagħraf il-funzjonijiet tagħhom, ngħidu aħna, artikli, rapporti qosra, reklami, avviżi ta' gazzetti, fuljetti, magażins, poeżiji ħfief, stejjer, ħrejjef tradizzjonali Maltin, taqbiliet, għanjiet, kanzunetti u riċetti, stampati, elettroniċi u diġitali.
5. Naqra u nifhem il-lingwaġġ matematiku, xjentifiku u teknoloġiku li nuża fil-ħajja tiegħi ta' kuljum bħan-numri, il-forom sempliċi, il-kejl, l-użin u l-ħin.
6. Naf naqra u nifhem il-kliem l-aktar popolari bħall-ġranet tal-ġimgħa, ix-xhur, l-istaġuni, il-kuluri, l-annimali, l-elementi tad-dinja.
7. Nagħraf il-komponenti ewlenin ta' materjal stampat, elettroniku u diġitali bħat-titlu, il-werrej, il-kapitlu, in-numru tal-paġna, it-tqassim, ix-xbihat jew l-istampi, il-kepxins, il-qoxra ta' quddiem u ta' wara, u nużahom biex infittex l-informazzjoni li nkun neħtieġ.
   IT-TAGĦLIM PERSONALI
   L-UŻU TAL-MIDJA DIĠITALI
8. Nagħraf xi jfisser kliem tqil u espressjonijiet li ma nkunx naf mis-sens tas-sentenza/paragrafu jew mill-kuntest billi norbot kliem ma' ieħor u/jew kliem ma' stampi u nassoċja l-qbil fl-għadd u l-ġens tan-nomi mal-aġġettivi li jsegwuhom.
   IT-TAGĦLIM KONJITTIV
9. Naqra testi, animazzjonijiet u stampi, nifhimhom, nixtarrhom u nifforma opinjoni dwarhom billi ngħid il-punti ewlenin, bħal b'mod kronoloġiku jew sekwenzjali, kif ukoll inwieġeb mistoqsijiet fuqhom.
   IT-TAGĦLIM SOĊJALI
10. Nagħraf is-suġġett/i jew l-idea/t ewlenija/in ta' test billi nislet il-kliem jew is-sentenzi jew il-kunċett/i l-aktar importanti.
    IT-TAGĦLIM KONJITTIV
11. Nagħraf li jeżistu forom u stili differenti ta' kitba li fihom il-lingwa taqdi funzjonijiet differenti skont il-kuntest li fih tkun qed tintuża u l-udjenza li għaliha tkun immirata.
12. Nuża d-dizzjunarju billi nimxi mal-ordni alfabetiku u mill-ewwel ittra/i nasal għal kliem li nkun qed infittex it-tifsira tiegħu u hekk nitgħallem xi jfisser, kif jinkiteb, kif jingħad jew kif jinqara.
    IT-TAGĦLIM PERSONALI
13. Nislet minn dak li nkun qrajt it-tagħrif li nkun neħtieġ bħal meta naqra istruzzjonijiet jew direzzjonijiet li jkun hemm fi ktieb ta' riċetti jew manwal tal-logħob.
    IT-TAGĦLIM PERSONALI
14. Nuża l-faċilitajiet li joffru l-libreriji (tal-klassi, tal-iskola u pubbliċi), naf x'għandi nagħmel biex nissellef ktieb, fejn għandi mmur infittex fuq l-ixkafef, skont il-ġeneru, il-kodiċi, u l-bqija.
    IT-TAGĦLIM KONJITTIV
    IT-TAGĦLIM PERSONALI
15. Inqis ruħi bħala qarrej/ja u bl-għajnuna tal-għalliema nagħraf nagħżel kotba li jaqblu mal-livell tal-qari tiegħi.
16. Naqra u nagħti kas tal-intonazzjoni billi nsegwi sewwa s-sinjali tal-punteġġjatura bħall-ittri kapitali, is-sing, il-punt, il-virgola, is-sinjal tal-mistoqsija, is-sinjal esklamattiv u ż-żewġ punti.
    IL-QARI U L -FEHIM
    IL-PREĊIŻJONI

## L-Aspett tas-Suġġett: Il-kitba fil-ħajja ta' kuljum, it-tħaddim tal-grammatika u l-letteratura.

1. Nikteb u nifforma sentenzi sempliċi jew paragrafu fuq suġġetti li jien midħla tagħhom.
2. Bl-għajnuna tal-għalliema tiegħi, ngħaqqad sentenzi f'paragrafi li jsegwu.
3. Nagħti bil-kitba d-dettalji personali tiegħi.
4. Bl-għajnuna tal-għalliema tiegħi naf insib mudelli tajbin ta' kitbiet ħfief biex intejjeb kitbieti u nsaħħaħ u nkattar il-vokabularju skont l-għanijiet tiegħi.
5. Nippjana l-ideat u norganizzahom biex minnhom ninseġ abbozzi għal kitbieti, skont għanijiet speċifiċi, billi nsaqsi mistoqsijiet bħal: Min? Meta? Kif? Fejn? X'ġara? Għaliex?
   L-IPPJANAR U R- RIFLESSJONI
6. Nikteb kepxins taħt ritratti u stampi fuq nies u ħwejjeġ li nara madwari.
7. Nikteb listi ta' kliem u sentenzi fuq l-affarijiet li għandi nagħmel, bħal, ngħidu aħna, lista tax-xiri jew qadjiet.
8. Nikteb messaġġi f'kartolini li nkun se nibgħat lil nies li nħobb.
9. Nikteb rakkonti fittizji ta' mhux inqas minn 70 kelma li jkun fihom karattri, postijiet u ġrajjiet.
10. Nikteb testi fattwali ta' mhux inqas minn 70 kelma b'tagħrifiet fuq fejn ngħix jien, il-persuni li nħobb u annimali, passatempi, festi u l-bqija.
11. Nikteb mill-bidu jew inkompli djalogi ta' mhux inqas minn 70 kelma fuq temi li jittrattaw il-ħajja tiegħi ta' kuljum u l-ambjent ta' madwari.
    IL-KITBA
12. Inżomm djarju bil-ġrajjiet l-iktar importanti għalija tal-ġurnata.
13. Nikteb taqbiliet sempliċi ta' strofa waħda jew tnejn fuq suġġetti li jinteressawni bħall-ambjent ta' madwari u fuq il-ħlejjaq li nħobb u l-affarijiet li nħobb nagħmel.
    NITGĦALLEM KIF
14. Nippreżenta b'mod ċar, pulit u bla żbalji tas-sintassi, tal-morfoloġija u l-grammatika, tal-ortografija u tal-punteġġjatura t-testi finali tiegħi.
    IL-PREĊIŻJONI
15. Nikteb tajjeb kliem marbut mal-lingwaġġ matematiku, xjentifiku u teknoloġiku li nuża fil-ħajja tiegħi ta' kuljum bħan-numri, il-forom sempliċi, il-kejl, l-użin u l-ħin.
16. Inwieġeb bil-kitba mistoqsijiet diretti u inferenzjali wara li nkun qrajt u fhimt test fattwali u fittizju.
17. Nikteb mistoqsijiet ħfief u sempliċi li bihom nikseb tagħrif li nkun neħtieġ bħal, ngħidu aħna, f'intervista, telefonata, u l-bqija.
    IT-TAGĦLIM PERSONALI

# LIVELL 6

## L-Aspett tas-Suġġett: It-taħdit fil-ħajja ta' kuljum, it-tħaddim tal-grammatika u l-letteratura

1. Nitkellem ċar, ninstema' u ninftiehem tajjeb bi pronunzja tajba, vuċi ċara u għolja, ton, ġesti u espressjonijiet xierqa b'mod li s-semmiegħ jifhem u jsegwi bla tbatija.
   IL-LINGWAĠĠ ESPRESSIV
2. Nieħu sehem f'taħdit fejn nagħmilha ta' ħaddieħor jew ħaġa oħra, ngħidu aħna, meta nipparteċipa fi produzzjonijiet fuq il-palk bħal reċti, mima u kunċerti f'sitwazzjonijiet fittizji u mhux, bħal meta mmur nixtri, naqta' l-biljetti għal xi post ta' divertiment, nimmaġina li jien kamera tar-ritratti, u l-bqija.
3. Fid-diskors tiegħi ta' kuljum, inħaddem sewwa kemm forom ta' taħdit litterali, mogħnija b'firxa ta' vokabularju xieraq, kif ukoll taħdit figurattiv ħafif bl-użu ta' espressjonijiet, mistoqsijiet rettoriċi, idjomi u qwiel, diskors li jagħmel sens u jkun marbut mas-suġġett u għalhekk iżomm l-udjenza attenta u interessata.
4. Nispjega dak li nħoss b'ordni u sekwenza filwaqt li nuża strutturi grammatikali korretti u sentenzi sempliċi, komposti u xi drabi anke kumplessi, bl-għajnuna ta' kliem għaqqiedi u konġunzjonijiet.
5. Nagħti direzzjonijiet, li bl-għajnuna tal-viżwal jinkludu wkoll l-irjieħ ewlenin tal-boxxla u istruzzjonijiet marbutin ma' proċessi u rutina tal-ħajja tiegħi billi nuża l-forom tal-imperattiv singular u plural, fosthom dawk tan-negattiv.
6. Nagħmel talbiet u mistoqsijiet xierqa biex nikseb it-tagħrif meħtieġ f'kuntesti varji tal-ħajja ta' kuljum billi nuża reġistri ta' taħdit formali, edukat u pulit, bħal, ngħidu aħna, biex nikseb informazzjoni storika fuq post prominenti fir-raħal/belt tiegħi jew tagħrif bijografiku għal xi intervista.
   NITGĦALLEM NGĦIX MA' ĦADDIEĦOR
7. Nistqarr fatti, nirrakkonta u niddeskrivi billi nuża strutturi grammatikali tajba li jixhdu ħakma soda tal-lingwa u nuri li naf inħaddem il-qbil tas-suġġett mal-verb u l-predikat fejn jidħlu l-ġens u l-għadd, l-aġġettivi fil-gradi kollha tagħhom, b'kunsiderazzjoni għall-kuntest u l-udjenza ta' quddiemi.
8. Nispjega u nsostni b'evidenza l-opinjonijiet tiegħi fuq tema mogħtija minn qabel filwaqt li nagħraf nindirizza l-ħtiġijiet u l-istennijiet tal-udjenza ta' quddiemi.
9. Inħaddem strateġiji varji, fosthom kif infassal mistoqsijiet ċari li jitolbu ċertu dettall, biex niċċara jew nikkonferma dak li nkun smajt bħal, ngħidu aħna, meta nitlob aktar direzzjonijiet u istruzzjonijiet fuq kif għandi nwettaq biċċa xogħol fil-klassi/id-dar u x'neħtieġ sewwa għal riċerka qasira li nkun irrid nagħmel id-dar.
   IT-TAGĦLIM PERSONALI
10. Nitkellem u nippreżenta quddiem udjenza, waħdi jew m'oħrajn, bl-għajnuna ta' riżorsi teknoloġiċi, diġitali, stampati u oħrajn, wara li tkun saret riċerka; tagħrif interessanti fuq avvenimenti u elementi ewlenin li jsawru l-kultura u l-identità Maltija bħall-ikel, il-festi, ix-xogħlijiet u s-snajja' tal-bieraħ u llum, l-ambjent, l-istorja u l-leġġendi.
    L-UŻU TAL-MIDJA DIĠITALI
    NITGĦALLEM NGĦIX MA' ĦADDIEĦOR
11. Bl-għajnuna tal-għalliema, inqabbel il-karatteristiċi ewlenin li jiddistingwu ġeneri differenti ta' testi, letterarji u mhumiex, miktuba u/jew mismugħa, wara li nkun identifikajthom minn qabel.
12. Ngħid xi nħoss u nagħti l-fehmiet tiegħi fuq it-temi, il-karattri, l-iżvilupp, l-ambjent u ż-żmien li fih isseħħ il-ġrajja letterarja (poeżija, kanzunetta, storja, ħrafa, leġġenda) jew fattwali li naqra/nisma'.
    NITGĦALLEM INKUN JIEN
13. Noħloq u nirrakkonta b'mod animat u b'ġesti stejjer, rakkonti, ħrejjef, ċajt, praspar, simili għal dawk mismugħa/ moqrija u nagħmel tibdil li jogħġobni fl-iżvilupp tal-ġrajja, fl-ambjent u l-karattri.
14. Nagħraf l-alliterazzjoni, ir-rima u l-onomatopea f'testi letterarji u mhumiex, ngħid kif jolqtuni u nagħti eżempji oħra tagħhom.
15. Nagħraf il-personifikazzjonijiet u s-similitudnijiet f'testi letterarji u mhumiex, ngħid kif jolqtuni u nagħti eżempji oħra tagħhom.

16. Inħaddem lingwaġġ matematiku, xjentifiku u teknoloġiku fit-taħdit tiegħi ta' kuljum meta nirreferi għan-numri, il-forom, il-kejl, il-piż, l-elementi, il-boxxla, iż-żmien u l-ħin.
17. Insegwi d-diskussjoni li tkun għaddejja, anke meta jintużaw mezzi teknoloġiċi fiha, inqabbel u nagħti l-opinjoni tiegħi fuq l-ideat li nisma', nifhem x'ħareġ mid-diskussjoni u meta meħtieġ inwettaq dak li jkun ġie maqbul.
    L-UŻU TAL-MIDJA DIĠITALI
    PRATTIKA
18. Nevalwa l-preżentazzjoni ta' persuni oħra billi nagħti rispons b'mod orali u filwaqt li nagħraf il-pożittiv, nissuġġerixxi tibdil/titjib u nagħti r-raġuni/ijiet għas-suġġerimenti tiegħi.
19. Nagħraf pożizzjonijiet differenti li jiżviluppaw f'diskussjoni, u filwaqt li nxaqleb lejn pożizzjoni preferuta, nagħti r-raġunijiet tiegħi għall-pożizzjoni meħuda.
    IL-BIDLA SOĊJALI
    NITGĦALLEM KIF
20. Nuża f'diskorsi lingwaġġ li jirrispetta lil kulħadd u li ma jweġġax is-sentimenti kulturali, reliġjużi u razzjali tal-oħrajn.
    BIDLA SOĊJALI
21. Nagħmel interventi marbuta mas-suġġett tad-diskussjoni li tkun għaddejja wara li nkun segwejt, fhimt u slitt il-punti ewlenin.
    IT-TAGĦLIM SOĊJALI
22. Nagħżel kliem, espressjonijiet u ġesti xierqa biex insostni l-argumenti tiegħi skont l-okkażjoni u l-kuntest tad-diskussjoni; b'hekk inwassal il-punt tiegħi b'aktar qawwa biex nikkonvinċi lill-udjenza.
    NITGĦALLEM KIF
23. Niddiskuti ma' sħabi f'attivitajiet iggwidati mill-għalliema fuq ir-rabta tal-ilsien Malti mal-istorja ta' pajjiżna, l-oriġini u t-tifsir ta' kliem użat fil-ħajja ta' kuljum.
    IT-TAGĦLIM KONJITTIV
24. Nitkellem ma' studenti ta' kulturi differenti b'rispett u stima, u magħhom niddeskrivi u nqabbel id-diversità lingwistika u kulturali ta' pajjiżna.
    BIDLA SOĊJALI
    NITGĦALLEM INKUN JIEN

## L-Aspett tas-Suġġett: Is-smigħ fil-ħajja ta' kuljum, it-tħaddim tal-grammatika u l-letteratura

1. Nifhem u nwieġeb għamliet differenti ta' mistoqsijiet li jsiruli fuq ħwejjeġ li naf, f'kuntesti u sitwazzjonijiet differenti.
    IL-LINGWAĠĠ ESPRESSIV
2. Naqbad punti speċifiċi meta xi ħadd jitkellem miegħi jew ma' oħrajn fi djalogu jew f'diskursata qasira bejn tnejn jew aktar, jew taħdita qasira (formali jew informali).
    IT-TAGĦLIM KONJITTIV
3. Niddistingwi sewwa mit-ton, il-vuċi u l-ġesti, il-messaġġ fl-irrakkontar ta' stejjer, qari ta' poeżiji, reċti, aħbarijiet, diskorsi formali u informali, u kuntesti oħra.
4. Nuri rispett lejn l-oħrajn billi nismagħhom, inqis u nistma dak li jgħidu għax nemmen li kulħadd għandu d-dritt li jesprimi ruħu.
    NITGĦALLEM KIF
    L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
    L-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
    IT-TAGĦLIM SOĊJALI
5. Nifhem u nirreaġixxi bil-fomm, bil-kitba jew bil-ġesti għal testi li nisma' fil-ħajja ta' kuljum u letterarji, u nqabbilhom mal-esperjenzi tiegħi.
    KONJITTIV

6. Nifhem istruzzjonijiet li nisma' u li jagħtini xi ħadd bl-użu tal-forom differenti tal-Imperattiv f'kuntesti differenti fil-ħajja ta' kuljum, kemm fil-pożittiv kif ukoll fin-negattiv, bħal: *Iftaħ il-bieb; Twaħħalx bil-kolla; La tisraqx; Qatt ma għandkom tagħmluha ma' min hu agħar minnkom;* u l-bqija.
7. Nisma' u nifhem avviż jew ġabra ta' avviżi bil-fomm u minn mezzi teknoloġiċi marbutin kemm mal-ħajja tiegħi ta' kuljum kif ukoll ma' dik tal-komunità li ngħix fiha, avviżi li jkun fihom id-dati, ħinijiet u dettalji oħra ewlenin, bħal avviż fuq ġurnata sportiva fl-iskola, kors tal-kompjuter organizzat mill-Kunsill Lokall, oġġett jew *pet* mitluf, u l-bqija.
   L-IMMANIĠĠJAR TAL-INFORMAZZJONI
8. Nifhem ir-rapport u t-tbassir tat-temp li jinkludi l-vokabularju marbut mad-direzzjonijiet tal-boxxla u pożizzjonijiet ġeografiċi bħal meta nisma' li Malta tinsab fin-Nofsinhar tal-Ewropa, Marsaxlokk qiegħed fix-Xlokk ta' Malta, u l-bqija.
   L-IMMANIĠĠJAR TAL-INFORMAZZJONI
9. Nifhem direzzjonijiet sempliċi mogħtija minn ħaddieħor li ma nkunx midħla tagħhom, ngħidu aħna, li jittrattaw postijiet li naf bihom imma li ma mmurx fihom ta' kuljum, bħal kif nasal Pjazza San Ġorġ fil-Belt hekk kif ninżel mill-karozza tal-linja.
10. Nisma' u nsegwi testi informattivi u aħbarijiet, fosthom dawk li m'iniex midħla tagħhom, bħal dawk fuq l-ambjent, il-kultura, ġrajjiet kurrenti, bijografiji u kurżitajiet.
    NITGĦALLEM KIF
11. Nisma', insegwi u nifhem reklami fuq oġġetti u postijiet, fosthom dawk li mhux daqshekk midħla tagħhom, bħal reklami ta'  prodotti u servizzi.
    L-IMMANIĠĠJAR TAL-INFORMAZZJONI
12. Nisma' u nifhem il-lingwaġġ matematiku, xjentifiku u teknoloġiku li nuża fil-ħajja tiegħi ta' kuljum meta nirreferi għan-numri, il-forom, il-kejl, il-piż, l-elementi, il-boxxla, iż-żmien u l-ħin.
13. Filwaqt li nisma' rakkont fattwali u fittizju, nislet id-dettalji importanti u ninnota xi tixbihat u aġġettivi li jżewqu r-rakkont u jħallu effett fuq l-udjenza.
14. Nisma' u nagħraf eżempji ta' alliterazzjoni, rima, onomatopea, metafori sempliċi, personifikazzjoni u similitudnijiet f'testi mismugħa.
15. Nisma' u nsegwi kanzunetti u poeżiji, u waħdi nislet minnhom  is-suġġett u nqabblu u ninterpretah skont u mal-esperjenzi tiegħi.
    IT-TAGĦLIM KONJITTIV
16. Insegwi u nifhem il-plott, il-karattri u l-isfond ta' reċta, film, storja, dramm, u l-bqija.
17. Naf inkun parti minn udjenza li tisma', tifhem u tipparteċipa.
    NITGĦALLEM NGĦIX MA' ĦADDIEĦOR
    IT-TAGĦLIM SOĊJALI

## L-Aspett tas-Suġġett: Il-qari fil-ħajja ta' kuljum, it-tħaddim tal-grammatika u l-letteratura

1. Naqra bis-sens, b'leħen ċar, b'ritmu mexxej u b'kunfidenza, ġeneri differenti ta' kitba ta' bosta kittieba, f'qalbi, waħdi, fis-skiet, għall-gost, quddiem ħaddieħor, ma' oħrajn, ngħidu aħna, poeżiji, novelli, artikli f'gazzetti jew rivisti, stejjer tal-biża', tad-daħk, mistħajla, stejjer ta' vera, bijografiji, u l-bqija.
   IL-QARI U L-FEHIM
2. Nagħraf li l-awturi jużaw stili u forom differenti ta' kitba, ngħidu aħna, ir-rima u r-ritmu fil-poeżiji; id-daħla, il-qalba u l-għeluq f'esej; il-binja f'novella jew rumanz; in-narrazzjoni fl-ewwel u/jew it-tielet persuna, daqsijiet varji ta' tipa, u l-bqija.
3. Dak li naqra nifhmu, ngħarblu, nifforma opinjoni dwaru u nesprimiha, inwieġeb mistoqsijiet diretti u inferenzjali fuqu, nagħraf jekk kitba tkunx mistħajla jew realistika, nara x'messaġġ irid iwassal l-awtur, kif il-messaġġ jolqot lill-qarrejja, inqabbel dak li naqra mal-esperjenzi tiegħi, nirrifletti fuq il-kuntest li fih saret il-kitba, u l-bqija.
   KONJITTIV

4. Nagħżel x'naqra skont il-gosti u l-informazzjoni li nkun neħtieġ billi nħares lejn it-titli, il-werrej, il-kapitli, l-istampi/ix-xbihat/l-illustrazzjonijiet, l-indiċi, u l-bqija, ngħidu aħna, meta nfittex il-kotba f'librerija jew meta nfittex informazzjoni f'xi enċiklopedija, u l-bqija.
IT-TAGĦLIM PERSONALI
IT-TAGĦLIM KONJITTIV
5. Nislet minn dak li naqra l-punti ewlenin u dawk sekondarji billi nimxi mat-tqassim u t-tifsil tal-ħsibijiet jew tal-ġrajja jew mal-iżvilupp tematiku u billi nidentifika l-kliem, il-frażijiet u s-sentenzi l-aktar importanti.
IT-TAGĦLIM KONJITTIV
6. Infittex it-tagħrif minn sorsi differenti billi naqra u nibda nagħmel riċerka skont il-ħtieġa, ngħidu aħna, minn kotba, gazzetti, magażins, fuljetti, siti elettroniċi, bloggs, tabelli, u l-bqija.
PRATTIKA
7. Nagħraf li ġeneri differenti ta' kitba għandhom funzjonijiet differenti, ngħidu aħna, jirrakkuntaw, jiddeskrivu, jgħarrfu, jgħallmu, jagħtu gost, idaħħku, jispjegaw, jirreklamaw, ibigħu, jesprimu sentiment, u l-bqija.
8. Nagħraf li f'listi ta' istruzzjonijiet, direzzjonijiet, preskrizzjonijiet u l-bqija, il-kittieba jinqdew bl-Imperattiv singular u plural, pożittiv u negattiv bħal, ngħidu aħna, riċetti, listi ta' regolamenti, linji gwida, manwali, mappi informattivi, logħob diġitali, u l-bqija.
9. Nagħraf xi jfisser kliem tqil u espressjonijiet li ma nkunx naf jew inbassar tifsirtu mis-sens tas-sentenzi/paragrafu/i, u/jew mill-kuntest billi fost oħrajn inxebbah kliem m'ieħor, bħal *muftieħ* minn *fetaħ*; *Milied* minn *twieled*; *trejqa* minn *triq*; *qdif* minn *qadef*.
IT-TAGĦLIM KONJITTIV
10. Nagħraf jekk għandix naqra kull kelma ta' test biex nieħu t-tagħrif li neħtieġ jew inkella naqra xi kliem, frażijiet jew sentenzi biss, jew nifli l-istampi/l-illustrazzjonijiet, u l-bqija. Ngħidu aħna, jekk inkun qiegħed infittex isem ta' film fl-iskeda tal-programmi televiżivi, ma neħtieġx naqra t-tagħrif kollu mogħti fuq kull film, imma naqra l-ismijiet tal-programmi biss.
IT-TAGĦLIM KONJITTIV
11. Jien u naqra nidentifika l-verbi u nintebaħ humiex imħaddma fil-Perfett, l-Imperfett jew il-Futur u għaliex inkunu mħaddmin f'dak it-temp u hekk nifhem aħjar xi nkun qiegħed naqra.
12. Jien u naqra nidentifika n-nomi u nagħraf humiex fis-singular farrad waħdieni, fil-kollettiv jew fil-plural minn, fost oħrajn, il-verbi jew l-aġġettivi li jmorru magħhom, mill-kuntest tat-test innifsu, u l-bqija.
13. Naqra u nifhem testi matematiċi, xjentifiċi u teknoloġiċi li nuża fil-ħajja tiegħi ta' kuljum bħal enċiklopediji, fuljetti, siti elettroniċi, u l-bqija.
14. Naf xi jfisser u kif jintuża kliem li jorbot sentenzi jew frażijiet ma' xulxin bħal, ngħidu aħna, prepożizzjonijiet, konġunzjonijiet u avverbji.
15. Ninqeda sew bid-dizzjunarji u bit-teżawri tal-Malti biex infittex il-kliem li ma nkunx naf xi jfisser, kif jinkiteb, kif jingħad jew kif jinqara, fi kliem ieħor infittex skont l-ordni alfabetiku, mhux biss billi nħares lejn l-ewwel ittra, imma wkoll lejn l-ittri li jsegwuha u billi nfittex skont l-għerq jew il-forma ewlenija tal-kelma.
IT-TAGĦLIM PERSONALI
16. Naqra u nagħti kas tal-intonazzjoni billi nsegwi sewwa s-sinjali tal-punteġġjatura bħall-ittri kapitali, is-sing, l-aċċent grafiku, il-punt, iż-żewġ punti, il-virgola, il-virgoletti, il-kursiv, il-puntini, il-parentesi, is-sinjal tal-mistoqsija, is-sinjal esklamattiv u ż-żewġ punti.
IL-PREĊIŻJONI

## L-Aspett tas-Suġġett: Il-kitba fil-ħajja ta' kuljum, it-tħaddim tal-grammatika u l-letteratura

1. Bl-għajnuna tal-għalliema tiegħi nsib mudelli tajbin ta' kitbiet varji biex inwessa' l-vokabularju tiegħi, nuża Malti idjomatiku u nesprimi l-ħsibijiet u s-sentimenti tiegħi skont l-għanijiet tiegħi u l-udjenzi li għandi f'moħħi.
   IT-TAGĦLIM KONJITTIV
2. Nippjana waħdi l-ideat u norganizzahom billi, fost oħrajn, ninseġ għanqbuta ta' ħsibijiet, mappa kunċettwali, tpinġija, lista, u l-bqija, u minnhom infassal abbozzi għal kitbieti skont għanijiet speċifiċi.
   L-IPPJANAR U  R- RIFLESSJONI
3. Nieħu noti qosra waqt li nkun qed nirriċerka jew nisma' taħdita biex nużahom aktar tard f'xogħlijiet tiegħi, anke bl-użu tal-istampi u/jew mezzi teknoloġiċi.
   L-IMMANIĠĠJAR TAL-INFORMAZZJONI
   L-UŻU TAL-MIDJA DIĠITALI
4. Inqassam il-kitba tiegħi f'paragrafi ta' qisien differenti u norbothom flimkien skont il-mixja tal-ideat.
   IL-KITBA
   L-IPPJANAR U  R-RIFLESSJONI
5. Nikteb kepxins konċiżi  għal ritratti, stampi, komiks, *cartoons,* u l-bqija, u fihom nuri li fhimt il-messaġġ jew il-ġrajja storika jew attwali li jkunu qed juru.
6. Nikteb u nippubblika avviżi, anke bl-għajnuna ta' stampi u/jew ritratti, ta' madwar 50 kelma biex jinqraw quddiem udjenza.
   L-IMMANIĠĠJAR TAL-INFORMAZZJONI
7. Nikteb rakkont ta' bejn 140 u 200 kelma fuq stampa jew sett ta' stampi, *cartoons*, karikatura, u l-bqija.
   IL-KITBA
8. Nikteb messaġġi, stediniet u ittri ta' għamliet differenti lil sħabi u lil dawk li jiġu minni.
9. Nikteb istruzzjonijiet, proċessi u direzzjonijiet f'kuntesti li jien midħla tagħhom bħal menus sempliċi u riċetti li jkunu jinkludu l-ingredjenti li għandi nuża u l-metodu tas-sajran.
   IL-KITBA
10. Nikteb mill-bidu jew inkompli djalogi u konverżazzjonijiet mibdija fuq temi varji ta' bejn 140 u 200 kelma.
    IL-KITBA
11. Nikteb tajjeb testi qosra, irriċerkati u mhumiex, b'lingwaġġ matematiku, xjentifiku u teknoloġiku marbut mal-ħajja tiegħi ta' kuljum bħan-numri, il-forom, il-kejl, il-piż, l-elementi, il-boxxla, iż-żmien u l-ħin.
    L-IMMANIĠĠJAR TAL-INFORMAZZJONI
12. Nikteb taqbiliet u poeżiji sempliċi itwal minn żewġ strofi fuq affarijiet, nies, ġrajjiet, postijiet, u l-bqija.
    IL-KITBA
13. Nikteb jew inkompli rakkonti fittizji ta' bejn 140 u 200 kelma fuq karattri, postijiet u ġrajjiet.
    IL-KITBA
14. Inżomm fi djarju l-ġrajjiet l-iktar importanti tal-ġurnata u nagħti l-opinjonijiet tiegħi fuqhom.
    T-TAGĦLIM KONJITTIV
15. Nikteb testi fattwali, fosthom artikli u rapporti, ta' bejn 140 u 200 kelma, b'tagħrif fuq, ngħidu aħna, l-ambjent, postijiet, avvenimenti u ġrajjiet.
    IL-KITBA
    NITGĦALLEM NGĦIX MA' ĦADDIEĦOR
16. Fil-kitba tiegħi nuża kemm sentenzi sempliċi kif ukoll komposti bl-użu ta' kliem u espressjonijiet għaqqieda bħall-konġunzjonijiet.
    IL-LINGWAĠĠ ESPRESSIV
17. Nippreżenta t-testi finali tiegħi ċari, puliti u bla żbalji tas-sintassi, tal-morfoloġija u l-grammatika, tal-ortografija u tal-punteġġjatura.
    IL-PREĊIŻJONI

# LIVELL 7

## L-Aspett tas-Suġġett: It-taħdit fil-ħajja ta' kuljum, it-tħaddim tal-grammatika u l-letteratura.

1. Nitkellem b'mod mexxej u espressjoni idjomatika tajba, ħeffa naturali f'kull kuntest li fih nitkellem.
2. Nuża għadd ta' reġistri skont il-formalità tas-sitwazzjoni u r-relazzjoni ta' bejn il-kelliema, u naqleb minn reġistru għal ieħor skont il-kuntest li nkun fih u l-udjenza
   IL-LINGWAĠĠ ESPRESSIV
3. Nagħti bil-fomm il-livell meħtieġ ta' dettall f'dak li ngħid u nżomm dejjem mas-suġġett meta nagħti deskrizzjonijiet, spjegazzjonijiet u rakkonti, wara li nagħraf u ngħarbel il-kuntest, is-sitwazzjoni u l-udjenza.
   IT-TAGĦLIM KONJITTIV
4. Nifhem li fit-taħdit, barra l-fatti, nista' ndaħħal ukoll l-opinjonijiet u s-sentimenti tiegħi li jistgħu jkunu parti mid-deskrizzjonijiet, l-ispjegazzjonijiet u r-rakkonti imma dejjem, b'konsiderazzjoni minn qabel tal-kuntest, is-sitwazzjoni u l-udjenza tiegħi.
   NITGĦALLEM KIF
5. Nagħmel it-talbiet u l-mistoqsijiet tiegħi biex nikseb tagħrif li m'iniex midħla tiegħu billi nuża lingwaġġ formali, edukat u pulit, skont reġistri xierqa, f'kuntesti differenti.
   IT-TAGĦLIM PERSONALI
6. Fit-taħdit tiegħi nħaddem strateġiji biex niċċara dak li nkun smajt u nikkonferma li fhimt sewwa meta nitħaddet fuq mezzi ta' komunikazzjoni bħat-telefown, Skype, it-televixin u r-radju, jew meta nwieġeb telefonata ta' persuna li ma nafhiex, nitlob il-ħinijiet tal-films, nagħmel appuntament ma' xi ħadd li ma nafux, u l-bqija.
   L-UŻU TAL-MIDJA DIĠITALI
7. Nagħmel preżentazzjonijiet orali bl-għajnuna ta' mezzi teknoloġiċi, drama, kant u arti espressiva, fuq suġġetti speċifiċi mhux tal-għażla tiegħi wara li nkun fittixt u rriċerkajt fuqhom.
   L-UŻU TAL-MIDJA
8. Naf nispjega u nsaħħaħ b'eżempji kif il-lessiku Malti ssawwar u għadu jissawwar f'għadd ta' oqsma speċifiċi tal-ħajja tagħna minn kuntatti ma' lingwi barranin minħabba realtajiet politiċi, reliġjużi, ekonomiċi, teknoloġiċi u oħrajn.
   IL-BIDLA SOĊJALI
9. Nitkellem b'reġistri differenti tal-Malti fosthom fuq oqsma bħall-Matematika, ix-Xjenza, il-Ġeografija, l-Istudji Soċjali, l-Istorja, ir-Reliġjon, it-Teknoloġija tal-Informatika, ix-Xjenza Domestika, l-Arti, l-Edukazzjoni Fiżika u d-Disinn Teknoloġiku, l-Istudju fuq l-Iżvilupp Personali, id-Drama u l-Arti Espressiva.
10. Inbassar il-bidu u/jew il-qalba u/ jew it-tmiem ta' test li nkun qed nisma', nagħtih xeħta differenti u nispjega għaliex tajtu dik ix-xeħta.
11. Infisser għaliex jintużaw f'testi differenti, fosthom dawk letterarji, il-figuri tal-ħoss u t-taħdit bħall-alliterazzjoni, ir-rima, l-onomatopea, il-personifikazzjoni, il-metafora u s-similitudni, u naf noħloq eżempji oħra bħalhom f'diskorsi.
12. Nitkellem fuq l-iżvilupp tal-plott, il-karattri ewlenin u sekondarji, u l-ambjent tal-istess plott billi npoġġi lili nnifsi flok xi karattru/i u nfisser dak li nħoss/ngħid/nagħmel kieku kont fl-istess sitwazzjoni.
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD- DIVERSITÀ
13. Nitkellem fuq l-istruttura ta' test letterarju billi niddiskuti t-ton/i użati mill-kittieb, il-lessiku u l-idjoma użati, u nispekula r-raġunijiet għalfejn naħseb li dawn intużaw u nagħti fehmti jekk l-effetti mixtieqa ntlaħqux jew le.
14. Inqabbel aspetti simili jew differenti tal-istess tema kif toħroġ f'żewġ testi differenti tal-istess ġeneru bħal poeżija romantika u oħra moderna, ngħidu aħna, fuq l-imħabba.
15. Nagħti kontribut relevanti f'diskussjoni billi nintervjeni fil-mument propizju u ninqeda b'ġesti bl-idejn u /jew il-kuntatt tal-għajnejn, bi kliem u frażijiet li jgħinuni norbot il-kontribuzzjoni tiegħi ma' dawk tal-oħrajn.
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ

16. Nirrispetta r-regoli demokratiċi tad-diskussjoni produttiva fejn nagħti lil kulħadd iċ-ċans jitkellem indaqs u wara min imissu.
L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
17. Niddiskuti ma' sħabi d-diversità kulturali li ninsabu fiha f'Malta minħabba bosta raġunijiet bħall-influss ta' persuni barranin bħala turisti/migranti; l-effetti tal-midja soċjali u l-mezzi ta' komunikazzjoni biex, filwaqt li nagħraf l-effetti ta' dawn il-kulturi fuq pajjiżna u l-kultura Maltija, nidentifika ma' sħabi x'jista' jsir biex insaħħu dak li jagħtina l-identità tagħna.
L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
IL-BIDLA SOĊJALI
IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD- DIVERSITÀ
18. Niddiskuti ma' sħabi varjazzjonijiet lingwistiċi/semantiċi/sintattiċi/lessikali tat-taħdit f'oqsma tal-ħajja ta' kuljum li nużaw aħna stess jew nafu li jintużaw fi nħawi differenti tal-gżejjer Maltin.
IL-BIDLA SOĊJALI

## L-Aspett tas-Suġġett: Is-smigħ fil-ħajja ta' kuljum, it-tħaddim tal-grammatika u l-letteratura

1. Nifhem u nwieġeb għamliet differenti ta' mistoqsijiet li jsiruli fuq firxa ta' suġġetti, f'kuntesti u sitwazzjonijiet differenti.
2. Naqbad punti speċifiċi u dettalji kif ukoll espressjonijiet waqt li xi ħadd ikun qiegħed jitkellem miegħi jew ma' oħrajn bħal f'taħdita informali, preżentazzjoni, spjegazzjoni, intervista, rakkont awtobijografiku qasir, diskussjoni, u l-bqija.
IT-TAGĦLIM KONJITTIV
3. Nagħraf tonijiet, vuċijiet u ġesti differenti mħaddma fil-ħajja ta' kuljum fl-irrakkontar ta' stejjer, qari ta' poeżiji, reċti, aħbarijiet, diskorsi formali u informali bħat-ton ironiku u sarkastiku.
4. Nagħraf il-ġeneru ta' test li nisma', anke jekk imwassal b'mezzi teknoloġiċi, bħal rapport, artiklu, silta ta' tagħrif, u l-bqija; nislet u nagħraf l-iskop u l-argument ewlieni tagħhom u l-informazzjoni prinċipali.
IL-KOMUNIKAZZJONI
IT-TAGĦLIM KONJITTIV
5. Nisma' b'attenzjoni u nifhem siltiet fattwali u fittizji; inwieġeb mistoqsijiet diretti, inferenzjali u miftuħa, kemm bil-fomm kif ukoll bil-kitba fuqhom u nqabbilhom mal-esperjenzi tiegħi.
6. Nifhem u nsegwi l-ordni jew is-sekwenza li fiha jingħataw sett ta' istruzzjonijiet marbutin ma' kuntesti tal-ħajja tiegħi ta' kuljum, fosthom dawk li nisma' fuq mezzi tal-midja, li jkun fihom vokabularju addattat għas-sitwazzjoni, ngħidu aħna, istruzzjonijiet ta' riċetta, ta' kif inħaddem apparat elettroniku.
IL-KOMUNIKAZZJONI
IT-TAGĦLIM KONJITTIV
7. Nisma', insegwi, u nifhem avviżi u twissijiet li niltaqa' magħhom fil-ħajja tiegħi ta' kuljum u fis-soċjetà ta' madwari fosthom dawk immirati għall-pubbliku inġenerali fuq il-mezzi tax-xandir bħal avviż dwar toroq magħluqa jew qtugħ tal-provvista tal-elettriku, u l-bqija.
IL-KOMUNIKAZZJONI
NITGĦALLEM BIEX INSIR NAF
8. Nifhem direzzjonijiet dwar postijiet, li nista' nkun midħla tagħhom jew le, billi nħaddem il-memorja awditorja biex niftakar dettalji importanti.
9. Nisma', insegwi u nifhem siltiet informattivi, rapporti u aħbarijiet dwar suġġetti li naf jew li qatt ma smajt bihom filwaqt li nislet dettalji biex ngħaddihom fil-qosor lil ħaddieħor bħal rapport fuq inċident, rapport bi ftit statistika, rapport tat-temp, aħbarijiet sportivi, aħbarijiet interessanti minn pajjiżi oħra, u l-bqija.
IT-TAGĦLIM KONJITTIV
10. Insegwi diskussjoni b'konċentrazzjoni biex inkun nista' naħkem il-punti ewlenin tagħha u nużahom għal għanijiet differenti bħal biex naqsam l-ideat tiegħi mal-oħrajn, infassal xi biċċa xogħol, insolvi problema, niċċara

xi punti fejn ikun hemm nuqqas ta' qbil jew opinjonijiet diverġenti, u l-bqija.

11. Insegwi u nifhem riklami filwaqt li nislet u nimmemorizza dettalji importanti minnhom, bħal reklam fuq kunċert li se jsir f'Malta, reklam fuq prodott ġdid fis-suq, reklam ta' karozza jew logħba diġitali.
12. Nisma' test letterarju u nagħraf il-plott, l-ambjent u l-karatteristiċi ewlenin tal-karattri prinċipali u sekondarji, insegwi d-diskors dirett bejn żewġ karattri jew aktar, u nagħraf tixbihat, aġġettivi u karatteristiċi oħra tal-lingwaġġ bħall-figuri tal-ħoss u t-taħdit, it-ton, u l-effetti tagħhom fuq ir-rakkont.
13. Nisma' u nsegwi kanzunetti filwaqt li nislet ħsibijiet u sentimenti li jkunu qed iwasslu.

NITGĦALLEM INKUN JIEN

14. Filwaqt li nisma' testi fattwali, ninqeda bi strateġiji biex jgħinuni nifhem aħjar dak li nkun smajt u nkun kapaċi nitkellem jew nikteb u nelabora fuqhom bħal teħid ta' noti, ġbir ta' kliem ewlieni, frażijiet fil-qosor, u l-bqija.
15. Nifhem meta jkellmuni b'reġistri differenti tal-Malti fosthom fuq oqsma bħall-Matematika, ix-Xjenza, il-Ġeografija, l-Istudji Soċjali, l-Istorja, ir-Reliġjon, it-Teknoloġija tal-Informatika, ix-Xjenza Domestika, l-Arti, l-Edukazzjoni Fiżika u d-Disinn Teknoloġiku, l-Istudju fuq l-Iżvilupp Personali, id-Drama u l-Arti Espressiva.

## L-Aspett tas-Suġġett: Il-qari fil-ħajja ta' kuljum, it-tħaddim tal-grammatika u l-letteratura

1. Naqra bis-sens, b'leħen ċar, b'ritmu mexxej u b'kunfidenza u nifhem kitbiet ta' ġeneri differenti ta' bosta kittieba, f'qalbi, għal rasi, fis-skiet, għall-gost, quddiem ħaddieħor, ma' oħrajn, u l-bqija, ngħidu aħna, riċetti, poeżiji, novelli, drammi, gazzetti, rivisti, stejjer tal-biża', tad-daħk, mistħajla, u ta' vera, bijografiji, awtobijografiji, u l-bqija.

IL-QARI U L -FEHIM

2. Nagħraf li l-awturi jinqdew bi stili u forom differenti ta' kitba, ngħidu aħna, bir-rima, ir-ritmu, il-personfikazzjoni, il-metafori, l-iperbole u figuri oħra tat-taħdit u tal-ħoss fil-poeżiji; bid-daħla, il-qalba u l-għeluq f'esej; bil-plott u s-sottoplott, l-ambjent u l-karattri fi storja; bil-vuċijiet differenti fir-rakkonti, u l-bqija.
3. Nifhem dak li naqra, ngħarblu, nifforma opinjoni dwaru u nesprimiha; inwieġeb mistoqsijiet diretti, inferenzjali u miftuħa fuqu; nagħraf jekk kitba tkunx mistħajla jew realistika; nagħraf il-messaġġi li jrid iwassal l-awtur anke dawk impliċiti u kif dawn jolqtu lill-qarrejja; inqabbel dak li naqra mal-esperjenzi tiegħi u ta' ħaddieħor; nirrifletti fuq il-kuntest u ż-żmien li fih saret il-kitba, u l-bqija.

NITGĦALLEM KIF

4. Nagħżel x'kitbiet naqra skont il-gosti tiegħi u l-informazzjoni li neħtieġ billi naqra t-titlu, is-sottotitli, il-werrej, il-kapitli, in-numri tal-paġni, it-taqsimiet, ix-xbihat jew l-istampi, il-kepxins, il-qoxra ta' quddiem u ta' wara, l-indiċi, il-kelmtejn tal-bidu, il-messaġġ fuq il-qoxra u l-biblijografija; kull meta mmur infittex xi kotba fil-librerija jew infittex informazzjoni f'enċiklopedija jew infittex informazzjoni f'siti elettroniċi, u l-bqija.

L-UŻU TAL-MIDJA DIĠITALI

IT-TAGĦLIM PERSONALI

5. Nislet minn testi narrattivi, deskrittivi, argumentattivi ħfief u fattwali mhux biss il-punti ewlenin imma wkoll dawk sekondarji, billi nimxi mat-tifsila tal-ħsibijiet jew il-mixja tal-ġrajja/iet jew l-iżvilupp tematiku u nagħżel bejn il-kliem, il-frażijiet u s-sentenzi l-aktar importanti u dawk li mhumiex.

IT-TAGĦLIM KONJITTIV

6. Infittex it-tagħrif fuq għadd ta' temi minn sorsi differenti skont il-ħtieġa u l-gosti tiegħi, ngħidu aħna, minn kotba, enċiklopediji, kotba ta' referenza, gazzetti, magażins, fuljetti, l-internet, bijografiji u awtobijografiji, kotba tal-istorja, u l-bqija.

PRATTIKA

7. Nagħraf li ġeneri differenti ta' kitba għandhom funzjonijiet differenti u jinqdew b'reġistri differenti, ngħidu aħna, riklami biex ibigħu, kotba fattwali biex jgħallmu, rumanzi popolari biex jagħtu gost, novelli umoristiċi biex idaħħku, gazzetti biex jinfurmaw, u l-bqija.
8. Nagħraf li f'istruzzjonijiet, direzzjonijiet, preskrizzjonijiet u l-bqija, il-kittieba jinqdew bl-Imperattiv u bi kliem li juri direzzjonijiet, fosthom l-avverbji bħal, ngħidu aħna, f'testi bħal riċetti, listi ta' regolamenti, applikazzjonijiet, manwali, logħob diġitali, mappi informattivi, u l-bqija.
9. Inbassar xi jfisser kliem tqil u espressjonijiet li ma nkunx naf mis-sens tas-sentenzi/paragrafu/i, u/jew mill-

kuntest, billi fost oħrajn inxebbah kliem m'ieħor, ngħidu aħna, il-kliem mal-mamma u l-għerq, in-nomi mnissla minn nomi oħra bħall-mimmati, id-diminuttivi/l-akkrexxittivi, u l-bqija, bħal *ġnejna* minn *ġnien*; *trejqa* minn *triq*; *banketta/bankun* minn *bank*; *furkettun* minn *furketta*; *paletta* minn *pala*.
IT-TAGĦLIM KONJITTIV

10. Naqra u nifhem silta billi nieħu biss it-tagħrif li neħtieġ billi naqra xi kliem, frażijiet jew sentenzi biss, jew kliem u stampi biss, u l-bqija, ngħidu aħna, meta nfittex ħin partikulari f'orarju jew destinazzjoni speċifika fi skeda, tagħrif fuq suġġett wieħed f'enċiklopedija, aħbar waħda minn bosta f'sit elettroniku, u l-bqija.
L-UŻU TAL-MIDJA DIĠITALI
IT-TAGĦLIM KONJITTIV
11. Jien u naqra nidentifika l-verbi u nintebaħ f'liema temp (l-Imperattiv jew l-Indikattiv) u aspett qegħdin jitħaddmu ħalli b'hekk inkun nista' nifhem aħjar xi nkun qiegħed naqra.
IT-TAGĦLIM KONJITTIV
12. Naqra b'vuċi għolja u b'mod korrett, ħaj u espressiv, b'intonazzjoni u waqgħat tal-leħen skont kif titlob il-punteġġjatura tat-test li qed naqra biex min qed jismagħni jifhem sewwa l-ħsieb u l-messaġġ li jrid iwassal it-test.
IL-QARI U L -FEHIM
IL-PREĊIŻJONI
13. Ninqeda sew b'dizzjunarji u teżawri biex infittex il-kliem li ma nkunx naf xi jfisser, kif jinkiteb, kif jingħad u kif jinqara, fi kliem ieħor, billi nuża l-ordni alfabetiku, l-għerq jew iz-zokk morfemiku, il-mamma jew il-forma ewlenija tal-kelma, l-etimoloġija, u l-bqija.
IT-TAGĦLIM PERSONALI
IT-TAGĦLIM KONJITTIV
14. Naqra reġistri differenti tal-Malti fosthom fuq oqsma bħall-Matematika, ix-Xjenza, il-Ġeografija, l-Istudji Soċjali, l-Istorja, ir-Reliġjon, it-Teknoloġija tal-Informatika, ix-Xjenza Domestika, l-Arti, l-Edukazzjoni Fiżika u d-Disinn Teknoloġiku, l-Istudju fuq l-Iżvilupp Personali, id-Drama u l-Arti Espressiva.
15. Mill-qari, nislet l-ideat ewlenin minn dawk sekondarji u nagħtihom bil-fomm jew bil-kitba f' taqsira jew punti.
IT-TAGĦLIM KONJITTIV

## L-Aspett tas-Suġġett: Il-kitba fil-ħajja ta' kuljum, it-tħaddim tal-grammatika u l-letteratura

1. Insib mudelli tajbin ta' kitbiet differenti biex inżid il-vokabularju, l-espressjoni u l-użu idjomatiku ta' kitbieti skont l-għanijiet tiegħi u l-udjenzi li għandi f'moħħi.
2. Naħseb kif se nippjana l-ideat u norganizzahom b'loġika u/jew sekwenza meta, fost oħrajn, ninseġ għanqbuta ta' ħsibijiet, mappa kunċettwali, lista, u l-bqija, u minnhom infassal abbozzi għal kitbieti, skont l-għanijiet u l-udjenza tal-kitba tiegħi.
L-IPPJANAR U R- RIFLESSJONI
3. Nieħu noti waqt li nkun qed nirriċerka jew nisma' taħdita u niftaħ fuqhom biex nużahom aktar tard f'xogħlijiet tiegħi, fosthom b'mezzi teknoloġiċi u diġitali.
PRATTIKA
4. Inqassam il-kitba tiegħi f'paragrafi ta' qisien differenti skont it-tifsila mitluba mill-ġeneru li nkun qed nikteb u norbothom flimkien biex ikollhom kontinwità, loġika u koerenza.
L-IPPJANAR U R- RIFLESSJONI
5. Nikteb kepxins konċiżi għal ritratti jew stampi ta' ġrajjiet u avvenimenti mix-xena mużikali, sportiva, kulturali u ċinematografika, u l-bqija.
L-UŻU TAL-MIDJA DIĠITALI
6. Noħloq slowgans fuq temi fattwali u norbot magħhom stampi jew ritratti li jaqblu magħhom.
IT-TAGĦLIM KREATTIV
L-UŻU TAL-MIDJA DIĠITALI

7. Inżomm inventarju ta' oġġetti li jkun hemm f'postijiet bħall-klassi, kamarti, xi ħanut, u l-bqija.
INTERPERSONALI
8. Nikteb rakkonti fittizji bħal tal-fantaxjenza, tas-seħer, tal-biża', u l-bqija, ta' bejn 200 u 250 kelma li jkun fihom karattri, ġrajjiet, postijiet u ambjenti.
9. Nikteb kitbiet fattwali, fosthom komponimenti, artikli u rapporti, fuq firxa ta' temi b'tagħrifiet u aħbarijiet mid-dinja tax-xjenza u t-teknoloġija ta' bejn 200 u 250 kelma wara li nkun fittixt u rriċerkajt fuqhom.
IL-KITBA
10. Nikteb kitbiet argumentattivi fejn infisser il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' pożizzjoni, opinjoni u l-bqija ta' bejn 200 u 250 kelma bbażati fuq informazzjoni riċerkata.
IL-KITBA
NITGĦALLEM KIF
11. Nikteb il-ġrajjiet tal-ġurnata fi djarju u nesprimi opinjonijiet personali, il-ġudizzji u r-riflessjonijiet tiegħi fuq uħud minnhom.
12. Nikteb poeżiji jew taqbiliet ta' ġeneri u forom differenti għall-gost fuq temi li jolqtuni u li jkun fihom figuri tat-taħdit u tal-ħoss sempliċi.
IL-KITBA
IT-TAGĦLIM KREATTIV
13. Nieħu ħsieb li nikteb jew nittajpja kitbieti b'Malti ħieles mill-iżbalji tas-sintassi, tal-morfoloġija u l-grammatika, tal-ortografija u tal-punteġġjatura u nippreżentahom ċari u puliti.
IL-PREĊIŻJONI
IL-KOMUNIKAZZJONI
14. Ninqeda bil-mezzi teknoloġiċi moderni biex nippreżenta kitbieti b'tipi tal-Malti bħal meta nikteb ittra elettronika, nippreżenta proġett, u l-bqija.
IL-KOMUNIKAZZJONI
L-UŻU TAL-MIDJA DIĠITALI
15. Nikteb proċessi, twissijiet u direzzjonijiet f'kuntesti differenti.
IT-TAGĦLIM KONJITTIV
16. Infassal bil-kitba għadd ta' mistoqsijiet, u, jekk meħtieġ, it-tweġibiet tagħhom ukoll, biex nużahom għal skopijiet varji waqt intervista bħal biex niġbor informazzjoni, tagħrif bijografiku, opinjoni, u l-bqija.
PRATTIKA
17. Nikteb testi b'reġistri differenti tal-Malti fosthom fuq oqsma bħall-Matematika, ix-Xjenza, il-Ġeografija, l-Istudji Soċjali, l-Istorja, ir-Reliġjon, it-Teknoloġija tal-Informatika, ix-Xjenza Domestika, l-Arti, l-Edukazzjoni Fiżika u d-Disinn Teknoloġiku, l-Istudju fuq l-Iżvilupp Personali, id-Drama u l-Arti Espressiva.
18. Inqabbel testi jew siltiet letterarji tal-istess ġeneru (poeżija jew proża) u nsib fihom elementi komuni u/jew differenti fil-karatterizzazzjoni, l-isfond u l-ġrajja.
19. Nikteb reċensjoni ta' film/dramm li nkun rajt u ktieb li nkun qrajt u nagħti l-fehmiet tiegħi fuq il-produzzjoni artistika, il-ġrajja, il-karattri, u l-bqija.
IT-TAGĦLIM KREATTIV

# LIVELL 8

## L-Aspett tas-Suġġett: It-Taħdit

1. Nuża sew ir-ritmu tat-taħdit, il-volum ta’ leħni u l-preċiżjoni fl-artikulazzjoni tal-kliem mas-sitwazzjoni li nkun qed nitkellem fiha billi niddistingwi kif napplikahom f’oqsma varji tat-taħdit bħal, ngħidu aħna, f’taħdit wiċċ imb wiċċ ma’ persuna waħda jew ma’ grupp, bit-telefown u mezzi oħra tal-midja soċjali kemm b’reġistri formali kif ukoll b’dawk informali.
2. Nagħmel talbiet u mistoqsijiet biex nikseb it-tagħrif li neħtieġ billi naddatta l-livell ta’ formalità fit-taħdit tiegħi skont is-sitwazzjoni, il-kuntest u l-udjenza bħal meta nitlob informazzjoni fuq id-drittijiet tiegħi bħala konsumatur, u l-bqija.
3. Nitkellem b’mod ċar fuq fatti, nagħti spjegazzjonijiet, istruzzjonijiet, rakkonti u deskrizzjonijiet iddettaljati u preċiżi billi nagħraf inqabbel il-kontenut u l-livell ta’ dettall meħtieġa skont is-sitwazzjoni u l-kuntest li jkun bħal meta nagħti istruzzjonijiet biex issir xi ħaġa għall-ewwel darba jew lil persuna ġdida.
4. Nippreżenta l-informazzjoni li nkun ġbart u l-ideat tiegħi f’sekwenza u marbutin flimkien billi ninkludi d-dettalji kollha u nsaħħaħ fejn meħtieġ b’eżempji, evidenza u riċerka oħra.
5. Inwieġeb mistoqsijiet fuq firxa ta’ temi li jitolbu dettalji jew ħafna informazzjoni, fost l-oħrajn wara li nagħmel ir-riċerka meħtieġa, u hekk l-interlokutur jagħraf il-livell ta’ għarfien tiegħi tas-suġġett.
6. Nitkellem b’mod mexxej b’reġistri differenti tal-Malti mħaddma fil-Matematika, il-Fiżika, il-Kimika, il-Bijoloġija, il-Ġeografija, l-Istudji Soċjali, l-Istorja, ir-Reliġjon, it-Teknoloġija tal-Informatika, ix-Xjenza Domestika, l-Arti, l-Edukazzjoni Fiżika u d-Disinn Teknoloġiku, l-Istudju fuq l-Iżvilupp Personali, id-Drama, l-Arti Espressiva u s-suġġetti vokazzjonali.
7. Nitkellem fuq għadd ta’ ġrajjiet kurrenti li nkun qrajt jew smajt fil-ġurnali jew fl-aħbarijiet ta’ kuljum.
8. Nesponi minn angoli u pożizzjonijiet differenti temi ta’ interess ġenerali bħad-divertiment, l-ivvjaġġar, il-migrazzjoni, iż-żgħożija, id-dinja tax-xogħol, l-ambjent, il-politika, u nispjega l-impatt li dawn għandhom fuqi bħala individwu kif ukoll fuq is-soċjetà ta’ madwari.
9. Insegwi u nieħu sehem f’diskussjoni fuq firxa ta’ temi diretti fejn il-kelliema jista’ jkollhom għanijiet differenti minn ta’ xulxin bħalma jiġri fil-laqgħat tal-kunsilli lokali, skolastiċi, tal-komunità, u oħrajn.
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
10. Inwieġeb għall-fehmiet tal-oħrajn li ma jaqblux miegħi f’diskussjonijiet ta’ suġġett/i sensittiv/i bla ma jħossuhom mhedda jew maħnuqa minni.
    IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
11. Nirrispetta r-regoli tad-diskussjoni fejn kulħadd jingħata ċ-ċans li jitkellem u jfisser fehmietu bla biża’ u xkiel.
    NITGĦALLEM NGĦIX MA' ĦADDIEĦOR
12. Meta nkun qed immexxi diskussjoni, nuża espressjonijiet u ġesti verbali/nonverbali biex nistieden lil ħaddieħor jipparteċipa fid-diskussjoni xħin imissu.
13. Nuża l-frażijiet it-tajba biex nintervjeni fid-diskussjoni jew l-argument; nagħti l-fehma tiegħi fil-mument opportun u skont il-kuntest u norbotha ma’ dak li jkun qed jiġi diskuss.
14. Niddiskuti ma’ sħabi u ma’ adulti l-bidla kontinwa li għaddejja minnha l-kultura tagħna meta mqabbla ma’ dik ta’ qabel biex, filwaqt li napprezza t-tajjeb ta’ qabel, nifhem aħjar li l-kultura hija ħajja u tinbidel kontinwament, u rridu naġġornaw lilna nfusna magħha.
    IL-BIDLA SOĊJALI
    NITGĦALLEM KIF
15. Niddiskuti u nanalizza ma’ sħabi għażla ta’ testi miktubin, letterarji u mhumiex, moderni u qodma, u nagħraf kif għadd ta’ elementi minn ilsna barranin daħlu u ntgħaġnu f’oqsma differenti tal-lingwa Maltija li nużaw illum.

## L-Aspett tas-Suġġett: Is-smigħ

1. Naqbad il-punti ewlenin, espressjonijiet idjomatiċi kumplessi u dettalji oħra waqt li xi ħadd jitkellem miegħi jew ma' oħrajn bħal meta nisma' djalogu, diskursata, intervista, rakkont awtobijografiku jew taħdita formali.
2. Niddistingwi u nifhem tonijiet, vuċijiet u ġesti ta' firxa wiesgħa ta' diskorsi, fosthom ironiċi, sarkastiċi u iperboliċi u nirreaġixxi għalihom b'mod verbali u mhux verbali bħal b'ġesti.
3. Nagħraf il-ġeneru ta' test, anke jekk imwassal b'mezzi teknoloġiċi, li nkun qed nisma', bħal rapport, artiklu, silta ta' tagħrif, u l-bqija, billi nagħżel il-fatti mill-opinjonijiet, u x'qiegħed jingħad u kif qiegħed jingħad.
4. Insegwi l-loġika fl-ordni li jkunu ngħataw sett ta' istruzzjonijiet u spjegazzjonijiet filwaqt li nagħti attenzjoni speċjali għall-użu ta' reġistri partikulari u nagħraf id-differenza bejn verbi li jixtiebhu bħal: *aħmi* jew *sajjar*, *ħawwad* jew *agħġen*, *berred*, *kessaħ* jew *iffriża*.
5. Nisma', insegwi u nifhem id-dettalji fl-avviżi u t-twissijiet li nista' ma nkunx midħla tagħhom; nidentifika min qiegħed joħroġhom kif ukoll għal min huma intenzjonati bħal, ngħidu aħna, l-avviżi lill-baħħara u s-sajjieda.
   NITGĦALLEM NGĦIX MA' ĦADDIEĦOR
6. Nifhem direzzjonijiet lejn postijiet li jien midħla tagħhom jew m'iniex, inħaddem il-memorja awditorja u nagħti d-direzzjonijiet li nisma' fi kliemi.
7. Nisma', insegwi u nifhem sensiela ta' rapporti, taħditiet u aħbarijiet li naf jew li qatt ma smajt bihom filwaqt li norganizzahom f'moħħi, ninterpretahom u nevalwahom biex inkun nista' nagħti fatti u dettalji fuqhom.
   KONJITTIVA
8. Insegwi, nifhem, nislet u nimmemorizza dettalji importanti f'reklam filwaqt li ninterpreta u nevalwa dal li nkun smajt fi kliemi.
   PERSONALI
9. Insegwi u naħkem il-punti ewlenin ta' diskussjoni li jista' jkollha għanijiet differenti u mhux dejjem ikollha sekwenza lineari imma jkollha devjazzjonijiet u ritorni li jalternaw, bħal diskussjoni fejn taqsam l-ideat tiegħek mal-oħrajn, tfassal xi biċċa xogħol, issolvi problema, tiċċara xi punti fejn ikun hemm nuqqas ta' qbil jew opinjonijiet diverġenti, u l-bqija.
   L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
10. Nisma' u nifhem testi u diskorsi b'reġistri differenti tal-Malti f'oqsma bħall-Matematika, il-Fiżika, il-Kimika, il-Bijoloġija, il-Ġeografija, l-Istudji Soċjali, l-Istorja, ir-Reliġjon, it-Teknoloġija tal-Informatika, ix-Xjenza Domestika, l-Arti, l-Edukazzjoni Fiżika u d-Disinn Teknoloġiku, l-Istudju fuq l-Iżvilupp Personali, id-Drama, l-Arti Espressiva u s-suġġetti vokazzjonali.
11. Nisma' b'attenzjoni u nifhem siltiet fattwali, nwieġeb mistoqsijiet diretti, inferenzjali u miftuħa fuqhom, kemm bil-fomm kif ukoll bil-kitba fuq dak li nkun smajt, nevalwahom u nifforma l-opinjoni tiegħi dwarhom.
   L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI

## L-Aspett tas-Suġġett: Il-Qari

1. Jien u naqra, inżomm ruħi ffokat fuq it-test, norbot parti ma' oħra biex nifhem is-sens sħiħ tat-test, u nqis mhux biss dak xi jkun hemm stampat jew muri fuq skrin, imma wkoll dak li jkun moħbi bejn il-linji.
2. Nagħraf li kitbiet jista' jkollhom stili u binjiet differenti skont l-għan/ijiet tal-awtur u l-udjenzi li jridu jilħqu, nevalwahom u nara jekk laħqux l-għan li għalih inkitbu u x'effetti joħolqu fuq il-qarrejja.
3. Naqra u nifhem testi deskrittivi, argumentattivi ħfief, fattwali u akkademiċi/ta' studju u minnhom nagħraf nislet l-informazzjoni prinċipali u nifhem it-termini speċifiċi, anke bl-għajnuna tal-għalliema jew ta' dizzjunarju.
4. Dak li naqra nifhmu sew, ngħarblu minn perspettivi differenti, nibni opinjoni fuqu, nesprimiha u niddiskutiha; fi kliem ieħor, nagħraf jekk kitba tkunx oġġettiva jew suġġettiva, nagħraf il-messaġġi espliċiti u impliċiti li joħorġu mit-test, inpoġġi lili nnifsi fiż-żarbun tal-awtur/protagonist/i u nistħajjel kieku jien kif inġib ruħi jew nesprimi ruħi, nagħraf u nifhem tonijiet differenti, ngħidu aħna, dak litterali, ironiku, sarkastiku, u l-bqija.
5. Jien u naqra nuża t-titli, is-sottotitli, il-werrej, il-kelmtejn ta' qabel, il-kapitli, ir-referenzi, il-kwotazzjonijiet, l-indiċi, il-biblijografija, l-istampi/xbihat/illustrazzjonijiet, u l-bqija, biex jgħinuni nifhem il-kitba li nkun qiegħed naqra u/jew nikseb l-informazzjoni li nkun irrid nikseb minnha.
6. Nislet, minn dak li naqra, il-punti ewlenin, il-punti sekondarji, il-punti mhux daqshekk importanti, il-messaġġi

moħbija u d-dettalji li jidhru biss fix-xbihat u/jew l-illustrazzjonijiet, billi nimxi mat-tifsila tal-ħsibijiet jew il-mixja tal-ġrajja/iet jew l-iżvilupp tematiku tal-kitba li nkun qiegħed naqra.

7. Naqra b'modi differenti skont għal xiex inkun qiegħed naqra, ngħidu aħna, skimmjar ta' test biex nieħu l-fil tiegħu jew impressjoni ġenerali; skennjar biex nidentifika informazzjoni partikolari; inkella qari fil-fond biex nifhem kull kelma u ma jaħrabli l-ebda dettall jew ħjiel, u l-bqija.
8. Nifhem li l-awturi fil-kitbiet tagħhom jinqdew b'reġistri differenti tal-lingwa biex jesprimu l-ħsibijiet u s-sentimenti tagħhom u għalhekk, mil-lingwa użata, nagħraf l-għan tal-kitba li nkun qiegħed naqra, ngħidu aħna, hijiex kitba għall-gost, informattiva, deskrittiva, narrattiva, argumentattiva, didattika, misħajla, fattwali, u l-bqija.
9. Inbassar xi jfisser kliem tqil li ma nkunx naf mis-sens tas-sentenzi/paragrafu/i, u/jew mill-kuntest, billi fost oħrajn inxebbah kliem m'ieħor, ngħidu aħna, il-verbi ta' forom imnisslin mal-forma ewlenija; naqsam kliem kompost f'biċċiet; nifred il-prefissi u/jew is-suffissi mill-kliem ewlieni; u l-bqija.
10. Jien u naqra nuża l-għarfien tiegħi ta' aspetti grammatikali, morfoloġiċi u sintattiċi, biex nifhem aħjar xi nkun qiegħed naqra, inbassar xi jkun se jiġri jew kif se jiżvolġi argument jew spjegazzjoni.
11. Naqra waħdi u quddiem udjenza, u ninqeda tajjeb bis-sinjali tal-punteġġjatura mhux biss biex naqra sew, imma wkoll biex nifhem u niftiehem aħjar.
12. Ninqeda sew b'dizzjunarji, teżawri u glossarji biex infittex il-kliem li ma nkunx naf xi jfisser, kif jinkiteb, kif jingħad u kif jinqara; fi kliem ieħor, billi nfittex skont l-ordni alfabetiku, l-għerq jew iz-zokk morfemiku, il-mamma jew il-kliem muftieħ, l-etimoloġija, u l-bqija; u billi nitgħallem xi jfissru l-abbrevjazzjonijiet ewlenin u nqis tagħrif ieħor li jipprovdu kotba ta' din ix-xorta.
13. Naqra u nifhem testi b'reġistri differenti tal-Malti mħaddma fil-Matematika, il-Fiżika, il-Kimika, il-Bijoloġija, il-Ġeografija, l-Istudji Soċjali, l-Istorja, ir-Reliġjon, it-Teknoloġija tal-Informatika, ix-Xjenza Domestika, l-Arti, l-Edukazzjoni Fiżika u d-Disinn Teknoloġiku, l-Istudju fuq l-Iżvilupp Personali, id-Drama, l-Arti Espressiva u s-suġġetti vokazzjonali.

## L-Aspett tas-Suġġett: Il-Kitba

1. Naf insib mudelli tajbin ta' kitbiet ta' ġeneri differenti biex inkattar il-vokabularju, l-espressjoni, l-użu idjomatiku, l-istil u t-tifsila ta' kitbieti skont l-għanijiet tiegħi u l-udjenzi li għandi f'moħħi.
2. Naqra kitbieti u nirrevedihom billi neditjahom, inneħħi r-repetizzjonijiet, inżid fejn meħtieġ, niċċara xi punti u norqomhom.
3. Fil-kitba tiegħi ninqeda b'sentenzi sħaħ, komposti u kumplessi, u norbot paragrafu m'ieħor skont sekwenza meta nikteb fuq temi kumplessi.
4. Nikteb kepxins bit-tagħrif essenzjali u konċiż għal ritratti ta' xogħlijiet artistiċi bħal skulturi u pitturi tal-arti klassika, moderna u astratta.
5. Nikteb riklami ta' bejn 50 u 70 kelma flimkien ma' slowgans marbutin magħhom.
   PRATTIKA
6. Nikteb ittri elettroniċi informali ta' bejn 50 u 70 kelma.
   IL-KOMUNIKAZZJONI
7. Nikteb istruzzjonijiet fuq kif tħaddem jew tuża apparati differenti bħal għodda, kompjuter, televixin, mowbajl, u l-bqija.
8. Nikteb rapporti ta' bejn 50 u 70 kelma fuq ġrajjiet u avvenimenti li seħħew.
9. Nikteb rakkonti fittizji, bħal dawk bi sfond storiku, polizjesk, marittimu, u l-bqija, ta' bejn 200 u 250 kelma li jkun fihom karattri, ġrajjiet, postijiet u ambjenti.
10. Nikteb rakkonti u poeżiji billi ninqeda b'vuċi ta' persuni, ħlejjaq, oġġetti, u l-bqija, animati/inanimati, skont kuntesti differenti fejn nuri simpatija, empatija, sens ta' rabja, dispjaċir, apprezzament, u l-bqija.
11. Nikteb testi u diskorsi b'reġistri differenti tal-Malti mħaddma fil-Matematika, il-Fiżika, il-Kimika, il-Bijoloġija, il-Ġeografija, l-Istudji Soċjali, l-Istorja, ir-Reliġjon, it-Teknoloġija tal-Informatika, ix-Xjenza Domestika, l-Arti, l-Edukazzjoni Fiżika u d-Disinn Teknoloġiku, l-Istudju fuq l-Iżvilupp Personali, id-Drama, l-Arti Espressiva u s-suġġetti vokazzjonali.

12. Nikteb bijografiji ta' bejn 250 u 300 kelma fuq kittieba, artisti, kantanti u atturi Maltin u barranin li jinkludu apprezzament tal-kontribut artistiku u kulturali tagħhom.
13. Nikteb kitbiet argumentattivi ta' bejn 250 u 300 kelma bbażati fuq informazzjoni riċerkata minn qabel u nagħti l-fehmiet u l-pożizzjonijiet personali tiegħi.
14. Nikteb taħdita fuq temi fattwali ta' bejn 250 u 300 kelma.
15. Nieħu ħsieb li nikteb jew nittajpja kitbieti b'Malti ħieles mill-iżbalji tas-sintassi, tal-morfoloġija u l-grammatika, tal-ortografija u tal-punteġġjatura, u nippreżentahom ċari u puliti.
    L-UŻU TAL-MIDJA DIĠITALI
16. Ninqeda bil-mezzi teknoloġiċi moderni biex nippreżenta kitbieti b'tipi tal-Malti bħal meta nikteb ittra elettronika, preżentazzjoni ta' proġett, u l-bqija.
    L-UŻU TAL-MIDJA DIĠITALI

## L-Aspett tas-Suġġett: Il-Letteratura

1. Niddistingwi u nifhem tonijiet, vuċijiet, ritmi u ġesti (bħal dawk ferriħija, imnikkta, nostalġiċi, misterjużi, ironiċi, sarkastiċi, iperboliċi, u l-bqija) ta' firxa ta' testi letterarji u napprezza l-effett tagħhom fil-kuntest tat-test u fuqi.
2. Nagħraf u nifhem kif jitħaddmu f'testi letterarji l-mudelli tal-ħoss bħall-alliterazzjoni, il-metru (regulari u /jew ħieles), l-onomatopea, ir-rima (mbewsa/alternata/interna/ħielsa), it-ton u napprezza l-effett tagħhom fil-kuntest tat-test u fuqi.
3. Nagħraf u nifhem kif jitħaddmu f'testi letterarji l-lingwaġġ figurattiv bħall-metafora, il-personifikazzjoni u s-similitudini u  l-mudelli rettoriċi bħar-repetizzjoni, l-anafora, l-apostrofi, l-iperbole, l-ironija, il-mistoqsija rettorika, is-sarkażmu; u napprezza l-effett tagħhom fil-kuntest tat-test u fuqi.
4. Nagħraf u nifhem kif jitħaddmu f'testi letterarji aspetti strutturali bħall-asindeto, il-polisindeto, l-enjambment, l-istrofa, ir-reġistru partikulari u napprezza l-effett tagħhom fil-kuntest tat-test u fuqi.
5. Nifhem u nagħraf li l-poeżiji jista' jkollhom strutturi differenti biex jilħqu għanijiet speċifiċi bħall-forma tas-sunett, is-saffika, il-ballata, l-eleġija, il-ħajku, il-poeproża, il-versi ħielsa, tradizzjonali, maħlula, u l-bqija.
6. Nifhem u nagħraf li kitbiet tal-proża (novelli, rumanzi u drammi) jista' jkollhom strutturi differenti biex jilħqu l-għanijiet speċifiċi tagħhom bħall-binja tal-plott ewlieni, il-ġrajjiet sekondarji, il-karattri prinċipali u karattri oħrajn, u l-bqija.
7. Nitkellem fuq kotba ta' qari bil-Malti li nkun qrajt, bħal rumanzi, novelli, drammi, praspar, u nagħti l-fehmiet tiegħi fuqhom mil-lat ta' narrattiva, karatterizzazzjoni, binja tal-plott, sfond storiku u ambjentali, il-valuri u l-messaġġi li jwasslu u hekk inħajjar lil ħaddieħor jaqrahom.
8. Nitkellem fuq ir-rabta li nara f' test letterarju bejn il-ħajja personali tal-kittieb, l-ambjent u ż-żmien li għex fih.
9. Inqabbel u nanalizza, bil-fomm jew bil-kitba, l-esperjenzi tiegħi ma' dawk imfissra f'testi letterarji.
    L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
10. Nitkellem u/jew nikteb dwar id-differenzi, ix-xebh u r-relevanzi li nara bejn xogħol letterarju u ieħor.
11. Meta nikteb jew nitkellem fuq testi letterarji, ninqeda  b'referenzi u kwotazzjonijiet minnhom biex insaħħaħ ir-riflessjonijiet, l-analiżi, l-opinjoni u/jew il-ġudizzji tiegħi fuqhom.
12. Nitkellem u/jew nikteb fuq test letterarju billi nuża t-terminoloġija addattata marbuta mal-forma, l-istruttura u l-kontenut, u kif din l-għodda titħaddem mill-poeta/l-awtur biex jintlaħqu l-effetti mixtieqa.
13. Nanalizza bil-fomm u/jew bil-kitba l-iżvilupp tal-karattri, il-ġrajja, l-udjenza, il-motiv, l-ambjent u t-tema ta' testi letterarji u nagħti l-interpretazzjoni personali tiegħi tagħhom.
14. Nieħu n-noti meħtieġa u ewlenin biex nibni fuqhom l-analiżi tiegħi ta' test letterarju, kemm bil-fomm kif ukoll bil-kitba.
15. Nagħraf u napprezza li fil-letteratura niltaqa' m' opinjonijiet differenti fuq kunċetti universali bħall-imħabba, l-ambjent, l-identità, u l-bqija.
    IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITA'
16. Insegwi u nifhem kanzunetti Maltin ta' stili u ġeneri differenti, nifhem il-lingwaġġ figurattiv tagħhom, u ninterpreta l-effett tagħhom fuqi filwaqt li nislet minnhom kwotazzjonijiet li jolqtuni.
    L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI

## L-Aspett tas-Suġġett: Il-Metalingwa

Il-konsonanti:

1. Naf kif isseħħ l-assimilazzjoni meta jkollok żewġ konsonanti qawwija fit-tarf, bħal *Il-ħobż mixwi; Radd ħajr; Sadd il-bir; Ħadd ma ġie.*
2. Naf li hemm għadd ta' konsonanti li jitleħħnu bħala ħoss wieħed imma jinkitbu kollha, bħal /zz/ li jinstemgħu /żż/ bħal f'*gazzetta*; ts/ds/dds/ li jinstemgħu /zz/ bħal f'*għadsa*; tx/ttx/dx/ddx/dtx li jinstemgħu /iċ/ bħal f'*ħattx*; sx/ssx/żx/żżx/ li jinstemgħu /xx/ bħal f'*ħażżx*.
3. Naf meta konsonanti likwida tista' toqgħod mingħajr vokali bħal meta tmiss magħha - warajha jew quddiemha - ikollha j/w bħal *bejnna, rawlna, ittrejnjajt.*

Il-vokali:

4. Naf nagħraf meta l-vokali tkun tal-kelma (etimoloġika); ewfonika (tal-leħen) jew servili (morfoloġika) fi kliem bħal *importanti, assassin, l-iskola, nilagħbu, pajjiżi, ħaddiema*, u l-bqija.
5. Naf meta għandi ninqeda bil-vokali tal-leħen quddiem nomi barranin li jibdew b'sekwenza ta' żewġ konsonanti wara xulxin (doppji jew mhux) bħal *l-ipparkjar, l-ivvjaġġar, l-istampar,* u l-bqija.

L-artiklu:

6. Naf li għandi nikteb l-artiklu quddiem xi ismijiet u xi drabi dan jassimila ruħu skont l-ewwel konsonanti bħal f'ismijiet bħal *Il-Gudja* mhux *Gudja*; *Ħaż-Żebbuġ* mhux *Ħaż Żebbuġ*, u l-bqija.
7. Naf li, billi fil-Malti ma jeżistix l-artiklu indefinit, xorta nistgħu noħolqu sens ta' indefinitezza bl-użu ta' wieħed/waħda, bħal *Kien hemm wieħed raġel...*
8. Naf li l-artiklu quddiem kliem li jibda bil-għ/h jista' joqgħod anke bil-vokali tal-leħen i bħal *l-/il-għasfur; il-/l-hena.*

Il-partiċelli:

9. Naf nikteb u nuża tajjeb it-taqsiriet ta' *lil / lill-* bħal *Tlabt 'l Alla* u *Tlabt 'il Pawlu; Rajna 'l-għalliema; Kellimt 'il-Papa.*
10. Naf meta l-prepożizzjonijiet *bi, xi, fi* ma jitqassrux quddiem kelma li tibda b'żewġ konsonanti bħal fi kliem bħal *bi dwiefer twal; bi mqass jaqta'; xi rrid; sejjer xi mkien; fi rziezet,* u l-bqija.
11. Naf meta l-prepożizzjoni *xi* ma titqassarx għax ikollha tifsira oħra bħal f'*xi iġmla; xi isqra; xi ilsna; xi isqof;* u l-bqija.
12. Naf nuża tajjeb fil-kitba tas-sentenzi l-konġunzjonijiet tas-subordinazzjoni bħal *iżda, imma, lanqas, madankollu*; u dawk tal-kundizzjoni bħal *kieku, jekk, li ma.*
13. Naf nuża tajjeb fil-kitba tas-sentenzi l-avverbji li juru kwantità, negazzjoni u mistoqsija bħal *bosta, qatt, kif.*

Il-verb:

14. Naf nuża verbi barranin (dawk ġejjin mir-Rumanz u l-Ingliż u ma integrawx ma' dawk Semitiċi) u fit-temp Perfett u l-persuna t-tajba fit-taħdit u fil-kitba ta' sentenzi bħal *Marc ipparkja l-karozza ħażin; It-tim ittrejnja ħafna; L-għalliem issejvja kollox fuq diska kompatta.*
15. Naf nuża verbi barranin (dawk ġejjin mir-Rumanz u l-Ingliż u ma integrawx ma' dawk Semitiċi) u fit-temp Imperfett u l-persuna t-tajba fit-taħdit u fil-kitba ta' sentenzi bħal *Marc jipparkja l-karozza ħażin; It-tim jittrejnja ħafna; L-għalliem jissejvja kollox fuq diska kompatta.*
16. Naf nuża verbi barranin (dawk ġejjin mir-Rumanz u l-Ingliż u ma integrawx ma' dawk Semitiċi) u fit-temp Futur u l-persuna t-tajba fit-taħdit u fil-kitba ta' sentenzi bħal *Marc se jipparkja l-karozza ħażin; It-tim ser jittrejnja ħafna; L-għalliem ser jissejvja kollox fuq diska kompatta.*

In-negattiv:

17. Naf kif nagħmel in-negattiv ta' verbi billi nuża l-partiċelli *la, qatt, ma, xejn* bħal *La tisraqx; Ma kienet tajba xejn; Qatt mhu se tarani aktar.*
18. Naf li nista' nqassar il-partiċella *ma* tan-negattiv f'*m'* meta taħbat quddiem vokali, għ jew h bħal *ma hemmx/m'hemmx; m'afdax/ma afdax.*

Iz-zokk morfemiku:

19. Naf li xi verbi, flok is-sistema tal-għerq, jużaw iz-zokk morfemiku flimkien ma' għadd ta' prefissi u suffissi biex inisslu kliem u tifsiriet ġodda, bħal miz-zokk *eduk* innisslu *nedukaw, edukajna, edukat, edukatur, edukattiv, maledukat,* u l-bqija.

Il-forom tal-verb Semitiku:

20. Naf kif jitnisslu verbi tat-2, il-5, it-3 u s-6 forma u napprezza t-tifsiriet differenti li jistgħu jwasslu, bħal *kiser idu, kisser it-tazza, tkisser bix-xogħol, il-ħġieġa tkissret; id-dar tbierket, il-qassir bierek l-iskola.*

Il-verbi komposti u awżiljari:

21. Naf nuża l-kelma *għad* biex infisser il-futur imbiegħed bħal *Għad jasal żmien li...*
22. Naf nibni u nħaddem il-verbi awżiljari *kien, qiegħed, kellu,* kemm waħidhom kif ukoll meta jintużaw quddiem verbi oħra bħal *kien jiekol, qiegħda tisma', kellu jiltaqa'.*

In-nomi:

23. Naf kif innissel nomi diminuttivi jew akkrexxittivi minn oħrajn ġejjin kemm mis-Semitiku kif ukoll mir-Rumanz bħal *ġnien-ġnejna; tifel-tfajjel; bank-banketta, bankun; furketta-furkettun; tromba - trumbetta* u *trumbun*.
24. Naf li hemm xi nomi li jitqiesu bħala singular meta jkunu juru ġemgħa bħal *folla nies, klassi tfal, mazz karti, serbut nemel, armata suldati.*
25. Naf li xi nomi barranin jista' jkollhom forom differenti tal-plural (kemm dak miksur kif ukoll dak sħiħ) bħal *bnadar/bandieri, toroq/triqat, bolli/bolol.*

Il-possessiv bl-istat kostrutt:

26. Naf inħaddem il-possessiv billi ninqeda bi frażijiet fl-istat kostrutt bejn żewġ nomi jew aktar bħal *bint is-sultan; f'daħlet Bieb il-Belt.*

Il-pronomi:

27. Naf nikteb sewwa l-pronomi mehmużin meta jingħaqdu ma' verbi (kemm fl-affermattiv kif ukoll fin-negattiv) u li jkollhom magħqudin magħhom l-oġġett dirett u anke dak indirett, speċjalment meta nuża l-pronomi tat-tielet persuna (u/hu/ha) f'nofs ta' kelma komposta bħal *għaddih, m'għaddihiex, għaddihulna, għaddihielna*.
28. Naf kif għandi nikteb il-partiċella *kontra* mas-suffissi pronominali bħal *kontrija, kontrih.*

L-aġġettiv:

29. Naf inħaddem l-aġġettiv fil-forma tas-superlattiv assolut kemm għal kliem mis-Semitiku kif ukoll dak barrani bħal *aħmar nar, interessantissimu, importantissimu.*

L-affissazzjoni:

30. Naf nagħraf li hemm għadd ġmielu ta' prefissi li nista' nuża fil-bini ta' kliem ġdid bħal minn *edukat* nagħmlu *maledukat, maledukazzjoni;* minn *isqof* nagħmlu arċ*isqof;* minn *nannu* nagħmlu *bużnannu.*
31. Naf meta għandi ngħaqqad il-prefissi mal-kelma u meta għandhom jibqgħu mifrudin bħal *antiklerikali, anti-Taljan.*
32. Naf li nista' nżid fin-nofs tal-għerq konsonanti barranija biex noħloq forma u tifsira ġdida tal-verb bħal *kiser-kisser, waqa'-waqqa'.*
33. Naf li ma' nomi, verbi u aġġettivi nista' nżid għadd differenti ta' suffissi (konsonanti u/jew vokali fuq wara tal-kelma) biex nibni kliem b'tifsiriet ġodda bħas-suffissi tal-plural sħiħ, is-suffissi pronominali u tal-perfett, fost l-oħrajn bħal *ommijiet, qalbek, ġabet.*

Is-sintassi:

34. Naf naqleb is-sentenza attiva għal dik passiva billi nuża kemm il-forom tal-verb kif ukoll il-partiċipju passiv, bħal *Il-qattus qabad il-ġurdien - Il-ġurdien inqabad/ġie maqbud mill-qattus.*

# LIVELL 9

## L-Aspett tas-Suġġett: It-Taħdit

1. Nitkellem b'kunfidenza, naddatta u nibdel il-mixja ta' kliemi, ngħolli jew inbaxxi l-volum ta' leħni, nartikula u nlissen sewwa l-kliem skont il-kuntest u l-għan tal-komunikazzjoni bħal meta nagħti taħdita jew preżentazzjoni.
2. Nitkellem għal tul ta' ħin skont kif jitlob il-kuntest, bi stili u reġistri differenti, b'mod kunfidenti, ċar u xieraq f'okkażjonijiet formali/informali u soċjali bħal meta jkolli nippreżenta xi informazzjoni waqt xi laqgħa fl-iskola, fuq ix-xogħol, f'kumitati lokali.
3. Nagħmel talbiet u mistoqsijiet b'reqqa biex nikseb tagħrif iddettaljat bħal meta nitlob informazzjoni fuq suġġetti u proċessi ġodda li jkunu jeħtieġu ammont konsiderevoli ta' dettalji bħal meta ndaħħal applikazzjoni għal xogħol u d-dokumenti/il-formoli li nibgħat.
4. Nuża firxa wiesgħa ta' lessiku u strutturi sintattiċi kumplessi biex nikkomunika kunċetti xjentifiċi, matematiċi u letterarji filwaqt li naddatta l-livell ta' formalità tal-lingwa u l-istil tat-taħdit skont l-udjenza u l-kuntest.
5. Nibni t-taħdit tiegħi b'mod strutturat billi nħaddem markaturi speċjali li jgħinu lis-semmiegħa jsegwu l-linja ta' ħsieb tiegħi bħal bl-użu ta' kliem ċavetta, l-enfasi b'tonalitajiet u b'ġesti nonverbali, u l-bqija.
6. Nippreżenta t-tagħrif, ir-riċerka u l-ideat tiegħi f'ambjent li fih is-semmiegħa jkunu mistiedna u jħossuhom komdi li jistaqsuni biex niċċaralhom xi punti u hekk jifhmu aħjar.
   NITGĦALLEM NGĦIX MA' ĦADDIEĦOR
7. Nitkellem billi nuża testi b'reġistri differenti tal-Malti fosthom fuq oqsma tal-Matematika, il-Fiżika, il-Kimika, il-Bijoloġija, il-Ġeografija, l-Istudji Soċjali, l-Istorja, ir-Reliġjon, it-Teknoloġija tal-Informatika, ix-Xjenza Domestika, l-Arti, l-Edukazzjoni Fiżika u d-Disinn Teknoloġiku, l-Istudju fuq l-Iżvilupp Personali, id-Drama, l-Arti Espressiva u s-suġġetti vokazzjonali.
8. Nitkellem fuq persuni jew għaqdiet li għenu u taw kontribut f'oqsma varji biex il-Malti llum huwa lsien nazzjonali u uffiċjali ta' pajjiżna.
9. Nitkellem wara li nkun irriċerkajt fuq il-kultura Maltija fil-kuntest ta' kulturi Mediterranji u Ewropej oħra.
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
10. Nagħti sehmi biex id-diskussjoni tiżvolġi kif mixtieq fejn fl-aħħar tagħha jinstabu soluzzjonijiet, isiru deċiżjonijiet u proposti maqbula u aċċettati minn kulħadd bħal diskussjonijiet b'temi serji u kunfliġġenti imma li jeħtieġu azzjoni bħal, ngħidu aħna, qbil fuq it-tindif tal-komun tal-blokka tagħkom; proposti fuq l-età tal-edukazzjoni obbligatorja; twaqqif ta' politika fuq l-inklużjoni ta' nies bi problemi ta' droga/xorb fil-klabb sportiv tal-lokal.
11. Nagħmel interventi u kontribuzzjonijiet siewja u f'waqthom biex niżblokka d-diskussjoni li tkun imwaħħla u ser tfalli.
12. F'diskussjoni, nagħraf naddatta l-kontribut tiegħi skont il-ħtiġijiet tal-udjenza, il-kuntest, l-iskop u s-sitwazzjoni, skont it-temi u l-ambjenti differenti bħal meta niddiskuti ma' tal-familja, l-iskola u ma' sħabi.
13. Nara li l-kontribut tiegħi f'diskussjoni jintrabat mat-tema diskussa, in-natura tal-grupp li qed jiddiskuti, il-grad t'urġenza f'dak li qed jiġi mitkellem u fatturi oħra, bħal meta nieħu sehem f'diskussjonijiet varji b'temi u f'ambjenti differenti bħal fil-każin tal-banda, fiċ-ċentru parrokkjali u l-klabb tal-futbol.
14. Naf nuża l-frażijiet it-tajba biex nidħol u nintervjeni waqt diskussjoni u nibdel is-suġġett mingħajr ma niddomina.
15. Naddatta l-kontribuzzjonjiet tiegħi f'diskussjoni billi nikkunsidra l-kontenut, it-tul ta' ħin u l-livell ta' dettall li jixirqu ċirkustanzi differenti.
16. Insostni l-fehmiet u l-argumenti tiegħi b'punti sodi, validi u konvinċenti, b'evidenza b'saħħitha biex nikkonvinċi lill-oħrajn u mhux billi ngagħalhom bilfors jaċċettaw il-fehmiet tiegħi.
    INTERPERSONALI
17. Nuża strateġiji varji biex insaħħaħ l-argumenti tiegħi bħal lingwaġġ xieraq u ġesti li jispiraw fiduċja u koperazzjoni fost il-kelliema biex tassew joħorġu l-fehmiet differenti bla biża' u b'mod kostruttiv.
    KONJITTIVA

18. Fi kliemi nuri rispett lejn il-kelliema l-oħra meta niddiskutu temi attwali li jqanqlu dibattitu qawwi minħabba l-opinjonijiet diversi u kunfliġġenti li jista' jkun hemm fejn jien nibqa' produttiv u kalm bla ma nintilef fis-saħna tal-argumentazzjoni.
IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITA'
19. Niddiskuti temi ta' natura lingwistika fil-kuntest Malti, imgħoddi u preżenti, bħal kemm tista' żżomm il-Malti safi bla indħil ta' kliem barrani, l-identità Maltija fir-realtà Ewropea u dinjija li qed issir multilingwi f'dinja li qed tiċkien u tavvanza tekonoloġikament kuljum, il-ħtiġijiet lingwistiċi futuri fid-dinja tax-xogħol u l-istudju.
20. Niddiskuti, nanalizza u napprezza d-djaletti differenti tal-Malti li nużaw bejnietna fit-taħdit ta' kuljum, liema djaletti jagħnu l-Malti biex jaqdina aħjar bħala lsien nattiv.

## L-Aspett tas-Suġġett: Is-smigħ

1. Naqbad punti speċifiċi u dettalji kif ukoll espressjonijiet idjomatiċi iktar kumplessi fi djalogu, diskursata, intervista, taħdita formali, rakkont awtobijografiku jew dibattitu, u l-bqija.
2. Niddistingwi bejn ton u ieħor, nifhem is-sarkażmu u l-ironija, u ninnota l-effett immedjat tagħhom fuq is-semmiegħa.
3. Nifhem meta jkellmuni u jużaw lingwaġġ figurattiv.
4. Nisma' b'attenzjoni u nifhem siltiet fattwali u fittizji, bħal diskorsi, dokumentarji, rapporti b'ċifri, dejta u statistika; inwieġeb mistoqsijiet, diretti, inferenzjali u miftuħa, kemm bil-fomm kif ukoll bil-kitba fuqhom; nevalwahom u ngħaddi l-ġudizzju tiegħi fuqhom billi nqabbilhom mal-esperjenzi tiegħi.
IT-TAGĦLIM KONJITTIV
5. Nagħraf il-ġeneru tat-taħdit li qed nisma', nislet il-fatti mill-opinjonijiet u nevalwahom skont iż-żmien, il-post u l-kuntest soċjali li fih ingħadu.
IT-TAGĦLIM KONJITTIV
6. Nisma' u nifhem testi b'reġistri differenti tal-Malti fosthom tal-Matematika, il-Fiżika, il-Kimika, il-Bijoloġija, il-Ġeografija, l-Istudji Soċjali, l-Istorja, ir-Reliġjon, it-Teknoloġija tal-Informatika, ix-Xjenza Domestika, l-Arti, l-Edukazzjoni Fiżika u d-Disinn Teknoloġiku, l-Istudju fuq l-Iżvilupp Personali, id-Drama, l-Arti Espressiva u s-suġġetti vokazzjonali.
7. Nifhem il-vokabularju magħżul apposta f'istruzzjonijiet użati f'sitwazzjonijiet li ma niltaqax magħhom fil-ħajja tiegħi ta' kuljum.
8. Nifhem direzzjonijiet dwar postijiet li jien midħla tagħhom jew m'iniex, inħaddem il-memorja awditorja, infassal xi mistoqsijiet biex nitlob iżjed dettall dwar dak li qed nisma' u nerġa' nagħti d-direzzjonijiet fi kliemi.
9. Nisma' u nsegwi l-kontenut u nifhem l-għanijiet ta' avviżi u twissijiet, imwassla bil-fomm jew b'mezzi oħra tax-xandir, anke ta' dawk li ma niltaqax magħhom fil-ħajja ta' kuljum.
10. Nisma', insegwi u nifhem sensiela ta' rapporti, taħditiet u aħbarijiet differenti; nagħti fatti u dettalji wara li ninterpreta u nevalwa dak li nkun smajt, fosthom il-messaġġi indiretti li jkunu qegħdin iwasslu bħal f'servizz televiżiv jew intervista.
11. Insegwi, nifhem, nislet u nimmemorizza dettalji importanti filwaqt li nevalwa u ninterpreta fi kliemi reklami ta' ġeneri differenti u li m'iniex midħla tas-suġġett tagħhom.
KONJITTIV

## L-Aspett tas-Suġġett: Il-Qari

1. Jien u naqra testi fittizji u fattwali, narrattivi, deskrittivi, spjegattivi u argumentattivi, nidentifika u nifhem il-ġrajjiet u/jew aspetti ewlenin u nagħżilhom mill-ġrajjiet/aspetti sekondarji u trivjali.
2. Jien u naqra test, nagħraf jekk neħtieġx nieħu r-rakkont, it-tema jew l-argument tiegħu b'mod litterali, inkella neħtieġx naqra bejn il-linji, nara l-messaġġi impliċiti, u jekk ikun meħtieġ, nirriċerka fuq is-suġġett f'sorsi oħra.
3. Nagħraf li ħafna testi jistgħu jaqdu funzjonijiet differenti u ma jinkitbux għal skop wieħed, u għalhekk it-testi li naqra rrid inħares lejhom minn perspettivi differenti; nifforma opinjoni fuq it-testi li naqra, nesprimiha u niddiskutiha; nagħraf jekk u meta l-kittieb ikun oġġettiv jew le; nagħraf il-messaġġi espliċiti u impliċiti tagħhom;

inqis lili nnifsi daqslikieku l-awtur u nistħajjel kieku jien kif inġib ruħi jew nesprimi ruħi; nagħżel bejn tonijiet differenti, ngħidu aħna, litterali, ironiku, didattiku, u sarkastiku, u l-bqija.

4. Nagħraf u niddeċiedi meta neħtieġ naqra l-punti ewlenin biss jew inkella wkoll il-punti sekondarji u l-punti mhux daqshekk importanti, u nagħraf u niddeċiedi meta neħtieġ inkun naf id-dettalji u/jew il-ħjiel kollha, jew inkella nista' ngħaddi biss bl-informazzjoni bażika jew elementari.
5. Meta naqra testi argumentattivi jew li jesprimu fehma jew opinjoni, ngħidu aħna, testi soċjali jew politiċi, nagħraf li dawn it-testi jkunu qegħdin jippreżentaw perspettiva partikolari li mhux bilfors tkun imparzjali, oġġettiva u rriċerkata; u għalhekk irrid niżen l-argumenti, nara jekk humiex sostnuti b'evidenza jew riċerka u nifforma l-fehma tiegħi fuq it-test mill-istħarriġ li nagħmel, mhux biss minn dak li naqra.
6. Naqra u nifhem testi b'reġistri differenti tal-Malti fosthom tal-Matematika, il-Fiżika, il-Kimika, il-Bijoloġija, il-Ġeografija, l-Istudji Soċjali, l-Istorja, ir-Reliġjon, it-Teknoloġija tal-Informatika, ix-Xjenza Domestika, l-Arti, l-Edukazzjoni Fiżika u d-Disinn Teknoloġiku, l-Istudju fuq l-Iżvilupp Personali, id-Drama, l-Arti Espressiva u s-suġġetti vokazzjonali.
7. Bħala qarrej ta' ċerta esperjenza, nagħraf reġistri differenti tal-lingwa u modi differenti ta' preżentazzjoni tal-fatti, il-ħsibijiet u s-sentimenti; u għalhekk mil-lingwa użata fil-kitba u mill-preżentazzjoni tagħha, nagħraf l-għan tal-kitba, ngħidu aħna, hijiex kitba għall-gost, informattiva, deskrittiva, narrattiva, argumentattiva, spjegattiva, didattika, misħajla, fattwali, u l-bqija; u hekk dak li naqra nagħraf napplikah fil-ħajja ta' kuljum tiegħi.
8. Jien u naqra nuża modi differenti ta' qari skont għal xiex inkun qiegħed naqra, iż-żmien li jkolli disponibbli, il-ħeffa tiegħi fil-qari u l-ħakma tiegħi tal-lingwa, ngħidu aħna, skimmjar ta' test biex nieħu l-fil tiegħu jew l-impressjoni ġenerali; skennjar biex nidentifika informazzjoni partikolari; inkella qari fil-fond biex nifhem kull kelma u ma jaħrabli l-ebda dettall jew ħjiel, u l-bqija.
9. Dak li naqra nkun kapaċi nagħmel taqsira tiegħu skont għal xiex inkun qrajtu, l-interessi u l-ħtiġijiet tiegħi.
10. Ninqeda sew b'dizzjunarji, teżawri, glossarji u enċiklopediji kemm mitbugħa kif ukoll diġitali biex infittex il-kliem li ma nkunx naf xi jfisser, fost oħrajn, kliem tekniku ta' reġistri differenti, billi nfittex skont l-ordni alfabetiku, l-għerq jew iz-zokk morfemiku, il-forma tal-verb jew nom, l-etimoloġija, u l-bqija; billi nagħraf il-prefissi u s-suffissi u nneħħihom mill-kliem biex infittex xi jfisser; billi nsegwi l-abbrevjazzjonijiet u l-għajnuniet mogħtija fl-istess testi, u billi nqis kull tagħrif ieħor li jagħtu testi ta' din ix-xorta.
    IT-TAGĦLIM PERSONALI

## L-Aspett tas-Suġġett: Il-Kitba

1. Nikteb rapporti ta' bejn 70 u 100 kelma kemm fuq ġrajjiet u avvenimenti li seħħew kif ukoll fuq oħrajn ipotetiċi.
2. Nikteb avviżi ta' bejn 70 u 100 kelma li jkollhom slowgans marbutin magħhom.
   PRATTIKA
3. Nikteb ittri elettroniċi u postali formali ta' bejn 70 u 100 kelma.
   IL-KOMUNIKAZZJONI
4. Nikteb rakkonti fittizji, bħal dawk bi sfond storiku, polizjesk, marittimu, u l-bqija, ta' bejn 300 u 350 kelma li jkun fihom karattri, ġrajjiet, postijiet u ambjenti.
5. Nikteb testi fuq temi kurrenti ta' bejn 300 u 350 kelma wara li nkun għamilt riċerka fuqhom.
   PERSONALI
6. Nikteb kitbiet argumentattivi ta' bejn 300 u 350 kelma bbażati fuq informazzjoni riċerkata minn qabel u nagħti l-fehmiet u l-pożizzjoni personali tiegħi fuqhom.
   IT-TAGĦLIM SOĊJALI
7. Nikteb kitbiet espożitorji ta' bejn 300 u 350 kelma bbażati fuq informazzjoni riċerkata minn qabel u nagħti l-fehmiet u l-pożizzjoni personali tiegħi fuqhom.
   IT-TAGĦLIM SOĊJALI
8. Nieħu ħsieb li nikteb jew nittajpja kitbieti b'Malti ħieles mill-iżbalji tas-sintassi, tal-morfoloġija u l-grammatika, tal-ortografija u tal-punteġġjatura u nippreżentahom ċari u puliti.
   L-UŻU TAL-MIDJA DIĠITALI

9. Ninqeda bil-mezzi teknoloġiċi moderni biex nippreżenta kitbieti b'tipi tal-Malti bħal meta nikteb ittra elettronika, nippreżenta proġett u l-bqija.
IL-KOMUNIKAZZJONI

## L-Aspett tas-Suġġett: Il-Letteratura

1. Nagħmel, bil-kitba u/jew bil-fomm, riflessjonijiet, analiżi, ġudizzji u kummenti letterarji kemm fuq testi studjati minn qabel kif ukoll fuq oħrajn li qatt ma nkun iltqajt magħhom filwaqt li nsostni kliemi u/jew kitbieti bi kwotazzjonijiet u/jew referenzi mill-istess testi.
2. Nevalwa b'għajnejn kritiċi, bil-fomm u/jew bil-kitba, ix-xebh u/jew id-differenzi bejn għadd ta' testi ta' ġeneri differenti, studjati minn qabel jew le, inxebbah l-ideat jew l-argumenti tagħhom, inqis l-udjenza, il-kuntest soċjali u storiku li fih inkitbu.
3. Insegwi u nifhem kanzunetti Maltin ta' stili u ġeneri differenti, nifhem il-lingwaġġ figurattiv tagħhom, ninnota l-karatteristiċi li jsawruh u ninterpreta l-effett tagħhom fuqi u fuq l-ambjent ta' madwari filwaqt li nislet kwotazzjonijiet li laqtuni mis-smigħ tagħhom.
IL-BIDLA SOĊJALI
4. Niddistingwi u nifhem tonijiet, vuċijiet, ritmi u ġesti (bħal dawk ferriħija, imnikkta, nostalġiċi, misterjużi, ironiċi, sarkastiċi, iperboliċi, u l-bqija) ta' firxa ta' testi letterarji u napprezza l-effett tagħhom fil-kuntest tat-test u fuqi.
5. Nagħraf u nifhem kif jitħaddmu f'testi letterarji l-mudelli tal-ħoss bħall-alliterazzjoni, il-metru (regulari u/jew ħieles), l-onomatopea, l-eliżjoni, ir-rima (imbewsa/alternata/interna/ħielsa), it-ton, u napprezza l-effett tagħhom fil-kuntest tat-test u fuqi.
6. Nagħraf u nifhem kif jitħaddmu f'testi letterarji l-lingwaġġ figurattiv bħall-metafora (għarfien ta' dik ċentrali), il-personifikazzjoni, is-sineddoke, u s-similitudini, u l-mudelli rettoriċi bħar-repetizzjoni, l-anafora, l-apostrofi, l-iperbole, l-ironija, il-mistoqsija rettorika, is-sarkażmu, u napprezza l-effett tagħhom fil-kuntest tat-test u fuqi.
7. Nagħraf u nifhem kif jitħaddmu f'testi letterarji aspetti strutturali bħall-asindeto, il-polisindeto, iċ-ċesura, l-enjambment, l-indenzjoni, il-paralleliżmu, l-istrofa, ir-reġistru partikulari u napprezza l-effett tagħhom fil-kuntest tat-test u fuqi.
8. Meta nikteb jew nitkellem fuq testi letterarji, ninqeda b'referenzi u kwotazzjonijiet minnhom biex insaħħaħ ir-riflessjonijiet, l-analiżi, l-opinjoni u/jew il-ġudizzji tiegħi fuqhom.
NITGĦALLEM INKUN JIEN
9. Nitkellem u/jew nikteb fuq test letterarju billi nuża t-terminoloġija addattata marbuta mal-forma, l-istruttura u l-kontenut, u kif din l-għodda titħaddem mill-poeta/l-awtur biex jintlaħqu l-effetti mixtieqa u niġġudika jekk dawn intlaħqux.
10. Nanalizza bil-fomm u/jew bil-kitba l-iżvilupp tal-karattri, il-ġrajja, l-udjenza, il-motiv, l-ambjent, l-istil u t-tema ta' testi letterarji u nagħti l-interpretazzjoni personali tiegħi fuqhom wara li nkun qist l-interpretazzjonijiet tal-oħrajn.
11. Nieħu n-noti meħtieġa u ewlenin biex nibni fuqhom l-analiżi tiegħi ta' test letterarju, kemm bil-fomm kif ukoll bil-kitba.
12. Nikklassifika testi letterarji skont temi universali bħall-imħabba, l-ambjent, l-identità, u l-bqija.

## L-Aspett tas-Suġġett: Il-Metalingwa

Il-konsonanti:

1. Naf meta l-konsonanti likwidi *m/l* jistgħu joqogħdu mingħajr vokali bħal f'*iġmla, jilmħu, rahomlha, tahomlha.*
2. Naf kif il-konsonanti likwidi jistgħu joqogħdu bejn żewġ konsonanti jekk waħda minnhom tkun *għ* jew *h* bħal f'*ehmżu, agħrfu, negħlbu, fehmti.*

Il-vokali:

3. Naf meta għandi ndaħħal il-konsonanti *j/w* meta jkun hemm il-vokali *i/u* quddiem vokali oħra fil-kelma bħal f'*duwa, zija.*

L-artiklu:

4. Naf li xi ismijiet propji barranin li jieħdu l-vokali tal-leħen fuq quddiem jibqgħu jinkitbu b'ittra kbira filwaqt li l-vokali tinkiteb żgħira. Dawn jistgħu jkunu ismijiet ta' prodotti, ditti jew ismijiet xjentifiċi bħal *l-iSprite, l-iStegosaurus,* u l-bqija.
5. Naf li l-artiklu jassimila u jinkiteb skont il-fonetika Maltija meta jaħbat quddiem nom li jinkiteb bil-lingwa oriġinali barranija bħal*,* ngħidu aħna, *ix-Ship Building, is-CID,* u l-bqija.

Il-partiċelli:

6. Naf nuża tajjeb fil-kitba tas-sentenzi l-avverbji li juru twettiq u dubju bħal *tajjeb, għandu mnejn,* u l-bqija.

Iz-zokk morfemiku:

7. Naf li xi kliem barrani li fil-lingwa oriġinali kellu l-istess zokk morfemiku, fil-Malti jista' jkollu zkuk differenti skont il-fonetika tagħhom bħal *magna/makkinarju; inkwadra/inkwatru/kwadrat; prietka, predikatur,* u l-bqija.
8. Naf li xi verbi li daħlu fil-Malti, speċjalment dawk ġejjin mill-Ingliż, jinbnew billi jirduppjaw l-ewwel konsonanti taz-zokk morfemiku u jżidu l-*j* quddiem is-suffiss tat-temp bħal *nipparkjaw, iffilmjajt, nipprintjaw.*

Il-forom tal-verb Semitiku:

9. Naf kif jitnisslu verbi tas-7/8, id-9 u l-10 forma u napprezza t-tifsiriet semantiċi differenti li jistgħu jwasslu bħal *Il-pulizija qabad lill-ħalliel li nqabad jisraq; Huma laqgħu lil sħabhom l-ajruport u wara ltaqgħu mal-familja kollha d-dar; Il-kap tal-iskola stieden lill-istudenti biex jipparteċipaw aktar.*

Il-parteċipju:

10. Naf kif nibni u nħaddem, skont funzjonijiet differenti, il-parteċipju attiv u passiv tal-verbi Semitiċi u barranin bħal *Ir-rieqed jinsab rieqed fl-għar; Max ir-rieqed; Kristu msallab, l-imsallab/il-mislub.*

It-tempijiet komposti

11. Naf inħaddem it-tempijiet komposti fl-Imperfett bl-użu ta' kliem bħal *qiegħed, kont, inkun* bħal f'*qiegħed naqra, kont naqra, tkun taqra.*

In-nomi:

12. Naf kif jitnisslu nomi li juru post, żmien, għodda u ġemgħa meta dawn isiru minn verbi Semitiċi bil-preformattiva *'m'* (in-nom mimmat) bħal *mitħna, mqass, Milied, mixtla*, kif ukoll oħrajn minn kliem barrani, speċjalment mir-Rumanz bħal *ġelaterija, pizzerija, piraterija, librerija, pastizzerija, stamperija,* u l-bqija.
13. Naf kif jitnisslu nomi astratti minn nomi, verbi jew aġġettivi li ġejjin kemm mis-Semitiku kif ukoll minn lingwi barranin bħal *abjad-bjuda; sabiħ-sbuħija; immaġni-immaġinazzjoni; jobgħod-mibegħda; spjega-spjegazzjoni; ikkonsulta-konsultazzjoni; perfett-perfezzjoni,* u l-bqija.

L-għadd tan-nomi

14. Naf li hemm xi nomi li jagħmlu l-plural tal-plural bħal *tarf-truf-trufijiet; darba-drabi-drabijiet;elf-eluf-elufijiet,* u l-bqija.

L-affissazzjoni:

15. Naf li hemm xi prefissi li ma jingħaqdux mal-kelma bħal *Aġent President, viċi sindku*, u l-bqija, filwaqt li hemm oħrajn li għax indraw ma jinfirdux bħal *primadonna,* u l-bqija.

NITGĦALLEM NGĦIX MA' ĦADDIEĦOR

16. Naf kif ngħaqqad u nikteb prefiss ma' prefiss ieħor quddiem xi kliem bħal *bużbużnannu, pitpitgħada, postpost-Moderniżmu,* u l-bqija.

# LIVELL 10

## L-Aspett tas-Suġġett: It-Taħdit

1. Nuża firxa wiesgħa ta' lessiku u strutturi sintattiċi kumplessi biex nikkomunika u nesponi kunċetti xjentifiċi, matematiċi, filosofiċi u eżistenzjali, letterarji u astratti filwaqt li naddatta l-livell ta' formalità tal-lingwa u l-istil tat-taħdit skont l-udjenza u l-kuntest.
2. Nitkellem wara li nkun irriċerkajt fuq kif il-kultura Maltija qed tinżamm ħajja mill-emigranti f'artijiet imbiegħda bħall-Awstralja, il-Kanada, u postijiet oħra Ewropej.
3. Immexxi diskussjonijiet billi nagħti l-opportunità lil kull parteċipant biex iħossu komdu li jesprimi ruħu, nagħraf nikkontrolla r-ritmu u l-firxa tal-argumenti, nagħraf noħroġ il-punti ta' qbil jew diverġenzi u nwassal id-diskussjoni għal għeluq xieraq.
   NITGĦALLEM NGĦIX MA' ĦADDIEĦOR
4. Niddiskuti, insostni u nibqa' nżomm il-pożizzjoni tiegħi quddiem l-oħrajn b'argumentazzjoni u evidenzi tajbin bla ma nonqos mir-rispett lejn l-oħrajn.
   NITGĦALLEM INKUN JIEN
5. Ninkoraġġixxi lill-parteċipanti ta' diskussjoni biex janalizzaw il-proposti mqajma u mressqa fid-diskussjoni.
   IL-BIDLA SOĊJALI
6. Nitkellem billi nesplora u niftaħ fuq il-kontribuzzjonijiet li jagħmlu l-oħrajn u niżviluppa l-fehmiet tiegħi skonthom.

## L-Aspett tas-Suġġett: Is-smigħ

1. Naqbad punti speċifiċi, dettalji u punti sekondarji, kif ukoll xi jkun qed jiġi implikat, u ngħarbel l-espressjonijiet idjomatiċi u l-lingwaġġ figurattiv meta xi ħadd ikun qiegħed ikellimni jew jitkellem ma' ħaddieħor.
2. Niddistingwi bejn ton u ieħor, nifhem is-sarkażmu, is-sardoniżmu u l-ironija, l-effett immedjat li jħallu dawn it-tonijiet u r-raġuni għalfejn ikunu qed jintużaw.
   IL-LINGWAĠĠ ESPRESSIV
3. Nagħraf il-ġeneru tat-taħdit li nisma' u nevalwah mill-fatturi stilistiċi, lessikali, narrattivi, u minn kemm iqanqal interess fis-semmiegħa.
   IL-LINGWAĠĠ ESPRESSIV
4. Nifhem l-istruzzjonijiet billi nsegwi l-ordni loġika li biha jkunu ngħataw filwaqt li nifhem mill-kuntest il-vokabularju u l-espressjonijiet magħżula apposta għall-istruzzjoni.
5. Nisma', insegwi u nifhem il-kontenut, l-għanijiet u l-konsegwenzi ta' avviżi u twissijiet imwassla bil-fomm jew xi mezz ieħor tax-xandir anke dawk li ma niltaqax magħhom fil-ħajja tiegħi ta' kuljum.
   KONJITTIV
6. Nifhem direzzjonijiet differenti u, filwaqt li nħaddem il-memorja awditorja, nagħti kas id-dettalji biex nifforma stampa mentali ċara u nkun kapaċi nidderieġi lil ħaddieħor.
7. Nisma' b'attenzjoni u nifhem siltiet fattwali u fittizji, fosthom diskorsi, dokumentarji, rapporti b'ċifri, dejta u statistika; inwieġeb mistoqsijiet diretti, inferenzjali u miftuħa kemm bil-fomm kif ukoll bil-kitba fuqhom; nevalwahom u ngħaddi l-ġudizzju tiegħi filwaqt li nibqa' imparzjali.

## L-Aspett tas-Suġġett: Il-Qari

1. Jien u naqra testi fittizji u fattwali (narrattivi, deskrittivi, spjegattivi, sentimentali, argumentattivi, umoristiċi, drammatiċi, u l-bqija) nidentifika, nifhem, nixtarr, nanalizza u niġġudika l-ġrajjiet u/jew aspetti ewlenin u dawk sekondarji jew trivjali u nagħżilhom minn xulxin skont il-ħtieġa.
2. Fil-qari tiegħi ta' test, kemm jekk nieħu r-rakkont, it-tema jew l-argument tiegħu b'mod litterali, kif ukoll jekk

naqra bejn il-linji u nfittex il-messaġġi impliċiti, nagħraf niddistingwi bejn l-għan tal-kittieb meta kiteb it-test u t-test minnu nnifsu, li jista' jiġi interpretat miftum minn min kitbu.

3. Naqra, nifhem u nirrifletti fuq stili u ġeneri differenti ta' kitba (poeżiji, proża, drammi, esejs, u l-bqija) billi fost oħrajn nanalizza l-forma tal-kitbiet li nkun qed naqra u billi nifli firxa ta' figuri tal-ħoss u t-taħdit, u l-metrika, ngħidu aħna, ir-rima, l-alliterazzjoni, l-onomatopea, ir-ritmu, ir-ritornell, ir-ripetizzjonijiet (anafora, epiżewski eċċ.), il-metafori differenti, il-personfikazzjoni, is-similitudni, l-iperbole, il-mistoqsija rettorika, l-apostrofi, it-tqarriq pateriku, l-ewfemiżmu, il-klajmaks; tipi differenti ta' versi u għamliet ta' poeżija, u l-bqija.
4. Jien u naqra nżomm f'rasi l-funzjoni/jiet tat-test u l-iskop/ijiet li għalih ikun inkiteb billi nirrifletti fuqu minn perspettivi differenti, nifforma opinjoni fuqu, nesprimiha u niddiskutiha; nagħraf jekk il-kittieb hux oġġettiv jew le u għaliex; nagħraf il-messaġġi espliċiti u impliċiti tiegħu; inqis lili nnifsi daqslikieku l-awtur u nistħajjel kieku jien kif inġib ruħi jew nesprimi ruħi floku; nagħżel bejn diskorsi differenti, ngħidu aħna, litterali, kritiku, ironiku, allegoriku, sarkastiku,sardoniku, didattiku, empatiku, u l-bqija.
5. Nagħraf li test jista' jkollu l-livell tal-wiċċ u livell/i sottili profondi mistura tiegħu, u għalhekk noqgħod attent meta għandi nkun naf id-dettalji u/jew il-ħjiel kollha ta' test, inkella nista' ngħaddi biss bl-informazzjoni bażika jew elementari tiegħu.
6. Meta naqra testi argumentattivi jew li jesprimu fehma jew opinjoni, ngħidu aħna, testi soċjali, politiċi u filosofiċi, nagħraf nislet il-fatti mill-opinjonijiet u x-xnigħat, u hekk nagħraf jekk awtur ikunx imparzjali u/jew oġġettiv, inkella preġudikat u/jew suġġettiv.
7. Kull test li naqra nevalwah b'għajnejn kritiċi, jiġifieri inqabblu ma' kitbiet oħra, anke b'fehmiet opposti; inxebbah l-ideat jew l-argumenti tiegħu ma' ħsibijiet oħra, imqar jekk kuntrarji; nikkonsidra fehmiet differenti fuqu; inqis l-udjenza għal min ikun inkiteb, u l-kuntest soċjali, storiku u kulturali; nirrifletti fuq il-kontenut tat-test u xi tħalla barra apposta, u l-bqija.
8. Bħala qarrej ta' ħila, nagħraf u napprezza reġistri differenti tal-lingwa u modi varji ta' preżentazzjoni tal-fatti, il-ħsibijiet u s-sentimenti, u għalhekk mil-lingwa użata f'kitba u mill-preżentazzjoni tagħha, nagħraf l-għan tal-kitba, ngħidu aħna, hijiex kitba għall-gost, informattiva, deskrittiva, narrattiva, argumentattiva, spjegattiva, didattika, misħajla, fattwali, u l-bqija; u hekk dak li naqra napplikah f'ħajti, għall-ġid tiegħi u tal-oħrajn.
9. Jien u naqra nagħmel l-aħjar użu mill-modi differenti ta' qari skont għal xiex inkun qiegħed naqra, iż-żmien li jkolli disponibbli, il-ħeffa tiegħi fil-qari u l-ħakma tiegħi tal-lingwa, ngħidu aħna, skimmjar ta' test biex nieħu l-fil tiegħu jew l-impressjoni ġenerali; skennjar biex nidentifika informazzjoni partikolari; inkella qari fil-fond biex nifhem kull kelma u ma jaħrabli l-ebda dettall jew ħjiel, u l-bqija.
10. Dak li naqra nkun kapaċi nagħti taqsira tiegħu skont l-udjenza u l-għan tat-taqsira, jiġifieri nsemmi l-punti, ġrajjiet jew ħsibijiet ewlenin tiegħu, noqgħod attent x'ninkludi u xi nħalli barra, inqis l-aħjar mod kif nista' nippreżenta t-test billi nkun fidil lejh bla ma ngħaddi ġudizzju fuqu.
11. Jien u naqra nuża l-għarfien tiegħi tal-grammatika, il-morfoloġija, is-sintassi u s-semantika Maltija, bħall-forom tal-verbi u n-nomi, il-parteċipji passivi u attivi, il-vuċijiet, il-forom differenti ta' aġġettivi, pronomi, u avverbji, il-qbil fil-ġens u l-għadd tan-nomi u l-aġġettivi, il-qbil sintattiku bejn is-suġġett u l-verb, is-sinonimi, l-antonimi, l-omonimi u l-omofoni, u l-bqija, biex nifhem kulma naqra, ngħarblu, ninterpretah u nifforma opinjoni fuqu.
12. Jien u naqra nagħti kas u ninqeda bis-sinjali tal-punteġġjatura kollha mhux biss biex naqra sew, fosthom meta naqra ngħajjat, imma wkoll biex nifhem xi nkun qiegħed naqra, ngħarblu u ninterpretah.
13. Bħala qarrej ta' ħila, nagħraf meta nista' nbassar it-tifsira ta' kelma li ma nkunx naf tifsirtha mill-għarfien tiegħi tal-lingwa u l-kuntest li fih tkun qiegħda, u meta neħtieġ infittixha f'dizzjunarju, teżawru, glossarju jew kotba ta' referenza oħra; nifhem li kelma tista' tinbidlilha t-tifsira minn lokalità għal oħra, matul iż-żmien u jaf ikollha tifsira differenti mill-kelma barranija li minnha tkun ġejja; u nagħraf li l-kliem f'kuntesti differenti *bħal f'metafori, qwiel, idjomi u espressjonijiet oħra, jista' jkollu tifsir figurattiv li jmur lil hinn mit-tifsir tiegħu litterali.*

## L-Aspett tas-Suġġett: Il-Kitba

1. Nikteb diskorsi ta' bejn 300 u 350 kelma fuq temi fattwali.

## L-Aspett tas-Suġġett: Il-Letteratura

1. Nuża termini metriċi u ta' prosodija meqjusa biex inqabbel, nevalwa u nikkummenta fuq firxa ta' testi letterarji Maltin u barranin.
2. Nitkellem fuq mudelli u figuri arketipiċi rikorrenti f'testi letterarji ewlenin u kif dawn jgħaddu minn żviluppi skont is-snin u l-movimenti letterarji.
3. Nagħraf li test jista' jkollu tifsiriet u interpretazzjonijiet differenti u naf insostnihom b'evidenza riċerkata kemm mill-istess testi kif ukoll minn oħrajn.
4. Nidentifika lili nnifsi ma' testi partikulari li nħoss li jiffurmaw parti mill-identità personali, soċjali, kulturali u nazzjonali tiegħi.
   NITGĦALLEM INKUN JIEN
5. Napprezza, nieħu sehem, nevalwa u nikkummenta fuq rappreżentazzjonijiet drammatiċi mtellgħa f'teatri fuq temi differenti bħal dawk storiċi, realistiċi u kontemporanji.
6. Nagħraf id-differenzi stilistiċi u tematiċi li jista' jkun hemm bejn testi letterarji minn żminijiet differenti bħal dawk bikrin, Romantiċi, Moderni, Realistiċi, Postmoderni, u l-bqija.
7. Naqra u napprezza testi ewlenin minn letteraturi barranin, tradotti jew fl-ilsien oriġinali, u nagħraf li jista' jkun hemm xi tnebbiħ u influwenzi, xebh jew differenzi ma' dawk Maltin.
8. Nevalwa b'għajnejn kritiċi, bil-fomm u/jew bil-kitba, ix-xebh u/jew id-differenzi bejn għadd ta' testi ta' ġeneri differenti, studjati minn qabel jew le, inxebbah l-ideat jew l-argumenti tagħhom, niżen fehmiet differenti oħra fuqhom, inqis l-udjenza għal min inkitbu u l-kuntest soċjali, storiku u kulturali.

## L-Aspett tas-Suġġett: Il-Metalingwa

L-artiklu:

1. Il-kelma wieħed/waħda jistgħu jieħdu l-vokali tal-leħen u l-artiklu meta juru ammont speċifiku bħal *għaxar ewro l-wieħed, tliet sigħat il-waħda.*

# IL-PROGRAMM TAT-TAGĦLIM TAL-METALINGWA

Għall-istudju u t-tħaddim effettiv ta' lingwa, il-metalingwa hija pilastru ewlieni li kull kelliem irid jaħkem sewwa biex tassew jitqies bħala kelliem tajjeb u abbli. Il-Malti, li huwa l-lingwa omm tal-maġġoranza tal-popolazzjoni Maltija, jitlob tħaddim xieraq ta' dan l-aspett, speċjalment mill-kelliema nattivi fejn jidħlu ċerti ħiliet, fosthom il-kitba, li dejjem kienet il-punt dgħajjef ta' bosta studenti f'kull livell.

Għalhekk ġie deċiż li ssir distinzjoni ċara ta' dak li qabel kien jiġi mgħallem taħt il-kappa tal-grammatika. Issa se jkun aktar speċifikat u delineat biex kull aspett tal-metalingwa jingħata l-attenzjoni li jeħtieġ u li tixraqlu. Tajjeb li nifhmu li l-aspetti differenti tal-metalingwa jibnu fuq xulxin u jaħdmu f'armonija flimkien u għalhekk ma jkunx f'waqtu li nħarrġu lill-istudenti fuq xi aspett/i partikulari u nwarrbu jew ninjoraw l-oħrajn.

L-erba' aspetti tal-metalingwa identifikati għall-Malti huma l-ortografija, il-punteġġjatura, il-morfoloġija u s-sintassi. Fil-Programm ta' Tagħlim tal-Metalingwa (PTM), l-għalliema u l-istudenti għandhom isibu t-temi marbutin ma' dawn l-erba' aspetti li jridu jiġu żviluppati fil-klassi għal kull livell. It-temi huma mtarrġa minn livell għal ieħor u dan għandu jservi biex jissaħħaħ dak li jkun sar qabel ma jinbeda l-ġdid. Mill-banda l-oħra dan il-programm jgħin lill-għalliema biex ma jirrepetux bla bżonn it-temi li jaħsbu li huma problematiċi bla ma jkollhom struttura li tkopri b'mod organizzat il-qasam kollu tal-metalingwa. Dan ma jfissirx li l-għalliema, jekk iħossu l-bżonn, m'għandhomx jirrevedu dak li jkun sar qabel jew jimbuttaw lill-istudenti li jifilħu għall-aspetti maħsuba għal livell ogħla. Imma dan jitħalla f'idejn l-għalliema li jippjanaw ħidmithom skont il-ħiliet tal-istudenti li jkollhom quddiemhom.

Billi l-metalingwa qed tinqasam f'erba' aspetti, dan ma jfissirx li l-għalliema għandhom jiddedikaw lezzjonijiet sħaħ fuq aspett wieħed biss. Dan jista' jbiegħed aktar lill-istudenti milli jgħinhom jitgħallmu jiktbu aħjar il-Malti. Għalhekk huwa rrakkomandat li l-għalliema jaddottaw l-approach integrat fejn dawn l-aspetti jistgħu jsiru b'mod regolari fil-bidu, waqt jew fl-aħħar ta' lezzjoni li jkollha kisbiet oħra integrati mal-ħila tal-qari, tas-smigħ, tal-kitba jew tat-taħdit.

Tajjeb ukoll li l-għalliema jużaw aktar il-ħila viżiva. L-għalliema huma mħeġġa li jikkunsidraw li l-ambjent tal-klassi jkun tassew qed jgħin, b'modi differenti, lill-istudenti fil-vjaġġ tagħhom tat-tagħlim. Għalhekk huma mħeġġa biex jagħmlu l-aħjar użu tal-ispazju li jkollhom fil-klassi, fosthom il-ħitan u l-bord tal-avviżi, billi xi aspetti ortografiċi, fost l-oħrajn, jitwaħħlu mal-ħitan tal-klassijiet u jservu ta' punt ta' referenza għall-istudenti waqt il-lezzjoni, speċjalment dik tal-kitba. Dan barra li jkun tassew utli li xogħol l-istudenti, wara li jkun ikkoreġut sewwa, ikun ippubblikat f'taqsima apposta li tiċċelebra l-kisbiet tagħhom.

Ma' dan ta' min iħeġġeġ lill-għalliema jużaw aktar ir-riżorsi diġitali li hemm fil-pjattaforma virtwali Fronter u s-sit elettroniku malti.skola.edu.mt

## IL-PROGRAMM TAT-TAGĦLIM TAL-LETTERATURA

Il-gost u l-apprezzament tal-letteratura għandu jibda minn età bikrija. Il-letteratura għandha tkun ippreżentata lit-tfal fil-forma ta' kanzunetti, taqbiliet u għanjiet marbutin mal-oġġetti, il-persuni u l-esperjenzi tagħhom. Għalhekk li f'dan il-Qafas ta' Kisbiet mit-Tagħlim, il-letteratura tinsab imwaħħda ma' kisbiet differenti tal-erba' ħiliet tal-lingwa għaliex għandha tkun ippreżentata bħala għodda li tgħin fil-kisba u t-tisħiħ tal-lingwa u t-twessigħ tal-vokabularju. Hekk, ngħidu aħna, student li qiegħed f'livell 5 se jkollu l-opportunità li jilħaq numru ta' kisbiet differenti mill-erba' ħiliet tal-lingwa filwaqt li jiffoka fuq l-aspett tal-letteratura. Dawn il-kisbiet flimkien irawmu l-gost u l-apprezzament tal-letteratura fl-istudent sa minn età bikrija.

### Eżempji meħuda minn Livell 5

**Is-Smigħ - Kisba nru 13:**
Nisma' u nsegwi kanzunetti/poeżiji/taqbiliet/tidwir l-ilsien u nuri x'fhimt bil-fomm, bil-kitba jew bil-ġesti u nsemmi eżempji fejn ikun hemm ir-rima.

**It-Taħdit - Kisba nru 15:**
Inbassar tmiem li nħossu xieraq bħal stejjer, poeżiji u taqbiliet li nisma' l-bidu u l-iżvilupp tagħhom.

**Il-Qari - Kisba nru 4:**
Naqra kitbiet ta' ġeneri, suġġetti u ġeneri differenti u nagħraf il-funzjonijiet tagħhom fosthom poeżiji ħfief, stejjer, ħrejjef tradizzjonali Maltin, għanjiet u kanzunetti.

**Il-Kitba - Kisba Nru 13:**
Nikteb taqbiliet sempliċi ta' strofa waħda jew tnejn fuq suġġetti li jinteressawni bħall-ambjent ta' madwari, fuq il-ħlejjaq li nħobb u l-affarijiet li nħobb nagħmel.

Għalkemm il-kisbiet mit-tagħlim jagħtu indikazzjoni tajba tat-temi li l-aktar jolqtu lill-istudenti ta' dan il-livell, l-għażla tat-testi letterarji sabiex jintlaħqu dawn il-ħiliet għandha titħalla f'idejn l-għalliema. Hekk dawn il-kisbiet jistgħu jintlaħqu individwalment/separatament jew permezz ta' approach tematiku li jiġbor flimkien għadd ta' kisbiet taħt tema waħda. L-għalliema, bħala professjonisti, jagħrfu u huma konxji tal-gosti tal-istudenti tagħhom. Huma se jkunu megħjuna jagħżlu l-materjal letterarju mil-listi uffiċjali ta' testi letterarji approvati li jkunu aġġornati regolarment b'xogħlijiet li joħorġu minn żmien għal żmien. Dawn il-listi jistgħu jinkludu kemm materjal stampat kif ukoll materjal diġitali, elettroniku jew onlajn.

Il-kisbiet ma jintlaħqux f'lezzjoni waħda jew tnejn. Lanqas ma jintlaħqu fl-istess waqt minn kull student. Għalhekk l-għalliema għandhom jaraw li jkun hemm għadd ta' attivitajiet differenti kif ukoll jużaw testi letterarji ta' ġeneri differenti fil-programm li huma jfasslu għall-istudenti tagħhom fil-mixja biex jintlaħqu dawn il-kisbiet.

L-istess kunċett jista' jitħaddem f'livell 6. Madanakollu, kif jindikaw ċerti kisbiet f'dan il-livell, se jkun hemm bżonn li l-għalliema jagħżlu testi letterarji biex jintlaħqu ħiliet li jirrikjedu medda ta' żmien u għadd ta' lezzjonijiet. Hekk, ngħidu aħna, **il-kisba nru 3 tal-ħila tal-qari** se tkun tirrikjedi li l-għalliema jagħżlu stejjer qosra differenti/rumanz għat-tfal biex b'hekk tintlaħaq il-kisba kif mixtieq li twassal għall-apprezzament letterarju tat-test/i.

**Eżempji meħuda minn Livell 6**

**Is-Smigħ – Kisba nru 13;**
Nisma' u nagħraf eżempji ta' alliterazzjoni, rima, onomatopea, metafori sempliċi, personifikazzjoni u similitudnijiet f'testi mismugħa.

**It-Taħdit - Kisba nru 14:**
Nagħraf l-alliterazzjoni, ir-rima u l-onomatopea f'testi letterarji u mhumiex, ngħid kif jolqtuni u nagħti eżempji oħra tagħhom.

**Il-Qari – Kisba nru 3:**
Dak li naqra nifhmu, ngħarblu, nifforma opinjoni dwaru u nesprimih, inwieġeb mistoqsijiet diretti u inferenzjali fuqu, nagħraf jekk kitba tkunx mistħajla jew realistika, nara x'messaġġ irid iwassal l-awtur, kif il-messaġġ jolqot lill-qarrejja, inqabbel dak li naqra mal-esperjenzi tiegħi, nirrifletti fuq il-kuntest li fih saret il-kitba, u l-bqija.

**Il-Kitba – Kisba nru 13:**
Nikteb jew inkompli rakkonti fittizji ta' bejn 140-200 kelma fuq karattri, postijiet u ġrajjiet.

Il-letteratura tieħu dimensjoni usa' meta tiġi studjata fil-livelli tal-iskola medja u dik sekondarja. F'livell 7, għalkemm se tibqa' integrata mal-erba' ħiliet tal-lingwa flimkien mat-temi l-oħra trasversali, l-għalliema għandhom jaraw li permezz tal-għażliet ta' testi letterarji li jagħmlu, jaraw li l-istudenti jitlaqqgħu ma' għadd kbir ta' eżempji ta' ġeneri u testi letterarji, kemm fil-qasam tal-poeżija kif ukoll tal-proża. Dan l-eżerċizzju għandu jservi biex l-istudenti jitlaqqgħu u japprezzaw il-modi differenti ta' espressjoni li tista' tieħu l-letteratura aktar milli titpoġġa l-enfasi ewlenija fuq it-tematika u l-analiżi ddettaljata tal-metrika. Huma jibdew japprezzaw ukoll ir-rabta li jista' jkun hemm bejn il-forma u l-kontenut ta' test letterarju u l-effettività ta' dawn fuq l-udjenza/il-qarrejja u kif dan jirrelata magħhom u huma jirreaġixxu għalih. Dan il-livell għandu jibda jpoġġi l-pedamenti u jibda jwitti t-triq għall-analiżi u r-rispons kritiku tal-istudenti għal-letteratura li trid tiġi żviluppata fil-livelli 8 u 9 (u 10 fejn meħtieġ).

L-għażla li fil-livell 7 l-istudenti jingħataw lista ta' rumanzi ta' xeħta storika saret għall-fatt li dawn huma rumanzi li jappellaw għall-gosti tal-istudenti; barra minn hekk, ir-rabta bejn l-istorja u l-letteratura Maltija wieħed ma jistax jifridha. Apparti l-fatt li huma kotrana u għadhom ħerġin sal-lum, huwa ġeneru li jibqa' jappella għax jibni fuq l-istorja Maltija li hija għanja fl-avvenimenti storiċi li joffru toroq u żviluppi kreattivi u immaġinattivi. Huma wkoll għalqa fertili tan-narrattiva Maltija li tesponi lill-istudenti għal Malti mexxej, deskrittiv u espressiv. Fil-livell 7, l-istudenti għandhom jitlaqqgħu wkoll ma' kittieba differenti tan-novella Maltija. It-tematika tan-novelli għandha tkun xierqa u li taqbel mal-ħiliet tal-istudenti fil-klassi. L-għalliema għandhom jużaw in-novelli biex permezz tagħhom l-istudenti jilħqu l-kisbiet mit-tagħlim stabbiliti għal dan il-livell.

Il-letteratura għal-livelli tas-sekondarja tieħu xejra oħra tant li titqies bħala ħila għaliha. Dan minħabba li f'dawn l-aħħar tliet snin tas-sekondarja l-istudenti jkun jeħtiġilhom jitgħallmu janalizzaw u jirreaġixxu billi jkunu kritiċi għal-letteratura. Issa jkunu jridu jitħarrġu iktar fil-fond fuq l-istilistika u l-metrika letterarja biex ikunu jistgħu jifhmu aħjar l-għodda li jkun qed iħaddem il-poeta/kittieb, kif ukoll jagħrfu l-għanijiet li ried jilħaq u jiġġudikaw jekk dawn intlaħqux. Ikunu jistgħu wkoll jagħtu r-raġunijiet tagħhom mibnija fuq ġudizzji sodi u msaħħa b'eżempji fejn iħossu li t-test letterarju jkun naqas li jilħaq l-udjenza jew fejn iħossu li jkun laħaq il-miri u b'hekk ikunu kapaċi jiddistingwu u jiddeskrivu kif dawn intlaħqu. L-istudenti jridu jitħarrġu mill-għalliema fl-analiżi u fil-prinċipji letterarji b'tali mod li huma jaslu biex jaħkmu l-kisbiet u l-kompetenzi deskritti fil-Kisbiet mit-Tagħlim u jkunu jistgħu japplikawhom għal kull test letterarju, anke dak li jkunu qed jaraw għall-ewwel darba fil-karta tal-eżami. Dan għaliex l-għalliema għandhom jaraw li jagħtu lill-istudenti taħriġ fil-kompetenzi u l-ħiliet analitiċi u kritiċi tal-letteratura aktar milli jagħtuhom l-analiżi u l-kritika huma stess.

L-għalliema jridu jsiru l-imgħallma tal-għodda letterarja u jridu jħarrġu sewwa lill-istudenti tagħhom fl-użu tal-għodod letterarji biex jiksbu s-sengħa tal-analiżi kritika li jkunu kapaċi japplikaw indipendentement u bla xkiel għal kull test letterarju u mhux biss għal dawk preskritti jew li jintużaw fil-klassi.

Dwar l-għażla tat-tematika għall-poeżija f'livelli 8 u 9 (u 10 fejn meħtieġ), is-suġġetti magħżula huma komprensivi biżżejjed li, filwaqt li jittrattaw firxa ta' temi attwali li ġew jew qed jiġu ttrattati fil-letteratura, xorta waħda jappellaw għall-istudenti. 'Jappellaw' tfisser li mhux biss jogħġbu u jolqtu l-gosti imma wkoll li huma relevanti għalihom biex isiru ċittadini Maltin u Ewropej/dinjin, nies b'identità nazzjonali qawwija f'qafas wiesa' ta' dinja globalizzata. Għalhekk inħasset il-ħtieġa li t-temi magħżula jkunu miftuħin ħafna biex jinkorporaw l-aspetti kollha differenti li jistgħu jaqgħu taħt it-tema ewlenija. Dan biex l-istudenti ma jingħalqux fil-perspettiva analitika u kritika tagħhom tat-temi imma kemm jista' jkun ikollhom viżjoni ħolistika tal-materja esposta. Dan ifisser li l-istudenti ma għandhomx ikunu limitati u ggwidati li jħarsu lejn triq u mogħdija waħda imma jkunu kreattivi u analitiċi biżżejjed biex jesploraw u jaraw it-tema fl-aspetti kollha tagħha.

L-għażla tar-rumanzi li għandhom jiġu studjati għandhom ikunu ta' xeħta soċjali. L-għalliema għandhom jaraw li ma jmorrux għal rumanzi li jitkellmu biss fuq realtajiet soċjali mgħoddija imma jagħżlu wkoll dawk li joffru sfida u ħsieb lill-qarrej biex jgħarbel u janalizza l-qagħda tas-soċjetà li qed jgħix fiha llum. Dan ma jfissirx li l-għalliema ma jagħżlux rumanzi soċjali li jfissru l-evoluzzjoni tal-poplu Malti fil-mixja tiegħu lejn dak li hu llum. Imma din l-għażla titlob studenti maturi li kapaċi jmorru lil hinn mill-istorja u ma jiqfux fuq in-narrattiva biss imma jaraw l-implikazzjonijiet, il-bidliet u l-konsegwenzi li jiżviluppaw tul in-nisġa sħiħa tar-rumanz. L-istudenti għandhom jitħarrġu fuq l-analiżi tal-aspetti differenti li jsawru r-rumanz, bħall-istil u l-ġeneru tan-narrattiva, il-karatterizzazzjoni, l-ambjent u l-iżvilupp tal-plott, u l-bqija.

Id-drammi qed jiġu meqjusa bħala fergħa letterarja li l-istudenti fil-livelli tas-sekondarja għandhom japprezzaw u janalizzaw. L-għalliema jistgħu jsibu diffikultà biex isibu drammi relevanti għall-istudenti u għalhekk ser jiġu pprovduti listi b'kotba li minnhom jistgħu jagħżlu l-istudenti. Id-drammi għandhom iservu ta' analiżi u diskussjoni fuq temi attwali li permezz tagħhom l-istudenti jkunu jistgħu japprezzaw, jiddiskutu u jwasslu fehmiethom, sostnuti minn dak li jkunu qraw.



# Il-Pedagoġija

## A. IL-PEDAGOĠIJA U PRATTIKI GĦAT-TAGĦLIM

L-edukaturi għandhom iżommu ruħhom aġġornati mal-istrateġiji pedagoġiċi u l-kunċetti l-aktar riċenti sabiex ikunu jistgħu jifhmu aħjar u jirrispondu għall-bżonnijiet tal-istudenti. L-istrateġija Ewropea *Education and Training 2020 tpoġġi enfasi partikolari fuq l-irwol tal-għalliema fil-ħajja tal-istudenti tagħhom. L-għalliema għandhom rwol kruċjali fil-gwida tal-istudenti sabiex jilħqu l-għanijiet tagħhom filwaqt li jifformulawlhom il-perċezzjonijiet tagħhom (Il-Kummissjoni Ewropea, 2015).*

F'Malta l-ilsien nazzjonali huwa l-Malti (Kostituzzjoni, Kap. 1, 5 (1), (2)). Il-Malti huwa wkoll wieħed miż-żewġ ilsna uffiċjali ta' Malta u lsien uffiċjali fl-Unjoni Ewropea. L-ilsien Malti huwa wieħed mill-elementi li jagħtuna identità u li bih il-maġġoranza tal-Maltin jeprimu ruħhom f'kuntesti differenti fil-ħajja ta' kuljum, fl-oqsma kollha tax-xandir u f'istituzzjonijiet pubbliċi u reliġjużi.

Sa mill-qedem l-ilsien Malti kien dak li ntuża mill-poplu Malti biex jikkomunika fil-gżejjer Maltin. Tul l-istorja tiegħu, il-poplu Malti għaraf ukoll il-ħtieġa li, barra l-ilsien nattiv, ikun jaf ukoll ilsna oħra biex jikkomunika mal-barranin. Illum l-ilsien Malti huwa l-ilsien użat minn 97% tal-popolazzjoni Maltija (Eurobarometer, 2006, 7).

Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali għal Kulħadd (2012, 60) jisħaq li l-kisba u l-użu tajjeb tal-ilsien Malti għandhom jiġu l-ewwel u qabel kollox. Dan għaliex huwa mezz ewlieni ta' komunikazzjoni użat f'Malta mhux biss fil-qadi tal-ħtiġijiet tagħna ta' kuljum imma anke biex nitgħallmu u nfissru ruħna f'oqsma ogħla bħal dawk xjentifiċi, artistiċi u kummerċjali. Kif jitlob il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali għal Kulħadd, kompetenza lingwistika fl-oqsma varji tal-ilsien, inkluż dak nattiv, tgħin lill-istudenti mhux biss jiżviluppaw l-għerf tan-natura tal-ilsien imma wkoll fit-twessigħ ta' fehim personali, soċjali u kulturali (2012, 34). Il-Malti mhux sempliċement suġġett, iżda huwa l-kolla li tgħaqqad il-fehim u t-tagħlim ta' numru ta' suġġetti oħra li jiġu mgħallma u spjegati bil-Malti. Huwa fatt magħruf li fl-iskejjel Maltin (u dan huwa kif għandu jkun) il-lingwa Maltija tintuża għall-esperjenza sħiħa ta' tagħlim ta' ħafna suġġetti, barra l-Malti.

L-ilsien Malti huwa essenzjali għat-tfal u ż-żgħażagħ biex jikkomunikaw fl-iskola u fil-komunità Maltija. L-iżvilupp tal-ħiliet tal-lingwa – it-taħdit, is-smigħ, il-qari, u l-kitba – iwassal biex it-tfal u ż-żgħażagħ ikunu jistgħu jagħtu sehem attiv f'oqsma differenti tas-soċjetà Maltija. Fid-dawl ta' dan kollu, l-erba' ħiliet  tal-lingwa għandhom jingħataw l-istess importanza.  Bis-saħħa tat-tagħlim tal-Malti l-istudenti għandhom jaslu biex jesprimu lilhom infushom b'mod ċar u effettiv, f'waqtiet b'mod kreattiv u immaġinattiv u, skont kif meħtieġ, b'mod kritiku wkoll.

Il-kisba tal-erba' ħiliet tal-lingwa għandha twassal biex l-istudenti jiksbu kompetenza fl-ilsien Malti u permezz t'hekk għarfien ta' suġġetti oħra wkoll. Is-suċċess fit-tagħlim tal-Malti huwa essenzjali għall-proċess kollu tat-tagħlim u għall-għarfien tas-suġġetti kollha kurrikulari. Is-suġġetti kollha (bl-eċċezzjoni tal-lingwi barranin) jeħtieġu ħakma soda tal-lingwa Maltija għax l-istudenti Maltin jifhmu, jipproċessaw u jippreżentaw l-informazzjoni billi jħaddmu l-ilsien Malti.

Wieħed mill-għanijiet tat-tagħlim tal-Malti huwa li nrawmu lit-tfal u ż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin f'ċittadini responsabbli u impenjati għall-ġustizzja soċjali fir-realtajiet lokali, reġjonali u globali li qed jinbidlu l-ħin kollu. Dan jista' jseħħ billi l-ewwel nett huma jitgħallmu jirrispettaw u jippromwovu l-kultura u l-wirt Malti.

L-ilsien Malti m'għandux jintgħallem u jiġi kkunsidrat bl-istess metodoloġiji u pedagoġija tal-ilsna barranin daqslikieku

huwa lsien barrani għall-Maltin. It-tfal u ż-żgħażagħ għandhom isiru aktar konxji tal-ilsien li ġew bih minn darhom u li tgħallmu jużawh minn ġuf ommhom biex jikkomunikaw mal-familjari, ma' sħabhom u mal-komunità sħiħa Maltija.

Il-ħajja tal-lum titlob kompetenza komunikattiva mifruxa sew biex taqdi l-ħtiġijiet differenti li jistgħu jiltaqgħu magħhom it-tfal u ż-żgħażagħ sakemm għadhom l-iskola u lil hinn minnha. Għaldaqstant huma għandhom jiżviluppaw f'kelliema u semmiegħa li jagħrfu jesprimu ruħhom u jiddjalogaw mal-oħrajn b'mod li jitkattar l-għarfien u jiżdied ir-rispett lejn l-oħrajn. Hekk ukoll għandhom jiżviluppaw f'qarrejja kompetenti ta' testi differenti: letterarji u mhux letterarji; fuq karta, fi ktieb jew fuq skrin. Huma għandhom jaħkmu l-ħila tal-kitba b'tali mod li jesprimu lilhom infushom u jwasslu l-messaġġi li jixtiequ skont ġeneri differenti, b'forom tradizzjonali bħalma hi l-kitba, kif ukoll b'forom ġodda li joffru l-mezzi teknoloġiċi.

Flimkien mal-erba' ħiliet tal-lingwa ma nistgħux inwarrbu t-tradizzjoni twila tat-tagħlim tal-grammatika. F'dan id-dokument qed ikun propost ħsieb ġdid dwar is-sehem, l-importanza u l-pedagoġija tal-grammatika. Fi ftit kliem dan ifisser għerf imtarraġ u tagħlim li jwassal lill-istudenti jiksbu kuxjenza ta' aspetti grammatikali f'kuntesti li jersqu aktar viċin il-ħtiġijiet tal-ħajja ta' kuljum u fl-istess ħin jippreparaw lill-istudent li jrid ikompli jispeċjalizza fil-Malti fl-edukazzjoni postsekondarja u terzjarja.

F'dawn l-aħħar snin saret enfasi qawwija fuq l-aspett folkloristiku u kulturali Malti fit-tagħlim tal-ilsien Malti. Dan l-aspett għandu valur imma għandu jitqies bħala għodda pedagoġika fil-kuntest ta' tagħlim tematiku aktar milli suġġett ta' tagħlim fih innifsu. Il-kultura u l-folklor Malti għandhom jitqiesu bħala parti ħajja imma distinta mill-ilsien Malti, liema lsien jeħtieġlu l-attenzjoni kollha li jixraq tingħata lingwa nattiva.

Biex it-tfal u ż-żgħażagħ Maltin jitgħallmu b'mod aktar sħiħ l-ilsien Malti, jeħtieġ li jkunu jafu minn fejn ġej, fejn qiegħed illum u 'l fejn sejjer. Għandu jkun hemm esperjenzi esploratorji tal-ilsien Malti li jwasslu biex minn età bikrija t-tfal u ż-żgħażagħ japprezzaw il-lingwa nattiva tagħhom, jitgħallmuha b'aktar gost u interess, u jħossuhom aktar kunfidenti jużawha.

Fis-snin bikrin u tal-primarja, it-tagħlim tal-letteratura Maltija għandu wkoll iservi ta' għodda siewja biex jissaħħaħ l-akkwist tal-kompetenzi lingwistiċi fil-lingwa nattiva. It-tfal u ż-żgħażagħ għandhom ikunu esposti għal testi letterarji biex jitnissel fihom sens ta' estetika, gost u pjaċir li jgħin fl-iżvilupp tal-kompetenzi analitiċi u kritiċi skont l-età u l-ħiliet tagħhom. Għalhekk it-testi letterarji mgħallma m'għandhomx jirriduċu ruħhom għal sempliċement taħriġ fil-fehim mill-qari imma l-lezzjoni għandha sservi ta' esperjenza letterarja ħajja għall-istudenti.

Il-metodoloġiji ta' tagħlim li jintużaw għandhom ikunu maħsuba, l-ewwel u qabel kollox, għad-diversità fit-tagħlim, l-interessi, il-ħiliet u d-diffikultajiet tal-istudenti. Wieħed mill-fatturi ewlenin huwa li jinħoloq ambjent ta' tagħlim li jwassal biex qabelxejn jidentifika l-interessi u l-istili ta' tagħlim tal-istudenti u jipprovdi sapport meta u fejn hu meħtieġ.

Skont Hattie (2008) it-tagħlim ikun aktar effettiv jekk l-għalliem iħaddem pedagoġija fejn l-istudent ikun fiċ-ċentru tat-tagħlim b'tali mod li l-għalliem ikun dak li jgħin lill-istudent isir l-għalliem tiegħu nnifsu. Huwa għalhekk li fit-tagħlim tal-Malti għandha titħaddem pedagoġija li tmur lil hinn mil-listi ta' qwiel u espressjonijiet u tagħlim ieħor bl-amment. Kollox għandu jintgħallem f'kuntest sabiex jippermetti lill-istudent jifhem aħjar, filwaqt li jkun kapaċi jittrasferixxi dak li tgħallem minn kuntest għal ieħor.

L-approach tematiku huwa rrakkomandat għaliex, filwaqt li jagħti l-istess importanza lill-erba' ħiliet tal-lingwa, jippermetti li t-tagħlim tal-lingwa jsir b'mod ħolistiku u mhux frammentat.

**L-Istrateġiji Nitgħallem biex Nitgħallem**

Dawn li ġejjin huma eżempji tal-istrateġiji li jagħmlu parti mill-'proċess nitgħallem biex nitgħallem', wieħed mit-tmien kompetenzi li jissemmew fid-dokument European Reference Framework Key Competencies for Lifelong Learning (Il-Kummissjoni Ewropea, 2007):

- Diskussjonijiet pedagoġiċi bejn l-istudenti fejn, fuq bażi volontarja, l-istudenti jispjegaw kif għamlu biċċa xogħol u kif irnexxielhom jegħlbu d-diffikultajiet li ltaqgħu magħhom, li jwasslu għal skambju ta' strateġiji u teknikalitajiet f'ambjent ta' kooperazzjoni.
- L-istudenti jitgħallmu jużaw il-punteġġjatura, l-istampi, l-informazzjoni addizzjonali minbarra t-test, bħal spjegazzjoni tal-kliem diffiċli u l-identifikazzjoni ta' kliem importanti waqt biċċa xogħol ta' qari/taħriġ il-fehem.
- It-tagħlim u l-gwida fi stadji differenti tal-kitba ta' komponiment u l-għodod differenti u l-metodi li jistgħu jintużaw f'kull stadju.

L-edukaturi għandhom jiggwidaw lill-istudenti biex jieħdu sehem fil-proċess tat-tagħlim tal-lingwa. Għaldaqstant il-pedagoġija għandha tkun waħda miftuħa għal forom ta' tagħlim li fihom l-istudenti jikkollaboraw u jitgħallmu b'mod interattiv ma' xulxin u mingħand xulxin. It-tagħlim għandu jinkludi attivitajiet li jagħtu gost u li huma ta' interess għall-istudenti biex jgħinuhom jitgħallmu l-lingwa permezz tal-istil preferit tagħhom ta' tagħlim filwaqt li jieħdu idea ta' modi differenti ta' tagħlim. L-użu tal-teknoloġija tal-informatika u l-proġett huma inkoraġġiti ħafna u jiġu infilsati fi ħdan dan l-approach tat-tagħlim. L-użu ta' attivitajiet fuq bażi individwali, f'pari jew fi gruppi jgħin lill-istudenti jiksbu għarfien tal-lingwa permezz ta' attivitajiet individwali u interattivi. Dan it-tip ta' tagħlim juża forom differenti ta' xogħlijiet li jgħinu lill-istudenti jesploraw aspetti varji tal-lingwa permezz ta' riżorsi u materjali differenti. L-espożizzjoni għal lingwaġġ awtentiku fil-klassi permezz ta' vidjows u t-teknoloġija tal-informatika tgħin ħafna fl-esperjenza tat-tagħlim.

L-esperjenzi tat-tagħlim formali u informali jikkontribwixxu għal xenarju tat-tagħlim filwaqt li jippromwovu t-tagħlim fil-klassi u barra l-klassi. Dan jista' jsir, ngħidu aħna, bl-użu ta' testi (is-smigħ u l-qari), bit-tlaqqigħ ma' kelliema li jużaw il-lingwa li qed tiġi mgħallma, u bl-użu ta' materjal mill-ħajja reali. It-tagħlim mhux qed jitqies biss bħala r-riżultat tal-attivitajiet fil-klassi. L-istudenti għandhom jitħeġġu ta' sikwit biex jikkontribwixxu fit-tagħlim tal-klassi permezz ta' attivitajiet ta' tagħlim informali u xogħol li jsir barra mill-ħin tal-lezzjoni.

Il-Kisbiet mit-Tagħlim tas-Suġġett (KTS) inkitbu b'tali mod li l-edukaturi jużaw approaches li jaddottaw it-tagħlim li juri l-ħila u jinvolvi lill-istudenti b'mod attiv f'numru ta' kuntesti. Dawn il-metodi jħeġġu u jippermettu tagħlim li jiffoka fuq l-istudenti u l-istrateġiji tat-tagħlim. F'kull stadju, dawk li jippjanaw il-kurrikulu għandhom jikkonsidraw fuq bażi regolari l-opportunitajiet li jiġu ppreżentati permezz tal-KTS sabiex jiżviluppaw tagħlim attiv matul il-livelli fil-Qafas tal-Kisbiet tat-Tagħlim. L-ippjanar għandu jieħu ħsieb u jħeġġeġ il-parteċipazzjoni tal-istudenti. Dawn għandhom jinfluwenzaw u jikkontribwixxu fil-proċess tal-ippjanar.

Sabiex jissaħħaħ l-ippjanar tal-kurrikulu, filwaqt li jkun assigurat li l-istudenti kollha jkollhom aċċess b'mod attiv u jinvolvu ruħhom fl-ambjent tat-tagħlim, hemm bżonn ta' approach koerenti fl-ippjanar tat-tagħlim, fit-tagħlim u l-assessjar, u fil-qsim ta' informazzjoni fuq il-progress u l-kisbiet milħuqa. Meta jiġi addottat dan it-tip ta' ppjanar tal-kurrikulu, huwa importanti li ma narawx il-KTS bħala fatturi li jillimitaw il-potenzjal tat-tagħlim tal-istudenti u li ma jippermettux li jkun hemm devjazzjoni tat-tagħlim lil hinn minn dak imsemmi fil-KTS. Din l-idea tinjora l-iskop u l-flessibbiltà li jipprovdi l-approach tal-kisbiet mit-tagħlim. Kif, fejn u meta jiġu mgħallma dawn il-kisbiet huma fid-diskrezzjoni tal-edukatur. Il-KTS qegħdin hemm sabiex jiċċaraw il-proċess ta' assessjar billi jelenkaw b'mod sempliċi l-aspettattivi tat-tagħlim. B'dan il-mod, l-assessjar huwa marbut li juri li dawn l-aspettattivi ntlaħqu.

Ladarba jiġu ssettjati l-aspettattivi tat-tagħlim, l-edukaturi jistgħu jibdew jintroduċu l-flessibbiltà fid-disinn tal-kurrikulu u fil-metodu ta' tagħlim li s'issa kienet diffiċli li ssir. L-approach tar-riżultati tat-tagħlim jippermetti lill-edukaturi jduru lejn tagħlim li jiffoka fuq l-istudenti u l-istrateġiji tat-tagħlim. Dan ifisser li l-għalliema jeħtieġ isiru jafu l-ħafna modi li bihom l-istudenti huma differenti minn xulxin, liema mill-ħafna metodi jagħmlu sens fit-tagħlim attwali u kif għandhom jaffrontaw din il-varjetà b'tali mod li joffru sapport lill-istudenti fuq bażi individwali filwaqt li jgħinuhom jipprogressaw.

# B. L-INFILSAR TAT-TEMI KROSSKURRIKULARI FIT-TAGĦLIM

Fl-Ewropa kien hemm bidla minn approach li jittratta b'mod esklussiv is-suġġett għal approach li jiffoka fuq temi krosskurrikulari, tematiku, interdixxiplinarju u kollaborattiv, li jirrifletti s-sitwazzjonijiet reali tal-ħajja ta' kuljum filwaqt li jħeġġeġ it-trasferiment tal-ħiliet minn settur tat-tagħlim għal ieħor. Permezz tal-approach krosskurrikulari, ħafna mis-setturi tal-kurrikulu ngħataw profil ogħla filwaqt li ssaħħu numru ta' kompetenzi trasversali (Il-Kummissjoni Ewropea, 2012). It-Temi Krosskurrikulari (TKK) jgħaqqdu flimkien is-suġġetti billi jidentifikaw l-għanijiet tat-tagħlim komuni li huma riflessi wkoll fit-twemmin tal-iskola (Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012: 31, 39).

It-TKK ġew introdotti fil-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim biex jassiguraw li l-istudenti kollha, huma u jipprogressaw matul il-livelli, jiġu f'kuntatt kontinwu mat-tipi ta' għarfien, ħiliet u fehim li huma meħtieġa sabiex huma jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv, filwaqt li jirnexxu u jikkontribwixxu fis-soċjetà Maltija.

L-infilsar tat-TKK fil-Kisbiet mit-Tagħlim tas-Suġġett joffri aċċess għal identità ġdida tat-tagħlim li jmur lil hinn mis-suġġett; l-istudenti ser jagħtu valur lit-tagħlim tat-TKK meta jaraw li dawn huma parti integrali mill-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim u li huma vitali sabiex jgħinuhom biex isiru studenti ħolistiċi.

Kull TKK qed tiġi ppreżentata bħala sett ta' riżultati addizzjonali tat-tagħlim liż-żgħażagħ sabiex huma jaffaċċjaw u jiżviluppaw l-għarfien u l-fehim tagħhom meta qed jipprogressaw matul il-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim.

**It-Temi Krosskurrikulari huma:**

**il-Litteriżmu Diġitali** 

**l-Edukazzjoni għad-Diversità** 

**l-Edukazzjoni għall-Intraprenditorija, il-Kreattività u l-Innovazzjoni** 

**l-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli** 

**it-Tagħlim biex Nitgħallem u t-Tagħlim Kooperattiv** 

**il-Litteriżmu** 

It-Temi Krosskurrikulari jinsabu fl-Appendiċi 2 onlajn fuq
http://www.schoolslearningoutcomes.edu.mt/en/category/cross-curricular-themes

It-TKK għandhom jiġu infilsati matul il-vjaġġ ta' tagħlim u l-esperjenzi tal-istudenti, fejn il-punt ewlieni għandu jkun li l-għarfien u l-fehim tat-TKK jiġi mgħallem, ikkonsolidat u kkuntestwalizzat. Il-kuntest huwa importanti għax iżid it-tifsira u l-iskop tat-tagħlim u hekk jissaħħaħ l-użu tat-TKK. Ma hemm l-ebda mod effettiv kif jiġi organizzat u infilsat it-tagħlim tat-TKK. Madanakollu, meta TKK tingħaqad b'mod dirett ma' biċċa xogħol partikolari fi ħdan il-Kisbiet mit-Tagħlim tas-Suġġett (KTS), imbagħad ikun assigurat li jkun hemm opportunità għall-użu tat-TKK f'dik il-biċċa xogħol partikolari. Dan huwa mod effettiv ħafna kif tiġi infilsata TKK.

L-infilsar ma jinkludix biss l-għaqda ta' kurrikuli differenti. L-ippjanar ta' fejn ser jiddaħħal il-kontenut tat-TKK biex jagħmel parti mill-Kisbiet mit-Tagħlim tas-Suġġett jew mill-Aspett tas-Suġġett huwa biss il-bidu. L-edukaturi għandhom jistabbilixxu kif il-kontenut tat-TKK iżid il-valur tal-Kisbiet mit-Tagħlim tas-Suġġett li qed jiġu mgħallma u kif tista' tinkiseb xi ħaġa akbar minn sempliċement għaqda flimkien tal-partijiet differenti. Fuq kollox, it-tagħlim tat-TKK ser iżid il-valur fit-trasferiment tal-għarfien, tal-ħiliet u tal-fehim billi jippreżenta sitwazzjonijiet fattwali li jagħmlu sens għall-istudenti.

## L-infilsar bħala proċess

Hemm tliet modi ewlenin sabiex jiġu mgħallma l-għarfien, il-ħiliet u l-fehim li hemm indirizzati fit- TKK tul il-proċess tat-tagħlim. Dawn huma:

- permezz ta' metodi ta' tagħlim u t-tagħlim innifsu marbut mal-Kisbiet mit-Tagħlim tas-Suġġett
- billi jiġu magħżula metodi u strateġiji partikolari tat-tagħlim minn oħrajn biex jiġu mgħallma l-Kisbiet mit-Tagħlim tas-Suġġett
- billi jsiru attivitajiet krosskurrikulari mibnija b'mod speċifiku jew attivitajiet li jinvolvu lill-iskola kollha.

Dan il-proċess jimplika bidla importanti fil-mod kif l-għalliema jħarsu lejn it-tagħlim tal-kontenut tas-suġġett fil-klassi. L-integrazzjoni tar-riżultati tat-tagħlim krosskurrikulari fit-tagħlim ta' suġġetti differenti teħtieġ li l-għalliema jmorru lil hinn mill-iskemi tradizzjonali u jaħdmu f'kollaborazzjoni flimkien sabiex jiżviluppaw l-approach tagħhom għat-TKK filwaqt li jkun hemm skambju ta' informazzjoni fuq l-iżvilupp tat-tagħlim ta' studenti speċifiċi b'rabta mat-TKK (Il-Kummissjoni Ewropea, 2012:25).

## It-tagħlim tat-TKK permezz tal-KTS

L-ewwel approach għat-tagħlim tal-kontenut tat-TKK huwa permezz tal-integrazzjoni tat-tagħlim tat-TKK ma' dak tal-Kisbiet mit-Tagħlim tas-Suġġett (KTS) partikolari. Il-qafas jipprovdi gwida fuq l-aħjar opportunitajiet biex isir dan. Fejn Kisba mit-Tagħlim tas-Suġġett partikolari tippreżenta opportunità tajba li tindirizza tagħlim marbut mat-Tema Krosskurrikulari, tidher l-istampa tat-TKK wara l-KTS. Din turi li l-KTS:

- qed toffri opportunità sabiex wieħed jibda jħares lejn l-iżvilupp tat-tagħlim u l-ħiliet marbuta ma' aspett partikolari tat-TKK.
- tista' tissaħħaħ billi jiġi introdott aspett partikolari ta' wieħed mit-TKK.

Bħala gwida għall-edukaturi, fejn il-kisbiet speċifiċi mit-tagħlim tat-TKK l-aktar huma l-aktar relevanti, l-istampa tat-TKK li jkun hemm flimkien mal-KTS partikolari tinkludi wkoll titlu sabiex jiġi identifikat liema hu l-aspett partikolari tat-TKK li 'joqgħod l-aktar', i.e. il-parti tal-kontenut tat-TKK li huwa l-aktar marbut mal-għarfien, il-fehim u/jew il-ħiliet indirizzati fil-KTS partikolari.

Għalkemm qed tiġi identifikata TKK waħda, dan ma jfissirx li TKK oħra ma jkunux relevanti. L-identifikazzjoni ta' tema partikolari sempliċement tissuġġerixxi li l-edukaturi jistgħu jsibu dik il-parti identifikata bħala l-aktar relevanti, l-aktar xierqa jew l-aktar faċli li tiġi integrata f'dak il-punt partikolari, filwaqt li tippermetti lill-edukaturi jgħallmu s-suġġett u t-TKK b'mod integrat.

Eżempji ta' dan it-tip ta' infilsar fil-Malti jinkludi:

- Kapaċi nuża f'diskorsi lingwaġġ li jirrispetta lil kulħadd u li ma jweġġax is-sentimenti kulturali, reliġjużi u razzjali tal-oħrajn.
  IL-BIDLA SOĊJALI
  Meħuda minn Livell 6, Aspett tas-Suġġett: It-Taħdit
- Nieħu ħsieb li nikteb jew nittajpja kitbieti b'Malti ħieles mill-iżbalji tas-sintassi, tal-morfoloġija u l-grammatika, tal-ortografija u tal-punteġġjatura u nippreżentahom ċari u puliti.
  IL-KOMUNIKAZZJONI
  Meħuda minn Livell 8, Aspett tas-Suġġett: Il-Kitba
- Ninqeda sew b'dizzjunarji, teżawri, glossarji u enċiklopediji kemm mitbugħa kif ukoll diġitali biex infittex il-kliem li ma nkunx naf xi jfisser, fost oħrajn, kliem tekniku ta' reġistri differenti; billi nfittex skont l-ordni alfabetiku, l-għerq jew iz-zokk morfemiku, il-forma tal-verb jew nom, l-etimoloġija, u l-bqija; billi nagħraf il-prefissi u s-suffissi u nneħħihom mill-kliem biex infittex xi jfisser; billi nsegwi l-abbrevjazzjonijiet u l-għajnuniet mogħtija fl-istess testi, u billi nqis kull tagħrif ieħor li jagħtu testi ta' din ix-xorta.
  IT-TAGĦLIM PERSONALI
  Meħuda minn Livell 9, Aspett tas-Suġġett: Il-Qari

**Eżempju: Insibu opportunitajiet biex jiġu indirizzati t-TKK fit-tagħlim tal-KTS fil-Malti**

- **Niddiskuti ma' sħabi u ma' adulti l-bidla kontinwa li għaddejja minnha l-kultura tagħna meta mqabbla ma' dik ta' qabel u napprezza t-tajjeb ta' qabel, nifhem aħjar li l-kultura hija ħajja u tinbidel kontinwament, u għalhekk irridu naġġornaw lilna nfusna magħha.**

**NITGĦALLEM NGĦIX MA' ĦADDIEĦOR U NITGĦALLEM KIF**

Meħuda minn Livell 8, Aspett tas-Suġġett: It-Taħdit

Il-lezzjonijiet li jiffukaw fuq il-ħila tat-taħdit joffru diversi opportunitajiet sabiex jiġu integrati t-temi krosskurrikulari. Għalhekk il-kisbiet mit-temi krosskurrikulari jistgħu jintlaħqu direttament minn kisba mit-tagħlim speċifika tal-Malti kif jidher hawn fuq, kif ukoll mit-temi u s-suġġetti magħżula biex jiġu milħuqa kisbiet mit-tagħlim oħra tal-Malti, bħal, ngħidu aħna, fil-kitba argumentattiva. Siltiet tas-smigħ u tal-qari magħżula biex jintlaħqu kisbiet mit-tagħlim f'dawn il-ħiliet ikunu qegħdin ukoll jagħtu l-għodda lingwistika meħtieġa sabiex l-istudent jilħaq il-kisbiet tat-temi krosskurrikulari.

Il-kisbiet mit-TKK f'dan il-każ huma:

Kapaċi nikkomunika l-ideat tiegħi u nippreżenta l-opinjonijiet tiegħi f'diskussjonijiet maħsuba u infurmati u fi proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

Kapaċi nassessja b'mod kritiku proċessi ta' bidla fis-soċjetà u nipprevedi dinja aktar ekwitabbli u sostenibbli.

Kapaċi nikkollabora ma' persuni li għandhom perspettivi differenti fuq dilemmi, kwistjonijiet, tensjonijiet u kunflitti minn dixxiplini/postijiet/kulturi/ġenerazzjonijiet differenti.

Kapaċi nuża l-ambjent naturali, soċjali u mibni ta' madwari bħala kuntest u sors ta' tagħlim.

Kapaċi ngħix f'armonija miegħi nnifsi, mal-oħrajn u mad-dinja naturali fuq firxa ta' livelli minn

lokali sa globali.

Jiena għandi perspettiva orjentata lejn il-futur kif ngħix bħala ċittadin tad-dinja.

**L-indirizz tat-TKK permezz tal-użu ta' metodi u strateġiji partikolari tat-tagħlim**

It-TKK jistgħu jintużaw biex jinformaw il-ħolqien ta' policies u strateġiji dipartimentali, pereżempju, billi jiġi strutturat it-tagħlim biex jimmassimizza l-użu tat-teknoloġiji diġitali. F'livell dipartimentali t-TKK li ġejjin jistgħu jkunu addattati sabiex jgħinu fl-għażliet tal-pedagoġija u stili ta' tagħlim magħżula biex jimmassimizzaw il-flessibbiltà bl-introduzzjoni tal-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim.

Nitgħallem biex Nitgħallem u t-Tagħlim Kooperattiv
il-Litteriżmu Diġitali
l-Edukazzjoni għad-Diversità
l-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli
l-Edukazzjoni għall-Intraprenditorija, il-Kreattività u l-Innovazzjoni.

L-edukaturi jistgħu jsibu li t-TKK li ġejjin għandhom funzjoni importanti fl-għażla tas-suġġett biex jistimolaw l-interess u d-dibattitu.

Huwa evidenti li xi wħud mit-TKK jintegraw ruħhom b'mod naturali għal stili partikolari ta' tagħlim. Taqsima Ċ *It-tagħlim ta' studenti differenti f'kull livell* toffri gwida fuq kif TKK partikolari jistgħu jgħinu lill-istudenti jirnexxu f'ambjenti ta' tagħlim partikolari. L-għażla b'mod deliberat ta' strateġiji partikolari tat-tagħlim li jinvolvu tagħlim attiv u/jew sperimentali u approaches għat-tagħlim ta' kif jistgħu jissolvew il-problemi, fejn jeħtieġ li jkun hemm livell ta' awtonomija tal-istudenti kif ukoll xogħol fi gruppi, ser jgħinu sabiex it-tagħlim ikun wieħed li jwassal għall-introduzzjoni tat-TKK tal-Litteriżmu Diġitali u Nitgħallem biex Nitgħallem u t-Tagħlim Kooperattiv.

Pereżempju, it-TKK Nitgħallem biex Nitgħallem u t-Tagħlim Kooperattiv tinkludi kategorija ta' kisbiet mit-tagħlim fuq it-Tagħlim Personali u, billi jiġi indirizzat it-tagħlim marbut ma' din il-kategorija tat-TKK, l-istudenti ser jiżviluppaw il-ħiliet tat-tagħlim meħtieġa sabiex f'biċċa xogħol partikolari jkunu awtonomi filwaqt li jimmaniġġjaw lilhom infushom. Simili ta' din, il-kategorija tat-Tagħlim Soċjali fi ħdan l-istess TKK tista' tgħin lill-istudenti jiżviluppaw qafas ta' ħiliet, attitudnijiet u mġiba li jgħinhom jieħdu kemm jistgħu mix-xogħol fi grupp jew f'tim u minn strateġiji oħra ta' tagħlim soċjali.

It-TKK tat-Tagħlim Diġitali ser tgħin lill-istudenti jiżviluppaw il-kompetenzi marbuta mal-immaniġġjar tat-tagħlim, is-sors minn fejn tinġabar l-informazzjoni, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni. Meta jkun hemm dawn it-tipi ta' ħiliet tat-tagħlim infilsati fit-tagħlim, meta jibdew jintużaw ta' spiss, ser jgħinu lill-istudenti jagħmlu x-xogħol b'aktar kunfidenza kemm fil-proċessi tat-tagħlim fuq il-Kisbiet mit-Tagħlim tas-Suġġett kif ukoll fil-kisbiet infushom.

### L-indirizz tat-TKK f'attivitajiet krosskurrikulari jew f'attivitajiet li jinvolvu lill-iskola kollha

It-TKK kollha jistgħu jintużaw bħala strateġiji għall-iskola kollha sabiex jinħoloq ambjent ta' tagħlim ta' kwalità għolja li jagħti valur lill-istudenti kollha filwaqt li jissettja għanijiet għoljin għal kulħadd. L-iskejjel jistgħu jaraw il-benefiċċju meta jkollhom policies li jinkludu lill-iskola kollha fuq il-progress:

- Litteriżmu
- Litteriżmu Diġitali
- Edukazzjoni għad-Diversità
- Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli

Dawn it-tipi ta' TKK jistgħu jintużaw sabiex ikun hemm policies informati għall-iskola kollha kif ukoll biex iżidu l-valur tat-tagħlim fil-klassi. Madanakollu, TKK oħra jistgħu jintużaw sabiex jifformaw il-bażi tal-attivitajiet għal sena sħiħa ta' grupp partikolari, jew aktar minn hekk, inizjattivi li jinvolvu lill-istudenti kollha fl-iskola fuq suġġetti ambjentali.  Hekk, ngħidu aħna:

- It-TKK tal-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli tista' tintuża biex tifforma l-bażi għal attivitajiet ekstra kurrikulari għall-iskola kollha marbuta mat-tip ta' inizjattivi bħal Eko-Skola jew inizjattivi fuq l-użu minimu tal-enerġija. Attivitajiet ta' ġbir ta' fondi jistgħu jgħinu attivitajiet tal-iskola b'sorsi ta' enerġija li jistgħu jerġgħu jintużaw permezz tat-tagħlim f'din it-TKK flimkien ma' dak tat-TKK marbuta mal-Edukazzjoni għall-Intraprenditorija, il-Kreattività u l-Innovazzjoni.
- It-TKK tal-Edukazzjoni għall-Intraprenditorija, il-Kreattività u l-Innovazzjoni tista' tintuża biex issaħħaħ it-tagħlim u l-esperjenzi marbuta ma' attivitajiet li jvarjaw minn tuck shop immexxi mill-istudenti għal avveniment skolastiku jew inizjattivi li jinvolvu lill-iskola kollha fuq id-dinja tax-xogħol.

# Ċ. IT-TAGĦLIM TA' STUDENTI DIFFERENTI F'KULL LIVELL

Wieħed mill-benefiċċji li taħdem b'Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim (u fl-istess ħin waħda mill-isfidi) hija l-abbiltà li tippermetti lill-istudenti jipprogressaw bil-pass tagħhom u li tkun kapaċi taddatta l-metodoloġija tat-tagħlim u l-kurrikulu sabiex jissodisfaw il-bżonnijiet tagħhom. Il-KTS juru b'mod ċar fejn huwa t-'tmiem' tat-tagħlim f'kull livell għal kull student, iżda l-edukaturi għandhom jirrikonoxxu u jippjanaw għal dawk l-istudenti li ser jilħqu dan il-punt qabel l-oħrajn, kif ukoll għal dawk li forsi jkollhom bżonn aktar żmien u aktar għajnuna sabiex jilħqu l-livell mixtieq.

L-Aspetti tas-Suġġett mhumiex riġidi u lanqas restrittivi u ma hemmx bżonn li jiġu mgħallma f'xi sekwenza partikolari jew bħala kontenut meħud f'iżolament. L-Aspetti tas-Suġġett jistgħu jidħlu fuq xulxin u jitħalltu fi programmi tat-tagħlim akbar (jew iżgħar). L-edukaturi jistgħu jippreferu li jaffrontaw il-kuntesti tat-tagħlim f'ordni differenti skont is-sitwazzjoni, jew li jgħallmu aspetti tat-tagħlim permezz ta' topiks tal-għażla tagħhom.

**Id-diversità tal-istudenti**

Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali (QKN) iħaddan id-diversità u jitlob li din tiġi mħeġġa f'ambjent inklussiv.

Il-QKN jindirizza l-bżonnijiet ta':

- studenti tajbin ħafna u b'talent li għalihom il-proċess tat-tagħlim jeħtieġ li joffri sfida sabiex huma jieħdu sehem u jkunu motivati jiżviluppaw it-talenti tagħhom.
- studenti bi bżonnijiet edukattivi speċjali li għalihom il-kurrikulu għandu jkun miktub b'tali mod li jippermetti lill-għalliema japprezzaw kif l-istudenti kollha jistgħu jaċċessaw l-istess kurrikulu f'kull settur tat-tagħlim u jippermetti assessjar ta' firxa ta' ħiliet.
- studenti b'diżabiltajiet severi li għalihom il-kurrikulu għandu joffri edukazzjoni mibnija fuq firxa ta' ħiliet imfissra f'termini ta' fażijiet ta' żvilupp.
- studenti minn ambjenti soċjali żvantaġġati li għalihom l-iskola, flimkien mal-imsieħba lokali u istituzzjonali l-aktar importanti fis-soċjetà, għandhom jgħallmu aktar ħiliet filwaqt li joffru sapport lill-familji tagħhom u l-komunità lokali sabiex jipprovdu ambjent edukattiv b'saħħtu u stabbli.
- studenti minn ambjenti soċjali, kulturali u lingwistiċi differenti, inkluż it-tfal ta' refuġjati u persuni li qed ifittxu l-ażil, li għalihom il-kurrikulu jinkludi aċċess għal programm edukattiv li hu infilsat f'ambjent li joffri sapport emozzjonali u psikoloġiku li jirrispetta ċ-ċirkostanzi tal-individwi.

*Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali għal Kulħadd, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (2012:41)*

Il-klassijiet kollha, anke fejn qed jitħadddem is-seting, huma magħmula minn firxa ta' abiltajiet. Dan għaliex l-istudenti jkollhom ħiliet u diffikultajiet differenti u jiżviluppaw b'rati differenti. Jekk klassi b'abiltajiet differenti tiġi definita bħala grupp ta' studenti b'firxa ta' abiltajiet, din tkun deskrizzjoni superfiċjali wisq. Xi ngħidu għall-firxa ta' stili u preferenzi tat-tagħlim, livelli ta' interessi u l-ambjenti tad-dar, li kollha kemm huma jħallu impatt fuq l-esperjenza tat-tagħlim? L-istudenti kollha juru ħiliet differenti fi żminijiet differenti skont is-suġġett studjat u l-istil tat-tagħlim li jkun qed jintuża. Meta jkunu barra miż-żona ta' tagħlim l-aktar komda għalihom, ser imorru anqas tajjeb. Mhix reali li tistenna grupp ta' studenti, hi x'inhi l-abiltà tiegħu, li jipprogressa fix-xogħol bl-istess pass. Żewġ terzi tal-istudenti fil-klassi ser ikunu qed jaħdmu barra l-istil tat-tagħlim li jippreferu sakemm ix-xogħol mogħti lilhom ma jkunx varjat.

Wieħed mill-aktar modi effettivi li jassigura li l-istudenti differenti jintlaħqu f'kull livell matul il-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim (QKT) huwa li tgħallem lill-istudenti jaħsbu għalihom infushom. Ftit mit-TKK jipprovdu l-għodda tal-għarfien u l-ħiliet għall-istudenti sabiex ikunu kapaċi jsiru studenti aktar effettivi, li jaddattaw ruħhom malajr, ifittxu u jinqdew b'bosta riżorsi u jsiru awtonomi.

**Il-Progress u d-diverġenza fit-tagħlim**

Il-prinċipji tad-diversità u l-inklużjoni li jiffurmaw il-bażi tal-QNK jimplikaw li f'kull stadju l-istudenti ta' kull livell u kompetenza għandhom jesperjenzaw is-suċċess, l-isfidi, u s-sapport meħtieġ sabiex isaħħu l-impenn tagħhom. L-istudenti jeħtieġu programmi flessibbli ta' tagħlim li jipprovdu esperjenzi ta' tagħlim differenti għal spettru wiesa' ta' studenti filwaqt li jippermettu li jkun hemm rati differenti ta' progress hekk kif it-tfal u ż-żgħażagħ iqattgħu ż-żmien fl-iskola. Hemm bżonn approaches differenti li jindirizzaw il-bżonnijiet differenti tat-tagħlim. Bil-punt fokali dejjem jikber fuq l-istudenti, u b'aktar klassijiet b'abbiltajiet differenti fl-iskejjel, l-approaches li joffru diverġenza qed isiru aktar importanti u l-għalliema għandhom jaddottaw strateġiji li jibnu fuq it-tagħlim tal-passat tat-tfal u taż-żgħażagħ filwaqt li jgħinuhom jimxu 'l quddiem.

*Il-Qafas Nazzjonali tal-Kurrikulu għal Kulħadd, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (2012:40)*

## Strateġiji għat-tagħlim ta' klassijiet b'abbiltajiet differenti

L-għalliema fil-klassi għandhom jibdew billi joħolqu relazzjoni personali ma' kull student/a fil-klassi tagħhom billi jitgħallmu jużaw isimhom filwaqt li jsiru jafu x'jinteressahom. Li jiddaħħlu oqsma ta' interess fit-tagħlim huwa mod tajjeb ħafna biex l-istudenti jkunu involuti. Fl-istess ħin, li jintuża dan it-tip ta' tagħlim meta jkun qed jiġi ssettjat ix-xogħol għad-dar jew xogħol individwali fil-klassi jista' jservi ta' motivazzjoni u jista' jgħin sabiex l-istudenti jżommu ruħhom involuti fit-tagħlim.

**It-Tagħlim Personali:**

- Kapaċi nidentifika s-sapport u r-riżorsi li għandi bżonn biex nitgħallem.
- Konxju/a tal-mod li nippreferi kif nitgħallem u kapaċi nużah biex nippjana t-tagħlim tiegħi.
- Kapaċi nimmaniġġja l-għanijiet u l-ħin b'mod effiċjenti fit-tagħlim.
- Inħossni kompetenti fl-immaniġġjar tat-tagħlim tiegħi.
- Naċċetta r-rispons tal-oħrajn u nikkonsidrah.
- Nagħraf lili nnifsi billi nbiddel is-suppożizzjonijiet tiegħi maż-żmien.
- Kapaċi nsegwi l-interessi tiegħi peress li dawn jgħinuni nirrifletti fuq 'jien min jien'.
- Nieħu gost meta nirnexxi f'xogħlijiet diffiċli.

*Meħuda mit-TKK Nitgħallem biex Nitgħallem u t-Tagħlim Kooperattiv*

## Modi kif tagħti s-setgħa lill-istudenti filwaqt li tgħinhom jirnexxu fi ħdan il-QKT

Il-ħolqien ta' ambjent dinamiku tat-tagħlim permezz ta':

- L-immaniġġjar tal-klassi u l-ħolqien ta' opportunitajiet għall-istudenti biex jaħdmu b'mod individwali, f'pari jew fi gruppi.
- Il-bidla fit-tqassim tal-klassi skont it-tagħlim li jkun qed isir.
- Il-provvista ta' attivitajiet differenti, li jippermettu lill-istudenti jagħżlu l-livell ta' involviment u sfida. Din tgħin fis-sens ta' 'dritt ta' pussess' imsemmi 'l quddiem.
- L-użu ta' għażla ta' riżorsi differenti bil-ħsieb.
- Il-preżentazzjoni ta' modi differenti kif tista' tiġi mgħallma l-istess ħaġa.

L-involviment tal-istudenti permezz ta':

- ħolqien ta' sens ta' 'dritt ta' pussess' mill-istudenti tal-proċess tat-tagħlim tagħhom billi, pereżempju, l-istudenti jkollhom ċans jagħżlu l-proġett li jridu.
- għajnuna lill-istudenti sabiex juru l-fehim tagħhom b'modi differenti, pereżempju bl-użu ta' mezzi li jagħżlu huma stess, sew jekk preżentazzjoni viżiva, orali jew fiżika.
- bini ta' ħiliet għolja ta' ħsibijiet bl-użu tat-teorija tat-Tassonomija ta' Bloom (f'kull livell) u l-ħidma permezz tal-sabiex it-tagħlim ikun wieħed interessanti, utli u li joffri sfidi kif jindikaw il- Kisbiet mit-Tagħlim tas-Suġġett (KTS), tant li l-KTS jingħataw dimensjoni usa' jew jintużaw b'modi differenti. Dan jista' jsir billi l-istudenti jingħataw xogħol li jinvolvi s-soluzzjoni ta' problemi filwaqt li jingħataw l-opportunità li jittrasferixxu u japplikaw l-għarfien tagħhom f'kuntesti ġodda.

Il-bidla tal-istudenti fi studenti li kapaċi jinbidlu billi:

- minn età bikrija l-istudenti jitħarrġu għall-istrateġiji ewlenin tat-tagħlim li jagħmlu parti mit-TKK Nitgħallem biex Nitgħallem u t-Tagħlim Kooperattiv.
- jiġu diskussi l-għanijiet tat-tagħlim f'kull lezzjoni mal-istudenti, u b'hekk isiru konxji ta' x'inhu mistenni li jitgħallmu sat-tmiem tal-lezzjoni. Il-KTS (mitkuba fl-ewwel persuna) huma indirizzati lejn l-istudenti.
- l-istudenti jkunu konxji tal-istili differenti tat-tagħlim; l-istudenti jiġu mgħallma t-teknikalitajiet biex jitgħallmu kontenut ġdid bl-użu ta' metodi viżivi, ta' smigħ u kinestetiċi għat-tagħlim bl-użu ta' strateġiji varji tat-tagħlim bil-għan li jissodisfaw il-bżonnijiet tal-istudenti li jitgħallmu aktar b'mod viżiv, ta' smigħ u kinestetiku.
- l-istudenti jitgħallmu kif ikunu anqas dipendenti fuq l-għalliema, bħal ngħidu aħna, kif isolvu l-problema meta jeħlu.

Użа ta' xogħol fi gruppi sabiex:

- ikun hemm tisħiħ u estensjoni (bl-użu ta' gruppi flessibbli).
- tħeġġeġ lill-istudenti biex jinvolvu ruħhom f'Tagħlim Soċjali u biex japprezzaw ideat u personalitajiet differenti; iżidu l-kunfidenza meta jiddiskuti l-ideat tagħhom ma' oħrajn; jikkollaboraw ma' studenti oħrajn bħala parti mit-tagħlim tagħhom; ifittxu l-għajnuna u s-sapport mingħand studenti oħra; jitkellmu mal-oħrajn fuq it-tagħlim; jisimgħu lill-oħrajn jitkellmu fuq it-tagħlim tagħhom filwaqt li jiddiskutu suġġetti varji u strateġiji ta' tagħlim ma' sħabhom (billi jintużaw gruppi ta' abbiltajiet differenti).

Għandu jkun assigurat approach inklussiv tat-tagħlim u l-ippjanar tal-kurrikulu. Filwaqt li l-iskola tkun trid toħloq is-sens ta' twemmin tagħha f'dak li għandu x'jaqsam ma' riżultati għall-istudenti kollha, u tapprezza firxa wiesgħa ta' talenti, ħiliet u riżultati, l-għalliema għandhom jaraw kif jistgħu jattwaw dan fil-klassi tagħhom. Fuq livell bażiku dan jibda permezz ta' promozzjoni tas-suċċessi u l-apprezzament tagħhom infushom billi jieħdu azzjoni biex jeliminaw dak kollu li jillimita t-tagħlim, u għalhekk jassiguraw li l-istudenti kollha f'kull grupp jirnexxu fil-klassi. L-għalliema jistgħu jħeġġu l-fehim u l-apprezzament tad-diversità tal-individwi fil-klassijiet tagħhom u jużaw it-TKK tad-Diversità bħala katalist għal dan l-approach li jestendi sabiex jinkludi lill-istudenti b'mod dirett.

**Edukazzjoni mibnija fuq il-valuri**

L-edukazzjoni tiffoka kemm fuq il-bini tal-karattru kif ukoll fuq l-iżvilupp tal-istudenti b'ħiliet speċifiċi. Id-direzzjoni 'l quddiem għall-implimentazzjoni ta' dan il-qafas hija permezz ta' edukazzjoni mibnija fuq il-valuri. Edukazzjoni mibnija fuq il-valuri tirreferi għal kwalunkwe attività kemm espliċita kif ukoll impliċita fl-iskola li tħeġġeġ il-fehim u l-għarfien tal-istudenti tal-valuri u li jiżviluppaw il-ħiliet u l-ħajra tal-istudenti sabiex ikunu jistgħu jirrappreżentaw valuri partikolari bħala individwi u bħala membri tas-soċjetà inġenerali. Dan jassigura li dawk li ser joħorġu mill-iskola jkollhom il-kwalitajiet u l-kunfidenza fihom infushom, stima għolja tagħhom infushom, ottimiżmu u impenn għal suċċess personali bħala l-bażi għall-irwoli potenzjali fil-ħajja bħala membri ta' familja, tal-komunità u bħala impjegati. Barra minn hekk, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jagħmlu ġudizzju u jkunu responsabbli tal-għażliet etiċi u soċjali li jagħmlu.

*Addattament minn Respect for All Framework, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (2014:10)*

L-iskejjel għandu jkollhom kultura vibranti u progressiva, li tħeġġeġ il-benesseri u r-rispett, bl-ambizzjoni u r-riżultati bħala l-punti fokali għal kull student/a. Dan it-tip ta' approach għandu jintuża f'kull klassi. Skola tajba hija skola li tieħu ħsieb lill-individwi u li tagħti s-sapport tagħha lil kull individwu, irrispettivament mill-isfond u l-bżonnijiet tat-tagħlim. Dawn l-iskejjel jaħdmu f'atmosfera ta' pożittività assoluta. Huma jaħdmu bla waqfien sabiex jippromwovu attitudnijiet b'saħħithom u produttivi għat-tagħlim, għall-ħajja u għax-xogħol. L-iżvilupp ta' sens ta' twemmin ta' ambizzjoni jiddefinixxi n-natura ta' ispirazzjoni ta' skejjel ta' suċċess, fejn issir l-għaqda bejn l-aspettattivi u s-suċċess – suċċess li jinkludi l-aspetti kollha tal-iżvilupp tal-ħiliet għall-ħajja, għax-xogħol u għat-tagħlim – timbru ta' eċċellenza.

Mill-perspettiva tal-klassi, l-approach inklussiv jindirizza l-bżonnijiet tal-istudenti permezz ta' varjetà ta' approaches li jinkludu: strateġiji ta' interventi bikrija u kurrikulu u approaches għat-tagħlim li huma ddisinjati li jissodisfaw il-bżonnijiet tal-istudenti kollha. L-edukaturi għandu jkollhom aspettattivi għoljin għall-istudenti tagħhom għaliex dawn għandhom jiġu mħeġġa sabiex ikollhom aspettattivi u miri għoljin għalihom infushom. Huwa importanti ferm li l-edukaturi jassiguraw li l-istudenti tagħhom ikunu jafu fejn jinsabu f'dak li għandu x'jaqsam mat-tagħlim tagħhom u kif jistgħu jitjiebu. L-istudenti għandhom jitfaħħru fuq bażi regolari, b'mod selettiv u effettiv, biex jibqgħu motivati.

L-istudenti għandu jkollhom għarfien ta' x'jiġifieri li tkun student effettiv tal-Malti. Huma jridu jkollhom ukoll għarfien tal-aspetti soċjali, kulturali u ġeografiċi ta' Malta.  Huma jeħtieġu wkoll għarfien tal-istrutturi tal-lingwa li jippermettilhom jiċċekkjaw l-użu korrett tal-lingwa kemm dik mitħaddta kif ukoll dik miktuba.

Hekk kif l-istudenti jipprogressaw minn livell għal ieħor u minn kisba għal oħra fl-istess livell, għandhom jiġu mħeġġa jirriflettu, isiru aktar sidien tat-tagħlim tagħhom, filwaqt li jkunu aktar responsabbli għall-istess tagħlim tagħhom. L-edukaturi għandhom jibdew jintroduċu teknikalitajiet li jippermettu lill-istudenti jagħmlu aktar użu mill-assessjar personali sabiex jidentifikaw il-ħiliet u l-bżonnijiet ta' żvilupp tagħhom. Dan jista' jsir billi ssir evalwazzjoni mill-evidenza tax-xogħol tagħhom filwaqt li jieħdu azzjoni mir-rispons li jingħataw minn sħabhom u billi flimkien mal-għalliema jippjanaw il-passi li jmiss fit-tagħlim tagħhom.

Studenti tajbin u li għandhom talent fil-lingwa għandhom jingħatawlhom opportunitajiet li permezz tagħhom juru li laħqu l-kisbiet mit-tagħlim b'mod aktar profond, intensiv kif ukoll bil-mod oriġinali u kreattiv tagħhom. Ngħidu aħna fil-kitba, dawn l-istudenti għandhom jiġu mħeġġa jimirħu u jiktbu  aktar mit-tul mitlub fil-kisbiet sabiex joħolqu x-xogħol kreattiv u oriġinali tagħhom. Għandhom jingħataw testi supplementari u ġeneri differenti  ta' qari jekk kemm-il darba jkun mxew aktar minn oħrajn fit-testi magħżula għall-klassi u jitħeġġu joħolqu proġetti huma stess fuqhom. It-talent ta' dawn l-istudenti għandu jkun apprezzat permezz ta' pubblikazzjonijiet onlajn, skolastiċi u oħrajn.

## D. IT-TAGĦLIM TA' LIVELLI DIFFERENTI FL-ISTESS SENA

F'kull klassi ser ikun hemm studenti li jkollhom bżonn aktar żmien biex jilħqu t-tagħlim meħtieġ u b'hekk jilħqu l-livell tal-Kisbiet mit-Tagħlim tas-Suġġett (KTS). Mal-progress tal-istudenti fil-mixja tagħhom ta' tagħlim, huma jistgħu jgħaddu għal sena ġdida u jibdew livell ġdid, iżda jkun għad fadlilhom partijiet fejn ikun hemm xi nuqqasijiet fit-tagħlim mil-livell preċedenti. L-aktar fattur importanti hawn huwa li l-informazzjoni fuq il-progress tkun waħda kemm jista' jkun ċara li tinforma lill-għalliema l-ġodda bl-għajnuna jew bix-xogħol addizzjonali li jkollhom bżonn dawn l-istudenti sabiex ikunu żguri li dan il-progress fil-livell il-ġdid ikun attwat.

Taqsima Ċ It-tagħlim ta' studenti differenti f'kull livell tirreferi għall-użu ta' firxa ta' strateġiji maħsuba biex jirrispondu għall-preferenzi ta' tagħlim differenti tal-istudenti kollha. Meta jkun hemm studenti fil-klassi li jeħtieġu aktar sapport biex jilħu xi aspetti mil-livell preċedenti, huwa importanti li:

- ikun hemm informazzjoni ċara fuq l-oqsma li fihom jeħtieġu s-sapport.
- ikun ċar kif dawn l-oqsma jintrabtu mal-progress u l-kisba ta' riżultati fil-livell il-ġdid.
- ikun hemm firxa ta' strateġiji u metodi ta' tagħlim li jistgħu jintużaw biex jgħinu u jirfdu l-istil ta' tagħlim skont il-preferenza tal-istudenti għal skop ta' progress bikri.
- il-konverżazzjoni mal-istudenti fuq l-oqsma li jeħtieġu sapport jew infurzar tibqa' waħda pożittiva, u kostruttiva.

Wieħed mill-benefiċċji tal-istruttura tal-QKT huwa li kull livell jiġu mgħallem b'kurrikulu li jifrex fuq sentejn u għalhekk ikun hemm żmien biżżejjed għal żvilupp ta' programmi ta' tagħlim u l-użu ta' firxa ta' metodi ta' tagħlim li jgħinu lill-istudenti jipprogressaw u jiksbu r-riżultati mixtieqa.

Hemm numru ta' mudelli li wieħed jista' jikkonsidra bħala miżura introduttorja għal numru ta' studenti sabiex jiksbu l-ħiliet tal-KTS fiż-żmien stipulat marbut mal-livell partikolari. L-edukaturi għandhom jikkonsidraw:

- jesploraw il-KTS b'mod aktar miftuħ/fil-fond, forsi billi jittrasferixxu jew japplikaw it-tagħlim marbut mal-KTS f'kuntesti ġodda.
- jużaw testi aktar speċifiċi u li joffru sfida akbar.
- jissettjaw xogħol li joffri sfida akbar u li hu aktar kumpless bil-għan li jippreżenta lill-istudenti b'testi u vokabularju li joffru sfida akbar jew li jintroduċuhom għal aspetti ġodda tas-suġġett jew oqsma ġodda tal-aspetti eżistenti tas-suġġett, filwaqt li jżommu f'moħħhom li l-KTS ma jistipulawx il-livell massimu tat-tagħlim li jista' jintlaħaq.
- iħarsu lejn l-opportunitajiet li joffru t-Temi Krosskurrikulari (TKK) bħala sorsi ta' ispirazzjoni għall-introduzzjoni ta' oqsma ġodda ta' kontenut li jipprovdu kontenut addizzjonali għall-kurrikulu li jsaħħaħ kemm l-esperjenza tat-tagħlim tas-suġġett kif ukoll jaraw il-kontenut tat-TKK, x'aktarx b'mod differenti jew b'modi li joffru sfida akbar.

Sors ewlieni ieħor ta' materjal marbut mal-provvista ta' sfida addizzjonali jew żieda huwa l-aspett tas-suġġett u l-KTS mil-livell ogħla. Filwaqt li mhux dejjem ikun addattat sabiex dawn jiġu indirizzati b'mod dirett, l-edukaturi forsi jkunu jixtiequ li jaraw it-tagħlim kuntestwalizzat jew ix-xogħol preparat li jservi ta' introduzzjoni tajba għat-tagħlim fil-livell li jmiss. Hawnhekk il-punt fokali huwa li nħarsu lejn l-għaqda bejn it-tagħlim f'kull livell u kif l-istudenti jistgħu jibdew jaċċessaw dan it-tagħlim. F'dan it-tip ta' approach, bħal f'kull settur ta' xogħol ieħor, huwa importanti li jinżamm rekord aġġornat tar-riżultati sabiex l-għalliema jkunu preparati biex jaħdmu mal-istudenti li ser ikunu qed jitilgħu b'mod formali għal-livell li jmiss.

## E. IT-TAGĦLIM TA' LIVELL WIEĦED FUQ SENTEJN

Fi ħdan il-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim (QKT), il-livelli għandhom grad ta' sfida addizzjonali fl-ippjanar u d-disinn tal-kurrikulu minħabba li l-kisbiet deskritti jridu jiġu mgħallma fuq sentejn. Pereżempju, il-Kisbiet mit-Tagħlim tas-Suġġett (KTS) ta' Livell 8 jinfirxu fuq id-9 u l-10 sena. Dan ifisser li l-edukaturi għandhom jikkonsidraw kif jistgħu jistrutturaw il-programmi ta' tagħlim meħtieġa sabiex jintlaħqu l-KTS li jippermettu tagħlim b'mod li jagħmel sens u koerenti fuq sentejn u jissarrfu f'opportunitajiet ta' progress fil-livell. Madanakollu, din il-viżjoni wiesgħa biex jintlaħaq l-istandard tal-livell, tgħin ukoll biex jiġu ffaċċjati l-isfidi diskussi fil-kapitlu preċedenti.

Meta wieħed jara l-kontenut trattat mill-KTS f'dan il-livell, l-edukaturi jistgħu jidentifikaw il-KTS li huma kkonsidrati bħala prerekwiżiti għal oħrajn fl-istess livell u b'hekk jistrutturaw il-kurrikulu skont dawn. Xi Aspetti tas-Suġġett jistgħu jiġu mgħallma b'mod faċli qabel oħrajn jew l-edukaturi jistgħu jiddeċiedu li jiddisinjaw u jimplimentaw kurrikulu li għandu aktar sens ta' progress mibni fuq spiral. L-edukaturi jistgħu jħossu wkoll li hemm modi differenti kif jistgħu jaħdmu bl-Aspetti tas-Suġġett, jiġbruhom flimkien u jindirizzaw il-KTS billi joħolqu oqsma ġodda tas-suġġett li jinkorporaw l-Aspetti tas-Suġġett.

Id-deċiżjoni fuq liema hu l-aħjar approach għall-Aspetti tas-Suġġett u l-KTS fi ħdan l-Aspetti tas-Suġġett hija waħda lokali. L-edukaturi għandhom jużaw il-ġudizzju professjonali tagħhom fuq kif l-aħjar li jagħmlu dan skont il-bżonnijiet tal-istudenti tagħhom, il-modi li jippreferu biex jistrutturaw il-kurrikulu u t-tipi ta' riżorsi li għandhom biex jaħdmu.

Hemm minn tal-anqas tliet approaches potenzjali li l-edukaturi jistgħu jikkonsidraw:

- li jiżviluppaw perjodu għal xogħol minn qabel jew il-preparazzjoni tal-istil tat-tagħlim qabel jipproċedu fuq il-kurrikulu li hu marbut direttament mal-KTS.
- li jiżviluppaw approach ta' żvilupp fil-KTS eżistenti fejn jiġu indirizzati Aspetti tas-Suġġett xierqa marbuta mal-KTS qabel oħrajn li jagħtu sapport lit-tagħlim tal-KTS li għandhom jiġu mgħallma fit-tieni sena.
- li jiżviluppaw approach ta' programm ta' tagħlim u tal-kurrikulu li juri taħlita taż-żewġ approaches imsemmija hawn fuq.

Jeżistu wkoll approaches aktar ambizzjużi fejn l-Aspetti tas-Suġġett u l-KTS jiddaħħlu f'approach iddisinjat lokalment li jissodisfa aħjar il-ħiliet u l-interessi tal-istaff u tal-istudenti. L-edukaturi huma liberi li jiddeċiedu x'metodu ser jużaw, għax jaf ikun hemm mod aktar integrat biex jgħallmu s-suġġett. Il-QKT jippermetti lill-edukaturi jkejlu l-kontroll u l-innovazzjoni għall-benefiċċju tal-istudenti tagħhom. Hu x'inhu l-metodu magħżul, l-ippjanar tal-kurrikulu, l-għażla tar-riżorsi u l-għażla tal-istrateġiji tat-tagħlim huma kollha importanti.



# L-Assessjar

## A. METODOLOĠIJI LI JASSIGURAW ASSESSJAR XIERAQ

L-assessjar huwa parti integrali mill-proċess tat-tagħlim u għalhekk għandu jipprovdi lill-istudenti u lill-ġenituri tagħhom b'rispons kontinwu, fil-ħin u kwalitattiv fuq il-progress tat-tfal, filwaqt li jwassal informazzjoni fuq il-prattika tal-għalliema u jipprovdi lill-iskejjel u lill-kulleġġi b'informazzjoni fuq l-ippjanar tal-kurrikulu, u t-tagħlim.

L-assessjar għat-tagħlim (assessjar għal skopijiet formattivi) huwa proċess li jsir fl-istess ħin tat-tagħlim. L-istudenti u l-għalliema tagħhom jużaw ir-riżultati ta' dan l-assessjar biex isiru jafu x'tgħallmu l-istudenti waqt it-tagħlim.

L-assessjar tat-tagħlim (assessjar għal skopijiet summattivi) isir mat-tmiem ta' kull unità, f'nofs is-sena jew fl-aħħar tas-sena.

L-assessjar bħala tagħlim (assessjar kontinwu) huwa l-użu ta' assessjar kontinwu tal-istudenti nfushom minnhom stess bil-għan li jsir moniteraġġ tat-tagħlim tagħhom stess.

F'suġġetti li jiġu mgħallma bħala moduli, l-assessjar tat-tagħlim isir mat-tmiem tal-modulu. L-informazzjoni u l-ġudizzji fuq it-tagħlim jinġabru flimkien bħala sommarju għal skop ta' rappurtaġġ għall-għalliema u għal skambju ta' informazzjoni ma' għalliema oħra fi klassijiet jew skejjel oħra. Jekk l-istudenti jkunu jafu eżatt x'inhu mistenni minnhom (il-kisbiet mit-tagħlim) u l-kriterji ta' suċċess li jgħinuhom jilħqu l-kisba tat-tagħlim, huma jiżviluppaw ħiliet ta' evalwazzjoni personali li jgħinuhom isiru studenti li kapaċi jitgħallmu weħidhom.

Il-proċessi ta' assessjar fil-klassi li jkunu ddisinjati b'mod tajjeb u xieraq jistgħu:

- jagħtu sapport lill-istudenti sabiex permezz tal-assessjar tagħhom infushom ikunu kapaċi jkejlu t-tagħlim tagħhom, filwaqt li jidentifikaw il-ħiliet tagħhom, bżonnijiethom u xi jmiss li jitgħallmu.
- iħeġġu lill-istudenti jgħinu lil xulxin fit-tagħlim tagħhom permezz ta' assessjar li jsir minnhom stess.
- jgħinu lill-għalliema jifhmu aħjar kif l-istudenti jitgħallmu aħjar billi jużaw l-evidenza biex jimmoniterjaw il-progress tal-istudenti, jirriflettu fuq il-prattika tagħhom u jaddattaw jew iqabblu t-tagħlim tagħhom skont il-bżonnijiet tal-istudenti.
- jgħinu lill-għalliema jippjanaw it-tagħlim ta' individwi u gruppi sabiex jassiguraw li t-tfal kollha jingħataw l-attenzjoni xierqa.
- jagħtu sapport lill-ġenituri sabiex dawn jaqsmu l-esperjenzi ta' tagħlim mat-tfal tagħhom, jinterpretaw l-informazzjoni tal-assessjar u jsegwu l-iżvilupp edukattiv tat-tfal tagħhom.
- jippromwovu r-rappurtaġġ fuq il-progress individwali u l-ħiliet miksuba b'mod li jintrabtu waħda mal-oħra.

Il-kulleġġi u l-iskejjel huma mitluba jiżviluppaw politika ta' assessjar. Din il-politika għandha tindirizza l-kwantità u l-kwalità tal-prattiċi tal-assessjar kif ukoll ir-rappurtaġġ lill-ġenituri u msieħba oħra interessati.

Addattat minn *Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali għal Kulħadd, Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol (2012:41-42) u Lam (2015:1)*

*Bl-aktar mod sempliċi, l-assessjar jipprovdi informazzjoni fuq jekk it-tagħlim li sar kienx wieħed ta' suċċess. Madanakollu din l-istess informazzjoni jista'* jkollha udjenzi differenti u għaldaqstant tista' tħalli effetti differenti.

Għall-għalliema, l-assessjar ifisser xi ħaġa partikolari, differenti minn dak li jfisser għall-istudenti nfushom, għall-ġenituri, għall-kapijiet tal-iskejjel kif ukoll għall-amministrazzjoni fuq livell nazzjonali. Dawn kollha però għandhom fattur komuni bejniethom: l-għan li l-assessjar jgħin biex jitjieb il-livell ta' tagħlim filwaqt li jsaħħaħ l-istess tagħlim. L-akbar sfida hija li tiġi żviluppata sistema ta' assessjar li tirrikonoxxi l-funzjonijiet differenti tal-assessjar innifsu filwaqt li tgħin sabiex dawn l-istess funzjonijiet jaħdmu flimkien aktar milli kontra xulxin.

X'għandu jiġi kkunsidrat:

1. Il-mistoqsija l-aktar importanti li għandna nwieġbu meta nassessjaw hija: *Għaliex għandu jkollna skema ta' assessjar?* Il-fattur l-aktar problematiku ħafna drabi ma jkunx l-assessjar fih innifsu iżda r-riżultati li joħorġu mill-istess assessjar u l-impatti tagħhom.
2. Assessjar xieraq jista' jsir biss ladarba l-għanijiet/il-kompetenzi jkunu identifikati b'mod ċar.
3. L-istandards u l-iskemi tal-assessjar għandhom jieħdu l-forma ta' proċess minn isfel għal fuq u għalhekk jirriflettu l-bżonnijiet tal-istudenti u tal-għalliema, u mhux bil-maqlub, minn fuq għal isfel, li jirriflettu l-bżonnijiet ta' min jieħu d-deċiżjonijiet.
4. Dan id-dokument għandu jservi biex joħloq kuxjenza u/jew għarfien fuq is-suġġett filwaqt li jservi ta' għodda għar-riflessjoni, billi jwessa' l-idea ta' assessjar lil hinn minn testijiet u eżamijiet.

Għalhekk l-assessjar fil-Malti għandu jsir biex jissaħħaħ il-proċess tat-tagħlim tal-Malti bħala lingwa nattiva u jiġu mkejla l-ħiliet tal-istudenti fl-użu tagħha fil-ħajja tagħhom. L-assessjar jinħtieġ ukoll biex jiġu magħrufa d-diffikultajiet li jħabbtu wiċċhom magħhom l-istudenti fil-ksib tal-ħiliet tal-lingwa u biex jgħin ukoll lill-għalliema jiġbru u janalizzaw l-informazzjoni fuq l-iżvilupp lingwistiku tal-istudenti fuq perjodu ta' żmien. Hekk l-għalliema jaslu biex ifasslu l-programmi tat-tagħlim tagħhom skont il-mixja u l-ħila tal-istudenti li jkollhom fil-klassi.

Għan ieħor li jista' jkollu l-assessjar huwa li joffri gwida għat-titjib fil-kapaċitajiet tal-istudenti. Dan jiġri meta l-għalliema jipprovdu lill-istudenti b'rispons tajjeb f'waqtu biex b'hekk tingħata stampa sħiħa tal-progress tal-istudenti fil-profiċjenza u l-kisba tal-istandards nazzjonali.

Huwa meħtieġ li biex l-assessjar iħalli dan il-frott, l-istudenti jingħataw l-għarfien minn qabel tal-miri tal-assessjar qabel ma jipparteċipaw f'esperjenzi tat-tagħlim. Dawn jitolbu wkoll li jkun hemm għanijiet u gwida tal-ħiliet għall-għalliema fit-tagħlim tal-klassi.

L-assessjar tal-Malti għandu jinbena fuq bilanċ bejn forom differenti ta' assessjar kontinwu u summattiv fl-aspetti kollha tal-lingwa, kemm dawk komunikattivi kif ukoll dawk ta' apprezzament (kulturali, storiku, letterarju, soċjali, u l-bqija.) Hekk nistgħu ngħidu li l-preżentazzjonijiet orali mill-istudenti fil-klassi minn żmien għal żmien jistgħu jitqiesu bħala forma t'assessjar summattiv filwaqt li l-parteċipazzjoni f'diskussjoni dwar testi letterarji jew temi attwali jistgħu jitqiesu bħala parti minn skema t'assessjar kontinwu marbuta ma' kisbiet speċifiċi f'dik il-ħila partikulari.

Magħhom jista' jidħol ukoll l-assessjar formattiv li jgħin lill-istudenti jitgħallmu minn dak li jkunu għamlu. Dan jista' jieħu l-forma kemm ta' assessjar li jagħmel l-istudent tiegħu nnifsu (awtoassessjar) kif ukoll dak li jsirlu minn sħabu (peer assessment).

Minħabba li l-introduzzjoni tal-kunċett tal-assessjar kontinwu huwa kemxejn ġdid fl-iskejjel tagħna, fejn s'issa kollox kien mibni fuq l-assessjar summattiv, l-għalliema tal-iskejjel, bl-għajnuna tal-uffiċjali responsabbli mit-tagħlim tal-Malti fl-iskejjel, jeħtieġ li jfasslu linji gwida u kriterji ċari u dettaljati li jaqduhom u jgħinuhom fit-tħaddim tal-assessjar kontinwu tagħhom tal-istudenti. Dan irid isir biex l-iskejjel jassiguraw li qed jintlaħqu l-miri stabbiliti fuq livell nazzjonali u biex l-eżaminaturi jassiguraw li l-eżamijiet nazzjonali jixhdu livell xieraq ta' ħiliet u kompetenzi milħuqa li jissodisfaw il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali.

Dawn il-linji gwida jeħtieġ li jinkludu parametri ċari u u dettaljati li jiggwidaw lill-għalliema fit-tfassil ta' metodi differenti ta' assessjar li jkunu ser jintużaw tul is-sena mal-istudenti tagħhom. Minkejja li kull kulleġġ jista' jkollu l-flessibiltà mixtieqa biex imexxi lill-istudenti tiegħu 'l quddiem fit-tagħlim tal-Malti skont il-pass tagħhom, min-naħa l-oħra xorta jkun meħtieġ it-twaqqif u t-tħaddim ta' struttura li jkollha politika ċara li tgħin lill-iskejjel u lill-kulleġġi kollha joqorbu lejn dak li hu meqjus u mistenni fuq livell nazzjonali fl-għarfien, fit-tħaddim u l-apprezzament tal-lingwa nattiva ta' pajjiżna fl-oqsma kollha tagħha.

Għalhekk huwa rrakkomandat li titwaqqaf struttura regolatorja min-naħa tad-DKSE li tassigura l-kwalità biex tassew jiġu rregolati l-istandards u l-kwalità tat-tagħlim tal-Malti. Huwa rrakkomandat ukoll li jiġu mistħarrġa u żviluppati forom interni u esterni ta' moderazzjoni għall-modi kollha t'assessjar tal-Malti minn nies esperti fil-lingwa u fit-tagħlim, u dan biex jagħti s-serħan il-moħħ li l-livelli t'edukazzjoni mistennija u mixtieqa fl-ilsien nattiv (li hu meqjus bħala l-ewwel għodda t'impjegabiltà għall-maġġoranza tal-istudenti Maltin) ikunu tassew għolja u jippermettu tassew lill-istudenti jkomplu bil-mixja edukattiva tagħhom wara l-edukazzjoni obbligatorja fl-istudji akkademiċi, tekniċi, kif ukoll fid-dinja tax-xogħol.

B'din l-istruttura tingħata l-assikurazzjoni meħtieġa lil dawk li huma xettiċi fuq l-oġġettività u l-affidabilità tal-assessjar kontinwu u r-rwol tiegħu fiċ-ċertifikazzjoni uffiċjali li jiksbu l-istudenti tul il-kors tal-edukazzjoni obbligatorja tagħhom.

L-assessjar tal-Malti għandu jkun sħiħ, jiġifieri jinkorpora l-aspetti, il-ħiliet u l-kompetenzi kollha marbutin mal-lingwa materna. Għalhekk qed jiġi rrakkomandat li l-assessjar, kemm jekk kontinwu kif ukoll summattiv, għandu jinkludi kemm il-kisbiet mit-tagħlim tal-lingwa kif ukoll dawk tal-letteratura. Il-letteratura Maltija tikkostitwixxi parti integrali u importanti mill-identità u r-ruħ tal-poplu Malti u għalhekk m'għandhiex tinfatam mill-ħiliet l-oħra fl-istadju tal-edukazzjoni obbligatorja. Il-letteratura trid tgħin fl-iżvilupp ħolistiku tal-istudent bħala kelliem nattiv. L-istudju tal-Malti bħala lsien nattiv, sa tmiem l-edukazzjoni obbligatorja, għandu jinkludi wkoll l-istudju tal-letteratura Maltija. Huwa suġġerit li jkunu mistħarrġa u mdaħħla forom oħra t'assessjar fejn il-kisbiet fil-letteratura jkunu assessjati fost l-oħrajn b'eżami orali minflok bil-kitba.

Kunċett ewlieni fil-paradimma l-ġdida tal-assessjar ippreżentata permezz tal-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim huwa n-numru ta' miżuri tal-assessjar tal-progress fit-tagħlim tal-istudenti bil-għan li jkun hemm opportunitajiet kontinwi għall-istudenti biex juru x'kapaċi jagħmlu fil-Malti. Għaldaqstant, in-natura tal-assessjar biex jiġu mistħarrġa l-kisbiet tat-tagħlim tal-Malti hija waħda kruċjali.

Mhuwiex irrakkomandat li jkun hemm ittestjar ta' aspetti lingwistiċi u letterarji barra l-kuntest bħal eżerċizzji tal-grammatika fil-forma ta' driling, tagħlim bl-amment ta' partijiet minn testi letterarji jew definizzjonijiet ta' termini letterarji jew morfoloġiċi, listi ta' qwiel u idjomi għal rashom, u l-bqija.

L-għalliema għandhom iħaddmu repertorju wiesa' ta' sistemi u approaches biex jassessjaw b'mod formattiv, fosthom fejn l-istudenti jintalbu jagħmlu preżentazzjonijiet, riċerki, espożizzjonijiet, wirjiet, teħid ta' rwoli, drammatizzazzjoni ta' testi letterarji jew sitwazzjonijiet mill-ħajja ta' kuljum, intervisti, u l-bqija.

Għandha tingħata importanza lix-xogħol tal-istudent li jsir fil-klassi u/jew id-dar bħal proġetti ta' riċerka individwali jew fi gruppi/pari. Dawn għandhom jitfasslu bil-għaqal u l-istudenti jkunu jafu l-kriterji stabbiliti li fuqhom ikunu ser jiġu assessjati minn qabel. Din is-sistema tista' sservi ta' mudell kemm għall-assessjar kontinwu, formattiv jew summattiv skont kif ikun ġie deċiż minn qabel fil-pjan t'assessjar imfassal mill-iskola/kulleġġ.

L-istudenti u persuni oħra involuti fit-tagħlim jeħtieġu rispons fil-ħin u eżatt fuq dak li tgħallmu, kif ukoll kemm tgħallmu, u jekk tgħallmuhx b'mod tajjeb. Dan jgħin fl-identifikazzjoni ta' xi jmisshom jagħmlu u min jista' jgħinhom biex iżidu mal-għarfien, il-fehim u l-ħiliet tagħhom. Il-progress tal-istudenti għandu jiġi assessjat permezz ta' modi u fi żminijiet xierqa għall-bżonnijiet tat-tagħlim tagħhom. Il-ġudizzji li jsiru fuq dan it-tagħlim għandhom ikunu msejsa fuq evidenza minn firxa wiesgħa ta' sorsi, kemm fl-iskola kif ukoll barra mill-iskola, u b'referenza għall-progress tal-istudenti fuq perjodu ta' żmien u f'firxa ta' attivitajiet.

Permezz ta' ppjanar ta' opportunitajiet ta' assessjar kontinwu u testijiet perjodiċi, b'mod speċjali fejn l-istudenti jużaw il-ħiliet tagħhom b'mod integrat, l-edukaturi ser ikunu qed jippermettu lill-istudenti juru kemm ikunu tgħallmu fuq medda ta' żmien.

Bilanċ bejn opportunitajiet ta' assessjar kontinwu u perjodiku jitlob li l-istudenti juru qafas ta' tagħlim mibni fuq perjodu ta' żmien filwaqt li japplikaw l-għarfien u l-ħiliet f'kuntesti differenti. It-taħlit ta' firxa ta' opportunitajiet ta' assessjar formattiv immexxi mill-istudenti jippermetti lill-istudenti nfushom ikejlu l-progress tagħhom meta mqabbel ma' kisbiet jew ġabra ta' kisbiet partikulari tas-suġġett.

L-edukaturi għandhom jaraw li jiġbru numru ta' xogħlijiet ta' kwalità bħala evidenza tal-progress tat-tagħlim kemm minn assessjar formattiv b'mod perjodiku, kif ukoll minn assessjar summattiv. L-ammont u l-varjetà tal-evidenza għandhom ikunu biżżejjed biex jinbena profil tal-kisbiet tal-istudenti fil-ħiliet u l-aspetti kollha tal-lingwa skont kif deskritti fil-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim tal-Malti. Dawn għandhom ikunu rappreżentattivi tax-xogħol li jkun sar u li jixhdu verament il-kisbiet milħuqa mill-istudenti. L-istudenti jistgħu jkunu involuti fl-għażla tal-evidenza ta' kisbiethom. Din l-evidenza għandha turi li l-istudenti kisbu l-għarfien mixtieq, irrispondew b'mod konsistenti għal esperjenzi li offrew sfida u kienu kapaċi japplikaw dak li tgħallmu f'kuntesti ġodda u mhux familjari għalihom.

It-tagħlim u l-assessjar għandhom ikunu ddisinjati b'tali mod li jirriflettu kif l-istudenti jipprogressaw b'modi differenti sabiex jimmotivawhom filwaqt li jħeġġuhom fit-tagħlim tagħhom. Biex jappoġġjaw dan, l-istudenti kollha għandhom ikunu involuti fl-ippjanar u fir-riflessjoni fuq it-tagħlim tagħhom, permezz ta' assessjar formattiv, l-evalwazzjoni tagħhom infushom u min-naħa ta' sħabhom u permezz ta' ppjanar tat-tagħlim personali tagħhom. L-approaches preżenti tal-assessjar iħeġġu lill-istudenti jieħdu sehem f'numru ta' xogħlijiet komunikattivi. Ladarba l-istudenti jingħataw iċ-ċans li jinteraġixxu ma' sħabhom u jirċievu rispons kontinwu mill-għalliema tagħhom, fl-aħħar mill-aħħar huma jkunu qed jingħataw gwida sabiex jieħdu deċiżjonijiet fuq kif itejbu l-kisba tal-lingwa partikolari. Għaldaqstant, l-istudenti għandhom jingħataw iċ-ċans li jkollhom sehem attiv fl-assessjar tagħhom infushom li jħeġġiġhom ifittxu għanijiet personali għat-tagħlim tal-Malti. Dan it-tip ta' assessjar jista' jkun ippjanat f'punti partikolari, bħal fit-tmiem ta' kull unità tematika, fejn l-istudenti jkunu jistgħu jiġġudikaw u jirrevedu l-ħiliet tagħhom permezz ta' tabella li fiha jkun hemm il-kisba tat-tagħlim maħsuba vis-à-vis il-livell li fih tkun inkisbet.

L-għalliema għandhom jassiguraw li dak li fl-opinjoni tagħhom laħqu l-istudenti jkun imsaħħaħ b'evidenza ċara u preċiża. L-evalwazzjoni tagħhom ta' din l-evidenza għandha tkun konsistenti mal-evalwazzjonijiet tal-kollegi tagħhom, fid-dipartiment jew ċentru tagħhom jew f'oħrajn. Iċ-ċentri jistgħu jippjanaw flimkien filwaqt li jużaw il-ġudizzjoni professjonali tagħhom sabiex jaslu għal ftehim komuni ta' xi jfisser li jintlaħaq il-livell f'kull wieħed mill-erba' ħiliet. Il-gwida nazzjonali ser tkun qed tgħin dan il-proċess. Il-moderazzjoni hija importanti ħafna fiż-żmien ta' tranżizzjoni minn livell għal ieħor u fit-tranżizzjoni mis-snin Medji u dawk Sekondarji.

It-tagħlim marbut mat-Temi Krosskurrikulari u l-assessjar marbut magħhom huwa r-responsabbiltà tal-għalliema.

It-titjib tal-kwalità tat-tagħlim jimplika wkoll il-promozzjoni ta' kultura li tassigura t-trasparenza fil-kwalità tar-riżultati tal-assessjar filwaqt li jinħolqu approaches, strutturi u rwoli kemm interni kif ukoll esterni f'sistemi ta' evalwazzjoni mill-iskejjel.

*Il-garanzija tal-kwalità fl-edukazzjoni tista' tinftiehem bħala politiki, proċeduri, u prattiki li huma ddisinjati sabiex tinkiseb, tinżamm jew tissaħħaħ il-kwalità f'setturi speċifiċi, u li jiddependu fuq il-proċess ta' evalwazzjoni … [jiġifieri] proċess ġenerali ta' analiżi sistematika u kritika ta' suġġett definit li jinkludi l-ġabra tad-dejta relevanti li twassal għal ġudizzji u/jew rakkomandazzjonijiet għal titjib. L-evalwazzjoni tista' tiffoka fuq numru ta' suġġetti: l-iskejjel, il-kapijiet tal-iskejjel, l-għalliema u staff edukattiv ieħor, l-awtoritajiet lokali, jew l-andament tas-sistema edukattiva sħiħa.*

*Assuring Quality in Education: Policies and Approach to School Evaluation in Europe,*

Il-Kummissjoni Ewropea (2015b:13)

L-iskejjel jeħtieġu jibdew jiżviluppaw proċeduri ġodda ta' garanzija tal-kwalità, filwaqt li jsaħħu dawk eżistenti, sabiex jgħinu fl-introduzzjoni tal-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim u jassiguraw li l-implimentazzjoni tagħhom fil-klassijiet tkun waħda ta' suċċess. Dan jeħtieġ jagħmel parti mill-implimentazzjoni sħiħa tal-iskola u l-istrateġija ta' kwalità li tista' tinkludi opportunitajiet fejn:

- it-Timijiet tat-Tmexxija tal-Iskejjel jieħdu interess attiv fis-CPD tal-għalliema, jimmoniterjaw il-livelli ta' kunfidenza tal-għalliema u l-progress tal-istudenti eż. it-tqassim tax-xogħol tal-istudenti u t-tmexxija ta' evalwazzjonijiet tal-iskejjel infushom.
- il-kapijiet tal-iskejjel isibu ħin biex ilaqqgħu l-għalliema flimkien għall-preparazzjoni u l-ippjanar sabiex jiffaċilitaw ix-xogħol kollaborattiv.
- jinstab ħin għall-qsim tal-istandards u l-aspettattivi permezz tal-wiri tax-xogħol tal-istudenti skont il-livelli biex jidher il-progress tagħhom bħal, pereżempju, xogħol esebit fuq 'il-ħajt tat-tagħlim'.
- l-istaff jinvolvi lit-tfal u liż-żgħażagħ f'diskussjonijiet fuq il-progress u l-issettjar ta' għanijiet bħala parti mill-ippjanar sabiex jintlaħqu l-bżonnijiet tagħhom tat-tagħlim.
- l-iżvilupp ta' approaches għall-iskola kollha għat-tagħlim u l-assessjar tat-Temi Krosskurrikulari.
- strateġiji ċari ta' rappurtaġġ għar-rispons fuq il-progress fi ħdan l-iskola u barra mill-iskola eż. *il-ġenituri u l-kustodji tat-tfal.*

Fil-laqgħat tad-Dipartiment tal-Malti (flimkien mal-attivitajiet imsemmija aktar 'il fuq) l-edukaturi għandhom ikunu involuti:

- f'laqgħat regolari sabiex jippjanaw it-tagħlim u l-assessjar b'mod koerenti, flimkien mal-kollegi tagħhom, billi jaqsmu strateġiji effettivi li huma jħossu li jistgħu jgħinu t-tagħlim u l-ħiliet tal-istudenti.
- fi ppjanar kollaborattiv ma' għalliema oħra, analiżi mill-ġdid mill-kollegi u diskussjonijiet fuq standards u dak li jkunu qed jistennew mit-tagħlim tal-istudenti fl-istess livell.
- f'korrezzjonijiet li jinvolvu aktar minn persuna waħda ta' testijiet ta' tmiem is-suġġett, assessjar perjodiku u assessjar ieħor intern. Permezz tal-immarkar ta' xogħol ta' studenti minn klassijiet jew gruppi oħra, l-edukaturi jistgħu jieħdu sehem fi djalogu professjonali fuq in-natura tal-assessjar, kemm hu xieraq, u r-riżultati tal-istudenti.
- fid-disinn ta' materjali tal-assessjar, skemi ta' marki u strateġiji ta' rrappurtar b'kollaborazzjoni ma' għalliema oħra fi ħdan id-dipartiment jew ma' edukaturi minn skejjel oħra.
- fl-adozzjoni ta' strateġiji biex jiġu evitati ġudizzji qabel jiġu assessjati l-ħiliet, pereżempju l-korrezzjoni/immarkar ta' xogħol ta' studenti mingħajr ma jkunu jafu min huma l-istudenti nfushom.
- fi djalogu professjonali fuq ix-xogħol tal-istudenti li kien ġie mmarkat minn qabel li jwassal għal viżjoni miftiehma fuq il-kwalità u l-istandards.
- f'komunitajiet ta' prattika għall-qsim u/jew it-tisħiħ tal-prattika professjonali tagħhom li jiffukaw fuq l-assessjar, il-konsistenza fl-interpretar tal-Kisbiet mit-Tagħlim tas-Suġġett, ir-rappurtaġġ tal-progress lill-għalliema, 'il-ġenituri u 'l-kustodji, u 'l għalliema oħra.

Id-Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni (DKSE) irid jassigura li:

- l-Uffiċjali Edukattivi jżuru l-iskejjel biex jivvalidaw kull evidenza ta' evalwazzjoni li ssir mill-iskejjel stess, filwaqt li jieħdu kampjun għall-konsistenza tat-tagħlim u l-assessjar.
- membri tal-istaff jiġbru flimkien u janalizzaw firxa ta' data lokali u nazzjonali sabiex tintuża bħala l-bażi ta' diskussjonijiet mal-kapijiet tal-iskejjel, l-assistenti kapijiet u l-kapijiet tal-Fakultà/il-prinċipali sabiex jippjanaw titjib fil-kisbiet tal-istudenti.
- fejn tiġi identifikata prattika tajba, l-uffiċjali edukattivi, it-Timijiet tat-Tmexxija tal-Iskejjel u membri oħra jorganizzaw attivitajiet li jittrattaw prattiki tajbin għall-membri tal-istaff fl-iskejjel li jaqgħu taħt l-awtorità tagħhom sabiex tixtered l-idea ta' prattika tajba.

# B. METODOLOĠIJI TA' ASSESSJAR INKLUSSIV

Sabiex klassijiet mimlija ħajja u differenti jirnexxu u jkunu jistgħu juru potenzjal ta' tagħlim, l-edukaturi għandhom jassiguraw li l-assessjar fil-klassi jkun ġust u inklussiv, li jippermetti lill-istudenti kollha juru xi jkunu kisbu u kif qed jipprogressaw. L-edukaturi għandhom jassiguraw li l-assessjar jilħaq il-bżonnijiet tal-istudenti kollha billi jipprovdu lill-istudenti kollha bis-sapport xieraq, jużaw firxa ta' metodi ta' assessjar u għażliet u, permezz ta' dawn, joffru l-aqwa opportunità ta' suċċess lill-istudenti kollha. L-edukaturi għandhom jużaw informazzjoni fuq l-effiċjenza u l-assessjar minn varjetà ta' sorsi sabiex isir moniteraġġ tal-progress u jsiru jafu x'għandu jsir fil-vjaġġ tat-tagħlim.

L-edukaturi għandhom ikunu konxji tal-oqfsa leġiżlattivi relevanti li jagħtu sapport lil dawk l-istudenti li jesperjenzaw diffikultajiet fit-tagħlim, u jaħdmu fuqhom. Id-diffikultajiet jistgħu jkunu riżultat ta' ċirkostanzi familjari, diżabiltà jew bżonnijiet ta' saħħa, u fatturi soċjali jew emozzjonali. Fejn ikun hemm dawn id-diffikultajiet, l-istudenti għandhom jingħataw sapport addizzjonali sa mill-istadju l-aktar bikri possibbli – mill-iskola, mill-awtoritajiet edukattivi u/jew mill-Istat. L-istrateġiji tal-assessjar ikunu effettivi meta l-edukaturi jużaw firxa ta' approaches ta' assessjar flessibbli biex jiġu identifikati l-ħiliet, it-tagħlim u s-sapport meħtieġ għal dawk l-istudenti vulnerabbli, mhux interessati u/jew li diffiċli jirrilataw magħhom fil-klassi.

**Is-sapport lil studenti vulnerabbli**

Li jingħata sapport lil studenti vulnerabbli jista' jfisser li jintużaw mezzi ta' ppjanar bħal proġetti ta' tagħlim personali jew proġetti ta' sapport ikkoordinati minn numru ta' aġenziji. L-edukaturi għandhom ipoġġu lill-istudenti fiċ-ċentru sabiex jassiguraw li l-istudenti kollha bi bżonnijiet addizzjonali jew differenti jkunu jistgħu jiksbu riżultati edukattivi pożittivi u sostenibbli.

L-għalliema fil-klassi għandhom ir-responsabbiltà li joħolqu ambjent tat-tagħlim fejn l-istudenti  jitgħallmu l-Malti bħala l-lingwa materna. Dan ifisser li għandhom jikkonsidraw b'mod attiv il-bżonnijiet differenti li ser jiffaċċjaw l-istudenti tagħhom. Il-klassijiet għandhom ikunu mgħammra b'kartelluni, stampi u leħħiet marbutin m'aspetti li jkunu ġew mgħallma biex dawn iservu ta' referenza u tisħiħ ta' dak li jkun sar.  Post importanti fil-klassi għandu jkun dak li jiċċelebra xogħol it-tfal, li għandu jiġi ppubblikat wara li jkun editjat sew. Dawn u eżempji oħra ta' prattika tajba jsaħħu l-ħsieb li t-tfal jitgħallmu ħafna f'ambjent li jħajjarhom u jidderiġihom biex jitgħallmu anke minn dak li jaraw ta' kuljum madwarhom fil-klassi. Għalhekk l-edukaturi għandhom jikkonsidraw sew ir-repertorju tal-approaches tat-tagħlim li jużaw biex jaraw li jipprovdu l-opportunitajiet kollha possibbli li fihom jistgħu jintlaħqu l-għanijiet u l-kisbiet tal-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim mill-istudenti kollha.

Filwaqt li l-iskejjel għandhom jikkonsidraw liema approaches ser ikunu l-aktar effettivi fl-għajnuna biex jiġu eliminati d-diffikultajiet għat-tagħlim li huma riżultat ta' ċirkostanzi soċjali u emozzjonali inkluż, pereżempju, imġiba diffiċli, l-edukaturi għandhom jikkonsidraw kif dawn il-policies li jaffettwaw lill-iskola kollha ser jiġu attwati b'mod prattiku fil-klassi.

L-ippjanar tal-assessjar u l-approaches li ser jintużaw (kif ukoll l-istrumenti u l-metodi użati) għandhom jassiguraw li l-istudenti kollha jkollhom opportunità ndaqs li juru xi jkunu tgħallmu u x'kapaċi jagħmlu. L-edukaturi għandhom jikkonsidraw ukoll x' 'aġġustament raġonevoli' għandu jkun hemm għall-approaches tal-assessjar ta' studenti b'diżabiltà fl-assessjar tal-abbiltà. Dan jista' jinkludi l-użu proprju ta' teknoloġiji ta' assistenza. Ladarba l-prattika ta' assessjar tajjeb hija l-fattur ewlieni fit-tagħlim, l-approaches li jintużaw sabiex jassessjaw il-progress tal-istudenti fuq bażi individwali għandhom ikunu kemm jista' jkun konsistenti ma' dawk li jintużaw fit-tagħlim innifsu.

Il-prinċipju ta' sekwenza ta' kisbiet għandu jkun tali li jippermetti lill-istudenti jagħżlu l-aħjar triq li tippermettilhom li jilħqu l-massimu tal-potenzjal tagħhom – irrispettivament jekk humiex studenti tajbin ħafna, għandhomx ħiliet medji, bażiċi u/jew diżabiltà. F'dan ir-rigward, il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali fittex li jistabbilixxi qafas li jassigura li, fejn hu possibbli, l-ebda student ma jispiċċa vittma ta' sistema edukattiva li mhix kapaċi tidentifika dawk l-istudenti li jeħtieġu inkoraġġiment u gwida. Importanti wkoll li l-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali jippermetti l-introduzzjoni ta' toroq differenti li verament jippermettu lill-istudenti jiżviluppaw l-abbiltajiet tagħhom bl-aħjar mod possibbli għalihom.

Addattat minn *Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali għal Kulħadd*, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (2012:5)

# Ċ. MODI TA' ASSESSJAR AFFIDABBLI U VALIDI

L-assessjar ser jinvolvi l-ippjanar ta' interazzjonijiet għolja mal-istudenti u ser ikun ibbażat fuq mistoqsijiet ta' ħsieb u li jidħlu fil-fond meħuda mill-Kisbiet mit-Tagħlim tas-Suġġett (KTS) u ddisinjat li jassigura kemm il-kisbiet mit-tagħlim ikunu ntlaħqu. L-istudenti jkollhom idea ċara fuq it-tip u l-kwalità tax-xogħol mistenni sabiex jilħqu b'suċċess il-KTS. Il-metodi ta' assessjar li jintużaw għandhom jirriflettu n-natura ta' x'qed jiġi assessjat.

Fil-perjodi ta' bejn l-assessjar formali, l-istudenti individwali għandhom ikunu mħeġġa biex jitolbu u għalhekk jingħataw rispons ta' spiss fuq il-kwalità ta' xogħolhom b'mod li huma jistgħu jifhmuh, jirriflettu u jistaqsu mistoqsijiet fuqu. L-edukaturi għandhom ifittxu li jħeġġu lill-istudenti jieħdu sehem b'mod attiv f'diskussjonijiet dwar ix-xogħol u l-progress tagħhom, filwaqt li jissuġġerixxu x'jistgħu jagħmlu biex itejbu r-riżultati tagħhom.

L-edukaturi għandhom jagħtu s-setgħa lill-istudenti jiżviluppaw il-ħiliet meħtieġa biex jevalwaw ix-xogħol tagħhom u ta' sħabhom skont il-KTS, filwaqt li jħeġġuhom jiżviluppaw apprezzament tal-bżonnijiet tagħhom tat-tagħlim, biex ikejlu kemm qed jipprogressaw lejn l-istandard elenkat fil-KTS biex iqisu t-tipi ta' azzjonijiet li jeħtieġ li jieħdu sabiex itejbu l-progress tagħhom.

Il-KTS inkitbu b'mod li huma ddisinjati li jassiguraw li l-ħiliet tat-tagħlim ikunu ċari. Jintużaw ukoll bħala ankra għal kull tip ta' attività ta' assessjar marbuta magħhom billi jiddefinixxu t-tagħlim li hu maħsub għall-attività tal-assessjar u jeliminaw b'mod ċar dak li mhux maħsub jiġi assessjat. Dawn jagħmlu l-proċess tal-assessjar u l-kisbiet tal-assessjar aktar trasparenti għall-istudenti. Xi drabi l-KTS jinvolvu livell ieħor ta' dettall mogħti permezz tal-eżempji sabiex juru n-natura tal-isfida fi ħdan il-KTS jew permezz ta' dikjarazzjoni ċara ta' xi jrid ikun inkluż bħala l-minimu fl-indirizz tat-tagħlim marbut mal-KTS partikolari.

Fejn ikun hemm għoti ta' eżempji, l-eżempju mogħti huwa ddisinjat bħala indikazzjoni tal-livell ta' diffikultà jew l-isfida mistennija fil-KTS. L-eżempju jżid aktar il-livell ta' dettall u ċarezza sabiex l-edukaturi jkunu jafu xi standard iridu jilħqu l-istudenti.

Dak li għandu jistabbilixxi l-assessjar huwa jekk l-istudenti laħqux l-istandard tal-KTS. L-istudenti kapaċi jagħmlu dak li qed isemmi l-KTS? Kapaċi juru l-abbiltà li tissemma fil-KTS u kapaċi jagħmluha fuq bażi ta' rutina, b'kunfidenza u b'kumdità? Hawnhekk il-ġudizzju professjonali tal-edukaturi u l-ftehim professjonali ta' x'jagħmel is-suċċess huwa xi ħaġa importanti.

L-istandard tal-assessjar mhux bilfors dak li jissemma fil-KTS. L-istandard huwa l-interpretazzjoni applikata b'mod konsistenti u bi qbil ta' xi tfisser li l-istudenti jilħqu kisbiet aċċettabbli b'rabta mal-KTS. Sabiex jintlaħaq dan il-ġudizzju, l-edukaturi jeħtieġu li jaħdmu flimkien sabiex jaqblu fuq xi jfissru li jinkisbu l-ħiliet f'kull livell (eż. Livell 8), f'dak li għandu x'jaqsam fl-Aspett tas-Suġġett fi ħdan livell partikolari u dak li jitlob il-livell tal-KTS, kemm-il darba dan ma jidhirx immedjatament u jkun hemm każ ta' ambigwità jew interpretazzjoni.

L-assessjar fi ħdan il-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim jeħtieġ li jkun suġġett għal proċeduri ta' garanzija tal-kwalità robusti li huma ddisinjati biex iżidu l-kunfidenza fil-ġudizzji tal-assessjar fost l-għalliema filwaqt li jassiguraw lill-ġenituri, kustodji u persuni/gruppi oħra interessati li l-istudenti kollha ser jirċievu rikonoxximent xieraq għall-ħiliet miksuba konformi mal-istandards nazzjonali miftiehma u li l-istudenti qed jagħmlu l-progress xieraq b'rabta ma' dak li hu mistenni minnhom.

Fejn l-assessjar għandu rwol importanti ħafna għall-kwalifiki u ċ-ċertifikazzjoni esterna, jeħtieġ li jkun hemm protezzjoni partikolari sabiex ikun hemm garanzija ta' ġustizzja fost iż-żgħażagħ kollha; u l-ġenituri u l-kustodji, l-MCAST, l-Università ta' Malta u min iħaddem jingħataw iċ-ċertezza li s-sistema hija waħda b'saħħitha. F'dan il-każ il-MATSEC għandu jipprovdi pjanijiet ċari ta' assessjar għal-Livelli 9 u 10, billi joħroġ bilanċ dettaljat bejn proċeduri ta' assessjar estern u intern kif ukoll garanzija tal-kwalità.

Hekk kif l-istudenti jilħqu punti ta' tranżizzjoni (pereżempju, minn Livell għal ieħor) huwa importanti li jkun hemm assessjar rigoruż u b'saħħtu u marbut mal-proċeduri ta' garanzija ta' kwalità li hemm fis-seħħ sabiex ikun assigurat li s-sistema hija waħda ta' min joqgħod fuqha għall-iskambju ta' informazzjoni fuq il-progress u r-riżultati. Għal darb'oħra, il-MATSEC u/jew id-DKSE ser ikun responsabbli li jipproduċi dokumentazzjoni dettaljata li toffri gwida fuq il-politika u l-proċeduri għal kwalunkwe każ ta' assessjar ta' tranżizzjoni li jinvolvu assessjar importanti ħafna jew estern.

**L-użu tal-klassi: Inkejlu l-impatt tat-tagħlim**

Din it-teknika ta' assessjar bħala klassi sħiħa tista' tintuża ma' studenti f'Livelli 8 u 9. Fil-klassi jiġu ssettjati partijiet differenti li joffru sfidi differenti; numru biżżejjed sabiex il-klassi tkun tista' tinqasam fi gruppi ta' 3-5, bi sfida differenti tiġi ppreżentata lil kull grupp. L-isfidi għandhom ikunu marbuta ma' dak li diġà ġie mgħallem fil-klassi u għandhom ikunu bbażati fuq żewġ jew tliet kisbiet mit-tagħlim distinti. Il-gruppi għandhom ikunu bbilanċjati ndaqs f'termini ta' abbiltà flimkien mal-elementi tal-ħin u l-premju bħala motivazzjoni u spirtu kompetittiv. L-assessjar tal-attività ser toffri idea ta' kif il-klassi kollha fehmet dak li ġie mgħallem.

Pereżempju, xi sfidi jistgħu jiffokaw fuq il-grammatika filwaqt li sfidi oħra jistgħu jkunu relatati aktar mal-vokabularju (eż. sfidi li jinvolvu l-mili ta' stampi biex jiġu ttestjati suġġetti li jkunu ġew mgħallma riċentement, jew it-tqabbil ta' stampa ma' biċċa kitba). Ir-riżultati jagħtu indikazzjoni ċara tas-setturi fejn l-istudenti huma kunfidenti, filwaqt li l-għalliema jkunu jistgħu jirriflettu fuq kif dawn is-setturi jkunu ġew mgħallma u kif jistgħu jittejbu.

Addattat minn *Designing Effective Activity Centers for Diverse Learners: A Guide for Educators At All Grade Levels and for all Subject Areas* (Hilberg, Chang u Epaloose, 2003)

# D. L-ASSESSJAR TAT-TEMI KROSSKURRIKULARI

It-Temi Krosskurrikulari (TKK) infilsati fil-Kisbiet mit-Tagħlim tas-Suġġett (KTS) huma biss għal skop ta' gwida. Kif imsemmi aktar 'il fuq, l-għalliema jistgħu jkollhom ideat oħra ta' fejn, meta u kif jinfilsaw aspetti partikolari tat-TKK.

Is-simbolu tat-TKK infilsat fil-KTS ikollu warajh sottotitlu mit-TKK. Dan jindika s-settur partikolari ta' kontenut li huwa l-aktar xieraq li jiġi infilsat fit-tagħlim tal-KTS.

Il-gwida fuq it-temi krosskurrikulari tiddeskrivi wkoll kif it-temi krosskurrikulari jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' għażla ta' pedagoġija jew stil ta' tagħlim, attivitajiet fil-klassi jew approaches għat-tagħlim. Xi wħud jistgħu jiġu indirizzati wkoll permezz tal-introduzzjoni ta' attivitajiet immirati lejn l-iskola kollha jew grupp partikolari li jsaħħaħ il-kurrikulu jew l-addozzjoni ta' settijiet partikolari ta' mġiba fi ħdan l-iskola. Il-flessibilità u l-libertà li wieħed jiddeċiedi fuq il-metodi u l-għażla tal-metodi, l-opportunitajiet u l-aspetti tat-TKK, meta, fejn u kif ser jiġu indirizzati huma purament suġġettivi. L-għan hu li jkun assigurat li l-istudenti, matul il-vjaġġ tagħhom ta' tagħlim permezz tal-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim (QKT), jiġu f'kuntatt mat-tagħlim ewlieni marbut mat-TKK kollha permezz ta' modi li għandhom tifsira speċjali u li jagħmlu sens. L-irwol tat-TKK huwa li jiġġeneraw żgħażagħ li kapaċi jitgħallmu, jaddattaw ruħhom, u mħeġġa b'ħiliet b'saħħithom, u kapaċi jużawhom f'okkażjonijiet partikolari - ħiliet li l-pajjiż jeħtieġ biex jibqa' pajjiż responsabbli, inklussiv, kompetittiv u produttiv. Dan għandna nżommuh f'moħħna meta qed inħarsu lejn l-implimentazzjoni sħiħa u l-infilsar tat-TKK fil-kurrikuli.

Dan l-approach miftuħ u flessibbli ta' fejn, meta u kif ser jiġu indirizzati t-TKK huwa wieħed ta' sfida meta tiġi biex tippreskrivi l-approaches tal-assessjar. Filwaqt li n-nuqqas ta' uniformità u konsistenza fuq meta, fejn u kif ser jiġu nfilsati t-TKK fil-QKT u f'kull aspett tas-suġġetti hija xi ħaġa attraenti f'dak li għandu x'jaqsam mal-flessibilità tat-tagħlim, dan joffri wkoll sfida fl-assessjar f'dak li għandu x'jaqsam ma' standardizzazzjoni.

Il-gwida fuq l-assessjar tat-TKK sempliċiment qiegħda hemm biex tiżgura li:

- l-impatt fuq l-istrateġiji tal-infilsar addottati fil-klassi, fuq livell dipartimentali u mill-iskola jkun magħruf u mifhum f'dak li għandu x'jaqsam ma' x'ġie mgħallem.
- ikun hemm komunikazzjoni bejn l-iskejjel, it-tutors u l-għalliema fil-klassi fuq il-progress tal-istudenti, fir-rigward ta' x'ġie kopert u l-kisba tal-kontenut tat-TKK.
- l-istudenti jesperjenzaw is-sitt TKK bi frekwenza, sens u dettall biżżejjed li jippermettulhom jilħqu l-kompetenzi ewlenin u għaldaqstant jibbenefikaw minn tagħlim u ħiliet ġodda li jiġu introdotti permezz ta' kull TKK.

F'kull suġġett, l-edukaturi jistgħu jsibuha l-aktar ta' benefiċċju meta jaħdmu ma' edukaturi oħra sabiex jiddeterminaw l-aħjar opportunitajiet li joffru t-TKK, billi joħolqu grupp ta' sapport li jaqsam flimkien l-iżvilupp ta' riżorsi u li jgħin sabiex jinħoloq approach konsisteni għat-tagħlim u l-assessjar f'dak li għandu x'jaqsam mal-infilsar tat-TKK. Permezz ta' dan il-grupp ta' sapport wieħed jista' jipprova:

- jaqbel fuq l-approaches tat-tagħlim li joqogħdu l-aktar għal TKK partikolari.
- jaqsam ideat u riżorsi.
- jiżviluppa approaches li jibbażaw fuq proġett għat-tagħlim tal-KTS li huma msaħħa permezz tal-inklużjoni tat-TKK.
- jistandardizza proċeduri ta' assessjar marbuta mat-TKK.

# E. L-IRRAPPURTAR TAL-PROGRESS

## L-irrappurtar fuq l-istudenti għall-ġenituri/il-kustodji tagħhom

L-irrappurtar fuq it-tagħlim u l-progress għandu joffri lill-istudenti, lill-ġenituri, lill-kustodji tagħhom u lill-għalliema idea fuq l-aspettattivi tat-tagħlim li ġew issettjati, kif qed jipprogressaw l-istudenti b'rabta ma' dawn l-aspettattivi u kif l-istudenti jistgħu jagħmlu dak li għandu bżonn isir sabiex ikun assigurat li jkun hemm progress u titjib huma u javvanzaw fit-tagħlim tagħhom. L-irrappurtar għandu jkun dejjem wieħed kostruttiv, intuwittiv, kif ukoll jintuża biex jistimola diskussjoni li tagħmel sens bejn l-għalliema, l-istudenti u l-ġenituri jew il-kustodji tagħhom. Fl-istess waqt għandu jgħin biex wieħed jirrifletti fuq ir-riżultati miksuba u jħares 'il quddiem għal titjib li jista' jkun hemm.

Il-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim (QKT) joffri flessibbiltà lill-iskejjel lokali li jiddeċiedu fuq kif inhu l-aħjar mod li jirrapportaw l-informazzjoni fuq il-progress tal-istudenti, ir-riżultati u x'passi jmiss bħala parti mill-aspettattivi nazzjonali ssettjati. Kemm dan it-tip ta' rappurtar isir frekwenti u b'liema mod hija deċiżjoni li għandha tittieħed mill-iskejjel u mill-kulleġġi.

### L-aspettattivi nazzjonali għar-rappurtar

L-irrappurtar ser jipprovdi lill-istudenti, lill-ġenituri u l-kustodji tagħhom bl-informazzjoni fuq il-progress u r-riżultati f'kull suġġett li jinkludi:

- ir-rispons kostruttiv, li jagħti informazzjoni ċara matul l-esperjenza tat-tagħlim.
- ir-rispons fuq il-ħiliet partikolari tal-istudenti, punti għall-iżvilupp u r-riżultati miksuba.
- ir-rispons fuq partijiet differenti tal-kurrikulu.
- is-sapport partikolari li għandhom bżonn l-istudenti biex jipprogressaw.
- l-attitudni tal-istudenti lejn it-tagħlim.
- kemm id-dar għandha sehem importanti fis-sapport tal-proċess tat-tagħlim.
- l-opportunità li jinstema' l-leħen tal-istudenti.
- l-opportunità għall-ġenituri/il-kustodji tal-istudenti li jirrispondu direttament għar-rispons mogħti.

Huwa importanti li l-istruttura użata tar-rappurtar tkun waħda li tista' titħaddem mill-għalliema.

L-irrappurtar huwa mibni fuq il-progress tal-assessjar u hemm bżonn li jkun hemm bilanċ bejn kemm isir ta' sikwit l-assessjar tal-progress, kemm jiġi rrekordjat ta' spiss u kemm dan l-istess progress jiġi mgħoddi lill-istudenti u lill-ġenituri/il-kustodji tagħhom. Il-ħtiġijiet tal-irrappurtar taż-żewġ gruppi huma differenti:

- L-istudenti għandhom jirċievu r-rispons fuq il-progress fuq bażi kontinwa bħala parti mir-rutina tal-progress tat-tagħlim u l-assessjar. L-użu tal-assessjar formattiv (magħruf ukoll bħala Assessjar għat-Tagħlim) għandu jkun parti mir-rutina ta' strateġija tal-assessjar. Dan jagħmel dan it-tip ta' rrappurtar wieħed frekwenti u kontinwu.
- Il-ġenituri u l-kustodji tal-istudenti għandhom ikunu informati bil-progress tat-tfal tagħhom matul aspetti ewlenin fil-proċess tat-tagħlim fejn għandu jingħata rispons fuq ir-riżultati miksuba u fl-istess ħin ikun hemm lok għal diskussjoni bejn id-dar u l-iskola fuq il-progress u t-titjib li jista' jkollhom l-istudenti. Dan kollu jagħmel l-irrappurtar ħafna anqas ta' spiss iżda wieħed rikorrenti. Fl-aħħar mill-aħħar, il-kisba ta' ħiliet f'livell partikolari għandha tiġi rrappurtata kull darba li jintlaħaq il-livell.

### Il-proċess tal-irrappurtar

Huwa importanti li jiġi ssettjat proċess li permezz tiegħu l-istudenti jkollhom sens ta' pussess ta' dak li qed jiġi rrappurtat. L-edukaturi għandhom jikkonsidraw il-ħidma mal-istudenti sabiex jiddeterminaw liema evidenza għandhom jaħdmu fuqha, u hekk isir sommarju tat-tagħlim u l-progress għal skop ta' rappurtar. Dan iwassal għal riflessjoni u djalogu fuq it-tagħlim tagħhom u għandu jintuża bħala opportunità li tgħin lill-istudenti jieħdu sehem b'mod aktar attiv u bis-sens fid-diskussjoni fuq it-tagħlim tagħhom. Dan it-tip ta' djalogu ma jillimitax jew iħalli effett fuq il-ġudizzji professjonali tal-għalliema iżda joffri ideat fuq il-viżjoni tal-istudenti filwaqt li jgħinhom jifhmu aktar l-impatt fuq l-istrateġiji tagħhom tat-tagħlim.

Permezz tal-QKT jista' jsir rappurtar tal-progress b'mod dettaljat fi ħdan is-suġġett f'livelli differenti. Kull suġġett jiġi maqsum f'livelli, li jinkludu l-Aspetti tas-Suġġett, u kull Aspett tas-Suġġett jerġa' jinqasam f'Kisbiet mit-Tagħlim tas-Suġġett (KTS). Filwaqt li l-KTS jidentifikaw il-kisbiet mit-tagħlim b'mod espliċitu, huwa importanti li jiġi stabbilit x'għandhom ikunu jafu l-istudenti, il-ġenituri/il-kustodji fuq il-progress b'rabta mal-KTS u kif jista' jkun maqsum, kemm ta' spiss u meta. Qabelxejn l-edukaturi għandhom jisseparaw il-bżonnijiet tal-irrappurtar intern biex tinħoloq stampa tal-progress tal-istudenti, u dawn ikunu jistgħu jinqasmu ma' għalliema oħra huma u jipprogressaw f'suġġetti oħra, sabiex jinħoloq benċmark tal-progress b'mod aktar wiesa'. L-udjenzi differenti jeħtieġu dettall differenti fuq il-progress tal-istudenti.

L-iskola u d-dipartiment responsabbli għandhom jissettjaw politika fuq kif ser isir l-irrappurtar.

### Rappurtar intern

Sabiex jiġu massimizzati l-opportunitajiet li joħloq il-QKT f'termini ta' flessibbiltà u libertà u hekk l-istudenti jiġu megħjuna jipprogressaw fl-aspettattivi tat-tagħlim, l-għalliema għandhom japprezzaw b'mod dettaljat dawk il-ħiliet li jkunu diġà kisbu l-istudenti u kif dawn jorbtu mal-aspettattivi tat-tagħlim li l-għalliema huma responsabbli li jgħallmu. L-għalliema li jiġu wara wkoll ser jistennew valutazzjoni tal-andament tal-istudenti. Huwa importanti li jiġi stabbilit, permezz ta' diskussjoni mal-kollegi, kif l-aħjar li titmexxa din il-komunikazzjoni interna u l-irrappurtar bil-għan li jkun assigurat bilanċ bejn x'inhu ta' għajnuna fil-proċess ta' tranżizzjoni u x'mhux faċli, maniġġabbli u jrid sforz kbir biex iseħħ.

Huwa importanti li wieħed jiftakar li d-dettall li jiġi ġġenerat fuq l-andament tal-individwu mhux bilfors għandu l-għan li jippromwovi programm ta' tagħlim individwali għal kull student/a.  Iżda dan ser ikun hemm biex jiffaċilita approach aktar favorevoli għad-disinn tal-kurrikulu u għażla aktar xierqa fl-istrateġiji tat-tagħlim u l-għażla tar-riżorsi fi klassi.

Il-progress tal-istudenti permezz tal-QKT, minn livell għal ieħor, minn sena għal oħra, u minn klassi għal oħra jsir b'rati differenti. Dan joffri sfidi jekk it-tagħlim għandu jibqa' fluwidu u kontinwu u fl-istess ħin mingħajr interruzzjoni fil-progress. Għaldaqstant, l-Aspetti tas-Suġġett u l-KTS jippermettu lill-għalliema joħolqu profil tal-progress u r-riżultati filwaqt li jwasslu l-progress b'mod regolari. Huma jippermettu wkoll lill-għalliema juru fejn jinsabu l-istudenti b'rabta mal-aspettattivi kollha ta' livell partikolari u jindikaw ukoll meta jkun hemm riżultati ogħla mil-livell partikolari. L-iskola tingħata l-flessibilità li tiddeċiedi kif ser tikkomunika bl-aħjar mod il-progress tal-istudenti fi ħdan l-iskola bejn dawk responsabbli mit-tagħlim u l-progress tagħhom. Fi ħdan it-tim tal-persuni li jgħallmu s-suġġett huwa importanti li jiġi identifikat approach li huwa funzjonali u ċar fi ħdan is-suġġett u li fl-aħħar mill-aħħar jimmassimizza l-ħila li l-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim tas-suġġett juri l-progress b'mod dettaljat u b'mod personalizzat fejn l-istudent huwa ċ-ċentru ta' kollox.

Għalkemm Miksub/Mhux Miksub jista' jitqies bħala rispons ċar, madanakollu dan ma jurix kemm fadlilhom l-istudenti biex jilħqu l-livell mistenni fil-KTS. L-edukaturi jistgħu jsibuha utli li jużaw metodu aħjar minn dak binarju biex jirrappurtaw il-kisbiet tat-tagħlim. Li tingħata aktar informazzjoni fuq kif marru l-istudenti b'rabta ma' livell partikolari tgħin biex tinħoloq diskussjoni fuq fejn jista' jkun hemm sfidi partikolari fit-tagħlim jew fejn l-istudenti jkunu għadhom kif bdew it-tagħlim tagħhom marbut ma' Kisbiet partikolari mit-Tagħlim.

L-irrappurtar mibni fuq l-evidenza għandu jieħu minn numru ta' sorsi, inkluż l-assessjar formali u informali, u l-edukaturi jistgħu japplikaw il-ġudizzju professjonali tagħhom fuq evidenza biżżejjed li hi wkoll robusta u li tippermettilhom jirrapportaw b'kunfidenza fuq il-progress li sar fuq tagħlim partikolari. L-assessjar formali summattiv għandu jkun suġġett għal disinn u żvilupp kollaborattiv u jinkludi fih ammont ta' garanzija ta' kwalità u moderazzjoni li tassigura li dak li jiġi rrappurtat jiddaħħal f'benċmark meta mqabbel mal-istandard nazzjonali.

**Kif isir dan f'pajjiżi oħra**

Il-*Curriculum for Excellence* Skoċċiż jorbot il-progress mal-aspettattivi tat-tagħlim bħala ħiliet li qed jiżviluppaw, jiġu kkonsolidati jew assigurati. Dawn mhumiex kategoriji riġidi iżda punti li juru fejn l-istudenti waslu b'rabta mal-aspettattivi partikolari.

Tipikament, student li beda jaħdem fuq livell jew settur ġdid u qed jipprogressa f'numru ta' kisbiet ikun fi Stadju ta' żvilupp.

Ladarba l-istudent jikseb numru ta' Aspetti tas-Suġġett; ikun jista' japplika t-tagħlim f'sitwazzjonijiet familjari; jibda juri aktar kunfidenza billi jieħu sehem f'tagħlim li joffri aktar sfida; u jibda jittrasferixxi t-tagħlim tiegħu lejn kuntesti anqas familjari, l-istudent ikun qed jieħu sehem fi proċess ta' Tisħiħ.

Ladarba l-istudenti jiksbu l-ħiliet fl-Aspetti tas-Suġġett, jinżammu r-riżultati u jkun hemm suċċess konsistenti ta' kisbiet tal-livell; jingħataw xogħol li joffri sfida akbar; u jittrasferixxu t-tagħlim tagħhom b'mod kunfidenti filwaqt li japplikawh għal sitwazzjonijiet ġodda u mhux familjari, il-pożizzjoni tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam mal-aspettattivi hija meqjusa bħala waħda Żgura.

Addattat minn *Building the Curriculum 5, A Framework for Assessment: Reporting*,
Il-Gvern Skoċċiż (2010)

# Ir-Referenzi

Benítez Velásquez, T., 2012. 'Hybrid Method', An integrated pedagogical method for EFL teaching and learning. *Zona Próxima*, 17 (Julio-Diciembre) pp. 194-211. Jista' jinkiseb minn: < http://www.redalyc.org/pdf/853/85324721013.pdf> [Aċċessat fit-23 ta' Awwissu 2015].

Black, P. and William, D., 2001. *Inside the black box: Raising standards through classroom assessment* [pdf]. Jista' jinkiseb minn: < http://weaeducation.typepad.co.uk/files/blackbox-1.pdf> [Aċċessat fit-3 ta' Ottubru 2015]

Council of Europe, 2001. *Common European Framework of Reference for Languages: Learning, Teaching, Assessment*. Cambridge: Cambridge University Press.

Dooly, M. and Masats, D., 2010. Closing the loop between theory and praxis: new models in EFL teaching. *ELT Journal, 65 (1). pp. 42-51 [online]*. Jista' jinkiseb minn: <http://www.researchgate.net/publication/232242166_Closing_the_loop_between_theory_and_praxis_New_models_in_EFL_teaching> [Aċċessat fit-3 ta' Ottubru 2015]

Council of Europe, 2014. *Evaluation and Assessment within the Domain of Languages of Education. [website]*. Jista' jinkiseb minn: < www.coe.int/lang> [Aċċessat fit-3 ta' Ottubru 2015].

European Commission, 2006. *Key Competencies for Lifelong Learning - European Reference Framework. Luxembourg:* Publications Office of the European Union.

European Commission/EACEA/Eurydice., 2012. *Developing Key Competences at School in Europe: Challenges and Opportunities for Policy. Eurydice Report.* Luxembourg: Publications Office of the European Union.

European Commission/EACEA/Eurydice., 2015. *The Teaching Profession in Europe: Practices, Perceptions, and Policies*. Eurydice Report. Luxembourg: Publications Office of the European Union.

European Commission/EACEA/Eurydice., 2015a. *Assuring Quality in Education: Policies and Approach to School Evaluation in Europe*. Eurydice Report. Luxembourg: Publications Office of the European Union.

Ginnis, P., 2008. *The Teacher's Toolkit: Raising Classroom Achievement with Strategies for Every Learner.* Cambridge: Cambridge University Press.

Hilberg, R.S., Chang, J.M. u Epaloose, G., 2003. *Designing Effective Activity Centers for Diverse Learners: A Guide for Educators At All Grade Levels and for all Subject Areas [pdf]*. Jista' jinkiseb minn: http://manoa.hawaii.edu/coe/crede/wp-content/uploads/ Hilberg_et_al_20031.pdf [Aċċessat fit-12 ta' Awwissu 2015].

Horng-Y, L.,2014. Inquiry-based Teaching in Second and Foreign Language Pedagogy. *Journal of Language Teaching and Research*, 5 (6). pp. 1236-1244 [pdf]. Jista' jinkiseb minn: <http://www.academypublication.com/issues/past/jltr/vol05/06/03.pdf> [Aċċessat fit-3 ta' Ottubru 2015]

Ibrahim Holi, H. and Saleh Al Ajmi, A., 2013. Towards Quality Assessment in an EFL Programme. *English Language Teaching*, 6 (10). pp. 132-148 [online]. Jista' jinkiseb minn: <http://www.ccsenet.org/journal/index.php/elt/article/viewFile/30172/17875> [Aċċessat fit-3 ta' Ottubru 2015]

Lam, R., 2015. Assessment as learning: examining a cycle of teaching, learning, and assessment of writing in the portfolio-based classroom. *Studies in Higher Education* [e-journal] 01 (2015). Jista' jinkiseb minn: http://dx.doi.org/10.1080/03075079.2014.999317 [Aċċessat fit-12 ta' Awwissu 2015].

Little, D., 2009. *The European Language Porfolio: where pedagogy and assessment meet.* 8th International Seminar on the European Language Portfolio, Graz, 29 September – 1 October 2009 [pdf]. Jista' jinkiseb minn: <http://www.coe.int/t/dg4/education/elp/elp-reg/Source/Publications/ELP_pedagogy_assessment_Little_EN.pdf> [Aċċessat fit-3 ta' Ottubru 2015]

Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012. *Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali għal Kulħadd* [pdf]. Jista' jinkiseb minn: < http://sacredheartmalta.org/wordpress/wp-content/uploads/2013/05/Il-Qafas-tal-Kurrikulu-Nazzjonali-g%C4%A7al-Kul%C4%A7add-2012.pdf > [Aċċessat 20 ta' Ġunju 2015].

Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2014. *L-Istrateġija Nazzjonali Tal-Litteriżmu Għal Kulħadd F'Malta u Għawdex 2014 – 2019* [pdf]. Jista' jinkiseb minn: <http://education.gov.mt/en/Documents/Literacy/MALTI.pdf > [Aċċessat 23 ta' Awwissu 2015].

Ministry for Education and Employment., 2014. *Framework for the Education Strategy for Malta 2014 – 2024* [Ktejjeb]. Jista' jinkiseb minn: <http://education.gov.mt/strategy/Documents/BOOKLET%20ESM%202014-2024%20ENG%2019-02.pdf> [Aċċessat fit-23 ta' Awwissu 2015].

Ministry for Education and Employment, 2014a. *Respect for All Framework* [pdf]. Jista' jinkiseb minn:<http://education.gov.mt/en/resources/News/Documents/Respect%20For%20All%20Document.pdf> [Aċċessat fit-23 ta' Awwissu 2015].

Ministry for Education and Employment, 2014c. *A Strategic Plan for Early School Leaving in Malta 2014* [pdf]. Jista' jinkiseb minn: <http://education.gov.mt/ESL/Documents/School%20Leaving%20in%20Malta.pdf> [Aċċessat fit-23 ta' Awwissu 2015].

Ministry for Education and Employment, 2014d. *Education for All: Special Needs and Inclusive Education in Malta* [pdf]. Jista' jinkiseb minn: <https://education.gov.mt/en/Documents/Special%20Needs%20and%20Inclusive%20Education%20in%20Malta%20%C2%AD-%20External%20Audit%20Report.pdf > [Aċċessat fit-23 ta' Awwissu 2015].

Ministry for Education and Employment, 2015. *Malta National Lifelong Learning Strategy 2020* [pdf]. Jista' jinkiseb minn: <https://education.gov.mt/en/Documents/Malta%20National%20Lifelong%20Learning%20Strategy%20 2020%20-%20Draft%20for%20Public%20Consultation.pdf> [Aċċessat fit-23 ta' Awwissu 2015].

Phakiti, A., 2006. *Theoretical and Pedagogical Issues in ESL/EFL Teaching of Strategic Reading*, University of Sydney Papers in TESOL (1). pp. 19-50.

Scottish Government., 2010. *Building the Curriculum 5, A Framework for Assessment: Reporting*. [pdf] Edinburgh: Scottish Government. Jista' jinkiseb minn: <https://www.educationscotland.gov.uk/Images/HowgoodisourschoolJtEpart3_tcm4-684258.pdf> [Aċċessat fit-30 ta' Lulju 2015].

Smith, M. K. 2012. 'What is pedagogy?' *The encyclopaedia of informal education* [online]. Jista' jinkiseb minn: <http://infed.org/mobi/what-is-pedagogy/> [Aċċessat fit-3 ta' Ottubru 2015]

Tütüniş, B. 2012. Grammar in EFL Pedagogy: To be or not to be: Explicit or implicit grammar instruction in EFL. *International Journal of Humanities and Social Science*, 2 5. pp. 120-122 [pdf]. Jista' jinkiseb minn: <http://www.ijhssnet.com/journals/Vol_2_No_5_March_2012/12.pdf > [Aċċessat fit-3 ta' Ottubru 2015]

Nicol, D. J. and Macfarlane-Dick, D. 2006. Formative Assessment and Self-regulated Learning: A model and seven principles of good response practice. Studies in Higher Education, 31(2). pp. 199-218 [pdf]. Jista' jinkiseb minn: <http://www.mmiweb.org.uk/hul/site/pt/downloads/nicol_formass.pdf> [Aċċessat fit-3 ta' Ottubru 2015]

# Appendiċi 1

## Il-Litteriżmu Diġitali

Il-litteriżmu diġitali sar essenzjali għat-tagħlim u għall-ħajja. Apparti milli jidħol matul ħafna dixxiplini issa huwa kkunsidrat bħala dixxiplina fiha nfisha bħall-mużika, l-arti, ix-xjenza u l-letteratura. L-edukazzjoni tal-litteriżmu diġitali jfittex li jgħammar lill-istudenti bil-kompetenzi (l-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet) fl-użu tat-teknoloġija diġitali meħtieġa biex jaċċessaw l-opportunitajiet ta' tagħlim, biex isegwu l-karriera magħżula u l-interessi waqt il-ħin liberu tagħhom, u biex jikkontribwixxu għas-soċjetà bħala ċittadini attivi. Huwa għandu wkoll l-għanijiet li jipprovdihom b'għarfien tal-prinċipji li jsostnu dawn it-teknoloġiji u fehim kritiku tal-implikazzjonijiet tat-teknoloġija diġitali għall-individwi u għas-soċjetajiet.

Studenti li huma diġitalment litterati jitgħallmu jkunu indipendenti, kunfidenti u utenti għaqlin tat-teknoloġija. Sussegwentement huma jiksbu u jiżviluppaw attitudnijiet kritiċi u analitiċi biex jagħżlu b'mod addattat l-għodod diġitali tajbin skont il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.

Il-litteriżmu diġitali jinkludi ħames kategoriji ta' kompetenzi diġitali, jiġifieri: L-Immaniġġjar tal-Informazzjoni, Il-Komunikazzjoni u l-Kollaborazzjoni, il-Midja Diġitali, l-Użu ta' Għodod Diġitali għat-Tagħlim, l-Immaniġġjar tal-Internet.

Il-kompetenza fl-immaniġġjar tal-informazzjoni tagħti lill-istudenti l-mezzi biex jaċċessaw, jevalwaw u janalizzaw u b'hekk jagħmlu għażliet informati minn firxa wiesgħa ta' sorsi ta' dejta u informazzjoni disponibbli. Il-kompetenzi relatati mal-Komunikazzjoni u l-Kollaborazzjoni jagħtu l-awtonomija lill-istudenti biex jitgħallmu jikkomunikaw, jikkollaboraw u jinnetwerkjaw mal-oħrajn. Il-kompetenzi fil-Midja Diġitali jippermettu lill-istudenti janalizzaw messaġġi mmedjati mill-midja diġitali u jesprimu lilhom infushom b'mod kreattiv matul firxa wiesgħa ta' midja diġitali.

Il-litteriżmu diġitali jinvolvi wkoll il-kompetenza fl-użu ta' għodod diġitali f'għadd ta' midja u b'mod ta' tagħlim differenti (awtonomu, kollaborattiv, esploratorju, iddisinjar).Studenti li huma diġitalment litterati jitgħallmu jkunu responsabbli u kompetenti fl-immaniġġjar tal-internet, iżommu lilhom infushom siguri onlajn, jagħmlu għażliet informati tal-privatezza, jieħdu r-responsabbiltà għall-azzjonijiet tagħhom, jirrispettaw il-propjetà intellettwali, jirrispettaw it-termini u l-kundizzjonijiet tas-sistemi li jużaw, u jirrispettaw id-drittijiet u s-sentimenti tal-oħrajn. Fit-tagħlim tal-litteriżmu diġitali, l-għalliema għandhom ifittxu opportunitajiet ta' tagħlim li huma awtentiċi, sinifikanti u soċjalment inklużivi, u li jippermettu lill-istudenti japplikaw u jiżviluppaw il-ħiliet, l-għarfien u l-fehim tagħhom matul il-kurrikulu. Studenti li huma diġitalment litterati jkunu jistgħu jwettqu proġetti kreattivi u ta' sfida, individwalment u b'mod kollaborattiv li jkopru aspetti minn kategoriji ta' kompetenzi differenti.

## Il-kisbiet mit-tagħlim tas-suġġett:

### L-Immaniġġjar tal-Informazzjoni

- Kapaċi nidentifika u nartikula l-bżonnijiet tal-informazzjoni tiegħi.
- Kapaċi nsib, nagħżel, nuża u ngħaqqad informazzjoni minn firxa ta' sorsi.
- Kapaċi ninnaviga b'mod sigur u kritiku bejn sorsi onlajn u nagħżel l-informazzjoni b'mod effettiv.
- Kapaċi ninnaviga bejn sorsi onlajn u nagħżel l-informazzjoni b'mod effettiv.
- Kapaċi noħloq strateġiji ta' informazzjoni personali.

### Il-Komunikazzjoni

- Kapaċi nikkomunika permezz ta' għadd ta' tagħmir u applikazzjonijiet diġitali.
- Kapaċi naddatta l-modi u l-istrateġiji ta' komunikazzjoni tiegħi skont in-nies li qed nikkomunika magħhom.
- Kapaċi nuża għodod diġitali differenti biex naqsam l-għarfien, il-kontenut u r-riżorsi.
- Kapaċi ngħin lill-oħrajn jaqsmu l-għarfien, il-kontenut u r-riżorsi.
- Kapaċi nikkwota x-xogħol ta' ħaddieħor u nintegra informazzjoni ġdida f'għarfien li diġà jeżisti.
- Kapaċi ninvolvi ruħi  ma' komunitajiet onlajn b'mod effettiv.
- Kapaċi nuża t-teknoloġiji diġitali biex nieħu sehem f'ċittadinanza onlajn.

### Il-Kollaborazzjoni

- Kapaċi nuża t-teknoloġiji u l-midja biex naħdem f'timijiet u nikkollabora fit-tagħlim.
- Kapaċi nikkollabora mal-oħrajn u nibni u noħloq flimkien magħhom riżorsi, għarfien u tagħlim.
- Kapaċi niffunzjona tajjeb f'Komunitajiet ta' Prattiki li huma medjati diġitalment.

### L-Użu tal-Midja Diġitali

- Kapaċi nanalizza, nirrevedi u nevalwa l-informazzjoni ppreżentata f'għadd ta' midja diġitali.
- Kapaċi nifhem kif u għaliex il-messaġġi fil-midja diġitali huma mibnija u għal liema raġunijiet.
- Kapaċi neżamina kif individwi jinterpretaw messaġġi fil-midja diġitali b'modi differenti.
- Kapaċi nifhem kif valuri u opinjonijiet huma inklużi jew esklużi u kif il-midja diġitali tinfluwenza t-twemmin u l-imġiba.
- Kapaċi nifhem il-kwistjonijiet etiċi / legali li jeżistu dwar l-aċċess u l-użu tal-midja diġitali, inkluż id-drittijiet tal-awtur, il-pussess, il-liċenzjar u l-użu tal-kontenut u s-softwer tal-proprjetà.
- Kapaċi naħdem b'mod kreattiv matul firxa wiesgħa ta' midja diġitali u sistemi multipli biex nippreżenta informazzjoni b'mod effettiv lil udjenza speċifika.
- Kapaċi neditja u ntejjeb il-kontenut li diġà ħloqt jew li ħoloq ħaddieħor, billi nirrispetta u nirrikonoxxi d-drittijiet tal-awtur oriġinali.
- Kapaċi nesprimi lili nnifsi permezz ta' midja u teknoloġiji diġitali.

### L-Immaniġġjar tat-Tagħlim

- Kapaċi nuża għadd ta' għodod biex nimmaniġġja t-tagħlim tiegħi.
- Kapaċi nuża għadd ta' għodod u approċċi biex nikkollabora ma' ħaddieħor fit-tagħlim.
- Kapaċi nuża għadd ta' għodod biex nesplora ideat, teoriji, relazzjonijiet u proċeduri.
- Kapaċi nuża għadd ta' għodod biex nitgħallem billi niddisinja oġġetti diġitali.
- Kapaċi nuża għadd ta' għodod u approċċi biex nirrifletti fuq it-tagħlim.
- Kapaċi nuża għadd ta' għodod u approċċi biex nevalwa dak li tgħallimt.
- Kapaċi nibni u nassessja portafolli elettroniċi.
- Kapaċi naħdem fuq sistemi u pjattaformi multipli tal-immaniġġjar tal-eLearning.

### L-Immaniġġjar tal-Użu tal-Internet

- Kapaċi nifhem kif l-internet u l-*world wide web* jaħdmu, u kapaċi nużahom għall-komunikazzjoni u l-kollaborazzjoni.
- Jiena konxju/konxja ta', u nirrispetta, il-prinċipji tan-*netiquette*.
- Naf x'jikkostitwixxi l-plaġjariżmu.
- Kapaċi nipproteġi t-tagħmir tiegħi minn riskji u theddid onlajn.
- Kapaċi nipproteġi lili nnifsi minn perikli possibbli onlajn (pereżempju, l-ibbuljar fuq l-internet) billi nsegwi proċeduri addattati ta' privatezza u kunfidenzjalità.
- Kapaċi nikkunsidra l-implikazzjonijiet soċjali, kulturali, reliġjużi u etiċi tat-teknoloġija diġitali, u kapaċi b'kunfidenza nikkomunika, naqsam informazzjoni, naċċessa u niddistribwixxi kontenut mingħajr ma nikser id-drittijiet tal-propjetà intellettwali tan-nies.
- Jiena konxju/konxja mid-diversità kulturali onlajn.
- Kapaċi niżviluppa strateġiji attivi biex niskopri mġiba mhux addattata.
- Kapaċi noħloq, naddatta u nimmaniġġja identità diġitali multipla waħda jew aktar.
- Kapaċi nipproteġi r-reputazzjoni elettronika tiegħi.
- Kapaċi nimmaniġġja d-dejta li nipproduċi permezz ta' bosta kontijiet u applikazzjonijiet onlajn biex nevita riskji għas-saħħa relatati mal-użu tat-teknoloġija f'termini ta' theddid għall-benesseri fiżika u psikoloġika.
- Kapaċi nagħraf il-*Cloud Computing* bħala teknoloġija konverġenti li fuqha nista' naħdem u nissejvja l-materjal tiegħi.

# L-Edukazzjoni għad-Diversità

Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali (NCF) jirrikonoxxi d-diversità kulturali ta' Malta u l-valuri, l-istorja u t-tradizzjonijiet tal-poplu tagħha. Huwa jirrikonoxxi u jirrispetta d-differenzi individwali tas-sessi, il-kulur, l-oriġini etnika u soċjali, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, il-politika jew opinjonijiet oħra, l-appartenenza għal minorità nazzjonali, it-twelid, il-kapaċità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali u l-post ġeografiku. Kurrikulu li jirrikonoxxi l-fatt li d-diversità hija karatteristika tas-soċjetà Maltija, kif inhija ta' nazzjonijiet madwar l-Ewropa u d-dinja, li tista' tikkontribwixxi għall-prosperità nazzjonali u l-koeżjoni soċjali.

Bħala stat membru tan-Nazzjonijiet Magħquda, Malta hija firmatarja tal-istrumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem inkluż id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (1948), il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (1950), il-Ftehim Internazzjonali tad-Drittijiet Ċivili u Politiċi (1966), Il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali (1966) u l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-drittijiet tat-Tfal (1989). Bħala membru tal-Unjoni Ewropea, Malta hija legalment marbuta bil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

Dawn l-istrumenti jistabbilixxu standards internazzjonali u jimpenjaw lill-gvern u l-poplu ta' Malta għad-demokrazija u jirrikonoxxu li ċ-ċittadini u residenti oħra għandu jkollhom, u għandhom igawdu, id-drittijiet tal-bniedem mingħajr diskriminazzjoni.

Konsegwentement l-NCF għandu l-għan li jgħin lit-tfal jirrikonoxxu l-ġustizzja soċjali u s-solidarjetà bħala valuri ewlenin fl-iżvilupp tas-soċjetà Maltija u jinkoraġġixxi liż-żgħażagħ jirrispettaw il-valuri fundamentali demokratiċi u jippromwovu l-ġustizzja soċjali.

L-Edukazzjoni għad-Diversità tippromwovi kultura edukattiva inklużiva u tisfida proċessi edukattivi differenti bħat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-iskejjel, it-tagħlim tal-lingwi, il-metodoloġiji użati, l-interazzjoni tal-istudenti u riżorsi ta' tagħlim. L-Edukazzjoni għad-Diversità tiżgura l-inklużjoni ta' perspettivi multipli u ilħna fi ħdan l-ambjent tat-tagħlim, tipprovdi spazji għat-tagħlim fuq il-lingwi, l-istorja, it-tradizzjonijiet u l-kulturi ta' gruppi mhux dominanti f'soċjetà, tinkoraġġixxi ħidma f'timijiet u t-tagħlim koperattiv f'kuntesti multikulturali, multietniċi u oħrajn, tgħaqqad għarfien tradizzjonali u lokali u *know-how* flimkien max-xjenza u t-teknoloġija avvanzata u tgħożż il-prattiki tal-multilingwiżmu. Meta tagħmel dan, hija tkun qed tinkoraġġixxi fehim ta' kwistjonijiet globali u ħtieġa li ngħixu flimkien b'kulturi u valuri differenti.

## Il-kisbiet mit-tagħlim tas-suġġett:

### L-Għarfien Tiegħi Nnifsi

- Jiena persuna impenjata għad-demokrazija u nifhem li dan ifisser li niżgura li persuni li għandhom opinjonijiet u kulturi differenti jesprimu l-opinjonijiet tagħhom u jaħdmu flimkien għal soċjetà aħjar.
- Jiena għandi prinċipji u approċċ etiku għall-ħajja.
- Jiena impenjat/a għall-ġustizzja soċjali u soċjetà demokratika u inklużiva.
- Jiena nirrinvja l-ġudizzju tiegħi biex ikun imsejjes fuq bażi ġusta u razzjonali.
- Jiena nistinka biex insib bilanċ bejn id-drittijiet u d-doveri tiegħi u dawk tal-oħrajn.

### Il-Bidla Soċjali

- Jiena nirrispetta l-valuri demokratiċi fundamentali u naħdem biex nippromwovi l-ġustizzja soċjali.
- Nirrispetta l-konvinzjonijiet reliġjużi u umanistiċi differenti, il-morali u t-twemmin li jinformaw il-kunċetti ta' dak li hu tajjeb u dak li hu ħażin.
- Jiena nagħraf inġustizzji u trattament preferenzjali f'sitwazzjonijiet fil-ħajja ta' kuljum, inkluż ir-razziżmu, is-sessiżmu u lingwaġġ u mġiba omofobika.
- Jiena nisfida l-espressjonijiet ta' preġudizzju u intolleranza lejn il-minoritajiet bħar-razziżmu, is-sessiżmu, u ismijiet, aneddoti u kummenti omofobiċi.
- Jiena nfittex id-drittijiet tiegħi u naġixxi fuq id-doveri tiegħi billi naf li sħabi l-istudenti u l-għalliema jibbenefikaw mill-istess drittijiet.
- Napprezza li l-kunċett tal-'identità' huwa kumpless u jinbidel u limitat bħala kunċett biex insir naf min jien u li l-idea tal-'identitajiet' huwa mod aktar b'saħħtu biex nifhem min jien u min huma l-oħrajn.
- Jiena nisma' u nwieġeb lill-għalliema u lil sħabi l-istudenti, u naċċetta li jista' jkollhom opinjonijiet differenti.

### Il-Komunikazzjoni għad-Diversità

- Kapaċi nikkomunika ma', naħdem ma', u nirrispetta lil sħabi l-istudenti, l-għalliema u l-adulti li jgħinu.
- Kapaċi nikkomunika ma' nies differenti biex nifhem kif aħna l-istess u biex nifhem lili nnifsi aħjar.
- Nistinka biex nikkomunika b'mod effettiv mal-oħrajn b'mod kostruttiv, b'appoġġ u b'awtodeterminazzjoni.
- Kapaċi nuża lingwaġġ effettiv biex nisfida l-inġustizzji u l-inugwaljanzi.
- Jiena napproċċa opinjonijiet differenti u kunflitti ta' interess permezz ta' djalogu, komunikazzjoni mhux vjolenti u konsensus; fejn dan ma jirnexxix, jiena lest/a u kapaċi nuża l-medjazzjoni.

# L-Edukazzjoni għall-Intraprenditorija, il-Kreattività u l-Innovazzjoni

Filwaqt li l-intraprenditorija, il-kreattività u l-innovazzjoni jistgħu potenzjalment jidhru bħala attributi diskreti, x'aktarx huwa aktar strateġiku jekk nikkunsidrawhom bħala karatteristiċi b'mod reċiproku ta' tisħiħ ta' għan aktar koeżiv u singulari: biex niżguraw li ċ-ċittadini futuri ta' Malta jkollhom il-mezzi biex jikkontribwixxu għall-prosperità sostenibbli tan-nazzjon f'kuntesti globali ekonomiċi u soċjali dejjem aktar kompetittivi. L-għanijiet jinkludu l-erba' oqsma ta' kompetenzi ewlenin ta' ħiliet personali u interpersonali, ħiliet prattiċi u konjittivi. Din il-viżjoni aktar strateġika tirrinforza l-ħtieġa għal approċċ għall-Intraprenditorija, l-Innovazzjoni u l-Kreattività li tinfiltra l-aspetti kollha tal-kurrikulu, filwaqt li jkunu mmarkati b'mod ċar biex jiżguraw li dak li huma intitolati għalih l-istudenti qed jintlaħaq u li l-kwalità tat-tagħlim fir-rigward ta' dawn it-temi tkun assigurata.

L-għanijiet ġenerali tal-edukazzjoni tal-intraprenditorija huma li jagħtu lill-istudenti l-attitudnijiet, l-għarfien u l-kapaċità li jaġixxu b'mod intraprenditorjali u jiksbu l-ħiliet li ser jippromwovu l-impjegabilità tul il-ħajja tagħhom f'ambjent kummerċjali, ekonomiku u soċjali li qed jinbidel b'mod mgħaġġel. Dan jinkludi li nsiru ċittadini intraprenditorjali fi sferi oħra lil hinn mill-industrija u l-impjegabilità. Dawn l-għanijiet jeħtieġu l-iżvilupp ta' ħiliet personali ġeneriċi soċjali u interpersonali li huma fundamentali biex isiru intraprenditorjali, kif ukoll it-trawwim tal-għarfien u l-fehim intraprenditorjali aktar diskreti meħtieġa biex isegwu impenji intraprenditorjali u biex ikollhom mentalità intraprenditorjali li hija kemm kreattiva u innovattiva.

Il-kreattività hija ġeneralment rikonoxxuta bħala kwalità intrinsika iżda ħafna drabi sottożviluppata fiż-żgħażagħ, kif ukoll bħala ħila prattika li tgħinhom isibu dispożizzjoni intraprenditorjali. Hija ħila li tista' titgħallimha u li kulħadd għandu jaspira għaliha. Hija tinvolvi l-ftuħ tal-proċessi tal-ħsieb taż-żgħażagħ b'modi li jgħinuhom iħarsu lejn affarijiet familjari b'għajnejn ġodda, jidentifikaw problema u jiġġeneraw soluzzjonijiet waqt li jużaw l-immaġinazzjoni, l-għarfien u l-ħiliet tagħhom biex jesploraw possibilitajiet ġodda aktar milli jistabbilixxu approċċi.

L-abbiltà li wieħed ikun innovattiv u l-kunfidenza li jfittex tweġibiet innovattivi għal opportunitajiet jew problemi li jiffaċċja jitrawmu l-aħjar f'ambjent sigur u ta' appoġġ fejn dan it-tip ta' approċċ ikun inkuraġġut, rikonoxxut u ppremjat. Din il-pedagoġija teħtieġ li l-istudenti jkollhom il-ħin jirriflettu fuq is-sitwazzjoni u jużaw ir-riżorsi u l-immaġinazzjoni tagħhom biex jiżviluppaw pjanijiet u soluzzjonijiet. Teħtieġ ukoll il-ħin għall-implimentazzjoni ta' proċessi ġodda u l-applikazzjoni ta' ideat ġodda. It-tagħlim għall-innovazzjoni jista' wkoll jinkludi spazju fejn wieħed 'jitgħallem mill-iżbalji'.

## Il-kisbiet mit-tagħlim tas-suġġett:

### Personali

- Kapaċi naħdem b'mod effettiv waħdi.
- Kapaċi nirreżisti u nippersevera.
- Kapaċi nifhem l-importanza li nrawwem immaġni pożittiva tiegħi nnifsi, stima tajba u kunfidenza fija nnifsi.
- Kapaċi nagħraf l-importanza tal-integrità u ta' valuri etiċi.

### Interpersonali

- Kapaċi nikkomunika l-istrateġiji proposti tiegħi lil ħaddieħor b'mod effettiv.
- Kapaċi nikkontribwixxi f'tim.
- Kapaċi mmexxi.

**Konjittiv**

- Kapaċi nsolvi problemi b'mod immaġinattiv u laterali.
- Kapaċi naħseb b'mod kritiku.
- Kapaċi nikkunsidra perspettivi differenti.
- Kapaċi nagħraf li l-intraprenditorija u l-innovazzjoni għandhom ikunu mirfuda mill-etika u l-valuri relatati mal-ġustizzja soċjali u s-sostenibilità.

**Prattika**

- Kapaċi ndawwar ideat kreattivi f'azzjoni.
- Għandi sett bażiku ta' ħiliet ta' riċerka.
- Kapaċi nassessja l-ħiliet u l-interessi tiegħi stess biex nikkunsidra l-għażliet tal-karrieri akkademiċi u vokazzjonali futuri.
- Napprezza l-importanza tar-rwol li l-kreattività u l-intraprenditorija kellhom fl-iżvilupp u l-progress tas-soċjetà umana.

# L-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli

L-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli (ESD) jgħin lill-istudenti jiżviluppaw il-kompetenzi meħtieġa (l-għarfien, il-ħiliet, il-valuri, l-attitudnijiet u l-imġiba) li jgħinuhom isiru ċittadini sostenibbli. L-ESD jawtonomizza lill-individwi jipparteċipaw b'mod attiv fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet li huma kompatibbli mal-għajxien fi ħdan il-limiti ambjentali tal-pjaneta tagħna b'mod ġust, f'soċjetà diversa, ekwitabbli u paċifika.

L-ESD tfittex li tiżgura li l-istudenti:

- Jiżviluppaw sens ta' identità u appartenenza għall-komunità lokali, nazzjonali, reġjonali u globali tagħhom.
- Huma awtonomizzati biex jaddottaw ir-rwoli u r-responsabilitajiet tagħhom fi ħdan dinja globalment interdipendenti.
- Jifhmu u huma awtonomizzati jindirizzaw il-kawżi reali u l-konsegwenzi ta' mġiba mhux sostenibbli f'kuntest ta' dinja globalment interdipendenti.
- Jiżviluppaw perspettiva orjentata lejn il-futur li tenfasizza s-sinifikat tad-deċiżjonijiet, l-għażliet u l-azzjonijiet tagħhom fuq il-kwalità tal-ħajja tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.
- Huma esposti għal ambjenti ta' tagħlim differenti billi jużaw firxa wiesgħa ta' esperjenzi edukattivi.
- Jiżviluppaw kunċett olistiku tal-ambjent li jinvolvi perspettivi naturali, soċjali, ekonomiċi, fiżiċi u kulturali.
- Ikollhom valur ta' u jirrispettaw id-diversità soċjali, kulturali u ekoloġika.
- Huma kommessi jieħdu azzjoni biex iġibu l-bidla.

L-ESD għandha tinkiseb permezz ta' approċċ tal-iskola kollha li tinvolvi r-riorjentazzjoni mhux biss tal-kurrikulu iżda tal-kultura tal-iskola, l-immaniġġjar tal-kampus tal-iskola, il-komunità tal-iskola u l-komunità lokali usa' b'konformità mal-iżvilupp sostenibbli.

L-istudenti għandhom jesperjenzaw l-ESD permezz ta' pedagoġiji trasformattivi li jiffaċilitaw l-esperjenzi ta' tagħlim li jippromwovu l-kisba tal-għarfien, il-ħiliet, il-valuri, l-attitudnijiet u l-imġiba meħtieġa biex isiru ċittadini attivi globali.

L-ESD għandha tkun proċess ta' tagħlim tul il-ħajja li tinvolvi taħlita ta' proċessi bbażati fuq l-istudenti, bħat-tagħlim parteċipattiv/kollaborattiv; it-tagħlim ibbażat fuq il-problemi; it-tagħlim interdixxiplinarju; it-tagħlim soċjali tad-diversi partijiet interessati; it-tagħlim ibbażat fuq il-ħsieb kritiku u sistematiku; it-tagħlim ibbażat fuq l-azzjoni; it-tagħlim barra mill-klassi; it-tagħlim mill-esperjenza; l-evalwazzjoni riflettiva u l-użu ta' kuntesti relevanti tad-dinja reali.

## Il-kisbiet mit-tagħlim tas-suġġett:

### Nitgħallem biex Insir Naf

- Kapaċi nispjega kif is-sistemi naturali, soċjali, kulturali u ekonomiċi jaħdmu u huma interrelatati.
- Kapaċi niddeskrivi l-irwol tiegħi bħala ċittadin fi ħdan il-kuntest lokali, nazzjonali, reġjonali u globali.
- Kapaċi nagħraf ir-relazzjoni bejn il-fehim ta' ħaddieħor u l-benesseri ta' kulħadd fil-preżent u fil-futur.
- Kapaċi nidentifika l-kawżi bażiċi tal-inugwaljanza u l-inġustizzja u l-azzjonijiet li jwasslu għal kwalità ta' ħajja aħjar, l-ekwità, is-solidarjetà u l-ambjent sostenibbli.
- Kapaċi niġġustifika l-importanza tal-identifikazzjoni tal-problemi, nirrifletti b'mod kritiku, naħseb b'mod kreattiv, u jkolli viżjoni usa' biex nippjana għall-futur u nsir aġent effettiv tal-bidla.
- Kapaċi nagħraf l-importanza tat-tagħlim tul il-ħajja u nuża dawn l-esperjenzi ta' tagħlim biex inkun nista' niffaċċja sfidi ġodda u nkun f'pożizzjoni aħjar biex nieħu deċiżjonijiet infurmati u nevalwa l-konsegwenzi tagħhom.

### Nitgħallem Kif

- Kapaċi nikkomunika l-ideat tiegħi u nippreżenta l-opinjonijiet tiegħi f'diskusjonijiet maħsuba u infurmati u fi proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet.
- Kapaċi nassessja b'mod kritiku proċessi ta' bidla fis-soċjetà u nipprevedi dinja aktar ekwitabbli u sostenibbli.
- Kapaċi nidentifika l-prijoritajiet u nevalwa l-konsegwenzi possibbli ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet differenti.
- Kapaċi nikkollabora ma' persuni li għandhom perspettivi differenti fuq dilemmi, kwistjonijiet, tensjonijiet u kunflitti minn dixxiplini/postijiet/kulturi/ġenerazzjonijiet differenti.
- Kapaċi nuża l-ambjent naturali, soċjali u mibni ta' madwari bħala kuntest u sors ta' tagħlim.
- Kapaċi ninvolvi lili nnifsi u lill-oħrajn fi kwistjonijiet tad-dinja reali biex nagħmel differenza pożittiva.

### Nitgħallem Inkun Jien

- Jiena persuna li nirrifletti b'mod kritiku u kapaċi nevalwa deċiżjonijiet, għażliet u azzjonijiet.
- Jiena responsabbli għall-azzjonijiet tiegħi u kapaċi nantiċipa, naddatta u niffaċċja l-bidla.
- Kapaċi nirrifletti fuq il-konsegwenzi tal-azzjonijiet tiegħi fuq ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.
- Jiena sensittiv/a għad-dixxiplini u l-perspettivi diverġenti, kulturi u gruppi ta' minoritajiet, inkluż l-għarfien indiġenu u opinjonijiet globali mingħajr preġudizzji u prekunċetti.
- Jiena mmotivat/a nagħti kontribut pożittiv lil persuni oħra u l-ambjent soċjali u naturali tagħhom, lokalment u globalment.
- Jiena kapaċi nieħu azzjoni kkunsidrata b'mod kreattiv u innovattiv u nisfida suppożizzjonijiet sottostanti għal prattiki mhux sostenibbli.

### Nitgħallem Ngħix ma' Ħaddieħor

- Kapaċi ngħix f'armonija miegħi nnifsi, mal-oħrajn u mad-dinja naturali fuq firxa ta' livelli minn lokali sa globali.
- Jiena nirrispetta u ngħożż id-diversità u nisfida l-inġustizzja soċjali.
- Jiena għandi perspettiva orjentata lejn il-futur għal kif ngħix bħala ċittadin tad-dinja.
- Jiena ninvolvi lili nnifsi attivament ma' gruppi differenti matul ġenerazzjonijiet, kulturi, postijiet u dixxiplini.
- Kapaċi nipparteċipa b'mod attiv fi proċessi u ninkoraġġixxi negozjati għal futuri sostenibbli alternattivi.
- Jiena ngħin lil ħaddieħor jiċċara opinjonijiet globali differenti permezz tad-djalogu u nirrikonoxxi li jeżistu oqfsa alternattivi.
- Kapaċi nisfida prattiki mhux sostenibbli matul is-sistemi edukattivi, inkluż fuq livell istituzzjonali.



# Nitgħallem kif Nitgħallem u t-Tagħlim Koperattiv

L-għanijiet ta' Nitgħallem biex Nitgħallem huma biex l-istudenti:

- Jiffokaw fuq il-proċessi tat-tagħlim kif ukoll il-prestazzjoni finali.
- Ikollhom kunċett qawwi tat-tagħlim ibbażat fuq konvinzjoni personali biex jimmaniġġjaw it-tagħlim tagħhom stess.
- Jiksbu firxa wiesgħa ta' strateġiji għat-tagħlim.
- Jiżviluppaw strateġiji biex jippjanaw, jimmonitorjaw u jirrevedu t-tagħlim tagħhom stess.
- Isiru kompetenti fl-awtoassessjar.

## Il-kisbiet mit-tagħlim tas-suġġett:

### It-Tagħlim Soċjali

- Kapaċi napprezza diversi opinjonijiet u personalitajiet.
- Niddiskuti l-opinjonijiet tiegħi mal-oħrajn b'kunfidenza.
- Kapaċi niddiskuti l-ideat tal-oħrajn u nikkummenta fuq l-opinjonijiet tagħhom b'kunfidenza.
- Kapaċi nsegwi diskussjonijiet fi gruppi u nikkollabora u nagħmel sommarju ta' dak li qed jintqal jew isir.
- Kapaċi nikkollabora ma' studenti oħra bħala parti mit-tagħlim tiegħi.
- Kapaċi nitgħallem billi niddisinja prodotti mal-oħrajn.
- Jiena nfittex u lest nilqa' gwida u appoġġ mill-pari u l-adulti.
- Kapaċi nitkellem mal-oħrajn fuq it-tagħlim.
- Kapaċi nisma' lill-oħrajn jitkellmu fuq it-tagħlim.
- Kapaċi niddiskuti għadd ta' suġġetti u strateġiji ta' tagħlim mal-pari.
- Kapaċi niddibatti u nappoġġja l-argumenti tiegħi mingħajr ma niġġudika u waqt li nempatizza mal-oħrajn.
- Kapaċi nitgħallem dwar il-bżonnijiet tiegħi biex nagħmel deċiżjonijiet tajbin.

### It-Tagħlim Personali

- Kapaċi nidentifika l-appoġġ u r-riżorsi li neħtieġ għat-tagħlim.
- Jiena konxju/konxja mill-mod ta' tagħlim preferut tiegħi u kapaċi nuża dan biex nippjana t-tagħlim tiegħi stess.
- Kapaċi nimmaniġġja l-għanijiet u l-ħin tiegħi b'mod effettiv fit-tagħlim.
- Inħossni kompetenti fl-immaniġġjar tat-tagħlim tiegħi.
- Jiena nilqa' rispons mingħand ħaddieħor u kapaċi nikkonsidrah għat-titjib personali tiegħi.
- Kapaċi norganizza lili nnifsi billi espliċitament inbiddel is-suppożizzjonijiet tiegħi matul iż-żmien.
- Kapaċi nsegwi l-interessi tiegħi billi dan jgħinni nirrifletti fuq 'min jien'.
- Kuntent/a li rnexxieli nagħmel biċċiet tax-xogħol diffiċli.
- Nemmen li l-isforz iwassal għas-suċċess.
- Kapaċi nirrifletti fuq l-iżbalji tiegħi u nitgħallem minnhom.

### It-Tagħlim Konjittiv

- Kapaċi niftakar billi nagħraf u nsib l-informazzjoni.
- Kapaċi norbot informazzjoni ġdida mal-għarfien eżistenti tiegħi.
- Kapaċi nanalizza informazzjoni li niltaqa' magħha.
- Kapaċi nevalwa l-għarfien f'termini tal-għanijiet tat-tagħlim u l-mod preferut ta' tagħlim tiegħi.
- Kapaċi nsolvi problemi waħdi u f'kollaborazzjoni mal-oħrajn.

- Kapaċi nassessja lili nnifsi għaliex dan jgħinni nifhem dak li naf u min jien.
- Kapaċi nassessja lili nnifsi u nkompli niżviluppa l-ideat tiegħi.
- Kapaċi nassessja l-pari tiegħi biex inqabbel dak li naf ma' dak li jaf ħaddieħor, nikseb l-għarfien ta' mudelli mentali li għandu ħaddieħor ta' kunċett partikolari u kif dawn il-mudelli mentali jevolvu biex iwasslu għall-fehim.
- Kapaċi niffoka fuq is-suġġett ewlieni u nagħmel sommarju tal-punti importanti.
- Kapaċi napplika l-għarfien u l-fehim tiegħi f'kuntesti differenti.
- Kapaċi nimmaniġġja l-ħiliet tiegħi, inkluż il-ħiliet fil-litteriżmu u fl-għadd.
- Jiena nifhem li t-tagħlim jinvolvi proċessi differenti.

### It-Tagħlim Kreattiv

- Kapaċi nieħu inizjattiva fl-iddisinjar ta' prodotti ġodda.
- Kapaċi naħseb fuq modi ġodda ta' kif nagħmel użu tajjeb mill-oġġetti.
- Kapaċi nuża l-immaġinazzjoni u l-kreattività tiegħi.
- Nippreferi nagħmel xogħol aktar ta' sfida milli nibqa' nagħmel xogħol ħafif.
- Kapaċi niffaċċja esperjenzi ġodda ta' sfida u nitgħallem minnhom.
- Kapaċi nitgħallem billi nesplora attivitajiet, esperjenzi tal-ħajja u l-ambjent fiżiku.
- Kapaċi ninvolvi ruħi f'logħob mhux ippjanat u spontanju.
- Kapaċi ninvolvi ruħi f'logħob ippjanat u bi skop.
- Nifhem li kapaċi nitjieb u nitgħallem u jekk neħel kapaċi nara x'inhuma d-diffikultajiet tiegħi, insolvi l-problemi tiegħi u nimxi 'l quddiem.

# Il-Litteriżmu

Wieħed mill-aktar aspetti importanti tal-litteriżmu f'Malta huwa l-implikazzjoni li persuna litterata tkun midħla tal-Malti u l-Ingliż. Fattur essenzjali biex niżguraw li Malta tibqa' pajjiż bilingwali huwa li niżguraw li l-istudenti tagħha jiżviluppaw kompetenzi ugwali fil-qari, il-kitba, is-smigħ u l-fehim fiż-żewġ lingwi uffiċjali mis-snin bikrin tagħhom, preferibbilment mill-kindergarten. Fattur ieħor huwa li niżguraw li l-istudenti jiżviluppaw il-ħila li jaqilbu mill-Malti għall-Ingliż (jew vice versa) skont il-bżonn tal-mument. Li niksbu litteriżmu bilingwali fl-edukazzjoni tagħna tfisser li ż-żgħażagħ tagħna jħossuhom komdi u kunfidenti jużaw iż-żewġ lingwi.

L-iżvilupp tal-litteriżmu ser ikun jeħtieġ approċċ mill-iskola kollha li jkun rifless b'mod ċar fil-politiki tal-iskola fejn ikun hemm sforz konxju biex tkun promossa komunità għal-litteriżmu matul il-kurrikulu kollu. Il-litteriżmu għat-tagħlim hu parti intrinsika mill-ħajja skolastika, u d-dominju ta' kull suġġett jista' jservi bħala kuntest li fih l-iżvilupp tal-ħiliet tal-litteriżmu jistgħu jissaħħu. Barra minn hekk, l-iskejjel għandhom jistinkaw għal ambjent għani fil-litteriżmu billi jużaw it-teknoloġija bħala pjattaforma.

Ir-relevanza tal-qari bil-vuċi u l-preżentazzjoni ta' ideat lil udjenza u l-opportunitajiet għal lingwaġġ kuntestwalizzat u r-reċtar (drama) għandhom ikunu identifikati b'mod ċar bħala komponenti tal-litteriżmu mitkellem matul il-kurrikulu. L-enfasi fuq l-importanza tat-taħdit huwa essenzjali biex ninkoraġġixxu kulturi u komunitajiet li jitgħallmu b'mod attiv.

Fir-rigward tal-qari, l-aspett divertenti u interattiv huwa importanti ħafna; l-għan tal-qari inizjalment għandu jkun għad-divertiment/interess u l-komunikazzjoni. Il-valur tad-divertiment fil-qari, li huwa marbut mill-viċin mal-attitudni u d-dispożizzjoni tal-lingwa, huwa kruċjali speċjalment fis-Snin Bikrin. Imbagħad isegwi l-ħsieb kritiku u kreattiv, fejn l-istudent dejjem aktar jieħu kontroll tat-testi f'dominji differenti u jikseb aktar għarfien.

## Il-kisbiet mit-tagħlim tas-suġġett:

### Is-smigħ u t-taħdit

- Kapaċi nitkellem f'firxa ta' sitwazzjonijiet, kemm formali u informali, inqabbel ir-reġistru u l-lingwaġġ mas-sitwazzjoni u l-udjenza.
- Kapaċi nisma' u nifhem tajjeb test mitkellem u nwieġeb jew napplika l-informazzjoni b'mod addattat b'kummenti u/jew mistoqsijiet.
- Kapaċi nuża lingwaġġ biex nippreżenta l-ħsieb tiegħi b'mod loġiku u ċar u kapaċi nitkellem biex ninvolvi udjenza waqt li nanalizza u nevalwa permezz ta' approċċ miftuħ.
- Kapaċi nuża l-lingwa mitkellma biex naqsam l-ideat tiegħi b'mod kollaborattiv, napprezza l-elementi soċjali ta' konverżazzjoni bħal nistenna sakemm imissni u nisma' dak li għandu xi jgħid ħaddieħor.

### Lingwaġġ espressiv

- Kapaċi nuża lingwaġġ espressiv biex niżviluppa l-ħsibijiet tiegħi, billi nuża kliem biex nesplora, niċċara u nikkonferma ideat.
- Kapaċi nuża lingwaġġ espressiv biex niżviluppa l-ħsibijiet tiegħi u l-ħsibijiet ta' ħaddieħor billi nikkontribwixxi għad-diskors esplorattiv tal-pari tiegħi u d-djalogu tal-għalliema tiegħi.
- Kapaċi nuża lingwaġġ espressiv biex norganizza u nipprattika ideat, argumenti u strutturi tal-lingwa biex nissintetizza u nevalwa qabel nikteb u waqt l-editjar.

### Il-qari u l-fehim

- Kapaċi niddeċifra l-kitba b'mod effettiv u b'suċċess nistabbilixxi r-rabta multisensorjali u l-fenomenu tal-għarfien bejn grafema u fonema.
- Kapaċi naqra test b'mod mexxej u nifhem x'hemm miktub, nikseb għarfien u nieħu gost fil-proċess.
- Kapaċi nagħżel testi reali, virtwali u multimedjali għad-divertiment u biex inżomm ruħi infurmat/a, nibni tifsira mit-test billi nuża kliem u informazzjoni viżiva jew bl-awdjo biex nikkonferma, nikkumplementa jew inbiddel dak li diġà naf filwaqt li nwarrab dak li huwa superfluwu.
- Kapaċi nħares lejn testi bi skop: Jiena konxju/konxja minn dak li nittama li nikseb minnhom u kapaċi nuża mezzi ta' rkupru, verifiki u links biex insegwi temi jew ideat permezz ta' għadd ta' mezzi, inkluż testi assistiti mit-teknoloġija.
- Kapaċi nagħżel testi addattati għall-finijiet tiegħi, billi nikkunsidra l-qarrejja u l-provenjenza impliċita kif ukoll is-suġġett u l-format.
- Kapaċi nidentifika u nsegwi konvenzjonijiet tal-qari tas-suġġetti akkademiċi tiegħi, rigward il-post u l-iskop tat-testi tal-qari fit-tagħlim u nistaqsi jew naċċetta l-awtorità ta' dawn it-testi.

### Il-kitba

- Nista' nuża dak li qrajt, dak li għamilt u dak li ħassejt id-dar, l-iskola u waqt il-logħob fil-kitba tiegħi.
- Kapaċi nwassal il-ħsibijiet tiegħi b'mod qawwi u elokwenti permezz tat-taħdit u l-kitba.
- Kapaċi nagħżel lingwaġġ, reġistru, ġeneru u midjum addattati għat-testi li nikteb.
- Kapaċi nuża l-kitba f'manuskritti (bil-miktub) kif ukoll f'forma diġitali biex ninforma, nipperswadi u nagħti divertiment lill-oħrajn.
- Kapaċi nuża l-kitba biex nikkunsidra ideat u nirrifletti fuq u nikkonsolida l-ħsieb u t-tagħlim tiegħi stess. Kapaċi nsegwi konvenzjonijiet bil-miktub ta' ġeneri u suġġetti li qed nistudja.

### Il-preċiżjoni

- Kapaċi nikteb b'mod preċiż billi nuża konvenzjonijiet u regoli tal-lingwa bħal dawk stabbiliti minn Standard English / Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti / l-Akkademja tal-Malti.
- Kapaċi nuża l-għarfien tiegħi tal-morfoloġija kif ukoll l-għarfien fonoloġiku tiegħi u l-memorja viżiva biex nipprova nispelli kliem mhux familjari u nagħraf kliem ortografikament ħażin.
- Kapaċi nuża firxa wiesgħa ta' punteġġjatura biex il-qarrejja jkunu jistgħu jifhmu ċar dak li qed ngħid.

### L-ippjanar u r-riflessjoni

- Kapaċi nippjana x-xogħol bil-miktub tiegħi u naħseb fuq dak li nixtieq nikkomunika qabel nibda nikteb.
- Kapaċi nifhem il-bżonn ta' abbozzar; kapaċi neditja u nagħmel il-qari tal-provi tax-xogħol tiegħi u nħalli biżżejjed żmien biex intemm biċċa xogħol.
- Kapaċi nirrifletti fuq il-kitba tiegħi u naħseb fuq kif nitgħallem l-aħjar.

# Appendiċi 2

## Morfoloġija u Sintassi (Metalingwa)

| | Livell 4 (1-2) | Livell 5 (3-4) | Livell 6 (5-6) | Livell 7 (1-2) | Livell 8 (3-4) | Livell 9 (5) | Livell 10 (+) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Morfoloġija** | | | | | | | |
| **il-konsonanti** | | | | | | | |
| **il-konsonanti xemxin u qamrin** | Naf li l-konsonanti jitqassmu f'xemxin (ċ,d,n,r,s,t,x,ż,z) u qamrin (b,f,ġ,g,għ,h,ħ,j,k,l,m,p,q,v,w). | Naf liema minnhom jieħu l-artiklu l- u min jassimilah e.ż., l-arloġġ, id-dar. | | | | | |
| **il-konsonanti qawwija u rotob (l-assimilazzjoni)** | Naf li hemm xi konsonanti (bħal b, d, v,ż,g u l-bqija) li meta ngħidhom jew naqrahom fl-aħħar tal-kelma, jinstemgħu mod ieħor bħal kelb li tinstema' /kelp/; lewż, ċerv. | Naf liema konsonanti li tixxiebah fil-ħoss fl-aħħar tal-kelma għandi nikteb billi nżid il-vokali a fuq wara bħal ħabib/a; ċerv/a; spag/a; lewż/a. | Naf kif għandi nagħraf liema konsonanti nikteb meta sseħħ l-assimilazzjoni fil-bidu jew fin-nofs ta' kelma (nomi u verbi) e.ż., żfin mhux /sfin/ għax żifna; libsa mhux / lipsa/ għax ilbiesi. | Naf li meta l-għ/h jkunu fit-tarf tal-kelma jew ħdejn xulxin jinstemgħu "ħ" imma jinkitbu għ/h.e.ż.,., Iż-żagħżugħ kien fih tifel. / Il-libsa tagħha kienet tixbah lil t'oħtha. | Naf kif isseħħ l-assimilazzjoni meta jkollok żewġ konsonanti qawwija fit-tarf.e.ż.,., Il-ħobż mixwi. / Radd ħajr. / Sadd il-bir. / Ħadd ma ġie. | | |
| | Naf li meta niġi biex naqra kliem li jispiċċa bl-għ/h jew meta dan ikunu ħdejn xulxin, dawn jinqraw bil-ħoss ta' ħ bħal tagħhom, magħha, qlugħ, fih. | | | Naf li hemm xi konsonanti, fosthom in-n quddiem oħrajn likwidi u l-preformattiva t tal-imperfett ma' konsonanti xemxin, li meta jaħbtu quddiem oħrajn dawn jassimilawe.ż., jien irrid flok jien inrid; aħna mmorru flok aħna nmorru; inti ssellef lil xi ħadd flok inti tsellef lil xi ħadd. | Naf li hemm għadd ta' konsonanti li jitleħħnu ħoss wieħed imma jinkitbu kollhae.ż., zz jinstemgħu /żż/ bħal f'gazzetta; ts/ds/dds/ jinstemgħu /zz/ bħal f'għadsa; tx/ttx/dx/ddx/dtx li jinstemgħu /ċċ/ bħal f'ħattx; sx/ssx/żx/żżx/ jinstemgħu /xx/ bħal f'ħażżx. | | |
| **il-konsonanti sħaħ u dgħajfin** | | | Naf liema huma l-konsonanti sħaħ u li dawn jissejħu hekk minħabba l-karatteristiċi tagħhom bħal li ma jistgħux jitħallew barra, ma jistgħux jinbidlu jew jibdlu posthom u l-bqija. | Naf li hemm każi u eċċezzjonijiet fejn il-konsonanti dgħajfin ma jinbidlux minkejja li qabilhom ikollhom vokali, bħal meta jaħbtu wara sinjali tal-punteġġjatura, meta jkun hemm h jew għ warajhom bħal Mark jgħid u John jhewden, mhux Mark igħid u John ihewden. | | | |

| | Livell 4 (1-2) | Livell 5 (3-4) | Livell 6 (5-6) | Livell 7 (1-2) | Livell 8 (3-4) | Livell 9 (5) | Livell 10 (+) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Naf li l-konsonanti j/w huma dgħajfin u jridu l-għajnuna ta' vokali meta jkunu doppji fil-kelma bħal ħajja, ħajti; ħawdet, ħawwadt. | | | | |
| | | | Naf meta għandi nibdel il-konsonanti dgħajfin j/w fil-vokali i/u bħal meta jkunu preformattiva tal-imperfett jew bħala l-ewwel konsonanti fil-kelma bħal Hu ħareġ idur flok jdur; Għandu ħames ulied flok ħames wlied. | | | | |
| **il-konsonanti servili** | | | Naf li hemm xi konsonanti li jgħinuni nibni kliem ġdid, bħall-prefissi u s-suffissi tal-konjugazzjoni fl-imperfett u l-perfette.ż., nimxi, mxejna. | | | | |
| **il-konsonanti likwidi** | | | | Naf liema huma l-konsonanti likwidi u kif għandhom jinkitbu f'għadd ta' kliem meta jitħaxknu bejn konsonanti oħrae.ż., nilagħbu, ġimagħtejn, nisirqu, naqilbu, tixorbu. | Naf meta konsonanti likwida tista' toqgħod mingħajr vokali tal-leħen bħal meta tmiss magħha, warajha jew quddiemha jkollha j/w bħal bejnna, rawlna, ittrejnjajt. | Naf meta konsonanti likwidi m/l jistgħu joqogħdu mingħajr vokali tal-leħen bħal iġmla, jilmħu, rahomlha, tahomlha. | |
| | | | | | | Naf kif il-konsonanti likwidi jistgħu joqogħdu bejn żewġ konsonanti jekk waħda minnhom tkun għ jew h bħal ehmżu, agħrfu, negħlbu, fehmti. | |
| **il-vokali** | Naf liema huma l-vokali fil-Malti u naf niktibhom. | Naf u noqgħod attent biex fil-kitba ma niktibx il-vokali tal-leħen mal-artiklu fejn ma neħtiġhiex e.ż., Nikteb Xtrajna l-ktieb u mhux Xtrajna il-ktieb. | Naf li l-vokali ie titqies bħala ittra waħda u li fil-kelma ma jistax ikun hemm tnejn, u għalhekk dejjem tibqa' ta' wara.e.ż., missirijiet u mhux / missierijiet; | Nagħraf u nikteb tajjeb il-vokali i meta tkun tkun etimoloġika jew tal-leħen f'kelma e.ż., Suġġetti importanti, interessanti. | Nagħraf meta l-vokali tkun tal-kelma (etimoloġika); ewfonika (tal-leħen) jew servili (morfoloġika) e.ż., importanti, assassin, l-iskola, nilagħbu; pajjiżi, ħaddiema. | | |

| | Livell 4 (1-2) | Livell 5 (3-4) | Livell 6 (5-6) | Livell 7 (1-2) | Livell 8 (3-4) | Livell 9 (5) | Livell 10 (+) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Naf li l-vokali ie titqies bħala ittra waħda minkejja li tinkiteb minn żewġ ittri. | | Naf li hemm xi kliem barrani li jista' jkollu żewġ vokali ħdejn xulxin.e.ż., poeta, idea,realtà. | Naf li wara sinjali tal-punteġġjatura nista' nibda b'vokali minkejja li l-kelma ta' qabel is-sinjal tkun tispiċċa b'vokali e.ż. Aħna konna lħaqna kilna, irqadna u wasalna biex inqumu xħin ħija daħal id-dar. | Naf meta għandi ninqeda bil-vokali tal-leħen quddiem nomi barranin li jibdew b'sekwenza ta' żewġ konsonanti wara xulxin (doppji jew mhux) bħal l-ipparkjar, l-ivvjaġġar, l-istampar. | Naf meta għandi ndaħħal il-konsonanti j/w meta jkun hemm il-vokali i/u quddiem vokali oħra fil-kelma bħal duwa, zija. | |
| **L-artiklu.** | Naf nikteb l-artiklu quddiem kliem li nuża kuljum.e.ż.,., Il-bieb aħdar. / Id-dar il-kbira. | Naf li l-artiklu huwa "l-" u joqgħod quddiem kliem li jibda b'vokali, għ u h,e.ż., l-arblu, l-għasfur, l-hena. | Naf li xi drabi għandi nuża l-vokali tal-leħen mal-kelma meta din tieħu l-artiklu, e.ż l-isptar, l-imsiemer, l-injama, l-istandard, l-ipparkjar, l-ixkaffa, l-iżball. | Naf li xi drabi jkolli nżid l-artiklu mal-aġġettiv ta' nom biex nikkwalifika aħjar kliem ie.ż., il-ktieb il-ġdid li xtrajt. | Naf li għandi nikteb l-artiklu quddiem xi ismijiet u xi drabi dan jassimila skont l-ewwel konsonanti e.ż., Il-Gudja mhux Gudja; Ħaż-Żebbuġ mhux Ħaż Żebbuġ. | Naf li xi ismijiet propji barranin li jieħdu l-vokali tal-leħen fuq quddiem jibqgħu jinkitbu b'ittra kbira filwaqt li l-vokali tinkiteb żgħira. Dawn jistgħu jkunu ismijiet ta' prodotti jew ismijiet xjentifiċi bħal l-iSprite, l-iStegosaurus | Il-kelma wieħed u waħda jistgħu jieħdu l-vokali tal-leħen u l-artiklu meta juru ammont speċifiku bħal għaxar ewro il-wieħed, tliet sigħat il-waħda. |
| | | Naf li xi drabi l-artiklu l- ikollu bżonn il-vokali tal-leħen "i" bħal quddiem kliem li jibda bil-konsonanti qamrin .e.ż.,., Xtrajt il-ħobż. / Anna marret il-Belt. / Tlift iċ-ċavetta tad-dar. | Naf li xi ismijiet propji, bħal uħud minn dawk tal-bliet u l-irħula Maltin u Għawdxin, u ta' xi pajjiżi jeħtieġu l-artiklu e.ż., Ir-Rabat, L-Italja. | Naf li l-artiklu għandu dejjem jingħaqad mal-prepożizzjonijiet quddiem in-nom e.ż., tal-art, mal-ħbieb. | Naf li billi fil-Malti ma jeżistix l-artiklu indefinit, xorta nistgħu noħolqu sens t'indefinitezza bl-użu ta' wieħed/waħda e.ż., Kien hemm wieħed raġel... | Naf li l-artiklu jassimila u jinkiteb skont il-fonetika Maltija meta jaħbat quddiem nom li jinkiteb bil-lingwa oriġinali barranija bħal il-Choir Laudate Dei, ix-Ship Building, is-CID, | |
| | | Naf li l-artiklu l-jassimila quddiem kliem li jibda bil-konsonati xemxin bħal iċ-ċirasa, id-dar. | Naf li l-artiklu ma jintużax ma' nomi li għandhom id-definitezza tagħhom murija bis-suffissi pronominalie.ż., ommi, ħuti, pajjiżi. | Naf li l-artiklu ma joqgħodx mal-ewwel nom fl-istat kostrutte.ż., sqaq l-infern. | Naf li l-artiklu quddiem kliem li jibda bil-għ/h jista' joqgħod anke bil-vokali tal-leħen i bħal l-/il-għasfur; il-/l- hena. | | |
| | | Naf li meta għandi nuża l-artiklu waħdu mingħajr vokali tal-leħen.e.ż.,., Xtrajna l-ħobż. / It-tfal marru l-Belt. / Tlifna ċ-ċavetta tad-dar. | Naf li l-artiklu jista' jingħaqad mal-pronomi dimostrattivi (tal-viċin) skont il-kelma ta' wara xi tkun bħal dan il-bieb/dal-bieb; dil-biċċa/din il-biċċa; dawn il-kotba/dal-kotba. | | | | |

| | Livell 4 (1-2) | Livell 5 (3-4) | Livell 6 (5-6) | Livell 7 (1-2) | Livell 8 (3-4) | Livell 9 (5) | Livell 10 (+) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Partiċelli:** | | | | | | | |
| **Il-Prepożizzjonijiet** | | Naf nikteb kliem qasir (prepożizzjonijiet mal-artiklu) bħal bi/bil-, fi/fil-, sa/sal-, ġo/ġol-; ma'/mal-/ ta'/tal- f' sentenzi sempliċi bħal: Mark mar sal-baħar; Jien norqod fis-sodda; Rajt funtana sabiħa ġo ġnien; Wassalni sad-dar. | Naf nikteb tajjeb għall-/ bħall-/lill- meta jkunu quddiem kliem li jibdew b'konsonanti xemxin bħal: Ommi tmur għax-xogħol kuljum; La nikber irrid insir bħaz-ziju; L-għasfura temgħet liż-żgħar tagħha. | Nagħraf meta nikteb mill-/ mal- bħal: Ħriġt mgħaġġel mill-bieb tal-klassi u ħbatt mal-għalliema tiegħi. | Naf nikteb u nuża tajjeb it-taqsiriet ta' lil/lill- bħal: Tlabt 'l Alla u Tlabt 'il Pawlu; Rajna 'l-għalliema; Kellimt 'il-Papa. | | |
| | | | Naf nikteb tajjeb għal/għall-; bħal/ bħall-; lil/lill- bħal: Mort għal Jane; Mort għall-ħabiba. | Naf liema prepożizzjonijiet jitqassru jew ma jitqassrux u meta jsir dan: bħall-prepożizzjonijiet ma', ta', sa li jistgħu jitqassru jew jibqgħu sħaħ quddiem kelma li tibda b'vokali, għ jew h bħal m'/ma' ommi; sa/s'hemm, ta'/t'Alla. | Naf meta l-prepożizzjonijiet bi, xi, fi ma jitqassrux quddiem kelma li tibda b'żewġ konsonanti (eż., bi dwiefer twal; bi mqass jaqta', xi rrid, sejjer xi mkien, fi rriezet); | | |
| | | | | Naf li l-partiċella ma' titqassar m' quddiem xi aġġettivi li jkunu fil-komparattiv bħal m'eħxen, m'ogħla, u l-bqija. | | | |
| | | | | Naf li hemm prepożizzjonijiet bħal bi,fi,xi li jitqassru quddiem kelma li tibda b'vokali, għ, h jew b'konsonanti waħda bħal b'idi, f'rokna, x'hemm. | Naf meta l-prepożizzjoni xi ma titqassarx għax ikollha tifsira oħra bħal f' xi iġmla; xi isqra, xi ilsna, xi isqof. | | |
| **Il-Konġunzjonijiet** | Naf ngħaqqad kliem flimkien billi nuża l-konġunzjoni u.e.ż., Jiena u Mark. | Naf ngħaqqad żewġ sentenzi sempliċi fuq l-istess tema bil-konġunzjonijiet u, għax, imma, meta.e.ż., Jessica sabet kelb mitluq u ħaditu d-dar tagħha; It-tifel ma marx l-iskola għax kien ma jiflaħx. | Naf nuża tajjeb fil-kitba ta' sentenzi l-konġunzjonijiet tal-għażla bħal inkella /jew u tal-kaġun/tar-raġuni bħal għax, sabiex, mela, billi, għalhekk. | Naf nuża tajjeb fil-kitba tas-sentenzi l-konġunzjonijiet tal-kordinazzjoni bħal: u, illi, ukoll, kif u dawk taż-żmien bħal: hawn, issa, wara, imbagħad, li. | Naf nuża tajjeb fil-kitba tas-sentenzi l-konġunzjonijiet tas-subordinazzjoni bħal: iżda, imma, lanqas, madankollu; u dawk tal-kundizzjoni bħal: kieku, jekk, li ma. | | |
| **L-Avverbju** | | | | Naf x'inhu avverbju u x'funzjoni għandu fis-sentenza. | Naf nuża tajjeb fil-kitba tas-sentenzi l-avverbji li juru kwantità, negazzjoni u mistoqsija bħal bosta, qatt, kif. | Naf nuża tajjeb fil-kitba tas-sentenzi l-avverbji li juru twettiq u dubju bħal tajjeb, għandu mnejn. | |

| | Livell 4 (1-2) | Livell 5 (3-4) | Livell 6 (5-6) | Livell 7 (1-2) | Livell 8 (3-4) | Livell 9 (5) | Livell 10 (+) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Naf nuża tajjeb fil-kitba tas-sentenzi l-avverbji li juru żmien, post u manjiera bħal għada, ġewwa u bil-mod. | | | |
| **L-Interjezzjonijiet** | | Naf nuża kliem ta' stagħġib, ferħ, biża' jew sentimenti oħra fis-sentenzi tiegħi bħal aħħ, ajma, jaqq, uff, prosit. | | | | | |
| **Il-Verb:** | | | | | | | |
| **Għarfien tal-verb fis-sentenza** | Naf nagħraf il-kelma li turi azzjoni f'sentenza sempliċi bħal John jaqra l-ktieb. | Naf nagħraf u nikteb verbi f' għadd ta' sentenzi bħal John jaqra l-ktieb u Mandy tisma' r-radju. | Nagħraf il-verbi ewlenin f'sentenzi komposti u kumplessi li jkun fihom għadd ta' predikati, e.ż., Minkejja li għamlet ix-xita,it-tfal xorta ħarġu jilagħbu u ħadu gost. | | | | |
| **L-Imperattiv** | Nifhem il-kmand fit-taħdit fl-interazzjoni ta' kuljum fil-klassi | Nagħraf il-forma tal-Imperattiv sempliċi kemm fit-taħdit bħal: Ġib il-pitazz miegħek għada. | L-imperattiv tal-verbi kollha, inklużi d-dgħajfin, fil-forom kollha li dan jista' jsir bħal: minn telaq nagħmlu itlaq/ itilqu, minn għamel issir agħmel/ agħmlu, minn mexxa nagħmlu mexxi/mexxu; minn tela' nagħmlu itla'/itilgħu; minn ċapċap nagħmlu ċapċap/ċapċpu. | Naf kif nagħmel l-imperattiv meta jsir fuq 2 verbi jew aktar, inklużi l-verbi barranin bħal erġa' pprova, oħroġ ilgħab, aqbad u itlaq iġri issa. | | | |
| | | Nikteb l-imperattiv ta' verbi trilitteri sempliċi bħal itlaq, mur, oħroġ, dur. | | | | | |
| **Il-Perfett** | | Naf nuża verbi sempliċi (barra dawk li fihom l-għ u l-h) fit-temp u l-persuna t-tajba fit-taħdit u fil-kitba ta' sentenzi sempliċi bħal John ħareġ, il-kelb ħarab. | Naf nuża verbi li jkollhom konsonanti sħaħ u dgħajfin (inklużi dawk li jibdew bl-għ u l-h) fit-temp u l-persuna t-tajba fit-taħdit u fil-kitba ta' sentenzi. | Naf nuża verbi li jkollhom konsonanti sħaħ u dgħajfin (inklużi dawk li jkollhom għ/h/iegħ/ieh fin-nofs) fit-temp u l-persuna t-tajba fit-taħdit u fil-kitba ta' sentenzi bħal: Jien xgħelt it-televixin meta ġew sħabi u qgħadna narawh flimkien; Huma fehmu u wara fiehmu lil ħaddieħor; Robert wiegħed lil ommu li jobdiha . | Naf nuża verbi barranin (dawk ġejjin mir-Rumanz u l-Ingliż u ma integrawx ma' dawk semitiċi) u fit-temp u l-persuna t-tajba fit-taħdit u fil-kitba ta' sentenzi bħal: Marc ipparkja l-karozza ħażin; It-tim ittrenja ħafna; L-għalliem issejvja kollox fuq diska kompatta. | | |

| | Livell 4 (1-2) | Livell 5 (3-4) | Livell 6 (5-6) | Livell 7 (1-2) | Livell 8 (3-4) | Livell 9 (5) | Livell 10 (+) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **l-Imperfett** | | Naf nuża verbi sempliċi (barra dawk li fihom l-għ u l-h) fit-temp u l-persuna t-tajba fit-taħdit u fil-kitba ta' sentenzi sempliċi bħal John jorqod, il-qattus jiekol. | Naf nuża verbi li jkollhom konsonanti sħaħ u dgħajfin (inklużi dawk li jibdew bl-għ u l-h) fit-temp u l-persuna t-tajba fit-taħdit u fil-kitba ta' sentenzi. | Naf nuża verbi li jkollhom konsonanti sħaħ u dgħajfin (inklużi dawk li jkollhom għ/h/iegħ/ieh fin-nofs) fit-temp u l-persuna t-tajba fit-taħdit u fil-kitba ta' sentenzi bħal: Jien nixgħel it-televixin meta jiġu sħabi u noqogħdu narawh flimkien; Huma jifhmu u wara jfiehmu lil ħaddieħor; Robert dejjem jwiegħed lil ommu li jobdiha . | Naf nuża verbi barranin (dawk ġejjin mir-rumanz u l-Ingliż u ma integrawx ma' dawk semitiċi) u fit-temp u l-persuna t-tajba fit-taħdit u fil-kitba ta' sentenzi bħal: Marc jipparkja l-karozza ħażin; It-tim jittrejnja ħafna; L-għalliem jissejvja kollox fuq diska kompatta. | | |
| **Il-Futur** | | | Naf nuża verbi li jkollhom konsonanti sħaħ u dgħajfin (inklużi dawk li jibdew bl-għ u l-h) fit-temp u l-persuna t-tajba fit-taħdit u fil-kitba ta' sentenzi. | Naf nuża verbi li jkollhom konsonanti sħaħ u dgħajfin (inklużi dawk li jkollhom għ/h/iegħ/ieh fin-nofs) fit-temp u l-persuna t-tajba fit-taħdit u fil-kitba ta' sentenzi bħal: Jien se nixgħel it-televixin meta jiġu sħabi u se noqogħdu narawh flimkien; Huma se jifhmu u wara se jfiehmu lil ħaddieħor; Robert ser iwiegħed lil ommu li jobdiha . | Naf nuża verbi barranin (dawk ġejjin mir-rumanz u l-Ingliż u ma integrawx ma' dawk semitiċi) u fit-temp u l-persuna t-tajba fit-taħdit u fil-kitba ta' sentenzi bħal:  Marc se jipparkja l-karozza ħażin; It-tim ser jittrejnja ħafna; L-għalliem ser jissejvja kollox fuq diska kompatta. | | |
| | | | | Naf li nista' nagħmel forom differenti tal-futur billi nuża l-verb fl-imperfett u qablu ninqeda b'ser/se/sejjer/ħa/ħalli u l-bqija bħal se mmur; sejjer norqod, ħalli naraw. | | | |
| **In-Negattiv tal-Verb** | | Naf nikteb in-negattiv ta' verbi sempliċi fl-imperattiv bħal tiġrix, timxix, tifraħx. | Naf kif nagħmel in-negattiv ta' verbi sħaħ u dgħajfin, inklużi dawk bl-għ u l-h, fl-imperfett u l-perfett bl-użu ta' ma + x bħal ma jisbaħx, ma waqax, ma jifhimx. | Naf li n-negattiv ta' verbi li jkollhom l-ie u minħabba ċaqliq tal-aċċent tinbidel f'i bħal ma kinux, ma kinitx. | Naf kif nagħmel in-negattiv ta' verbi billi nuża l-partiċelli la, qatt ma, xejn bħal La tisraqx, Ma kienet tajba xejn, Qatt mhu se tarani aktar. | | |

| | Livell 4 (1-2) | Livell 5 (3-4) | Livell 6 (5-6) | Livell 7 (1-2) | Livell 8 (3-4) | Livell 9 (5) | Livell 10 (+) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Naf kif nagħmel in-negattiv ta' verbi sħaħ u dgħajfin fil-futur bl-użu ta' mhux/mhix jew il-pronomi personali magħżulin fin-negattiv quddiem verb fil-futur bħal mhux se mmur, m'aħniex se niġu, mhumiex se jsiefru. | Naf li verbi li jispiċċaw bl-appostrofu, fin-negattiv dan jaqa' u ma jidhirx bħal ma qatax, ma belax, ma qalax | Naf li nista' nqassar il-partiċella ma tan-negattiv f'm' meta taħbat quddiem vokali, għ jew h bħal ma hemmx/m'hemmx; m'afdax/ma afdax. | | |
| **Il-Mamma u l-Għerq** | | Naf nidentifika li l-kliem hu magħmul minn konsonanti u vokali u li hemm għadd ta' kliem li għandu l-konsonanti l-istess bħal ktieb, kitba, kotba; telaq, telqa, tluq,tellieqqa, tlielaq; nilgħab, logħob, logħba. | Filwaqt li naf noħroġ għadd ta' kliem minn kelma ewlenija (verb/ nom/aġġettiv), nagħraf li hemm konsonanti komuni fihom kollha u li dawn jissejħu l-għerq tal-kelma, bħal: minn libes - libbes, tlibbes, ntlibes, libsa, lbiesi (l-għerq l-b-s); minn baħar - baħri, baħħar, ibħra, tbaħħir (l-għerq b-ħ-r); minn sabiħ - sbuħija, sebbaħ, sbieħ, sbejħa (l-għerq s-b-ħ). | Naf li hemm għadd ta' prinċipji li timxi fuqhom is-sistema tal-għerq semitiku biex tnissel bħal aċċettazzjoni tal-affissi, li l-konsonanti ma jinbidlux u lanqas jibdlu posthom, u l-bqija | | | |
| | | | | Naf li meta nċaqlaq il-pożizzjoni tal-konsonanti tal-għerq nista' noħloq kliem ġdid bħal r-s-q=resaq; s-r-q=seraq; q-r-s=qaras. | | | |
| **Iz-zokk Morfemiku** | | | Naf li hemm kliem ġej mit-Taljan jew l-Ingliż, li l-parti ewlenija tiegħu hija magħmula minn għadd ta' konsonanti u vokali li ma jinbidlux (iz-zokk morfemiku) bħal film, jiffilmja, iffilmjat. | Naf li hemm kliem ġej mit-Taljan jew mill-Ingliż li l-parti ewlenija tiegħu (iz-zokk morfemiku) hija magħmula minn għadd ta' konsonanti u vokali li ma jinbidlux u li dawn ikunu dejjem preżenti fi kliem ieħor imnissel bħal eduka, jeduka, edukazzjoni, maledukat, edukatur u l-bqija. | Naf li xi verbi flok is-sistema tal-għerq jużaw iz-zokk morfemiku flimkien ma' għadd ta' prefissi u suffissi biex inisslu kliem u tifsiriet ġodda bħal: miz-zokk eduk inisslu nedukaw, edukajna, edukat, edukatur, edukattiv, maledukat, u l-bqija. | Naf li xi kliem barrani li fil-lingwa oriġinali kellu l-istess zokk morfemiku, fil-Malti jista' jkollu zkuk differenti skont il-fonetika tagħhom bħal magna/makkinarju; inkwadra/ inkwatru/kwadrat. | |

| | Livell 4 (1-2) | Livell 5 (3-4) | Livell 6 (5-6) | Livell 7 (1-2) | Livell 8 (3-4) | Livell 9 (5) | Livell 10 (+) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Forom tal-Verb** | | | | Naf li ħafna verbi fil-Malti jistgħu jkunu ewlenin jew imnissla u nagħraf bejn dawk sħaħ u dgħajfin skont l-għerq tagħhom bħal kiser, kisser; dar, dawwar; xamm, inxtamm; twaqqaf, tajjar, mexa, tmexxa. (L-ewwel forma) | Naf kif jitnisslu verbi tat-2,il-5, it-3 u s-6 forma u napprezza t-tifsiriet semantiċi differenti li jistgħu jwasslu (bħal tifsira kawżattiva, riflessiva, transittiva, passiva u l-bqija) bħal kiser idu, kisser it-tazza, tkisser bix-xogħol, il-ħġieġa tkissret; id-dar tbierket, il-qassir bierek l-iskola. | Naf kif jitnisslu verbi tas-7/8,id-9 u l-10 forma u napprezza t-tifsiriet semantiċi differenti li jistgħu jwasslu (bħal tifsira kawżattiva, riflessiva, transittiva, passiva u l-bqija), bħal: il-pulizija qabad lill-ħalliel li nqabad jisraq; Huma laqgħu lil sħabhom l-ajruport u wara ltaqgħu mal-familja kollha d-dar; twieled sabiħ u maż-żmien kompla jisbieħ; Il-kap tal-iskola stieden lill-istudenti biex jipparteċipaw. | |
| | | | | | | Naf li xi verbi li daħlu fil-Malti, speċjalment dawk ġejjin mill-Ingliż, jinbnew billi jirduppjaw l-ewwel konsonanti taz-zokk morfemiku u jżidu l-j quddiem is-suffiss tat-temp bħal nipparkjaw, iffilmjajt, nipprintjaw. | |
| **Il-Parteċipju** | | | | | | Naf kif nibni u nħaddem, skont funzjonijiet differenti, il-parteċipju attiv/ preżent u passiv/ passat tal-verbi semitiċi u barranin bħal Ir-rieqed jinsab rieqed fl-għar; Max ir-rieqed; Il-karozza pparkjata fil-ġenb. | |
| **It-Tempijiet Komposti** | | | | | Naf nuża l-kelma għad biex infisser il-futur imbiegħed bħal Għad jasal żmien li... | Naf inħaddem it-tempijiet komposti fl-imperfett bl-użu ta' kliem bħal qiegħed , kont, inkune.ż., qiegħed naqra, kont naqra, tkun taqra. | |

| | Livell 4 (1-2) | Livell 5 (3-4) | Livell 6 (5-6) | Livell 7 (1-2) | Livell 8 (3-4) | Livell 9 (5) | Livell 10 (+) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Verbi Awżiljari** | | | | | Naf nibni u nħaddem il-verbi awżiljari kien, qiegħed, kellu, kemm waħidhom kif ukoll meta jintużaw quddiem verbi oħra bħal: kien jiekol, qiegħda tisma', kellu jiltaqa'. | | |
| **In-Nom** | | | | | | | |
| **It-Tipi ta' Nomi** | Naf nagħraf x'inhu i.e l-ismijiet ta' oġġetti fil-klassi bħal bieb, tieqa, pitazzi, kotba. | Naf nagħraf u nagħżel nomi komuni u propji bħal tifel, Paul, Julienne, tfajla. | Naf noħroġ in-nom verbali bit-żewġ tifsiriet tiegħu minn verbi semitiċi bħal minn ħareġ -ħarġa, ħruġ; xorob - xarba, xorb; daħal - daħla, dħul. | Naf noħroġ nomi li juru sengħa, xogħol jew professjoni minn verbi semitiċi komuni bħal bena nagħmlu bennej, ħadem -ħaddiema, għallem -għalliem, stad-sajjied; kiteb - kittieb; tkellem - kelliem. | Naf kif innissel nomi diminuttivi jew akkrexxittivi minn oħrajn ġejjin kemm mis-semitiku kif ukoll mir-rumanz bħal ġnien-ġnejna; tifel-tfajjel; bank-banketta, bankun; furketta - furkettun; karretta-karrettun; trumbetta u trumbun. | Naf kif jitnisslu nomi li juru post, żmien, għodda u ġemgħa meta dawn isiru minn verbi semitiċi bil-preformattiva 'm' (in-nom mimmat) bħal mitħna, mqass, Milied, mixtla, kif ukoll oħrajn minn kliem barrani, speċjalment mir-rumanz bħal ġelaterija, pizzerija, piraterija, librerija, pastizzerija, stamperija. | |
| | | | | | | Naf kif jitnisslu nomi astratti minn nomi, verbi jew aġġettivi li ġejjin kemm mis-semitiku kif ukoll minn lingwi barranin bħal abjad-bjuda; sabiħ- sbuħija; immaġni-immaġinazzjoni; jobgħod -mibegħda; spjega-spjegazzjoni; ikkonsulta - konsultazzjoni, iġġudika -aġġudikazzjoni; perfett -perfezzjoni. | |
| **L-Għadd** | | Naf nuża nomi komuni fis-singular u plural bħal tifel-tfal; dar-djar; kelb-klieb; bir-bjar; | Naf nagħmel il-plural tan-nomi kemm dawk li jinqdew fil-forom tal-plural sħiħ kif ukoll dawk li jagħmlu l-plural miksur, bħal siġġu-siġġijiet; dar-djar, wejter-wejters; flett-flettijiet, karta-karti. | Naf meta u kif għandi nuża n-nomi fil-kollettiv u l-farrad waħdieni bħal It-tuffieħ kien kollu fil-qoffa (tuffieħ huwa nom fil-kollettiv singular) u minnu t-tifel ħa tuffieħa sabiħa. (tuffieħa hija nom fil-farrad waħdieni). | Naf li hemm xi nomi li jitqiesu bħala singular meta jkunu juru ġemgħa bħal folla nies, klasi tfal, mazz karti, serbut nemel, armata suldati. | Naf li hemm xi nomi li jagħmlu l-plural tal-plural bħal tarf-truf-trufijiet; darba-drabi-drabijiet;elf-eluf-elufijiet. | |

| | Livell 4 (1-2) | Livell 5 (3-4) | Livell 6 (5-6) | Livell 7 (1-2) | Livell 8 (3-4) | Livell 9 (5) | Livell 10 (+) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Naf li jista' jkun hemm xi nomi li meta jkunu man-numri minn 2 sa 10 jieħdu l-plural determinat li jsir biż-żieda tas-suffiss iet/at bħal żewġ ħawħiet, ħames tuffiħat, tmien siġriet. | Naf li hemm xi nomi li meta jkunu jridu jfissru tnejn jew par jagħmlu l-għadd imtenni billi jinqdew bis-suffissi -ejn/ajn bħal għajnejn, widnejn, qasbtejn. | Naf li xi nomi barranin jista' jkollhom forom differenti tal-plural (kemm dak miksur kif ukoll dak sħiħ) bħal bnadar/bandieri; toroq/triqat, bolli/bolol. | | |
| **Il-Ġens** | | Naf kif naqleb nomi mill-maskil għall-femminil billi nżid jew nibdel l-aħħar vokali f' a fl-aħħar bħal kelb-kelba, qattus-qattusa, tabib-tabiba, xiħ-xiħa, nannu-nanna, ziju-zija. | Naf nagħti l-maskil u l-femminil ta' għadd ta' nomi li jsiru b'kelma differenti bħal raġel - mara; serduq - tiġieġa; | | Naf li hemm xi nomi li daħlu jew għadhom deħlin fil-Malti minn lingwi barranin, fosthom mill-Ingliż li għad m'għandhom ġens stabbilit u għalhekk jistgħu jitqiesu bħala maskili jew femminili bħal vann, friġġ, friżer u l-bqija. | | |
| **Il-Possessiv** | | Naf nuri l-possessiv billi ninqeda bil-prepożizzjoni ta' waħidha jew mal-artiklu bħal Dan il-ktieb ta' John; Il-kelb tal-mara ħarab. | Naf nuri l-possessiv billi nuża l-prepożizzjoni ta' magħquda mas-suffissi pronominali bħal Dan il-ktieb tiegħi; Il-kelb tagħna jismu Fido. | | Naf inħaddem il-possessiv billi ninqeda bi frażijiet fl-istat kostrutt bejn 2 nomi jew aktar bħal f'daħlet Bieb il-Belt. | | |
| | | | Naf nuri l-possesiv bl-użu tas-suffissi pronominali magħquda man-nomie.ż., flusi, ommi, ħutna. | | | | |
| **Il-Pronomi** | Naf nuża u nifhem il-pronomi magħżulin f'kuntesti tat-taħdit, qari u smigħ. | Naf u nifhem il-pronomi mehmużin f'kuntest ta' taħdit, qari u smigħ. | Naf nuża l-pronomi mehmużin ma' nomi, verbi u partiċelli ħfief bħal qalbi, sabna, lilek. | Naf norbot il-pronomi mehmużin ma' nomi li jispiċċaw b'a billi ndaħħal it-t marbutae.ż., kelmti, saħħti, ħabibti. | Naf nikteb sewwa l-pronomi mehmużin meta jingħaqdu ma' verbi (kemm fl-affermattiv kif ukoll fin-negattiv) u li jkollhom magħqudin magħhom l-oġġett dirett u anke dak indirett, speċjalment meta nuża l-pronomi tat-tielet persuna (u/hu/ha) f'nofs ta' kelma komposta. e.ż., għaddih, m'għaddihiex; għaddihulna/ għaddihielna. | | |

| | Livell 4 (1-2) | Livell 5 (3-4) | Livell 6 (5-6) | Livell 7 (1-2) | Livell 8 (3-4) | Livell 9 (5) | Livell 10 (+) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Naf inħaddem il-pronomi dimostrattivi bħal dan, din, dawn/ dak,dik,dawk. | Naf nuża fil-kitba l-pronomi magħżulin u n-negattiv tagħhom bħal huwa/ mhuwiex; aħna / m'aħniex. | Naf ninqeda bil-pronomi interrogattivi min, xi, liema biex infassal il-mistoqsijiet tiegħi bħal Min ġej? Xi trid? Liema waħda togħġbok? | Naf kif għandi nikteb il-partiċella kontra mas-suffissi pronominali bħal kontrija, kontrih. | | |
| **L-Aġġettivi** | Naf nuża l-aġġettivi, fosthom il-kuluri u kwalitajiet, fit-taħdit, qari u smigħ tiegħi ta' kuljum. | Naf nikteb l-aġġettivi pożittivi (sempliċi) fil-maskil, il-femminil u l-plural bħal dar kbira, bieb kbir, twieqi kbar. | Naf li l-aġġettiv pożittiv jista' jsir ukoll minn għadd ta' nomi bl-għajnuna ta' suffissi bħal għaqli, għaqlija, għaqlin; Mosti, Mostija, Mostin; raħli, raħlija, raħlin. | Naf inħaddem l-aġġettiv (ta' kliem semitiku u barrani) fil-gradi tal-komparattiv u s-superlattiv relattiv bħal isbaħ/l-isbaħ; aktar importanti/l-aktar importanti. | Naf inħaddem l-aġġettiv fil-forma tas-superlattiv assolut kemm għal kliem mis-semitiku kif ukoll dak barrani bħal aħmar nar; interessantissimu, importantissimu. | | |
| **L-Affissazzjoni** | | | | | | | |
| **Il-Prefissi** | | | Naf nagħraf li hemm għadd ta' prefissi (konsonanti u vokali) li nista' nuża fil-konjugazzjoni tal-verbi fl-imperfett bħal minn imxi nagħmlu nimxi, timxi, jimxi; minn imxu nagħmlu timxu, jimxu, nimxu. | | Naf nagħraf li hemm għadd ġmielu ta' prefissi li nista' nuża fil-bini ta' kliem ġdid bħal minn edukat nagħmlu maledukat, maledukazzjoni, minn isqof nagħmlu arċisqof, minn nannu nagħmlu bużnannu. | | |
| | | | | | Naf meta għandi ngħaqqad il-prefissi mal-kelma u meta għandhom jibqgħu mifrudin bħal antiklerikali, anti-Taljan. | Naf li hemm xi prefissi li ma jingħaqdux mal-kelma bħal Aġent President, viċi sindku, filwaqt li hemm oħrajn li għax indraw ma jinfirdux bħal primadonna. | |
| | | | | | | Naf kif ngħaqqad u nikteb prefiss ma' prefiss ieħor quddiem xi kliem bħal bużbużnannu, pitpitgħada, postanti-Moderniżmu, | |
| **L-Infissi** | | | | | Naf li nista' nżid fin-nofs tal-għerq konsonanti barranija biex noħloq forma u tifsira ġdida tal-verb bħal kiser-kisser, waqa' -waqqa'. | | |

| | Livell 4 (1-2) | Livell 5 (3-4) | Livell 6 (5-6) | Livell 7 (1-2) | Livell 8 (3-4) | Livell 9 (5) | Livell 10 (+) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Is-Suffissi** | | | Naf li mal-verbi nista' nżid għadd ta' suffissi (konsonanti u/jew vokali fuq wara tal-kelma ) biex nikkonjuga l-verbi fil-perfett bħal imxejt, imxejna, imxew. | | Naf li ma' nomi, verbi u aġġettivi nista' nżid għadd differenti ta' suffissi (konsonanti u/jew vokali fuq wara tal-kelma ) biex nibni kliem b'tifsiriet ġodda bħas-suffissi tal-plural sħiħ, is-suffissi pronominali u tal-perfett, fost l-oħrajn bħal ommijiet, qalbek, ġabet. | | |
| **Is-Sintassi** | | | | | | | |
| **L-Istruttura tas-Sentenza** | | Naf nikteb sentenza sempliċi li jkun fiha s-suġġett u l-verb. | Naf nikteb sentenzi li jkun fihom is-suġġett, il-verb u l-oġġett (kemm dirett kif ukoll dak indirett). | Naf nikteb sentenzi li barra s-suġġett, il-verb u l-oġġett ikun fihom ukoll għadd ta' predikati nominali u verbali. | Naf naqleb is-sentenza attiva għal dik passiva billi nuża kemm il-forom tal-verb kif ukoll il-partiċipju passiv, bħal Il-qattus qabad il-ġurdien - Il-ġurdien inqabad/ġie maqbud mill-qattus. | | |
| | | | | | Naf naqleb diskors dirett f'wieħed indirett. | | |
| **Il-qbil bejn l-elementi ewlenin tas-sentenza** | | Naf li meta nikteb sentenza l-verb għandu jaqbel mas-suġġett f'dak lu hu ġens u għadd. | | | | | |

## Ortografija u Punteġġjatura (Metalingwa)

| | Livell 4 (1-2) | Livell 5 (3-4) | Livell 6 (5-6) | Livell 7 (1-2) | Livell 8 (3-4) | Livell 9 (5) | Livell 10 (+) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Punteġġjatura** | | | | | | | |
| **L-ittri kapitali** | Naf li kull sentenza għandi nibdieha b'ittra kbira. eż. Dan tifel bravu. | Naf li s-sentenza fid-diskors dirett tibda b'ittra kbira. eż. Arnold qal: "Għada se nsiefru." | Naf li l-akronimi niktibhom b'ittri kbar. eż. Q.K. (qabel Kristu), W.K. (wara Kristu), K.N.K. (il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb). | Meta nikkwotaw pubblikazzjoni, l-ewwel ittra tal-isem tinkiteb kbira (anke jekk tkun l-artiklu). eż. Din il-poeżija kienet dehret f'Id-Denfil; Il-ktieb li se nippreżentaw illejla jismu Rakkonti u Inkontri. | Naf li l-ewwel ittra ta' isem proprju u ta' kull kelma li tagħmel parti mill-istess isem, minbarra l-artiklu u l-prepożizzjoni, tinkiteb kbira. Jekk il-prepożizzjoni tiġi fil-bidu tal-isem, tinkiteb b'ittra kbira wkoll. eż. Marija Borg, Bieb il-Belt, Dar il-Mediterran, il-Wied tal-Isperanza, mort Ta' Pinu u tlabt lill-Madonna ta' Pinu, ix-xatt ta' Ta' Xbiex, l-Ordni ta' San Ġwann, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, l-Università ta' Malta. | | |
| | Naf li l-ismijiet tal-ħbieb tiegħi u ta' dawk li jieħdu ħsiebi, tal-pets u l-ġugarelli tiegħi, tal-pajjiż u r-raħal fejn ngħix jibdew b'ittra kbira, bħal Kylie, Fifi, Miċu, Malta, il-Mellieħa, Rokku r-Robot. | Naf li l-ismijiet propji tan-nies, tal-annimali, tal-postijiet u tal-oġġetti jibdew b'ittra kbira, bħal Mandy, Kiko, l-Imdina, Thermos. | Naf li l-ismijiet tas-sekli jibdew jinkitbu b'ittri żgħar. eż. is-seklu dsatax; is-seklu wieħed u għoxrin. | Naf li titlu jew isem ta' kariga li jaħbat eżatt qabel l-isem ta' persuna jinkiteb b'ittra kbira. eż. l-Avukat Pawlu Hili, it-Teżoriera Michelle Borg; il-Papa Franġisku; il-Prim Ministru Matteo Renzi. | Naf li l-artiklu tal-bidu fl-isem proprju ta' post jew pajjiż għandu jinkiteb b'ittra kbira meta jintuża waħdu, ngħidu aħna f'indirizz, f'tabella jew f'mappa. eż. L-indirizz ta' Stefan huwa: 17, Triq il-Qronfol, Is-Swieqi, SWQ456, Iż-Żejtun. | | |
| | | Naf kif nikteb l-ittri ie/ħ/h/għ/ meta jkunu kapitali bħala Ie,Ħ,H, Għ. eż. Ieqaf hemm; Ħareġ jiġri; Hemm fuq; Għalqa sabiħa. | Naf li l-ismijiet tal-muniti jinkitbu b'ittri żgħar. eż. mija u għaxar ewro, ħamsin dollaru, tletin lira sterlina | Naf li meta l-isem tal-kariga jintuża waħdu u jirreferi għal individwu partikolari, jinkiteb b'ittra kbira. eż. Dalgħodu ċempilli l-Isqof. | Naf li meta nkun irrid inżid vokali tal-leħen "i" bejn isem proprju li għandu jinkiteb bħall-oriġinal (jew reklam) u l-artiklu, din inżidha skont ir-regola tal-artiklu tal-Malti imma nżomm ukoll l-ittra kapitali tal-kelma fl-oriġinal. eż. l-iSprite, l-iStergene. | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Naf li d-direzzjonijiet u l-ismijiet tal-irjieħ niktibhom b'ittri kbar. eż. it-Tramuntana, il-Lvant, in-Nofsinhar | Naf li l-ismijiet tal-movimenti, għaqdiet u reliġjonijiet u l-membri tagħhom jinkitbu b'ittra kbira. eż. il-Buddiżmu, il-Buddisti, il-Kattoliċiżmu, il-Kattoliċi, il-Franġiskani Kapuċċini, l-Iżlam, il-Misilmin | Naf li l-ewwel ittra ta' titlu mqassar tinkiteb dejjem kbira. eż. is-Sur Grech, is-Sa Borg, l-Inġ. Cauchi, il-Prof. Charles Vella, Dott. Mario Gauci | Naf li meta l-isem tal-kariga jintuża bħala nom komuni, it-titlu jew isem ta' kariga jibqa' jinkiteb b'ittra żgħira. eż. Min jaf min se jilħaq papa wara l-Papa li għandna? Il-Knisja Maltija għandha ħafna nies li għadhom imorru l-knisja nhar ta' Ħadd. | Naf li l-ismijiet xjentifiċi tal-ispeċi normalment niktibhom bil-korsiv (jew b'sing taħthom), l-ewwel kelma (il-ġenus) tinkiteb b'ittra kbira, filwaqt li t-tieni kelma (l-ispeċi) tinkiteb b'ittra żgħira. eż. il-Pistacia lentiscus, it-Tyrannosaurus rex, Homo sapiens. | |
| | | Naf li l-istaġuni nibdiehom b'ittra żgħira. eż. il-ħarifa, ix-xitwa, ir-rebbiegħa, is-sajf | Naf li l-aġġettivi li jitnisslu mill-ismijiet tal-movimenti, tal-għaqdiet u tar-reliġjonijiet jinkitbu b'ittra kbira. eż. pajjiż Nisrani, ir-reliġon Kattolika, persuni Musulmani | | | | |
| | | Naf li x-xhur u l-ġranet tal-ġimgħa nibdiehom b'ittra kbira. eż. Ottubru, Novembru, it-Tnejn, il-Ħadd. | Naf li l-ismijiet tal-postijiet bl-element topografiku tagħhom jinkitbu b'ittra kbira. eż. il-Baħar Mediterran, il-Vulkan Etna, il-Baħar l-Aħmar, ix-Xmara Nil, il-Gżejjer ta' San Pawl | | | | |
| | | | Naf li l-aġġettiv li jitnissel mill-isem tal-post jinkiteb b'ittra kbira. eż. iċ-ċentru Mosti, ir-reġjun Taljan | | | | |
| | | | Naf li l-isem tan-nies tal-post jinkiteb b'ittra kbira. eż. Mosti, Għawdxi, Ingliża, Ġermaniżi, Taljan, Ewropea, Amerikani. | | | | |
| | | | Naf li l-ismijiet popolari tal-flora, il-fawna, l-elementi kimiċi, eċċ. jinkitbu b'ittra żgħira bħan-nomi komuni l-oħra. eż. il-pitirross, l-awrat, is-sardinell, il-ward, l-ajkla, l-aluminju, iċ-ċomb, il-ħadid. | | | | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-appostrofu** | | Naf kif nikteb grafikament l-appostrofu fuq xi kliem Malti, bħal ta', ma', sema', laqa'. | Naf li l-appostrofu jintuża fl-aħħar ta' xi verbi minflok l-għ li ma tinkitibx fl-aħħar. eż. sema', laqa', faqa', tela'. | Naf li l-appostrofu jista' jintuża biex juri li hemm vokali nieqsa bħalma jiġri fit-tqassir ta' xi prepożizzjonijiet quddiem xi kliem, fosthom dawk li jibdew b'vokali, għ jew h. eż. ta' ommi/t'ommi; f'għalqa; x'karozza dik. | Naf li l-appostrofu jista' jintuża fil-bidu, fin-nofs jew fl-aħħar ta' kelma biex ifisser li xi ittra/i tħalliet/ew barra għal skop ta' tqassir il-kliem, eliżjonijiet letterarji jew fit-taħdit djalettali, bħal 'mma flok imma; xogħ'l flok xogħol; 'k Alla jrid flok jekk Alla jrid. | |
| **L-aċċent grafiku** | | | Naf liema kliem barrani jieħu l-aċċent fuq l-aħħar ittra tal-kelma u kif dan jinkiteb differenti mill-appostrofu. eż. Ġesù, kafè, papà. | Naf nuri d-differenza grafika kemm bil-kelma miktuba kif ukoll stampata bejn is-sinjal tal-appostrofu u dak tal-aċċent, hekk li meta nikteb jew nittajpja nuża tajjeb dawn is-sinjali. | Naf nikteb l-aċċent grafiku fuq kliem mhux monosillabiku ta' nisel barrani u li jkollu vokali aċċentata fit-tarf, bħal kafè, soċjetà, kwantità. | |
| **Naf meta għandi nuża s-sing qasir (-)** | Naf li s-sing huwa parti mill-artiklu u li għandi nużah kull meta nikteb kelma bl-artiklu. eż. il-bieb, id-dar. | Naf li għandi nuża s-sing quddiem il-partiċella il meta ngħid u nikteb in-numri Maltin minn ħdax sa dsatax u jkollhom nom warajhom, bħal ħdax-il ktieb, tmintax-il klassi. | Naf li għandi nuża s-sing u l-partiċella il (-il) kull fejn ninqeda bil-kelma kemm u li jkollha tifsira ta' mistoqsija, bħal meta ngħid kemm-il darba, kemm-il ktieb, kemm-il ħaġa. | Naf nuża s-sing ma' dawk l-ismijiet ta' bliet u rħula Maltin li jassimilaw il-konsonanti l fil-kelma Ħal, bħal Ħaż-Żebbuġ, Ħaż-Żabbar, Ħas-Saptan, u l-bqija, u mal-ismijiet l-oħra niktbu Ħal, bħal Ħal Qormi, Ħal Far, u l-bqija. | Naf li s-sing jista' jintuża biex iwassal tifsira ġdida u xi drabi ħolqien ta' kliem ġdid lil xi kliem kompost, bħal student-ħaddiem, student-għalliem, u l-bqija. | |
| **Naf meta nuża l-linja mxengla (/ \)** | | | | Naf li nista' nuża l-linja mxengla ( / ) bejn żewġ espressjonijiet biex infisser għażla, bħal meta nikteb Għażiż/a; Sinjur/a; Jiena u/jew xi ħadd minnkom. | Naf li għandi nuża l-linja mxengla fi kwotazzjoni biex nissepara versi li fil-poeżija jidhru taħt xulxin. eż. Kull flgħaxija xħin id-dalma / tifrex tulha u l-ħajja tnin /... | Naf li l-linja mxengla tintuża biex indaħħal indirizz elettroniku speċifiku u jgħinni nfittex tagħrif fuq l-internet, bħal malti.skola.edu/it-tieni sena/sillabi. |
| **Naf meta għandi nuża l-punt.** | Naf li sentenza għandi nagħlaqha bil-punt. eż. Din warda ħamra. | | | Naf li wara abbrevjazzjonijiet li juru l-ewwel parti biss mill-kelma sħiħa, nagħmel il-punt. eż. l-Inġ. Roberta Grech, l-Av. James Hili, il-Prof. Mizzi, ir-Rev. Magro. | Naf fejn għandi nikteb il-punt meta nuża l-parentesi jiġifieri meta niktbu ġewwa jew barra. eż. Hija libset il-libsa l-ħamra dik il-lejla. (Oħtha libset il-bajda.)/ Hija libset il-libsa l-ħamra dik il-lejla (u oħtha l-bajda). | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Naf meta għandi nuża l-virgola.** | | Naf li l-virgola nużaha meta nagħti lista ta' kliem wara xulxin. eż. Mariella xtrat żewġ lapsijiet, gomma, pitazz u fajl tal-plastik. | Naf li l-virgola nużaha biex nagħmel waqfiet qosra f'sentenza. eż. Meta kont sejjer l-iskola, ix-xita bdiet tfaqqa' bil-kbir. | Naf kif nuża l-virgola biex nagħti dettalji żejda fuq is-suġġett li jiġi qabel. eż. Mariella, it-tifla ta' maġenbna, xtrat żewġ lapsijiet, gomma, pitazz u fajl tal-plastik. | Naf li meta jkolli avverbju, jew frażi avverbjali fil-bidu ta' sentenza, inpoġġi l-virgola warajha. eż. Iva, naħseb li sejjer tajjeb ħafna. / Għaldaqstant, il-ħanut tiegħi se jkun qed jagħti pizza b'xejn ma' kull tnejn li tixtru. | Naf li għandi nuża l-virgola biex nikkjarifika aktar is-sentenza, bħal Mariella, it-tifla ta' maġenbna, li tmur l-iskola primarja, marret tajjeb fl-eżamijiet. | |
| | | | Naf nuża l-virgola meta nikteb indirizz fuq ittra jew fuq envelopp, bħal 23, Triq il-Kbira, ir-Rabat, Għawdex, VCT 3300 jew 23, Triq il-Kbira, Ir-Rabat, Għawdex, VCT 3300. | Naf nuża l-virgola u nifred żewġ ismijiet ta' lokalitajiet, bħal Tal-Qroqq, l-Imsida; ir-Rabat, Għawdex. | Naf li nista' nikteb il-virgola wara abbrevjazzjoni li tispiċċa bil-punt u li tkun fil-bidu jew f'nofs is-sentenza, bħal eċċ., eż., | | |
| | | | Naf nuża l-virgola meta nikteb data li jkun fiha l-jum, ix-xahar u s-sena. eż. Is-Sibt, 25 ta' Marzu, 2015. | | | | |
| **Naf meta għandi nuża s-sinjal tal-mistoqsija.** | | Naf li meta s-sentenza jkollha x-xejra u t-ton ta' mistoqsija, nagħlaqha bis-sinjal tal-mistoqsija. eż. X'se nieklu llum? | Naf li sentenza li jkollha x-xejra u t-ton ta' mistoqsija u ta' stagħġiba nagħlaqha bis-sinjali tal-mistoqsija u esklamazzjoni. eż. Int ġej?! | Naf li s-sentenza nista' nagħlaqha b'iktar minn sinjal wieħed tal-mistoqsija f'kitbiet informali biss. eż. Dak x'jaħseb li hu?? | | | |
| **Naf meta għandi nuża s-sinjal esklamattiv.** | | Naf li meta s-sentenza jkollha x-xejra u t-ton ta' stagħġib nagħlaqha bis-sinjal esklamattiv. eż. Xi ġmiel ta' ġurnata! | Naf li meta s-sentenza jkollha x-xejra u t-ton ta' stagħġib, approvazzjoni, diżapprovazzjoni, kmand, ċanfira, theddida, assurdità, u l-bqija, nagħlaqha bis-sinjal esklamattiv. eż. Attent! / Brava! / Mark! Fejn mort? / Ejja issa! | Naf li s-sentenza nista' nagħlaqha b'iktar minn punt esklamattiv wieħed f'kitbiet informali biss. eż. Proset!!! | | | |
| **Naf meta għandi nuża ż-żewġ punti.** | | | Naf nuża ż-żewġ punti meta nintroduċi l-kelliem fi djalogu. eż. Is-sultan: Fejn sejjer? Is-suldat: Sejjer għassa mal-bieb tal-palazz. | Naf nuża ż-żewġ punti meta niġi biex nikteb lista. eż. Il-kok ideali għandu jkun: attent, metikoluż, dixxiplinat, u lest biex jitgħallem minn kokijiet oħrajn. | | Naf nuża ż-żewġ punti billi nagħti kwotazzjonijiet diretti. eż. Dun Karm ifaħħar il-qlubija tal-Maltin fl-Assedju: " Qatt rajt iljuni eħrex mill-Maltin"; Għax kif jgħid il-Malti: "Kull mibdi mitmum". | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Naf meta għandi nuża l-punt u l-virgola.** | | | | | Naf li nista' nuża l-punt u l-virgola biex ngħaqqad flimkien żewġ sentenzi li jkomplu bl-istess sens, bħal Il-battalja damet sejra ħafna ħin; l-aktar li batew kienu s-suldati ta' quddiem. | Naf nuża l-punt u l-virgola biex nisħaq diviżjoni f'sentenza twila li diġà fiha l-virgoli u nibbilanċjaha. eż. Fil-menù kien hemm għażla bejn għaġin, brodu jew aljotta; laħam, ħut jew frott tal-baħar; kejk taċ-ċikkulata, ġelat jew insalata tal-frott fl-aħħar. | |
| **Naf meta għandi nuża l-virgoletti doppji u singli** | | | Naf li għandi nuża l-virgoletti doppji meta ndaħħal id-diskors dirett. eż. Imbagħad, Marta qaltli, "Il-ktieb tal-Matematika ġibthulek." | Naf li għandi nuża l-virgoletti singli meta ndaħħal id-diskors dirett f'diskors dirett ieħor. eż. L-għalliem qalli, "Se ntik marka tajba. Niftakar lil missierek għadu tifel. Darba qalli, 'Jien nixtieq insir għalliem bħalek.' U hekk sar!" | Naf li għandi nuża l-virgoletti meta f'kitbieti ndaħħal kwotazzjonijiet kelma b'kelma jew insemmi isem ta' poeżija, dramm jew rumanz. eż. Fil-poeżija "Malta Ġawhra tal-Mediterran", Dun Karm kiteb: "Malta ħelwa, dil-ġawhra mhi mkien." | | |
| | | | Naf li nista' nuża l-virgoletti doppji jew singli /jew il-korsiv fl-ittajpjar meta nagħżel li nikteb kelma barranija li m'għandniex verżjoni Maltija jew oħra bl-istess tifsira tagħha, bħal 'space shuttle'/"space station"/power station. | | | | |
| **Naf meta għandi nuża l-puntini.** | | | Naf li sentenza nagħlaqha bil-puntini (tliet tikek biss) biex inħalli f'idejn il-qarrej jasal għall-konklużjoni. eż. John ħares lura għall-aħħar darba, u kompla triqtu lejn... | | Naf li meta nislet parti minn kwotazzjoni, irrid nimmarka bil-puntini l-parti n-nieqsa. eż. Ġorġ Borg, fil-poeżija "Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti", kiteb li ommu "... għalkemm gazzetti ma tixtrix... għalih hi kollox..." | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Naf meta għandi nuża l-parentesi.** | | | Naf li għandi nuża l-parentesi meta nkun irrid inżid xi spjegazzjoni jew xi informazzjoni fis-sentenza. eż. Id-dinosawri (qishom gremxul kbar ħafna) kienu jgħixu miljuni ta' snin ilu; Lil Mikiel Anton Vassalli (1764-1829) inqisuh Missier l-Ilsien Malti. | Naf li għandi nuża l-parentesi meta nkun irrid inżid kumment tiegħi fis-sentenza. eż. Il-bużnanniet tagħna kienu jqisu lil Tas-Sliema belt storbjuża (mur ġibhom illum!). | Naf li għandi nuża l-parentesi biex indaħħal spjegazzjoni jew kjarifika fi kwotazzjoni minn test ieħor. eż. Fil-poeżija tagħha Mary Meilak tiddeskrivi xi ħlejjaq hi u ġejja x-xita: "Il-ħuttaf (għasafar) ħafif daqs vleġġa ...". | | |
| **L-ortografija** | | | | | | | |
| **Naf nikteb in-numri.** | Naf nikteb: żero, wieħed/waħda, tnejn, tlieta, erbgħa, ħamsa, sitta, sebgħa, tmienja, disgħa, għaxra. | Naf nikteb in-numri ordinali (waħidhom u ma' kliem ħafif) minn wieħed sa mija. eż. l-ewwel; It-tifel ġie t-tieni; il-ħames bank. | Naf nikteb in-numri kardinali minn mija sa miljun. eż. Fil-librerija tal-klassi għandna mija u żewġ kotba u fil-librerija tal-iskola għandna seba' mija u ħamsa u għoxrin ktieb. / F'Malta hawn madwar ħames mitt elf/nofs miljun ruħ. | Naf nikteb in-numru sal-biljun. eż. Saret serqa ta' mija u ħamsin miljun ewro mill-Bank Ċentrali. | Naf nikteb in-numri kollha. eż. Il-kumpanija għamlet tliet miljun ewro qligħ. / Il-baġit alloka tnax-il miljun u tmien mitt elf ewro għall-indafa. / Il-popolazzjoni tad-dinja hija ta' seba' biljun ruħ. / Fl-univers hemm triljuni ta' kwiekeb. | Naf meta għandi nuża kemm-il u l-/ il- wieħed, waħda. eż. Kemm-il wieħed ġie; Ħdimt siegħa l-waħda fuqhom. | |
| | | Naf nikteb in-numri ordinali minn 11 sa 19 (waħidhom u f'sentenzi sempliċi). eż. ħdax-il, tnax-il, tlettax-il, erbatax-il, ħmistax-il, sittax-il, sbatax-il, tmintax-il, dsatax-il. eż. Fis-sala hemm erbatax-il siġġu aħdar. | Naf nikteb il-plurali tan-numri sal-miljun. eż. waħdiet, uħud, għaxriet, għexieren, għoxrinijiet, ħamsinijiet, disgħinijiet, mijiet, eluf u miljuni. | Naf naqra n-numri bid-deċimali bħal fil-persentaġġi, l-użin, il-kejl u t-temperatura. eż. It-temperatura llum laħqet 12.2°C. (tnax punt tnejn gradi Celsius) / Il-baġit ivvota 9.9% aktar. (disgħa punt disgħa fil-mija). | Naf li nista' nuża l-artiklu l-/il- ma' wieħed/waħda biex infisser 'kull waħda'. eż.Tiswa ħames ewro l-waħda; Ħaduli siegħa xogħol il-waħda biex għamilthom. | | |
| | | Naf nikteb: għoxrin, tletin, erbgħin, ħamsin, sittin, sebgħin, tmenin, disgħin, mija. eż. Fil-klassi hemm għoxrin tifel u tifla. | Naf nikteb in-numri ordinali mill-ewwel sal-miljun. eż. Ġejt il-ħdax-il wieħed. / It-tifel ġie t-tlieta u ħamsin post. / Fit-tellieqa John ġie t-tmien wieħed, filwaqt li Marika ġiet it-tlettax-il waħda. / Il-gvern daħħal mitejn elf ewro mil-liċenzji. | Naf kif għandi nikteb u ngħid in-numru wieħed/ waħda meta jkun fuq il-mijiet/l-eluf/il-miljun u jkun hemm nom fis-singular, bħal mitt kelb u wieħed, miljun mara u waħda. | | | |
| | | Naf nikteb minn żero sa mija. eż. Il-pitazz ta' Karl għandu ħamsa u sittin paġna u l-pitazz ta' Alice għandu sebgħa u tmenin. | Naf naqra n-numri f'kuntesti ta' flus u temperatura. eż. It-temperatura llum laħqet 12°C. (tnax-il grad Celsius) / Il-ktieb jiswa €10.90ċ. (għaxar ewro u disgħin ċenteżmu) | Naf meta nuża tlett/tlitt jew tliet; tmint/ tmien, bħal fi tliet xhur; tmint ijiem. | | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Naf naqra n-numri sħaħ tal-arloġġ u nikteb il-ħin. eż. Saru l-ħamsa. / Bħalissa d-disgħa ta' filgħaxija. | Naf kif għandi nuża l-mudell biex nikteb sewwa n-numri 4,7,9 fi kliem, bħal erba' kotba; saru l-erbgħa. | | | | |
| | | | Naf naqra n-numri tal-arloġġ u nikteb il-ħin kollu (in-neqsin u l-miżjudin). eż. Saru l-erbgħa u kwart. / Bħalissa s-sebgħa neqsin għoxrin. / Narak għada fit-tlieta u nofs ta' waranofsinhar. / Il-quddiesa se tibda f'nofsillejl. | | | | |
| | | | Naf nikteb il-fractions bin-numri sħaħ magħhom. eż. 1/2 = nofs; 3/4 = tliet kwarti; 1/3 = terz; 2 1/4 = tnejn u kwart; 5 2/7 = ħamsa u tnejn minn sebgħa | | | | |
| | | | Naf naqra n-numri bid-deċimali, bħal fl-użin u l-kejl. eż. It-tellieqa hija twila 2.4 km. (tnejn punt erba' kilometri / żewġ kilometri u erba' mitt metru) / Il-karozza tiżen 1.4 tunnellati. (tunellata punt erbgħa / tunnellata u erba' mitt kilò). | | | | |
| **L-alfabett (kitba tal-kliem)** | Naf nikteb l-ittri kollha (żgħar u kbar) tal-alfabett u nagħżel bejn il-konsonanti (b, ċ, d, f, ġ, g, għ, h, ħ, j, k, l, m, n, p, q, r, s, t, v, w, x, ż, z) u l-vokali (a, e, i, o, u, ie). | Naf nikteb kliem ta' forom differenti. | | | Naf kif għandi nikteb kliem barrani li jkun fih il-konsonanti 's' u warajha jkun hemm konsonati oħra billi nħaddem il-prinċipju fonetiku jiġifieri fejn din tinstema' 's' tinkiteb 's', bħal sport, stadju, sfortuna, stampa; filwaqt li nikteb 'ż' minflokha fi kliem bħal żball, żvantaġġ, l-Iżvizzera, l-Iżlanda. | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Naf nikteb kliem skont forom differenti bħal /vk/ vkv/ vkkv/ kv/kvkv/ kvk/kvkkv/kvkvk/ kvkkvk/ eż. id/ara/ Alla/ra/pupa/ħut/ kaxxa/daħal/kisser/ | | | | | | |
| | Naf nikteb kliem b'għoqod konsonantali bħal kvkk/kkvk/kkvkv/ kkvkk, u l-bqija. eż. ħabb/trab/bravu/ trakk/ | | | | | | |
| | Naf nikteb kliem fis-singular li għandu l-għ/h/ie. eż. għasfur, għalqa, hemm, hija, huwa, huma, hawn, ried, wied, missier, ħalliel, tuffieħa. | | | | | | |
| **Il-konsonanti (doppji fin-nofs, fl-aħħar, id-dgħajfin)** | Naf nikteb kliem komuni li fih konsonanti l-istess doppji fin-nofs, bħal ballun, sellum, marru, ċatta. | | Naf meta għandi nikteb il-konsonanti j/w doppji jew singli fin-nofs ta' verb, bħal sajjar/ sajru; ħawwad/ ħawdu. | Naf kif għandi nikteb verbi barranin li jirduppjaw il-konsonanti ta' quddiem meta jiġu kkonjugati jew f'xi forom tal-partiċipju, bħal nipparkja, pparkjati; ipprotestaw/ protestaw; ittrattati/trattati. | Naf li xi kliem Rumanz li jispiċċa -gno/glio, fil-Malti jispiċċa bil-konsonanti doppja l/n, bħal bisogno - bżonn; dettaglio-dettall; sbaglio-żball. | Naf meta għandi nibdel il-j/w u nikteb i/u bħal meta nimxi skont il-pronunzja jiġifieri skont l-aħħar ħoss tal-kelma preċedenti, bħal għaxar ulied; fl-2010 jkunu saru. | Naf li l-konsonanti j/w jistgħu jinkitbu i/u wara abbrevjazzjonijiet jew kliem barrani li jkun jispiċċa b'vokali, imma jibqa' miżmum fil-forma ortografika tiegħu iżda jitlissen b'fonetika Maltija, bħal Melbourne ukoll/wkoll; is-CEO ikun/jkun imħabbat ħafna. |
| | Naf nikteb kliem komuni li fih żewġ konsonanti differenti fin-nofs, bħal borma, kamra, tarġa. | | Naf kif għandi nikteb il-konsonanti doppji (l-istess jew differenti) fin-nofs ta' verbi u nomi, bħal gwerra/ gwerer, karkur/ krakar, sodda/ sodod, qassru, sallbu. | Naf li għandi nikteb uffiċċju/i benefiċċju/i, sagrifiċċju/i iżda meta nżid suffiss, isir ċaqliq tal-aċċent u nikteb uffiċjali, uffiċjal, benefiċjarji. | Naf li xi kliem Rumanz li jispiċċa -gno/glio, u fil-Malti jispiċċa bil-konsonanti doppja l/n, meta jitnisslu minnu forom aġġettivali jew parteċipjali, taqa' waħda mill-konsonanti doppja n/l, bħal bżonjuż, ddettaljat, impenjat, żbaljat. | Naf meta għandi nibdel il-j/w u nikteb i/u bħal meta nimxi skont il-punteġġjatura ta' qabel, bħal wara x-xita, ikun hemm il-bnazzi; wara l-konferenza, uħud mid-delegati telqu. | Naf li l-konsonanti dgħajfin, speċjalment il-w, jistgħu jinkitbu bla vokali magħhom meta jitħaxknu f'xi forom imnissla tal-verb kwadrilitteru, bħal inħaxwxu, gedwdet, qarwżet, inwaħwħu, imwerwrin. |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Naf li xi kliem li jispiċċa bil-konsonanti doppja u jiżdiedlu suffiss li jkun jibda bl-istess konsonanti, dawn ma joqogħdux it-tlieta imma joqogħdu biss tnejn, bħal minn+na-minna; ma bexx il-ħaxix; ma raxx l-ilma mbierek; ħakkom; min-nies; min-naħa. | Naf meta għandi nuża s-suffissi -bbli fi kliem barrani li ġej mit-Taljan, bħal nobbli, probabbli, possibbli, immaġinabbli. | Naf li meta għandi aġġettiv imnissel minn kelma barranija u jispiċċa bis-suffiss -bbli, in-nom li joħroġ irid jispiċċa bis-suffiss -biltà jew -bilità, bħal responsabbli - responsabbilità / responsabbiltà; leġibilità; vulnerabbiltà. |
| **mudelli tal-għ/h** | Nagħraf kliem komuni bl-għ fil-bidu ta' xi nomi, bħal għasfur, għalqa, għax, għanqud. | | Naf kif nikteb nomi li għandhom l-għ jew l-h fin-nofs billi nqabbilhom ma' nomi oħra li jservuni ta' mudell, bħal baqar biex nikteb sewwa mogħoż, kagħak, nagħal, nagħaġ; xogħli u dahri jinbnew fuq laħmi. | Naf nikteb sewwa, billi nuża l-mudell bierek, il-verbi kkonjugati tat-tielet forma li jkollhom l-għ/h fin-nofs, bħal wiegħed u fiehem, wegħidtna, fehimthom. | Naf nikteb sewwa, billi nuża l-mudell bierek, il-verbi kkonjugati tat-tielet u s-sitt forma li jkollhom l-għ/h fin-nofs, bħal wiegħed u fiehem, anke meta jkollhom suffissi pronominali, bħal wegħidt, tfehimt. | |
| | Naf nikteb kliem li fihom l-għ fil-bidu u fin-nofs, bħal għax, għandi, logħba, xogħol, ragħad. | | Naf kif nikteb xi verbi komunii li fihom l-għ storika u ma tidhirx dejjem fl-imperfett u l-perfett, bħal nagħti, tajt, agħti, tagħti, tat. | Naf nikteb nomi li fihom l-għ fl-aħħar billi niktibhom fuq il-mudell ftajjar, bħal snajja', qtajja', tbajja'. | | |
| | Naf nikteb kliem li fihom l-h fin-nofs, bħal deher, fehem, deheb, xahar. | | Naf li hemm xi verbi mudelli li jistgħu jgħinuni biex nikteb l-għ, bħal rebaħ, seraq, kiser, ħiet. eż. nirbaħ - nagħmel; nisirqu - nilagħbu; kisru-semgħu; jinħiet - jinbiegħ. | Naf nagħraf jekk verb li jispiċċa bil-a hux dgħajjef nieqes jew sħiħ, bħal tefa/ tefa'; sema'/rema; mexa/qata'. | Naf insib mudelli biex nagħraf kif nikteb il-parteċipji (passivi u attivi) fil-maskil u l-femminil/ plural meta jkunu jinstemgħu l-istess, bħal pjazza wiesgħa imma ċinturin wiesa'/ It-tifel imbeżża' imma t-tifla mbeżżgħa u t-tfal imbeżżgħa. | |
| **il-vokali ie** | Naf nikteb kliem komuni b'sillaba waħda li fih il-ie, bħal bieb, sieq, ħbieb, wied, ried, għax narahom miktuba u esposti viżwalment u megħjuna bl-istampi madwari fil-klassi u fl-iskola. | Naf nikteb kliem komuni b'żewġ sillabi bil-ie, nomi u verbi, weħidhom u f'sentenzi sempliċi, bħal missier, ġirien, widien. | Naf li l-ie tista' tinbidel f'i meta jingħaqad suffiss tal-plural sħiħ. eż. missirijiet (missier+ijiet); widien (wied+ien); qigħan (qiegħ +an); sigħat (siegħa +t). | Naf meta rrid nibdel il-ie f'i meta jsir ċaqliq tal-aċċent minħabba żieda tas-suffiss tan-negattiv. eż. ma kinux, ma fiqux, ma ridux, ma fiqetx, ma kilitx. | Naf kif nibdel il-pronom mehmuż singular femminil ha f'hie/hi meta tkun suffiss pronominali tal-oġġett dirett u indirett. eż. ħadha, ħadhielha, ma ħadhilhiex, kissirhielha, ma kissirhilhiex. | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Naf li l-vokali i twila xi drabi tinstema' bħala ie fi kliem li fih il-i jkollha warajha l-għ, ħ, h, q, bħal smigħ, sabiħ, fih, triq. | Naf meta għandi nibdel il-vokali a f'ie fl-aħħar tal-verbi li magħhom jiżdidedu suffissi pronominali, bħal għollieli, tintfielna, nħbielna, għaddieni, staqsiekom. | Naf meta għandi nuża l-i jew l-ie fi kliem barrani meta miegħu jiżdied suffiss, bħal jirnexxilu u rnexxielu; jiddispjaċih u ddispjaċieh. | | |
| | | | Naf nibdel il-vokali a f'ie meta jiżdied is-suffiss tan-negattiv f'verbi neqsin. eż. ma mexiex; ma ġeriex; ma ħebiex. | Naf meta għandi nuża s-sekwenza IHA/IHOM u IEHA/ IEHOM meta nikteb il-verb fil-perfett jew fl-imperattiv, bħal ħalli+ha=ħalliha/ ħalla+ha=ħallieha; ħalli+hom=ħallihom/ ħalla+hom=ħalliehom. | | | |
| **Il-konġunzjoni u** | | Naf li nista' nikteb u norbot il-kliem /il-frażijiet / is-sentenzi flimkien billi nuża l-konġunzjoni u, bħal John u Julian; Jien mort id-dar u kilt l-ikel. | Naf li l-u ma tinbidel qatt f'w, bħal jiena u ommi; jien immur l-iskola u inti tiġi miegħi. | | | | |
| | | | Ma niżbaljax meta nikteb il-konġunzjoni u mal-pronom personali mqassar hu li jinstema' l-istess, bħal jiena u hu; hu mar u hi ġiet. | | | | |
| **il-kitba ta' min/ minn** | | | Naf meta u kif għandi nikteb minn u min, bħal Min ġie?; Minn Malta. | Naf kif nikteb il-prepożizzjoni minn meta tingħaqad mal-artiklu u tassimila, bħal mill-art sas-sema; mil-Libja; min-nies; min-naħa tiegħi. | | | |
| **il-partiċella lil imqassra** | | | Naf nikteb tajjeb il-partiċella lil imqassra f' 'l quddiem il-kelmiet hemm u hawn, bħal ejja 'l hawn; mur 'l hemm. | | Naf li ċerti avverbji ta' post jew żmien jieħdu 'l jew 'il, bħal mur 'l hemm; 'il bogħod; 'il fuq. | | |
| | | | | | Naf kif inqassar lil/ lill- skont biex tibda l-kelma u x'jiġi qabilha. eż. 'il/'l Alla jew 'il-/'l-ktieb. | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **il-partiċelli bi, fi, xi (meta jitqassru u meta le)** | | Naf li l-partiċelli bi/fi/xi jitqassru b'/f'/x'/ quddiem kelma li tibda b'vokali jew b'konsonanti waħda li warajha jkollha vokali, bħal b'arma, f'kamra, x'għandna, x'hemm. | Naf li l-partiċella xi, meta tintuża biex turi numru indefinit jew bħala aġġettiv fis-sens ta' "ċertu/i", ma titqassarx, bħal xi plejers, xi wħud, xi mkien, xi isqfijiet. | Naf li l-partiċelli bi/fi/xi quddiem kelma li tibda b'konsonanti doppja jew meta jkollok żewġ konsonanti fil-bidu u waħda minnhom tkun likwida, dawn ma jitqassrux, bħal bi lwien, fi rkejjen, bi lsienna, xi wħud. |
| **l-għ u l-h meta jinħassu ħ** | | Naf meta għandi nikteb għ/h jew ħ f' għadd ta' kliem li jispiċċa bil-ħoss ħ billi nżid vokali fit-tarf. eż. fih/a, żagħżugħ/a, xiħ/a, riħ/a. | Naf li xi kelmiet li fihom l-għ/h jaħbtu ħdejn xulxin, jinħassu ħ, iżda dejjem għandhom jinkitbu 'għh'. eż. semagħha mhux /semaħħa/; magħha, tagħha, refagħhom. | Naf li xi kliem, inkluż dak barrani, li fih l-għ/h u li miegħu jiżdied suffiss, jista' jingħad bil-ħ, imma dejjem għandu jinkiteb għ/h. eż. naqraha mhux /naqraħħa/; nistampahom mhux / nistampaħħom/; nipprintjahielek mhux / nipprintjaħħielek; raha mhux /raħħa/. |
| **kitba ta' frażijiet** | | Naf nikteb frażijiet li jkunu magħmula mill-istess kelma mtennija, bħal baxx baxx, fuq fuq, qajl qajl, inkiss inkiss. | Naf li frażijiet li jispiċċaw bil-kelma nett għandhom jinkitbu separati, bħal fuq nett, l-ewwel nett, fil-qiegħ nett. | Naf nikteb frażijiet li jkun fihom la/a la, għala, bħal la selvaġġa, a la Mostija, għala biebu. |
| | | | Naf kif nikteb il-frażijiet bil-partiċella imb, bħal wiċċ imb wiċċ; ras imb ras. | |
| **kitba ta' kliem kompost** | | Naf li hemm xi kliem magħmul minn żewġ kelmiet differenti u li l-ewwel waħda titlef waħda mill-konsonanti doppji tal-aħħar meta tingħaqad mal-kelma l-oħra biex issir kelma waħda komposta, bħal kull+ jum = kuljum; kulħadd, kultant; minn+għand = mingħand, u l-bqija. | | Naf nara d-differenza semantika meta xi kliem niktibhom flimkien jew separati skont il-ħtieġa, bħal biż-żejjed u biżżejjed; bilħaqq u bil-ħaqq; illejla u l-lejla; nofs siegħa u n-nofsiegħa; minn fuq u minfuq. |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Omofoni (kliem li jinstema' l-istess imma għandu kitba u tifsira differenti)** | | | Naf norbot il-kitba mat-tifsira ta' xi nomi u verbi li jkunu kkonjugati fil-perfett, inklużi dawk li jkollhom l-għ u l-h,u li jinstemgħu l-istess, bħal xahar/xagħar; dar/dahar; ħadd/ħadt/ħatt; qadd/qgħadt/qatt; kera/kerha; għanna/għandna. | Naf niddistingwi l-kitba ta' kliem li jinstema' l-istess imma daqqa jintuża bħala verb u daqqa bħala nom verbali, bħal tefa'/tefgħa; tela'/telgħa;qata'/qatgħa; waqa'/waqgħa. | Naf nikteb verbi li jkollhom suffissi pronominali u li jkunu f'tempijiet differenti, bħall-imperattiv u l-Indikattiv perfett, bħal semmih/semmieh; mexxih/mexxieh; keċċiha/keċċieha; rabbihom/rabbiehom. | Naf nikteb xi verbi li jkollhom suffissi pronominali tal-oġġett dirett/indirett u li jkunu fil-plural jew fis-singular tal-imperattiv, bħal intom żommuli/int żommhuli; intom sibuli/int sibhuli; intom duquli/int duqhuli. | Naf nikteb xi verbi li jkollhom suffissi pronominali tal-oġġett dirett/indirett u li jkunu fil-perfett (fit-3et persuna plural u t-3et persuna singular maskil), bħal huma żammuli /huwa żammhuli; huma sabulu/huwa sabhulu; huma daqulna/ huwa daqhulna. |

# Appendiċi 3

## IT-TQASSIM TAL-LETTERATURA

**LIVELL 5 u 6 (mit-3 sas-6 sena tal-Primarja)**

### Letteratura għat-tfal

Għażla minn:

- taqbiliet, għanjiet ħfief u popolari minn kitbiet ta' Anastasju Cuschieri, Mary Meilaq, Mary Puli, u l-bqija;
- poeżiji umoristiċi u ċajtiera ħfief minn kitbiet ta' Mary Puli, Mary Meilaq, Anton Buttigieg, u l-bqija;
- ħrejjef u leġġendi popolari Maltin u barranin bħal dawk ta' Bro Henry, Ġan Anton Vassallo, Guido Lanfranco, u l-bqija.
- Għażla ta' kotba bil-Malti, mil-listi approvati, li jinkludu kotba tal-misteri, l-avventuri għat-tfal, stejjer mistħajla, u l-bqija, biex l-istudenti, filwaqt li jieħdu gost jaqraw, ikomplu jiżviluppaw u jwessgħu l-għarfien tagħhom tal-ilsien Malti u jibdew jitħarrġu fl-apprezzament letterarju skont kif stabbilit fil-kisbiet tat-tagħlim għal dawn il-livelli.

## IT-TQASSIM TAL-LETTERATURA

**LIVELL 7 (is-7 u t-8 sena tal-Medja)**

### IL-POEŻIJA

Għażla ta' poeżiji differenti b'enfasi fuq it-tlaqqigħ u l-apprezzament tal-ġeneri, aktar milli t-tematika, li għandha tkun wiesgħa u xierqa għall-istudenti ta' din l-età.

Fost l-għażla għandu jkun hemm kampjuni ta':

- poeżija tradizzjonali/ħielsa (poeti Romantiċi u moderni)
- poeżiji fuq leġġendi u ħrejjef Maltin u barranin
- limerikki
- epigrammi
- ħajku
- sunetti
- saffika

### IR-RUMANZI

Għażla ta' kotba tal-qari li jinkludu rumanzi Maltin ta' xeħta storika bħal dawk ippubblikati fil-listi approvati. Dawn jingħażlu mill-għalliema b'kunsiderazzjoni għall-ħiliet tal-qari tal-istudenti biex bihom jintlaħqu l-miri stabbiliti għal-letteratura fil-Kisbiet mit-Tagħlim għal dan il-livell.

### IN-NOVELLI

Għażla ta' novelli minn antoloġiji differenti bħal dawk t' *Arja Friska 1 u 2* fejn l-istudenti jitlaqqgħu ma' awturi bi stili differenti ta' kitba. It-tematika tan-novelli għandha tkun xierqa u taqbel mal-ħiliet tal-istudenti tal-klassi. L-għalliema għandhom jużaw in-novelli biex permezz tagħhom l-istudenti jilħqu l-kisbiet mit-tagħlim stabbiliti għal dan il-livell.

## IT-TQASSIM TAL-LETTERATURA

**LIVELLI 8, 9 U 10**
**(id-9, l-10 u l-11-il sena tas-Sekondarja)**

### IL-POEŻIJA

Issir għażla mill-għalliema ta' poeżiji ta' kull ġeneru u għamla marbutin ma':

**L-Imħabba:**

- fir-relazzjonijiet bejn il-bnedmin (fil-familja, f'koppja, fis-soċjetà inġenerali);
- lejn il-patrija (reliġjon, storja, kultura, wirt storiku).

**L-Ambjent:**

- Il-ħlejjaq u l-kampanja;
- Il-ħarsien/il-qerda tal-ambjent.

**Il-Ħajja:**

- Il-problematika eżistenzjali (il-mewt, it-tbatija, l-inkwiet, il-gwerer, ix-xenqa għall-għarfien,...)
- In-nostalġija (lejn it-tfulija, il-ħajja tal-imgħoddi,...)

**L-Identità:**

- L-identità  fuq livell individwali, nazzjonali, Ewropea, dinjija...

### IR-RUMANZ

Għażla ta' kotba tal-qari li jinkludu rumanzi Maltin ta' xeħta soċjali minn dawk ippubblikati fil-listi approvati. Dawn jingħażlu mill-għalliema b'kunsiderazzjoni għall-ħiliet tal-qari tal-istudenti biex bihom jintlaħqu l-miri stabbiliti għal-letteratura fil-Kisbiet mit-Tagħlim għal dan il-livell.

### ID-DRAMMI

Għażla minn lista ta' drammi ta' ġeneri differenti minn dawk ippubblikati fil-listi approvati. Dawn jingħażlu mill-għalliema b'kunsiderazzjoni għall-ħiliet tal-qari tal-istudenti biex bihom jintlaħqu l-miri stabbiliti għal-letteratura fil-Kisbiet mit-Tagħlim għal dan il-livell.

Learning
Outcomes
Framework

Dan id-dokument jagħmel parti mill-Proġett ESF1.228 bl-isem 'it-Tfassil tal-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim, marbut mal-programmi ta' Tagħlim u Assessjar b'rabta mat-Taħriġ' implimentat fil-Programm Operattiv II – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013, parzjalment iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew tal-Unjoni Ewropea bir-rata ta' kofinanzjament: 85% Fondi tal-UE; 15% Fondi Nazzjonali.

© Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni 2015

Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni,
Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol,
Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana VLT 2000
Malta

Pubblikatur: Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni

www.schoolslearningoutcomes.edu.mt

Programm Operattiv II - Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
*Insaħħu Ħilitna għall-Aktar Impjiegi u Kwalità ta' Ħajja Aħjar*
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Soċjali Ewropew (FSE)
Rata ta' Ko-finanzjament: 85% Funds UE; 15% Fondi Nazzjonali

***Ninvestu fil-futur tiegħek***